Lifelong Learning Programme



# RESCUR:

## NIRKBU L-MEWĠ TAL-ĦAJJA

KURRIKULU TA' REŻILJENZA GĦAS-SNIN BIKRIN U L-EDUKAZZJONI PRIMARJA

*L-Aħħar Snin tal-Primarja*


Carmel Cefai – Malta – Koordinatur

Renata Miljević-Riđički, Dejana Bouillet, Tea Pavin Ivanec, Mirjana Milanovic – Kroazja

Anastassios Matsopoulos, Mariza Gavogiannaki – Greċja

Maria Assunta Zanetti, Valeria Cavioni – Italja

Paul Bartolo, Katya Galea – Malta

Celeste Simoes, Paula Lebre, Anabela Caetano Santos – Portugall

Birgitta Kimber, Charli Eriksson - Żvezja




Sveučilište u Zagrebu · University of Crete · University of Malta · Lisboa · Örebro University

# RESCUR: NIRKBU L-MEWĠ TAL-ĦAJJA

# KURRIKULU TA' REŻILJENZA GĦALL-EDUKAZZJONI BIKRIJA U PRIMARJA FL-EWROPA

## L-Aħħar Snin tal-Primarja

Carmel Cefai – Malta – Koordinatur

Renata Miljević-Riđički, Dejana Bouillet, Tea Pavin Ivanec, Mirjana Milanovic – il-Kroazja

Anastassios Matsopoulos, Mariza Gavogiannaki – il-Greċja

Maria Assunta Zanetti, Valeria Cavioni – L-Italja

Paul Bartolo, Katya Galea – Malta

Celeste Simões, Paula Lebre, Anabela Caetano Santos – il-Portugall

Birgitta Kimber, Charli Eriksson – l-Iżvezja

**RESCUR: NIRKBU L-MEWĠ TAL-ĦAJJA**

**KURRIKULU TA' REŻILJENZA GĦALL-EDUKAZZJONI BIKRIJA U PRIMARJA FL-EWROPA**

**L-Aħħar Snin tal-Primarja**

Proġett Lifelong Learning Programme Comenius

Din il-pubblikazzjoni hija prodott mill-proġett '*RESCUR - Developing a Resilience Curriculum for Primary Schools in Europe'* www.rescur.eu, iffinanzjat mill-EU Commision Lifelong Learning Programme No. 526813-LLP-1-MT-COMENIUS-CMP

**Awturi**

Carmel Cefai – Malta – il-Koordinatur

Renata Miljević-Riđički, Dejana Bouillet, Tea Pavin Ivanec, Mirjana Milanovic – il-Kroazja

Anastassios Matsopoulos, Mariza Gavogiannaki – il-Greċja

Maria Assunta Zanetti, Valeria Cavioni – l-Italja

Paul Bartolo, Katya Galea – Malta

Celeste Simões,Paula Lebre, Anabela Caetano Santos – il-Portugall

Birgitta Kimber, Charli Eriksson – l-Iżvezja

© 2016

**L-Edituri tal-Verżjoni Maltija**

Carmel Cefai, Paul Bartolo u Katya Galea

UNIVERSITY OF MALTA
L-Università ta' Malta

Ippublikat miċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali, fl-Università ta' Malta.

ISBN: 978-99957-885-3-7

Id-drittijiet kollha miżmuma. L-ebda parti minn din il pubblikazzjoni ma tista' tkun riprodotta, maħżuna f'sistema minn fejn tista' tittieħed, jew trasmessa fi kwalunkwe forma jew mezz, elettroniku, mekkaniku, fotokopjar, irrekordjar jew kwalunkwe mod ieħor, mingħajr il-permess tal-pubblikatur.

Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux neċessarjament jirrifletti

l-pożizzjoni jew l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

Stampat f'Malta minn *Impressions Limited*

Attivitajiet ta' Moħħnihawn © Birgitta Kimber u Charli Eriksson, 2016

Mużika © Gorana Tomašić Šragalj, Damir Sertić, Leon Cvetkovski, Ivana Cvetkovski, 2016

Il-faċċata u stampi: Antonija Balić Šimrak

Id-disinn u l-ikoni tal-attivitajiet: Valeria Cavioni

Verżjoni elettronika: www.rescur.eu

www.um.edu.mt/cres/publications/rescur

# INDIĊI

**Tema 1 Insaħħu l-Hiliet tal-Kommunikazzjoni**..........8
Sottotema 1 Komunikazzjoni effettiva..........9
Sottotema 2 L-assertività..........36

**Tema 2 Nibnu u Nżommu Relazzjonijiet b'Saħħithom** ..........77
Sottotema 1 Relazzjonijiet b'saħħithom..........78
Sottotema 2 Il-kooperazzjoni, l-empatija, u l-ħsieb morali..........110

**Tema 3 Niżviluppaw Mentalità Pożittiva**..........145
Sottotema 1 Ħsieb pożittiv u ottimistiku ..........146
Sottotema 2 Emozzjonijiet pożittivi..........189

**Tema 4 Niżviluppaw Determinazzjoni Soda** ..........229
Sottotema 1 Insolvu l-problemi..........230
Sottotema 2 *Empowerment* u awtonomija..........278

**Tema 5 Nibnu fuq il-Ħiliet**..........340
Sottotema 1 *Self-concept* u *self-esteem* pożittivi ..........341
Sottotema 2 Nużaw il-ħiliet tagħna għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali..........367

**Tema 6 Nibdlu l-Isfidi f'Opportunitajiet**..........400
Sottotema 1 Nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi..........402
Sottotema 2 Nirrispondu meta niġu mwarrba..........443
Sottotema 3 Nirrispondu meta jkollna kunflitt fil-familja ..........484
Sottotema 4 Nirrispondu meta nġarrbu telfa..........497
Sottotema 5 Nirrispondu għall-*bullying*..........509
Sottotema 6 Nirrispondu meta ngħaddu minn bidla..........528

**RINGRAZZJAMENT**

L-awturi jixtiequ jirringrazzjaw lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ikkontribwixxew għal dan il-kurrikulu.

Il-199 għalliem u l-1935 student mill-Ewropa li ħadu sehem fil-proġett pilota ta' dan il-kurrikulu u li bil-*feedback* tagħhom għenu biex jitjieb RESCUR.

Antonija Balić Šimrak li ddisinjat l-faċċati tal-ħames pubblikazzjonijiet, l-istampi u l-pupazzi ta' Żigu u Ċika, il-*cards* tal-annimali, il-*posters*, u l-ktejjeb fl-ewwel tema tal-Manwal tal-Attivitajiet.

Valeria Cavioni li ddisinjat il-mudell tal-attivitajiet u l-ikoni fil-Manwali tal-Attivitajiet.

Birgitta Kimber u Charli Eriksson li kitbu u rrekordjaw l-attivitajiet ta' Moħħnihawn li huma inklużi fil-verżjoni elettronika ta' din il-pubblikazzjoni.

Gorana Tomašić-Šragalj u Damir Sertić (kompożituri), Gorana Tomašić-Šragalj, Leon Cvetkovski u Ivana Cvetkovski (mużiċisti) għall-erba' temi mużikali li huma inklużi fil-verżjoni elettronika ta' din il-pubblikazzjoni.

Professur Helen Cowie mill-Università ta' Surrey, l-Ingilterra u Professur Maria Poulou mill-Università ta' Patras, il-Greċja, għall-*feedback* espert u siewi tagħhom fuq il-kurrikulu bħala eżaminaturi tal-kurrikulu.

Professur Michael Ungar, Direttur taċ-Centru Riċerka fir-Reżiljenza fl-Universita' ta' Dalhousie, Halifax, il-Kanada, għall-*feedback* siewi tiegħu fuq il-kurrikulu.

Professur Terje Ogden, Università ta' Oslo, Norveġja, u Dr Susan Beltman, Universita' ta' Curtin, l-Awstralja, li ħarrġu lit-tim ta' RESCUR biex jimplimenta l-kurrikulu.

Il-kollegi u l-istaff tagħna mis-sitt universitajiet imsieħba għall-kontribuzzjonijiet tagħhom waqt dan il-proġett matul il-fażijiet varji tiegħu, inkluż Giusy Beddia, Davor Brđanović, Natalie Galea, Vatroslav Horvat, Goran Lapat, Mara Lupica Spagnolo, Renata Marinković Kravica, Sarah Mercieca, Tea Pahić, Višnja Rajić, Marija Šarić, Biserka Petrović Sočo, Katarina Tadić.

Springer Publications, ENTRÉE LLP Comenius project u http://paperkaxxaworld.weebly.com/, http://it.freepik.com/, http://www.iconarchive.com/, http://www.adorabletoon.com/, għall-permess tagħhom biex ninkludi materjal f'din il-pubblikazzjoni.

## Lista ta' skejjel li ħadu sehem fil-proġett pilota

**Kroazja**
*Kindergarten* "Različak", Zagreb, Petrinjska 31/2
*Kindergarten* Varaždin, Varaždin, Dravska 1
Skola Primarja Varaždin, Varaždin, A. M. Reljkovića 36
Skola Primarja "Dr. Ivan Mertz", Zagreb, Račkoga 4.

**Greċja**
*Prefettura ta' Rethimno, Kreta:* 8 Skola Primarja ta' Rethimo, Skola Primarja ta' Roussospiti, 2 *Kindergarten* ta' Atsipopoulo, 16 Skola Primarja ta' Rethimno, Skola Primarja ta' Fourfoura, Skola Primarja Alfa Milopotamou, *Kindergarten* Sgourokefaliou, Skola Primarja ta' Asi Gonia Rethimnou, *Kindergarten* ta' Agia Galini Rethimnou
*Prefettura ta' Hrakleio, Kreta:* 38 *Kindergarten* ta' Hrakleio, Tefeliou *Kindergarten* Hrakleio, 31 Skola Primarja ta' Hrakleio, *Kindergarten* ta' 10 Saints, Hrakleio, 24 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 9 Skola Primarja ta' Hrakleio, 29 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 1 Skola Primarja Agias Marinas Hrakleio, 30 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 10 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 2 *Kindergarten* ta' Hrakleio, 2 *Kindergarten* Boutes Hrakleiou, 3 *Kindergarten* Arkaloxori, 1 *Kindergarten* ta' Zakros, Skola Primarja ta' Kastelli Pediados, 36 *Kindergarten* ta' Hrakleio, *Kindergarten* ta' Skalani Hrakleiou, 2 Skola Primarja ta'Archanes Hrakleiou, 36 Skola Primarja ta' Hrakleio,
*Prefettura ta' Agios Nicholaos, Kreta::*2 Skola Primarja ta' Ierapetras, 2 *Kindergarten* Neapolis Lasithiou.

**Italja**
Istituto Comprensivo "Via Libertà" - San Donato Milanese (MI)
Istituto Comprensivo di "Via Acerbi" – Scuola d'infanzia L'Aquilone - Pavia
Istituto Comprensivo di Bereguardo - Bereguardo e plesso di Vellezzo Bellini (PV)
Istituto Comprensivo di Certosa di Pavia - Certosa di Pavia (PV)
Istituto Comprensivo di Garlasco - Plesso di Dorno (PV)
Istituto Comprensivo di Piazza Vittorio Veneto - Vigevano (PV)
Istituto Comprensivo di Rivanazzano Terme- Rivanazzano Terme e plesso di Retorbido (PV)
Istituto Comprensivo di Siziano - Siziano (PV)
Istituto Comprensivo di via Scopoli – Scuola primaria "E. De Amicis", Scuola primaria "Gabelli", Scuola primaria "F. Casorati", Scuola primaria "Montebolone" - Pavia
Istituto Comprensivo di Villanterio - Villanterio e plesso di Vistarino (PV)
Istituto Comprensivo Rivanazzano - Scuola d'infanzia "E. Diviani" – Salice Terme (PV)
Istituto Comprensivo Rivanazzano - Scuola dell'infanzia "Negrotto Cambiaso" Codevilla (PV)
Istituto Comprensivo Statale di Mortara - Mortara (PV)
Istituto Comprensivo Statale di via Angelini - Pavia
Scuola dell'infanzia "G. Vaccari" - Pavia
Scuola dell'Infanzia comunale "8 Marzo" - Pavia
Scuola dell'infanzia di Portalbera - Portalbera (PV)
Scuola Primaria paritaria "Maddalena di kapaċiossa" - Pavia

**Malta**
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Żabbar A
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Żabbar B

Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Cospicua
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Kalkara
Kulleġġ Santa Margerita- Skola Primarja Xgħajra

**Portugall**
Agrupamento de escolas Dr. Azevedo Neves
Agrupamento de escolas Dr. Ruy Luis Gomes
Santa Casa da Misericórdia de Almada
Casa das Cores

**Żvezja**
Förskolan Bispgården
Hansåkerskolan
Himlavalvets förskola
Humlans förskola(Mosippan)
Järåskolan
Kullsta skola
Skolbackens förskola
Smultronets förskola

# TEMA 1 Insaħħu l-Ħiliet tal-Komunikazzjoni

## Sottotema 1 Komunikazzjoni effettiva

TOPIK 1

**Nisimgħu b'mod effettiv**

TOPIK 2

**Nifhmu l-emozzjonijiet fil-komunikazzjoni**

TOPIK 3

**Nikkomunikaw l-ideat tagħna; nikkooperaw; ninnegozjaw**

## Sottotema 2 L-assertività

TOPIK 1

**Nesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħna**

TOPIK 2

**Naqbżu għad-drittijiet tagħna**

TOPIK 3

**Insolvu kunflitt b'mod assertiv**

# SOTTOTEMA 1
# Komunikazzjoni effettiva

**Il-komunikazzjoni ma tiqafx meta nibagħtu messaġġ u nirċievu r-risposta mingħand il-persuna li qegħdin nikkomunikaw magħha. Huwa importanti li l-messaġġ ikun ċar u li jinftiehem sew. Il-kontenut tal-komunikazzjoni reċiproka huwa mimli messaġġi fuq dak li l-parteċipanti fil-konverżazzjoni jaħsbu, iħossu u jixtiequ jgħidu. L-ewwel topik jittratta kif nistgħu nisimgħu b'mod effettiv u se jgħin lill-istudenti jsiru jafu, jifhmu u jaċċettaw lill-oħrajn. Din il-kapaċità hija diffiċli anke għall-adulti iżda hija importanti biex imbagħad nagħtu *feedback* u nesprimu empatija, li hija t-tema tat-tieni topik. L-empatija hija l-abilità li npoġġu lilna nfusna fis-sitwazzjoni ta' ħaddieħor u li nifhmu l-emozzjonijiet u l-pożizzjoni tal-persuna l-oħra. Hija kapaċità li tista' tiżviluppa b'iktar prattika u tgħin lit-tfal ikunu iktar reżiljenti. L-abilità li nagħtu *feedback* effettiv lil xi ħadd ieħor hija possibbli biss jekk naċċettaw u nippruvaw nifhmu lil xulxin, u jekk inkunu nixtiequ naqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħna ma' xulxin. Meta nagħtu *feedback* mingħajr empatija nistgħu nwasslu għall-bidla fl-imġiba tal-persuna imma ma nkunux qegħdin ngħinu biex tinbena relazzjoni ta' rispett u fiduċja. It-tielet suġġett jibni fuq dan u jesplora kif l-istudenti jistgħu jsaħħu l-ħiliet tal-komunikazzjoni billi jinnegozjaw u jikkooperaw flimkien.**

---

**TOPIK 1** **NISMIGĦU B'MOD EFFETTIV**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JERĠGĦU JIRRAKKONTAW MESSAĠĠ U JEVITAW TIBDILIET JEW ŻBALJI.
- JISIMGĦU B'MOD EMPATIKU.
- JOSSERVAW U JINTERPRETAW L-IMĠIBA MHUX VERBALI META JISIMGĦU

---

**TOPIK 2** **NIFHMU L-EMOZZJONIJIET FIL-KOMUNIKAZZJONI**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAGĦRFU LI JISTGĦU JGĦINU LILL-OĦRAJN B'MODI DIFFERENTI.
- JIŻVILUPPAW SENSITTIVITÀ GĦALL-BŻONNIJIET TA' ĦADDIEĦOR BILLI JĦEĠĠUHOM JILĦQU L-MIRI TAGĦHOM.
- JIRRISPONDU GĦALL-BŻONNIJIET TA' PERSUNI LI HUMA VULNERABBLI.

---

| **TOPIK 3**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NIKKOMUNIKAW L-IDEAT TAGĦNA; NIKKOOPERAW; NINNEGOZJAW**<br><br>• ISIBU SOLUZZJONIJIET FEJN KULL MIN HU INVOLUT JIBBENEFIKA.<br>• JINNEGOZJAW SOLUZZJONIJIET LI MA JAGĦMLUX ĦSARA LIL MIN HU INVOLUT.<br>• JAQSMU IDEAT U JINNEGOZJAW L-AĦJAR SOLUZZJONI B'MOD KOOPERATTIV. |
|---|---|

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Oħloq 'rokna fejn nisimgħu' fil-klassi (tal-inqas għall-ġimagħtejn). Poġġi żewġ siġġijiet fir-rokna, u mmarka wieħed għal min se jitkellem u ieħor għal min se jisma'. Għall-bidu, mingħajr ma tgħid xejn, poġġi fuq wieħed mis-siġġijiet biex tħeġġeġ lill-istudenti jużaw l-opportunità biex jitkellmu u jisimgħu. Jista' jkun li t-tfal ma jkunux lesti jitkellmu meta nsaqsuhom aħna. Huwa importanti li jkunu jafu li aħna nkunu disponibbli biex nisimgħuhom f'ċertu ħin tal-ġurnata. Barra minn hekk, l-adulti jistgħu jkunu mudelli għall-istudenti u għalhekk hemm iktar ċans li t-tfal jitgħallmu jisimgħu meta jaraw lilna nagħmlu hekk. Jekk l-istudenti jkomplu jużaw ir-'rokna fejn nisimgħu' b'mod regolari, din tista' tibqa' fil-klassi. Tista' wkoll iżżid siġġijiet oħra: biex nagħtu u biex nirċievu; biex nagħtu u nirċievu tgħanniqa; u biex nfittxu u nagħtu parir. Imbagħad ir-rokna tista' tissejjaħ 'rokna fejn nagħtu u nirċievu'.

2. F'sitwazzjonijiet ta' kuljum, uża kull opportunità biex tfakkar lill-istudenti biex jisimgħu lil xulxin sew. Kun mudell ta' dan inti stess.

3. Oħloq 'Rokna ta' Reżiljenza' fil-klassi b'pupi jew stampi kbar ta' Żigu u Ċika. Agħmel pannell bi bwiet żgħar biex tpoġġi l-pupi żgħar ta' Żigu u Ċika u maskri għall-erba' emozzjonijiet bażiċi. L-istudenti jistgħu jieħdu l-pupi d-dar u jlibbsuhom. Il-pupi jistgħu jmorru fir-'rokna ġnien' biex jitkellmu. Jista' wkoll ikun hemm ordni ta' kif it-tfal jieħdu l-pupi d-dar fi tmiem il-ġimgħa jew f'okkażjonijiet oħra.

4. Meta jkun hemm nuqqas ta' empatija, l-istudenti jkollhom bżonn l-għajnuna biex jifhmu lill-oħrajn. Xi ħaġa li tgħinhom jaslu għal dan huwa li jiddeskrivu l-emozzjonijiet tagħhom.

5. Staqsi lill-istudenti biex jagħmlu tpenġijiet marbuta mat-tema u weħħilhom fil-klassi.

# Topik 1 Nisimgħu b'mod effettiv

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jerġgħu jirrakkontaw messaġġ u jevitaw tibdiliet jew żbalji.

Jisimgħu b'mod empatiku.

Josservaw u jinterpretaw l-imġiba mhux verbali meta jisimgħu

## Attività 1: Arani, ismagħni!

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jerġgħu jirrakkontaw messaġġ u jevitaw tibdiliet jew żbalji.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nibgħat messaġġ li nkun irċevejt mingħajr ma nagħmel tibdil jew żbalji.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Artiklu minn gazzetta, folja t'attività 'Kompli l-istorja'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Agħżel student biex jaqra artiklu minn gazzetta, student li se jisma', u erba' studenti li se joħorġu barra mill-klassi. Student se jaqra l-artiklu quddiem il-klassi waqt li l-istudent l-ieħor irid jisma' sew u jiftakar kemm jista' minn dak li sema'. Wara li jinqara l-artiklu, l-istudent li sema' issa jrid jirrakkonta dak li għadu kif sema'. Staqsi wieħed mill-istudenti li kien barra mill-klassi biex jerġa' jidħol. Dan l-istudent irid jisma' lill-istudent jirrakkonta mbagħad jirrakkonta dak li sema' lil student ieħor li kien barra. Ibqgħu sejrin hekk sakemm l-aħħar student li kien barra jidħol ġol-klassi, jisma' r-rakkont u jerġa' jirrakkonta dak li sema' lill-klassi.

3. Ħeġġeġ lill-istudenti jinnotaw id-differenzi bejn l-artiklu oriġinali u r-rakkonti differenti li ngħataw mill-istudenti, per eżempju xi elementi ġodda jew dettalji neqsin.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jirrakkontaw storja oriġinali lit-tfal. Imbgħad it-tfal iridu jirrepetu l-ewwel sentenza, il-persuna li jmiss terġa' tirrepeti s-sentenza u żżid xi ħaġa magħha. Il-persuna li jmiss terġa' tirrepeti u żżid xi ħaġa oħra. L-għan hu li tingħad storja b'bidu u tmiem. It-tfal imbagħad jistgħu jpenġu l-parti tal-istorja li għoġbithom l-iktar fuq il-folja t'attività.

## KOMPLI L-ISTORJA

*Lill-ġenituri: ivvintaw storja b'mod oriġinali: t-tfal jgħidu l-ewwel sentenza, il-persuna li jmiss tirrepeti s-sentenza u żżid xi ħaġa magħha. Il-persuna li jmiss terġa' tirrepeti u żżid xi ħaġa oħra. L-għan hu li tingħad storja b'bidu u tmiem. It-tfal imbagħad jistgħu jpenġu l-parti tal-istorja li għoġbithom l-iktar hawn isfel.*

# Attività 2: Semmiegħ tajjeb

## L-Għan tat-Tagħlim

Jisimgħu b'mod empatiku.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nifhem eżattament dak li l-kelliem qed jipprova jgħid.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

*Blindfolds*, *felt-tip biros*, karti jew kartonċin għal *poster*, *folja t'attività* "X'jagħmel semmiegħ tajjeb?'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Staqsi lill-istudenti jiffurmaw pari. Jgħidu lil xulxin dwar sitwazzjoni fejn semgħu u qagħdu attenti għal dak li l-kelliem beda jgħid. X'ġara? Kif għenithom?

3. Spjega r-regoli tal-logħba: student mill-par se jisma' waqt li l-ieħor jitkellem. Waqt li qed jitkellem il-kelliem, l-istudent li qed jisma' jagħlaq għajnejh u ma jgħid xejn. L-istudenti jistgħu jitkellmu fuq sitwazzjoni tad-daħq li ġratilhom għal mhux iktar minn tliet minuti. Imbagħad l-istudenti jaqilbu r-rwoli. Dak li sema' mbagħad għandu jiftaħ għajnejh u jagħmel kummenti bħal "Jekk smajt sew, kont...", "Jekk fhimt sew, ħsibt..." u jsaqsi xi mistoqsijiet. Il-konverżazzjoni ddum għaddejja għal xi ħames minuti.

4. Aqsam il-klassi fi gruppi ta' tlieta jew erbgħa. Il-gruppi għandhom jiddiskutu kif ħassewhom meta bdew jitkellmu mal-persuna li kellha għajnejha magħluqin u meta l-persuna bdiet issaqsihom il-mistoqsijiet. Jistgħu jaqsmu wkoll kif ħassewhom meta bdew jisimgħu lill-kelliem b'għajnejhom magħluqin u meta setgħu jieħdu sehem fil-konverżazzjoni.

5. Wara din id-diskussjoni, kull grupp jagħmel *poster* fuq kif għandna nkunu semmiegħa tajbin i.e. biex nisimgħu lil xi ħadd ieħor sew, x'għandna nagħmlu u x'm'għandniex nagħmlu? (eż:

semmiegħ tajjeb ma jinterrompix, iħares f'għajnejn il-kelliem, jibqa' jistenna sakemm il-kelliem ikun spiċċa dak li jrid jgħid, jaċċetta dak li ntqal, juri interess, isaqsi mistoqsijiet, eċċ). Tistgħu twaħħlu l-*posters* madwar il-klassi u kull grupp jippreżenta l-*poster* tiegħu quddiem il-klassi.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistgħu jitkellmu fuq dak li għamlu fil-klassi mal-ġenituri tagħhom. Waqt li qed jitkellmu jinnotaw kemm il-ġenituri tagħhom qegħdin jisimgħuhom. Per eżempju, staqsewhom mistoqsijiet? Kienu interessati f'dak li bdew jgħidu? Bdew jisimgħu bil-paċenzja jew bdew jinterrompuhom? Għandhom iniżżlu kollox fuq il-folja t'attività.

## SEMMIEGĦ TAJJEB?




*Lill-ġenituri: It-tfal se jgħidulkom dwar dak li għamlu fil-klassi. Imbagħad se jinnotaw kemm kontu qed tisimgħuhom tajjeb waqt li kienu qed jitkellmu. Per eżempju, staqsejtuhom mistoqsijiet? Kontu interessati f'dak li bdew jgħidu? Bdejtu tisimgħu bil-paċenzja jew bdejtu tinterrompu? Għinuhom iniżżlu dak li nnotaw hawn taħt.*

**MIN KIEN INTERESSAT:**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**MIN STAQSA XI MISTOQSIJIET:**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**MIN BEDA JISMA' BIL-PAĊENZJA:**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**MIN BEDA JINTERROMPI:**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

# Attività 3: Għid bil-kliem u għid mingħajr kliem

## L-Għan tat-Tagħlim

Josservaw u jinterpretaw l-imġiba mhux verbali meta jisimgħu lil persuna oħra.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nosserva u nifhem is-sinjali tal-komunikazzjoni mhux verbali.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Ballun artab, *CD player* jew *laptop* li jista' jdoqq il-mużika, tpenġijiet astratti, folja t'attività 'Għid bil-kliem u għid mingħajr kliem'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Għid lill-istudenti li se jilagħbu logħba sempliċi fejn iridu jsellmu lil kull student fil-grupp mingħajr ma jitkellmu. Għidilhom li se titfa' ftit mużika filwaqt li huma jistgħu jimxu madwar il-kamra. Meta tieqaf il-mużika, għandhom isellmu lill-istudent li qiegħed ħdejhom qishom għadhom kif iltaqgħu mal-ikbar ħabib tagħhom imma ma jistgħu jgħidu xejn bil-kliem. Meta kulħadd ikun sellem lil kulħadd, l-istudenti jistgħu jerġgħu jpoġġu bil-qiegħda fiċ-ċirku.

3. Staqsi lill-istudenti x'kien l-iżjed faċli – li jsellmu lill-persuna l-oħra mingħajr ma jitkellmu jew li jibqgħu bla kliem meta xi ħadd isellmilhom? Setgħu jagħrfu kif il-persuna l-oħra qed tħossha allavolja ma qalet xejn? Kif għarfu li l-persuna l-oħra bdiet isselmilhom bħala ħabib/a? Kif interpretawha t-tislima? Ħeġġeġ lill-istudenti jagħrfu l-importanza tal-komunikazzjoni mhux verbali u l-importanza li ninnotaw is-sinjali mhux verbali tal-persuna l-oħra. Staqsi lill-istudenti jagħżlu persuna li jaħsbu li għarfu l-emozzjonijiet tagħha waqt it-tislima. L-istudenti għandhom jistaqsu lil dik il-persuna jekk dak li ħasbu kienx korrett jew le.

4. Staqsi lill-istudenti jifformaw pari. Wieħed mill-istudenti għandu jkollu biċċa karta u lapes. L-istudenti jpoġġu bilqiegħda b'tali mod li wieħed minnhom qiegħed iħares lejk waqt li l-ieħor

(dak li għandu l-karta u l-lapes) ikollu dahru lejk. Malli jpoġġu, l-istudenti ma jistgħux iduru. L-istudenti li qegħdin iħarsu lejk jagħtu istruzzjonijiet lill-istudent l-ieħor ta' kif ipenġi l-istampa li se turi. Uri l-istampa lill-istudenti li qegħdin iħarsu lejk. Waqqaf il-logħba wara żewġ minuti. Dawk li pinġew jistgħu juru t-tpenġijiet tagħhom lill-oħrajn.

5. Staqsi lill-istudenti biex ibiddlu r-rwoli u jirrepetu l-attività bi tpenġija differenti. Staqsihom jekk hux iktar diffiċli li tagħti jew issegwi l-istruzzjonijiet. X'ħiliet kien hemm bżonn fiż-żewġ studenti biex jagħmlu din il-biċċa xogħol sew? Kienu sodisfatti bil-ħiliet tagħhom? X'setgħu jagħmlu differenti?



### *Attività għad-Dar*

It-tfal jirrekordjaw esperjenza tajba ta' komunikazzjoni ma' membru ieħor fil-familja tagħhom u kif huma kkontribwixxew għaliha.

## GĦID BIL-KLIEM U GĦID MINGĦAJR KLIEM

*Lill-ġenituri: Fl-aħħar ta' kull ġurnata din il-ġimgħa, it-tfal jistgħu jirrekordjaw esperjenza tajba ta' komunikazzjoni ma' membru tal-familja u kif huma ikkontribwixxew għal din il-komunikazzjoni.*

**IT-TNEJN** – Il-kontribuzzjoni tiegħi:

______________________________

______________________________

**IT-TLIETA** - Il-kontribuzzjoni tiegħi:

______________________________

______________________________

**L-ERBGĦA** - Il-kontribuzzjoni tiegħi:

______________________________

______________________________

**IL-ĦAMIS** - Il-kontribuzzjoni tiegħi:

______________________________

______________________________

**IL-ĠIMGĦA** - Il-kontribuzzjoni tiegħi:

______________________________

______________________________

# Topik 2 Nifhmu l-emozzjonijiet fil-komunikazzjoni

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jagħrfu li jistgħu jgħinu lill-oħrajn b'modi differenti.

Jiżviluppaw sensittività għall-bżonnijiet ta' ħaddieħor billi jħeġġuhom jilħqu l-miri tagħhom.

Jirrispondu għall-bżonnijiet ta' persuni li huma vulnerabbli.

## Attività 1: Kif nista' ngħinek?

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu li jistgħu jgħinu lill-oħrajn b'modi differenti.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nagħraf li nista' ngħin lill-oħrajn b'modi differenti.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Karti biex it-tfal ipenġu fuqhom, kuluri u lapsijiet ikkuluriti, folja t'attività 'Kif nista' ngħin?'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Agħti karta lil kull student u għidilhom jitwuha fi tnejn. Għidilhom jiftakru f'post fejn iħobbu joqogħdu waħedhom. Huwa importanti li jħossuhom komdi u *safe* f'dan il-post. Jistgħu jużaw l-ewwel nofs tal-karta biex ipenġu l-post u lilhom infushom fih.

3. Issa jiftakru sitwazzjoni fejn ħassewhom imdejqin u waħedhom. Forsi verament kienu waħedhom; forsi kien hemm nies oħrajn imma ma setgħux jgħinuhom kif xtaqu. It-tfal jistgħu jużaw it-tieni nofs tal-karta biex ipenġu lilhom infushom f' dawn is-sitwazzjonijiet.

4. Fuq wara tal-karta jiktbu tliet karatteristiċi li persuna li setgħet għenithom f'dik is-sitwazzjoni għandu jkollha.

5. L-istudenti jitkellmu fuq il-post *safe* u fuq is-sitwazzjoni diffiċli.

6. Agħlaq l-attività billi tiġbor fil-qosor l-iktar karatteristiċi importanti li ssemmew u enfasizza li mhux kulħadd ikollu bżonn l-istess affarijiet biex iħossu aħjar. M'hemmx mod wieħed biss kif nsitgħu ngħinu u għalhekk huwa importanti li nistaqsu: *Kif nista' ngħinek?*



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jitkellmu mal-ġenituri tagħhom fuq id-diffikultajiet li kellhom l-iskola meta kienu ta' età simili. It-tfal jistaqsu lill-ġenituri kif għenuhom it-tfal l-oħra tal-klassi, min għenhom, min għamel is-sitwazzjoni iktar diffiċli, u liema huma dawk it-tliet karatteristiċi li l-persuna li setgħet tgħinnhom f'dak il-mument għandu jkollha.

## KIF NISTA' NGĦINEK?

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq id-diffikultajiet li kellkom l-iskola meta kontu ta' età simili.*

X'KIEN DIFFIĊLI?

______________________________________________

MIN GĦEN U KIF?

______________________________________________

______________________________________________

MIN GĦAMEL IS-SITWAZZJONI IKTAR DIFFIĊLI U KIF?

______________________________________________

______________________________________________

LIEMA KARATTERISTIĊI GĦANDU JKOLLHA L-PERSUNA LI SETGĦET TGĦINEK F'DAK IL-MUMENT?

1.

2.

3.

# Attività 2: Rigal għal suċċess

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiżviluppaw sensittività għall-bżonnijiet ta' ħaddieħor billi jħeġġuhom jilħqu l-miri tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Inħeġġeġ lil xi ħadd jilħaq il-miri tiegħu.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Karta, lapes, lapsijiet ikkuluriti, folja t'attività 'Rigal għal suċċess'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. L-istudenti jifformaw pari. Kull student jikteb mira (eż: nitgħallem nitfa' ballun ġol-lasta, nitgħallem nitkellem bl-Ispanjol, nagħmel ġiżirana, eċċ).

3. L-istudenti fil-par ibiddlu l-karti tagħhom bil-miri miktubin fuqhom. Kull membru tal-par jaħseb fuq dak li għandu bżonn il-membru l-ieħor biex jilħaq il-mira tiegħu. Għidilhom li jistgħu jagħtu rigal konkret (eż: ballun, lezzjonijiet tal-Ispanjol, perli, spag) u anke immaġinarju (eż: kuraġġ, persistenza). It-tfal ipenġu r-rigali u jiktbu l-ispjegazzjoni tagħhom.

4. Kulħadd jirċievi lura l-karta tiegħu u jiddiskutu flimkien. Iridu joħduha bis-serjetà, ikunu sinċiera, iħarsu f'għajnejn il-persuna, u jkunu konxji tal-moviment tal-ġisem.

5. Kull student jista' jaqsam mal-klassi u jitkellem dwar ir-rigal li rċieva.

## Attività għad-Dar



L-istudenti jagħżlu lil xi ħadd fil-familja biex jitkellmu miegħu fuq ix-xewqat tiegħu. L-istudent jista' jagħżel rigal għal suċċess għal dik il-persuna wkoll.

## RIGAL GĦAL SUĊĊESS




*Lill-ġenituri: It-tfal jagħżlu lil xi ħadd fil-familja biex jitkellmu miegħu/magħha fuq ix-xewqat tiegħu/tagħha. It-tfal jistgħu jagħżlu rigal għal suċċess għal dik il-persuna wkoll.*

**MIRA**

**IR-RIGAL TIEGĦI GĦAL SUĊĊESS**

# Attività 3: Ngħinu lil ħaddieħor

## L-Għan tat-Tagħlim

Jirrispondu għall-bżonnijiet ta' persuni li huma vulnerabbli.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nirrispondi għall-bżonnijiet ta' nies li qegħdin f'diffikultà.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Jiddependi mill-attività li tintgħażel, folja t'attività 'Ngħinu lil xi ħadd li għaddej minn diffikultà'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Staqsi lit-tfal biex jifformaw gruppi żgħar. Kull grupp jiddiskuti min madwarna għandu bżonn l-għajnuna biex jegħleb ċerti diffikultajiet jew biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja tiegħu.

3. Il-membri tal-grupp jagħmlu ftit *brainstorming* u fl-aħħar jagħżlu attività waħda li se jiżviluppaw u jimplimentaw, eż: żjara f'dar tal-anzjani jew wirja ta' divertiment għall-anzjani; għajnuna lill-iżgħar studenti fl-iskola fl-ewwel ġranet tal-iskola tagħhom; volontarjat ma' persuni b'diżabilità; volontarjat f'xi xelter tal-annimali abbandunati, eċċ.

4. Kull grupp jagħmel *poster* bil-pjan tal-attività u jippreżentah quddiem il-klassi. L-istudenti l-oħra jagħtu s-suġġerimenti tagħhom u jikkumentaw fuq kemm l-attività tista' sseħħ fil-prattika.

5. Wara li sseħħ l-attività, kull grupp jaqsam l-esperjenza tiegħu mal-bqija tal-klassi u jipprovdi ritratti, vidjos, ittri, eċċ.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jistgħu jgħidu lill-ġenituri tagħhom dwar l-attivitajiet u jsaqsuhom għall-għajnuna u l-parteċipazzjoni tagħhom. Il-ġenituri jiddiskutu mat-tfal sitwazzjoni fejn għenu lil xi ħadd li kien vulnerabbli jew li kien għaddej minn diffikultà. L-istudenti jiktbu dwarha jew jagħmlu tpenġija tagħha fuq il-folja t'attività

## NGĦINU LIL XI ĦADD GĦADDEJ MINN DIFFIKULTÀ

*Lill-ġenituri: L-iskola, it-tfal għażlu attività li se jagħmlu biex jgħinu xi ħadd f'diffikultà. Staqsu lit-tfal dwarha, u għidulhom dwar sitwazzjoni fejn intkom għentu lil xi ħadd f'diffikultà. Staqsu lit-tfal jiktbu xi ħaġa dwar dan u jagħmlu tpenġija:*

**IKTEB HAWN…**

**PENĠI HAWN…**

# Topik 3 Nikkomunikaw l-ideat; nikkooperaw; ninnegozjaw

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Isibu soluzzjonijiet fejn kull min hu involut jibbenefika.

Jinnegozjaw soluzzjonijiet li ma jagħmlux ħsara lil min hu involut.

Jaqsmu ideat u jinnegozjaw l-aħjar soluzzjoni b'mod kooperattiv.

## Attività 1: L-istorja tagħna f'sitt stampi

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Isibu soluzzjonijiet fejn kull min hu involut jibbenefika.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nsib soluzzjoni fejn kull min hu involut ikun kuntent biha.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Karta ta' daqs kbir maqsuma f'sitt kaxex – waħda għal kull grupp, kuluri jew lapsijiet ikkuluriti, folja t'attività 'L-istorja tagħna f'sitt stampi'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar. L-ewwel student jgħid '1', it-tieni student jgħid '2', u jibqgħu sejrin hekk san-numru '5'. It-tfal jiftakru n-numru tagħhom biex dawk kollha li qalu n-numru '1' imorru fi grupp wieħed, dawk kollha li qalu n-numru '2' imorru fi grupp ieħor, eċċ.

3. Kull grupp jiddiskuti sitwazzjoni fejn problema ġiet solvuta iżda b'mod fejn xi ħadd ma kienx kuntent bis-soluzzjoni. ("Iddeskrivu sitwazzjoni fejn solvejtu problema imma fl-aħħar xi ħadd spiċċa mdejjaq, mweġġa', jibki, irrabjat...").

4. Wara li kull grupp ikun għażel is-sitwazzjoni, joħroġ b'idea ta' kif il-problema tista' tissolva sabiex kull min hu involut ikun kuntent bis-soluzzjoni. Imbagħad staqsi lill-istudenti biex ipenġu l-ħrafa, bit-tmiem il-ġdid, f'sitt stampi. L-ewwel żewġ stampi juru l-istorja oriġinali filwaqt l-istampi ta' wara juru x-xeni li jwasslu għat-tmiem il-ġdid fejn kulħadd huwa rebbieħ.

5. Kull grupp jispjega l-istorja tiegħu u jagħmel reċta qasira ta' din l-istorja.



## *Attività għad-Dar*

It-tfal jagħżlu attività tal-familja u, bl-għajnuna tal-ġenituri, ipenġuha f'sitt stampi bħalma għamlu l-iskola.

## L-ISTORJA TAGĦNA F'SITT STAMPI

*Lill-ġenituri: Agħżlu attività jew sitwazzjoni fil-familja li spiċċat f'kunflitt, u flimkien mat-tfal, sibu soluzzjoni li kull min hu involut kient kuntent biha.It-tfal ipenġu l-istorja f' sitt stampi kif solvejtu l-kunflitt.*

| | | |
|---|---|---|
| | | |

# Attività 2: L-istorja tiegħi f'sitt stampi

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jinnegozjaw soluzzjonijiet li ma jagħmlux ħsara lil min hu involut.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi*

Nsib soluzzjoni għal problemi mingħajr ma nweġġa' lil min hu involut.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Karta ta' daqs kbir maqsuma f'sitt kaxex – waħda għal kull grupp, kuluri jew lapsijiet ikkuluriti, folja t'attività 'L-istorja tiegħi f'sitt stampi'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. It-tfal jifformaw pari u kull par jiddiskuti sitwazzjoni fejn problema ġiet solvuta iżda b'mod fejn xi ħadd ma kienx kuntent bis-soluzzjoni. ("Iddeskrivu sitwazzjoni fejn solvejtu problema imma fl-aħħar xi ħadd spiċċa mdejjaq, mweġġa', jibki, irrabjat..."). L-istudenti jibdew ipenġu l-istorja tagħhom fuq il-karta maqsuma f'sitt kaxex billi jibdew ipenġu l-ewwel parti tas-sitwazzjoni li għadhom kif irrakkontaw lis-sieħeb tagħhom fl-ewwel u fit-tieni kaxex.

3. Il-par jibdel il-karti u jkomplu jpenġu kif tiżviluppa s-sitwazzjoni, b'mod li kulħadd ikun kuntent bis-soluzzjoni.

4. Fl-aħħar, l-istudenti jispjegaw it-tpenġijiet u s-soluzzjoni lil xulxin. L-istudent li ġratlu s-sitwazzjoni jgħid lil sieħbu jekk jaqbilx mas-soluzzjoni u jista' jżid xi ħaġa jew jagħmel xi tibdiliet. Il-par imbagħad jiddiskuti mod ieħor kif l-istorja tista' tiżviluppa u tispiċċa.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jirrakkontaw sitwazzjoni mit-tfulija tagħhom stess fejn ħassewhom imdejqin, irrabjati, jew imweġġgħin, u jispjegaw lit-tfal kif jaġixxu fl-istess sitwazzjoni llum.

## L-ISTORJA TIEGĦI F'SITT STAMPI

RIZORSI

*Lill-ġenituri: It-tfal se jistaqsukom fuq sitwazzjoni fi tfulitkom fejn kontu mdejqin, irrabjati jew imweġġgħin. Iddeskrivu din is-sitwazzjoni u kif taġixxu f'sitwazzjoni simili llum il-ġurnata. Għinu lit-tfal jieħdu xi noti u jniżżluhom hawn isfel.*

**SITWAZZJONI**

**L-IMĠIBA F'SITWAZZJONI SIMILI LLUM**

# Attività 3: Il-problema tagħna t-tnejn

## L-Għan tat-Tagħlim

Jaqsmu ideat u jinnegozjaw l-aħjar soluzzjoni b'mod kooperattiv.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi

Nsib l-aħjar soluzzjoni b'mod kollaborattiv.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

*Panel* biex jitniżżlu l-ideat; *felt tip biros*, folja t'attività 'Suġġerimenti għall-Attività'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Ibda diskussjoni mal-istudenti fuq dak li jixtiequ li jinbidel biex itejbu l-kwalità tat-tagħlim u ħajjithom fl-iskola. Ħeġġiġhom jagħmlu *brainstorming* u jagħtu iktar suġġerimenti. Enfasizza li huwa importanti li kulħadd jipparteċipa u li l-ebda suġġeriment ma jkun kritikat.

3. L-aħjar soluzzjoni se tkun magħżula mill-grupp kollu u kulħadd se jiddiskuti kif din se titħaddem fil-prattika – min jista' jgħin u kif, inkluż ukoll jekk għandhomx ikunu involuti l-ġenituri.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jinformaw lill-ġenituri fuq il-problema li ddiskutew fil-klassi u jistaqsuhom għall-ideat biex isibu l-aħjar soluzzjoni. L-istudenti jniżżlu s-suġġerimenti fuq il-folja t'attività.

## SUĠĠERIMENTI GĦALL-ATTIVITÀ

*Lill-ġenituri: L-iskola, it-tfal iddiskutew dak li jista' jsir biex itejbu l-kwalità tat-tagħlim u ħajjithom fl-iskola. Għinuhom jaħsbu f'iktar suġġerimenti. It-tfal jistgħu jniżżlu s-suġġerimenti hawn isfel:*

✓ ..........................................................................................................

✓ ..........................................................................................................

✓ ..........................................................................................................

✓ ..........................................................................................................

✓ ..........................................................................................................

✓ ..........................................................................................................

✓ ..........................................................................................................

✓ ..........................................................................................................

# SOTTOTEMA 2
# L-assertività

Li tkun assertiv tfisser li tkun determinat iżda mhux aggressiv, li tirrispetta lil ħaddieħor iżda mhux li toqgħod għal dak kollu li jgħid ħaddieħor. L-assertività tgħin lill-persuna tiddefendi lilha nnifisha mingħajr ma tweġġa' lil ħaddieħor. Tfal li huma assertivi jafu jieħdu pożizzjoni, jagħtu *feedback* lill-oħrajn fuq l-imġiba li ddejjaqhom, u jispjegaw il-bżonnijiet u x-xewqat tagħhom b'mod ċar, u jekk ikun hemm bżonn iktar minn darba. Huma kapaċi jgħidu LE, MA RRIDX, MA NISTAX, u jiddefendu l-pożizzjoni u l-integrità tagħhom mingħajr ma jweġġgħu u waqt li jifhmu l-persuna l-oħra. Fl-ewwel u t-tieni topik it-tfal se jkollhom l-opportunità jesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħhom u jieħdu pożizzjoni b'mod assertiv.

It-tfal ma jistax ikollhom opportunità jipprattikaw kif jasserixxu ruħhom jekk ma jkunux f'kunflitt reali jew immaġinarju fl-ambjent tagħhom. Hemm distinzjoni bejn kunflitti li t-tfal jidħlu fihom biex jissodisfaw xi bżonnijiet tagħhom u kunflitti li jseħħu għax tfal jew adulti oħra b'xi mod ma jirrispettawx l-integrità tat-tfal jew jagħmlu ħsara jew jipperikolaw l-affarijiet jew il-valuri tagħhom. Il-kuntest li fih it-tfal jistgħu jipprattikaw l-assertività għandu jappoġġja r-rispett tagħhom lejhom infushom, jippermetti li jistħu jibdlu l-fehma tagħhom, jagħtihom żmien biex jaħsbu u jneħħi minn fuqhom ir-responsabilità għall-imġiba u l-istat emozzjonali tal-adulti. Fin-nuqqas ta' imġiba assertiva, li tisma' u li tifhem lil ħaddieħor jinbidlu f'sottomissjoni u passività. Għall-kuntrarju, li tesprimi lilek innifsek u li tiġġieled għad-drittijiet tiegħek jirriskjaw li jinbidlu f'egoiżmu u insensittività jekk ma jkunux magħquda mal-karatteristika l-oħra li tmur magħhom – li tisma' u tifhem lill-oħrajn. L-aħħar topik fil-fatt jittratta r-riżoluzzjoni tal-kunflitt b'mod assertiv.

| TOPIK 1 | NESPRIMU L-EMOZZJONIJIET U L-BŻONNIJIET TAGĦNA |
|---|---|
| Għanijiet tat-Tagħlim | • JIDENTIFAW XEWQITHOM U KIF SE JWETTQUHOM.<br>• JAGĦRFU D-DIFFERENZA BEJN L-AFFARIJIET LI PERSUNA TIXTIEQ U DAWK LI GĦANDHA BŻONN.<br>• JIEĦDU L-PASSI MEĦTIEĠA BIEX JISSODISFAW IL-BŻONNIJIET TAGĦHOM. |

**TOPIK 2** **NAQBŻU GĦAD-DRITTIJIET TAGĦNA**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAQBŻU GĦAD-DRITTIJIET TAGĦHOM BILLI JGĦIDU 'LE'.
- JAGĦRFU D-DIFFERENZA BEJN LI JAQBŻU GĦAD-DRITTIJIET TAGĦHOM B'MOD XIERAQ U B'MOD MHUX XIERAQ
- JURU MĠIBA ASSERTIVA

**TOPIK 3** **INSOVLU KUNFLITT B'MOD ASSERTIV**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDENTIFIKAW MODI EFFETTIVI TA' KIF jISTGĦU JSOLVU KUNFLITT.
- JAGĦRFU L-IMPORTANZA TAL-KOMUNIKAZZJONI MHUX VERBALI BIEX ISOLVU KUNFLITT B'MOD EFFETTIV.
- ISOLVU KUNFLITT B'MOD ASSERTIV U MHUX VJOLENTI

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Uri lill-istudenti mħabba bla kundizzjoni, u aċċettahom, b'mod li huwa addattat għall-età tagħhom.

2. Uri lill-istudenti l-limiti ta' mġiba permessa, fakkarhom fir-regoli, u ħeġġiġhom jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom b'mod addattat.

3. Faħħar l-imġiba assertiva tat-tfal.

4. Ipprovdi sitwazzjonijiet fejn l-istudenti jkollhom l-opportunità jipprattikaw imġiba assertiva.

5. Oħloq diskussjonijiet fuq l-emozzjonijiet u l-problemi tat-tfal u dak li jistennew.

6. Għin lill-istudenti jieħdu responsabbiltà tal-imġiba tagħhom.

# Topik 1 Nesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħna

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jidentifikaw xewqithom u kif se jwettquhom.

Jagħrfu d-differenza bejn l-affarijiet li persuna tixtieq u dawk li għandha bżonn.

Jieħdu l-passi meħtieġa biex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom.

## Attività 1: Is-siġra tal-ħajja

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw xewqithom u kif se jwettquhom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nidentifika x-xewqat tiegħi u kif nirrealizzahom.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

*Poster* kbir b'siġra mpenġija fuqu; karti kkuluriti u lapsijiet ikkuluriti jew kuluri għal kull student, kolla, folja t'attività 'Is-siġra tal-ħajja'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Għid lill-istudenti jinġabru madwar il-*poster* il-kbir bis-siġra mpenġija fuqu. Għidilhom: "Din hi s-siġra tal-grupp tagħna. Jekk tħarsu sew, tindunaw li fiha biss zkuk u m'għandhiex weraq. Is-siġra qed tħossha mdejqa ħafna. Nistgħu ngħinu lil din is-siġra terġa' tibda tgħix u tkabbar il-weraq u l-fjuri?"

3. L-istudenti jridu jagħmlu xewqa li jixtiequ li ssir realtà. Ħallihom jagħżlu l-kulur tal-karta li jixtiequ u jpenġu jew jiktbu x-xewqa tagħhom fuqha. Jekk ikollhom iktar xewqat, jistgħu jużaw iktar karti.

4. Meta jkunu lesti jsibu post fuq is-siġra fejn jistgħu jweħħlu l-karti bix-xewqat tagħhom. Staqsi lill-istudenti jekk issa s-siġra hix isbaħ u iktar kuntenta. Għidilhom li tixtieq li s-siġra tikber u tirrealizza x-xewqat ta' kulħadd. Imma l-għeruq u l-ħamrija ta' madwarhom mhumiex hemm. Staqsihom: "X'għandha bżonn is-siġra biex tikber u tirrealizza x-xewqat ta' kulħadd?" Ħeġġeġ lill-istudenti jaħsbu fuq dak li hemmm bżonn isir sabiex x-xewqat tagħhom isiru realtà (eż: li jitgħallmu iżjed, jieklu ikell bnin, jisimgħu mill-ġenituri, jirrispettaw lill-oħrajn, joqogħdu attenti, eċċ…).

8. Ikteb it-tweġibiet tagħhom fuq in-naħa ta' taħt tal-*poster* biex tagħmel l-għeruq. Ħeġġu lill-istudenti jsemmu l-karatteristiċi, l-imġiba, u l-persuni li għandhom bżonn biex jissodisfaw ix-xewqat tagħhom.

9. Aqra lill-istudenti dak li ktibt u saqsihom x'jistgħu jagħmlu llum biex jaslu iktar qrib lejn ix-xewqa tagħhom.



## *Attività għad-Dar*

Qassam il-foljI t'attività u għid lill-istudenti biex bl-għajnuna tal-ġenituri jagħmlu siġra tal-ħajja tal-familja tagħhom. L-għada staqsi lit-tfal ipoġġu s-siġra tal-ħajja fil-portafol tagħhom.

# IS-SIĠRA TAL-ĦAJJA

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ipenġu siġra tal-ħajja tal-familja tagħkom. Iz-zkuk jiġu mżejna bix-xewqat tal-familja, u l-għeruq bil-modi differenti li tistgħu tirrealizzaw dawk ix-xewqat.*

# Attività 2: Gżira f'nofs oċean

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu d-differenza bejn l-affarijiet li persuna trid u dawk li għandha bżonn.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħraf id-differenza bejn dak li nixtieq u dak li għandi bżonn.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Stampi mill- folja t'attività 'X'nieħu miegħi fuq gżira f'nofs oċean?', basket (jekk trid), *board* jew *flipchart*, folja t'attività 'Gżira f'nofs oċean'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi f'pari. Għid lill-istudenti li ġew magħżula biex imorru fi gżira diżabitata u jibdew komunità ġdida hemmhekk. Iridu jieħdu dak li għandhom bżonn biex jgħixu u jikbru. Peress li d-dgħajsa li sejrin biha mhux kbira ħafna, ma jistgħux jieħdu l-affarijiet kollha imma jridu jagħżlu biss tnax. Iridu jagħżlu dak li se jieħdu magħhom. Iridu jaqtgħu jew jitfgħu fil-basket dawk l-affarijiet li jaħsbu li m'għandhomx bżonn.

3. Wara għidilhom li xorta m'hemmx biżżejjed spazju fuq id-dgħajsa u jridu jieħdu biss sitt affarijiet li huma jaħsbu li l-iktar għandhom bżonn. B'hekk iridu jerġgħu jiddeċiedu liema se jieħdu u liema se jħallu warajhom.

4. L-istudenti jpoġġu bilqiegħda f'forma ta' ċirku. Staqsihom liema affarijiet ħallew warajhom l-ewwel darba. Ikteb it-tweġibiet tagħhom fuq il-*board* jew il-flipchart. Imbagħad staqsihom x'ħallew warajhom it-tieni darba. X'baqa fil-lista? Dawk l-affarijiet għalfejn huma importanti? X'inhi d-differenza bejn bżonnijiet u xewqat? X'inhu l-iktar importanti?

5. Ikkonkludi l-attività b'dan l-eżerċizzju: Penġi linja twila fuq il-*board* jew il-flipchart. Ikteb "Ma tgħallimt xejn minn din l-attività" fuq in-naħa tax-xellug tal-linja u "Tgħallimt ħafna minn

din l-attività" fuq in-naħa tal-lemin tal-linja. Staqsi lil kull student jimmarka punt fuq il-linja ta' kif qed iħossu wara l-attività.



### *Attività għad-Dar*

Agħti folja t'attività lil kull student u staqsihom biex jitkellmu mal-ġenituri fuq l-oġġetti u n-nies li kieku jieħdu magħhom fuq gżira f'nofs oċean (massimu ta' 5 affarijiet). Iridu jniżżluhom fuq il-folja t'attività.

## X'NIEĦU MIEGĦI FUQ GŻIRA F'NOFS OĊEAN?

RIŻORSI









| | |
|---|---|
|  |  |
|  |  |
|  |  |

| | |
|---|---|
|  |  |
|  |  |
|  |  |

## GŻIRA F'NOFS OĊEAN

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ipenġu jew jagħmlu lista ta' oġġetti u nies li kieku jieħdu magħhom fuq gżira diżabitata f'nofs oċean (mhux iktar minn 5 affarijiet).*

# Attività 3: Irrid…għandi bżonn- neżisti!

## L-Għan tat-Tagħlim

Jieħdu l-passi meħtieġa biex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nieħu l-passi meħtieġa biex nissodisfa l-bżonnijiet tiegħi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Siġġijiet (wieħed inqas min-numru ta' studenti), kaxex jew envelops żgħar bil-mesaġġi li hemm fuq il folja t'attività 'Messaġġi' – waħda għal kull student, borża, erba' simboli għal bżonnijiet (mħabba, libertà, gost, rispett), folja t'attività 'Irrid…għandi bżonn- neżisti!'.



## Passi tal-Attività

1. Irranġa l-kamra sabiex is-simboli li jirrappreżentaw l-erba' bżonnijiet (mħabba, libertà, gost, rispett) ikunu f'parti differenti tal-kamra.

2. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

3. Poġġi l-kaxex jew l-envelops bil-messaġġi fil-borża.

4. Staqsi lil kull student jaqra l-messaġġ tiegħu u jgħid dak li jaħseb dwaru. Ħeġġiġhom jikkummentaw b'tali mod li jkun marbut ma' studenti li qegħdin f'riskju li jiġu esklużi mis-soċjetà għax huma differenti mill-maġġoranza- per eżempju minħabba li jgħixu fil-faqar, għandhom diffikultajiet fit-tagħlim, huma immigranti jew għandhom kultura differenti, huma *gifted,* eċċ. Staqsi l-mistoqsijiet biex tħeġġeġ lill-istudenti jaħsbu fuq kif dawn it-tfal jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom ukoll (eż: Taħseb li tifel għami jista' jkun ta' suċċess?; Temmen li tifel Roma għandu dak kollu li għandu bżonn?; Taħseb li l-istudenti kollha għandhom l-opportunitajiet biex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom?; Kif timmaġina li se jkun ta' suċċess tifel fil-wheelchair?…).

5. Meta kulħadd ikun qara u kkumenta fuq il-messaġġi, staqsi lil kull student jieħu l-messaġġ tiegħu fil-post fil-kamra fejn jaħseb li għandu jmur.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri s-sentenzi li hemm fuq il-folja t'attività u jistaqsuhom liema l-iktar li jogħġbuhom u għalfejn. Imbagħad iżidu tagħhom u jiktbu mill-inqas tliet sentenzi fuq il-folja t'attività.

# MESSAĠĠI

**Eżempji ta' messaġġi:**

- Jekk jien għandi bżonn nistudja, għandi bżonn ukoll nilgħab.
- Mhux tajjeb li nittrattaw nies differenti l-istess jew li nittrattaw nies bħal xulxin b'mod differenti.
- Meta tiżra' żerriegħa ta' ħbiberija, tieħu lura bukkett fjuri ta' kuntentizza.
- Is-suċċess ma jitkejjilx b'dak li għandek imma b'dak li inti.
- Li tkun differenti hija xi ħaġa tajba.
- L-imħabba hi ferħ li nagħtu lil xulxin.
- Ħu ċans biex taħseb, imma ħalli lil ħaddieħor jagħmel l-istess.
- Għandu jkollna fiduċja fil-ħiliet tagħna.
- Min jirnexxielu jċaqlaq muntanja, jibda billi l-ewwel iċaqlaq ġebel żgħar.
- Napprezzaw veru min aħna meta nieqfu nqabblu lilna nfusna ma' ħaddieħor.
- Wara l-maltemp jiġi l-bnazzi.
- In-nies li huma l-iżjed kuntenti m'għandhomx l-isbaħ affarijiet fil-ħajja, imma jaraw is-sabiħ f'dak kollu li għandhom.
- Jekk ma tistax taċċetta xi ħaġa f'xi ħadd, xorta aċċetta l-persuna, għax kulħadd għandu affarijiet tajbin.
- Ma naqbilx ma' dak li qiegħed tgħid, iżda se niddefendi sal-mewt id-dritt li tgħid dak li tixtieq.

## IRRID…GĦANDI BŻONN– NEŻISTI!




*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq il-proverbji jew qwiel li jogħġbukom l-iktar u għalfejn. Imbagħad staqsu lit-tfal fuq xi proverbji li jogħġbuhom.*

**Proverbji li jogħġbu l-ġenituri tiegħi:**

**Proverbji li jogħġbu lili:**

# Topik 2 Naqbżu għad-drittijiet tagħna

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jaqbżu għad-drittijiet tagħhom billi jgħidu 'le' .

Jagħrfu d-differenza bejn li jaqbżu għad-drittijiet tagħhom b'mod xieraq u b'mod mhux xieraq

Juru mġiba assertiva

## Attività 1: Ponn

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jaqbżu għad-drittijiet tagħhom billi jgħidu 'le' .

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Ngħid 'le' sabiex niddefendi lili nnifsi u d-drittijiet tiegħi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Ponn'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi f'żewġ gruppi bl-istess numru ta' tfal f'kull grupp. Għid lil grupp minnhom jibqa' fil-kamra u lil grupp ieħor joħroġ barra. Għid lit-tfal biex jagħmlu ponn b'idejhom mas-sinjal tiegħek (meta ċċapċap) u biex ma jiftħux idejhom għall-ebda ruġuni. Oħroġ mill-kamra u għid lit-tfal li qegħdin barra biex jipprovaw jipperswadu lill-oħrajn jiftħu l-ponn billi jużaw kull strateġija u metodu possibli li s-soltu jużaw biex jieħdu xi ħaġa li jridu.

3. Idħol ġol-klassi u aqsam it-tfal f'pari sabiex it-tfal kollha li għandhom idhom f'ponn ikunu ma' xi ħadd li se jipperswadihom jiftħu idhom. Agħti s-sinjal u ħalli lit-tfal jitkellmu għal 3-5 minuti u waqqaf il-logħba bis-sinjal tiegħek.

4. It-tfal ipoġġu bilqiegħda f'forma ta' ċirku. Staqsihom jekk fetħux idhom. Staqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'għamiltu biex tħeġġu lit-tfal l-oħra jiftħu idhom? Kif ħassejtukom dak il-ħin?
- Meta kontu qegħdin b'idkom magħluqa ponn xi bdejtu taħsbu? Kif ħassejtukom dak il-ħin?
- Liema mġiba ma għenitx biex tipperswadikom tiftħu idkom?
- Liema mġiba għenet biex tipperswadikom tiftħu idkom?

5. Agħlaq id-diskussjoni billi tħeġġeġ lit-tfal jagħtu konklużjoni fuq meta xi ħadd ikun kapaċi jipperswadihom jagħmlu xi ħaġa li ma jixtiqux. X'iridu jagħmlu f'dik is-sitwazzjoni?



### *Attività għad-Dar*

Qassam il-folji t'attività u staqsi lit-tfal biex jiftakru (bl-għajnuna tal-ġenituri) sitwazzjoni fejn il-ġenituri tawhom xi ħaġa li riedu. L-istudenti jpenġu jew jiktbu fuq dak li ġara. L-għada t-tfal jistgħu jpoġġu l-folji t'attività fil-portafol tagħhom.

RIŻORSI

## PONN

Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jaħsbu f'sitwazzjoni fejn ħadu dak li riedu mingħandkom. Għandhom ipenġu jew jiktbu fuq is-sitwazzjoni u dak li ġara.

# Attività 2: Għandi d-dritt

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu d-differenza bejn li jaqbżu għad-drittijiet tagħhom b'mod xieraq u b'mod mhux xieraq,

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħraf l-importanza li naqbeż għad-drittijiet tiegħi mingħajr ma nagħmel ħsara lil ħaddieħor.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

*Poster* kbir b'lista tad-drittijiet li hemm fuq il-folja t'attività 'Id-drittijiet tiegħi', folja t'attività 'Għandi d-dritt'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Xi mkien fil-klassi weħħel *poster* kbir bil-kliem miktubin fuq il-folja t'attività 'Id-drittijiet tiegħi'. Enfasizza li meta naqbżu għad-drittijiet tagħna, huwa importanti li ma nweġġgħux lil ħaddieħor.

3. Aqsam il-klassi fi tliet gruppi u għid lil kull grupp jipprova jagħmel l-parti ta' persuna li għandha wieħed jew iktar minn dawn il-karatteristiċi:

- L-EWWEL GRUPP: "Inti taqbad mal-oħrajn u tgħaddihom biż-żmien, tiġġieled ma' ħaddieħor, iġġiegħel lil min hu dgħajjef jagħmel dak li trid int, kissirt xi affarijiet tat-tfal tal-klassi għax kont irrabjat/a, titlef il-paċenzja malajr, tħobb tiftaħar, tgħid lil ħaddieħor x'għandu jagħmel, tgħid fuq it-tfal l-oħra, eċċ."
- IT-TIENI GRUPP: "Inti mistħi, maqtugħ għalik, tkun ħafna waħdek, fiżikament dgħajjef, fqir, kwiet, ma jkollokx ma' min toqgħod fil-brejk, ma tmurx tajjeb fl-eżamijiet, eċċ."
- IT-TIELET GRUPP: "Inti kunfidenti fik innifsek, taf kif taqbeż għad-drittijiet tiegħek, kalm, għandek intenzjonijiet tajbin, tgħin lill-oħrajn, ħabib tajjeb, tirrispetta lil kulħadd anke dawk li huma differenti minnek, il-ħbieb tiegħek iħobbuk."

4. Imbagħad aqra d-drittijiet minn fuq il-*poster*. Membru minn kull grupp jiddeskrivi l-imġiba tal-persuna li imitaw (billi jgħid x'tagħmel il-persuna). Apparti milli joqogħdu attenti għal dak li jgħidu, l-istudenti jridu joqogħdu attenti għall-vuċi, espressjoni u l-mossi. L-ordni dejjem ikun l-istess: L-ewwel jitkellem membru mill-ewwel grupp, imbagħad xi ħadd mit-tieni grupp, imbagħad fl-aħħar xi ħadd mit-tielet grupp.

5. Meta tkun qrajt id-drittijiet kollha, staqsi lill-istudenti kif ħassewhom fuq ir-rwoli li kellhom billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liema rwoli sibt l-iżjed faċli? Liema rwoli sibt l-iżjed diffiċli?
- Kif tiddeskrivu l-persuni mill-ewwel grupp, mit-tieni grupp, u mit-tielet grupp?
- Liema grupp għoġbok l-iktar? Għalfejn?
- X'nagħmlu s-soltu meta xi ħadd jittrattana ħażin? Minflok x'nistgħu nagħmlu f'dawn is-sitwazzjonijiet?

6. Ħeġġeġ lill-istudenti jinnotaw id-differenzi bejn li jaqbżu għad-drittijiet tagħhom b'mod effettiv u li jaqbżu għad-drittijiet tagħhom b'mod mhux effettiv jew b'tali mod li jweġġgħu lil ħaddieħor.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri tliet regoli biex ikunu jistgħu jaqbżu għad-drittijiet tagħhom billi jesprimu ruħhom b'mod addattat. L-għada l-folja t'attività tista' titpoġġa fil-portafol.

# ID-DRITTIJIET TIEGĦI

Għandi d-dritt:

- LI NISTAQSI GĦAL DAK LI RRID – anke jekk qatt ma nieħdu.
- LI NESPRIMI L-IDEAT TIEGĦI – anke jekk ħaddieħor jaħseb li mhumhiex tajbin.
- LI NAĊĊETTA L-EMOZZJONIJIET TIEGĦI – anke jekk ħaddieħor jaħseb li m'għandix inħossni hekk.
- LI NAGĦMEL L-IŻBALJI – speċjalment meta nkun għamilt dak kollu li stajt.
- LI NERĠA' NIPPROVA – anke jekk ħaddieħor jaħseb li mhux se jirnexxili.
- LI XI KULTANT INBIDDEL FHEMTI – anke jekk ħaddieħor jaħseb li m'għandix nagħmel hekk.
- LI NIĠI KKUNSIDRAT U TTRATTAT B'RISPETT – anke meta nkun qed niġi kkritikat għal xi ħaġa li għamilt.
- LI XI KULTANT NGĦID LE MINGĦAJR MA NĦOSSNI SKOMDU DWARHA.
- BIEX NITKELLEM META XI ĦAĠA MA TKUNX ĠUSTA – anke jekk ikolli naċċettaha.
- LI NKUN KBURI TAS-SUĊĊESS TIEGĦI – anke jekk min tilef jiddejjaq li nagħmel dan.

## GĦANDI D-DRITT

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal id-drittijiet li għandkom fil-familja u xi jfissru dawn id-drittijiet. Hemm xi drittijiet li t-tfal fil-familja jridu jiġġieldu għalihom? Għinu lit-tfal jaħsbu fi tliet regoli fuq kif għandhom jaqbżu għad-drittijiet tagħhom billi jesprimu ruħhom b'mod addattat u aċċettabbli.*

# Attività 3: Nagħżel l-aħjar imġiba

## L-Għan tat-Tagħlim

Juru mġiba assertiva .

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nġib ruħi b'mod assertiv.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Sitwazzjonijiet', folja t'attività 'Nagħżel l-aħjar imġiba'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi f'pari u agħti kull par il-folja t'attività 'Sitwazzjonijiet'. Staqsihom kif jistgħu jiddeksrivu l-kliem 'assertività', 'konformità', u 'aggressività'. Għidilhom li għandhom jiddiskutu f'pari jekk l-imġiba fis-sitwazzjonijiet tal- folja t'attività hix assertiva jew aggressiva jew turix konformità. Meta jlestu u jaqblu fuq id-deċiżjoni tagħhom, jiddiskutu xi mġiba assertiva tista' sseħħ f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn huma ħasbu li hemm aggressività jew konformità.

3. Imbagħad l-istudenti jissuġġerixxu *I-messages* (billi jsemmu l-imġiba li ddejjaqhom, kif iħossuhom b'din l-imġiba, u x'jissuġġerixxu li jsir f'din is-sitwazzjoni) għas-sitwazzjonijiet fejn huma ħasbu li hemm aggressività jew konformità.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri sitwazzjoni waħda fejn il-ġenituri u t-tfal ma qablux. Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jiktbu mill-inqas *I-message* wieħed biex jesprimu dan in-nuqqas ta' qbil mal-ġenituri tagħhom.

## SITWAZZJONIJIET

- Alessia tasal lura d-dar wara l-iskola u tkun bil-ġuħ. L-ikel għadu mhux lest. Il-papà tagħha qed jagħmel l-ispeċjalità tiegħu imma għad baqagħlu mill-inqas nofs siegħa oħra sakemm ikun lest. Alessia tgħid: '*Togħġobni ħafna l-ispeċjalità tiegħek, imma għandi ħafna ġuħ. Se nieħu* yogurt *waqt li qed nistenna.*'

  ______________________________

- Christian qed jagħmel il-*homework* u għandu bżonn l-għajnuna. Isaqsi lil oħtu l-kbira imma tgħidlu li m'għandhiex ċans tgħinu. Jgħajjat: '*Mhux hekk! Int qatt ma jkollok ħin għalija. Fik biss taħseb!*'

  ______________________________

- Tarik u Amira huma aħwa li għandhom kamra waħda bejniethom. Waqt li Amira tkun qed tagħmel il-*homework*, Tarik ikun qed jisma' l-mużika. Amira titolbu biex ibaxxi l-volum, imma hu ma jkunx irid. Amira titlaq mill-kamra u tmur tagħmel il-*homework* fil-kċina.

  ______________________________

- Una hija tifla ta' tliet snin u tħobb tmur il-bandli. Xħin tasal, tmur tiġri lejn il-bandli tgħajjat: '*Tiegħi! Tiegħi!*', allavolja hemm tifla oħra u tixtieq titla' fuq il-bandli wkoll.

  ______________________________

- Julia ġiet mistiedna biex tmur tiekol għand il-ħabiba tagħha. Julia ma tikolx laħam għax hi veġetarjana imma omm il-ħabiba tagħha ppreparat laħam bil-ħaxix. Julia ssaqsiha: '*Għandek xi ftit ħaxix li ma ġewx imsajrin mal-laħam jekk jogħġbok? Dawk inkun nista' neħodhom.*'

  ______________________________

## NAGĦŻEL L-AĦJAR IMĠIBA

*Lill-ġenituri:ddiskutu mat-tfal sitwazzjoni fejn ma qbiltux. Għinu lit-tfal jesprimu n-nuqqas ta' qbil magħkom billi jiktbu b'dan il-mod:*

META

______________________________________________

INĦOSSNI________________________________________

NIXTIEQ LI

______________________________________________

______________________________________________

# Topik 3 Insolvu kunflitt b'mod assertiv

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jidentifikaw modi effettivi ta' kif jistgħu jsolvu kunflitt.

Jagħrfu l-importanza tal-komunikazzjoni mhux verbali biex isolvu kunflitt b'mod effettiv.

Isolvu kunflitt b'mod assertiv u mhux vjolenti.

## Attività 1: Il-kunflitt u jien

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw modi effettivi ta' kif jistgħu jsolvu kunflitt.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Insib modi effettivi ta' kif nista' nsolvi kunflitt.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Rwoli' (kull rwol maqtugħ għalih) jew karti bil-kliem miktubin għal verżjoni differenti tal-attività kif hemm deskritt fin-'nota' taħt l-attività, kaxxa għall-karti bir-rwoli, pakkett kbir bil-ħelu, folja t'attività 'Il-kunflitt u jien'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Poġġi r-rwoli fil-kaxxa. Qassam il-klassi f'pari jew gruppi ta' tlieta, skont in-numru tal-istudenti. Staqsi lill-istudenti jieħdu rwol mill-kaxxa, u għidilhom ma juru lil ħadd dak li hemm miktub fuq il-karta.

3. Issa staqsi lill-istudenti biex jidentifikaw mar-rwol tagħhom. Fir-rwol il-ġdid tagħhom, iridu jitkellmu mal-istudent/i fil-grupp tagħhom fuq xi soluzzjonijiet għal din is-sitwazzjon: *Ċika l-qanfuda sellfet lil Żigu l-iswkiril CD bil-mużika tal-grupp favorit tagħha. Meta Żigu taha s-CD*

*lura, xi annimali oħrajn raw dan is-CD u għaddew iż-żmien b'Ċika għax tħobb tisma' lil dak il-grupp; bdew ikantaw id-diski tagħhom apposta, ħadulha s-CD u bdew iwaddbuha bejniethom sakemm inkisret.*

4. L-istudenti għandhom għaxar minuti biex jiddiskutu soluzzjonijiet għal din il-problema. Fakkarhom li kulħadd għandu jiddiskuti mir-rwol li ngħata.

5. Xħin jgħaddi l-ħin, staqsihom kif ħassewhom f'dan ir-rwol. Setgħu "jilbsu ż-żarbun ta' xi ħadd ieħor"? X'sabu faċli u x'sabu diffiċli?

6. Kull grupp jippreżenta s-soluzzjoni tiegħu. L-istudenti l-oħra jxejru jdejhom jekk togħġobhom is-soluzzjoni i.e. jekk tkun waħda aċċettabbli u ma twassalx għal iktar kunflitt. Għidilhom biex ma jikkummentawx u ma jirreaġixxux jekk is-soluzzjoni tkun inaċċettabbli.

7. Kif kull grupp jippreżenta s-soluzzjonijiet tiegħu, iddiskuti mal-istudenti dawk is-soluzzjonijiet li għoġbuhom l-iktar u għalfejn. Fakkarhom li meta jseħħ kunflitt, dejjem huwa importanti li jħarsu lejn is-sitwazzjoni minn perspettivi differenti u li opinjonijiet differenti għandhom jiġu kkunsidrati qabel ma naslu għal konklużjoni.

8. Fl-aħħar qassam xi ftit ħelu lit-tfal talli pparteċipaw.

***Nota:*** Alternattiva oħra għal din l-attività hija l-logħba "Kompli s-sentenza...". Qabel l-attività pprepara karti bi kliem differenti relatat ma' kunflitt, eż: paċi, ġlieda, ħbiberija, kooperazzjoni, eċċ. Kull student jieħu karta li għandha kelma miktuba fuqha. Għid lill-istudenti biex ma jurux lil ħaddieħor x'hemm miktub fuq il-karta. Meta kulħadd ikollu karta, jifformaw ċirku. L-ewwel student jgħid: "Meta nisma' l-kelma... (l-istudent jaqra l-kelma li hemm fuq il-karta), naħseb dwar...", u l-istudenti l-oħra, wieħed wieħed, jgħidu dak li jgħaddi minn moħħhom meta jisimgħu l-kelma. Il-logħba tkompli sakemm kulħadd ikollu ċans jgħid il-kelma tiegħu.



## *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri tagħhom, l-istudenti jaħsbu f'sitwazzjoni ta' kunflitt u jissuġġerixxu soluzzjoni għaliha. Ipenġu din is-sitwazzjoni f'sitt stampi fuq il- folja t'attività. Il folja t'attività tista' titpoġġa fil-portafol tal-istudenti.

# RWOLI

**Rwoli li tista' tuża:**

Jiena jisimni Ina u l-ħin kollu ninterrompi meta xi ħadd ikun qed jitkellem.

________________________________

Jisimni Marina u nistħi ħafna.

________________________________

Jisimni Abdul u għandi problema biex nitkellem.

________________________________

Jisimni Fatima u ma nitkellimx sew bl-Ingliż.

________________________________

Jisimni Imbo u għadni kemm wasalt hawnhekk mill-Afrika. Nagħmel ħafna żbalji meta nitkellem bl-Ingliż.

________________________________

Jisimni Anna u nemmen li jien l-iktar waħda intelliġenti u li kulħadd għandu jisma' l-ideat tiegħi.

________________________________

Jisimni Alessio u ma nismax sew.

________________________________

Jisimni Mariam u ma nkunx nista' nieħu nifs sew waqt li qed nitkellem.

________________________________

Jisimni Jake u naf nirreċta.

________________________________

Jisimni Danika u ninkwieta li jekk ngħid xi ħaġa, sħabi se jidħqu bija.

________________________________

Jisimni ……………

# IL-KUNFLITT U JIEN

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jagħmlu storja f'sitt stampi. L-istorja hi dwar kunflitt li ġie solvut b'mod fejn kull min kien involut kien kuntent bis-soluzzjoni.*

# Attività 2: Għand id-dolċier

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu l-importanza tal-komunikazzjoni mhux verbali biex isolvu kunflitt b'mod effettiv.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħraf li, meta nipprova nsolvi kunflitt, huwa importanti li nagħti kas l-imġiba mhux verbali.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Għand id-dolċier', folja t'attività 'Kif nistgħu nsolvu kunflitt'.

Ir-rwoli jridu jiġu pprattikati minn qabel.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Staqsi lill-istudenti min minnhom jixtieq jieħu sehem f'*role play* fejn se jkunu qegħdin jirreċtaw sitwazzjonijiet differenti mill-folja t'attività 'Għand id-dolċier' (student ikun id-dolċier filwaqt li tliet studenti oħra jkunu l-klijent u kull wieħed jirreċta sitwazzjoni differenti). Ir-*role play* tkun ipprattikata minn jumejn jew tlett ijiem qabel sabiex kulħadd ikun jaf eżattament x'għandu jagħmel.

3. Qabel ma l-istudenti jaraw ir-*role play* tat-tliet sitwazzjonijiet, staqsihom biex joqogħdu attenti għall-imġiba (kemm verbali u anke mhux verbali) ta' kull klijent. Wara r-*role play* igħidu kif kienet l-imġiba ta' kull klijent. Jistgħu anke jirreċtaw l-imġiba li raw.

4. Staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- Kif taħsbu li tista' tkompli jew tiġi solvuta kull sitwazzjoni?
- Kif seta' rreaġixxa d-dolċier mal-klijenti? Għalfejn?

- Apparti mill-kliem, x'inhuma l-modi li bihom nistgħu nikkomunikaw mal-oħrajn? X'tip ta' komunikazzjoni tgħinna nsolvu l-kunflitti b'mod iktar effettiv?



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri fuq il-modi li bihom jistgħu jsolvu kunflitt (eż: meta xi ħadd jistaqsihom biex jikkopja l-*homework*). It-tfal jiddiskutu jekk is-soluzzjonijiet humiex passivi, aggressivi jew assertivi. Qassam il-folji t'attività. 'Għand id-dolċier' u 'Kif nistgħu nsolvu kunflitt' biex il-ġenituri jkollhom eżempji ta' modi passivi, aggressivi u assertivi ta' kif isolvu kunflitt.

# GĦAND ID-DOLĊIER




**Sitwazzjonijiet:**

Tifel (jew tifla) jidħol ġo ħanut tal-pasti u jixtri żewġ pasti. Id-dolċier bi żball ipoġġi biss pasta waħda fil-kaxxa u jagħlaqha, imma jżomm ta' tnejn. It-tifel ma kienx qed jagħti kas u ma ndunax li d-dolċier tefa' biss pasta waħda. It-tifel ma setax jistenna u xħin ħareġ mill-ħanut fetaħ il-kaxxa imma sab biss pasta waħda. Jerġa' jidħol fil-ħanut biex ikellem lid-dolċier.

<u>Tliet sitwazzjonijiet differenti:</u> kull student irid jirreċta r-rwol tiegħu waqt li jenfasizza l-imġiba mhux verbali.

<u>L-EWWEL SITWAZZJONI:</u> Komunikazzjoni passiva – l-istudent jagħmel il-parti ta' xi ħadd li mhux ċert minnu nnifsu, jħares lejn l-art, jevita li jħares f'għajnen id-dolċier, u jitkellem b'vuċi baxxa ħafna.

<u>IT-TIENI SITWAZZJONI</u>: Komunikazzjoni aggressiva – l-istudent ikun storbjuż, jgħajjat, iħares bl-ikrah lejn id-dolċier, jhedded, ixejjer idejh, jersaq viċin id-dolċier u jgħajjat miegħu.

<u>IT-TIELET SITWAZZJONI:</u> Komunikazzjoni assertiva – l-istudent jidher rilassat, b'wiċċu 'l fuq, jitbissem, iħares lejn għajnejn id-dolċier, jitkellem fuq dak li ġara b'mod ċar u kunfidenti.

# KIF NISTGĦU NSOLVU KUNFLITT

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq il-modi li bihom nistgħu nsolvu kunflitt (eż: meta xi ħadd jistaqsihom biex jikkopja l-homework). Staqsu lit-tfal jiddeskrivu eżempju ta' kif nistgħu nsolvu kunflitt b'mod passiv, aggressiv u assertiv.*

***Eżempju ta' kif nistgħu nsolvu kunflitt b'mod passiv***

***Eżempju ta' kif nistgħu nsolvu kunflitt b'mod aggressiv***

***Eżempju ta' kif nistgħu nsolvu kunflitt b'mod assertiv***

# Attività 3: Vapur li se jegħreq

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Isolvu kunflitt b'mod mhux vjolenti u assertiv.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Naqbeż għad-drittijiet tiegħi filwaqt li nirrispetta l-bżonnijiet ta' ħaddieħor.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Karta u lapes għal kull student, folja t'attività 'Strateġiji li jgħinu'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi f'pari jew gruppi żgħar. Għid lill-istudenti biex jimmaġinaw li qegħdin fuq vapur li daqt se jegħreq. Għandhom dgħajsa tas-salvataġġ imma jistgħu jieħdu biss għaxar affarijiet kull wieħed. Staqsihom jiktbu lista ta' għaxar affarijiet li jixtiequ jieħdu magħhom fuq id-dgħajsa.

3. L-istudenti jaħdmu flimkien mat-tfal l-oħra fil-grupp tagħhom biex jagħmlu lista komuni. Iridu jagħżlu xi affarijiet li huma komuni għal kulħadd u anke xi affarijiet li mhumiex komuni. Kull grupp għandu jkollu b'kollox għaxar affarijiet fil-lista.

4. Meta jlestu, jerġgħu jingħaqdu fil-grupp il-kbir. Bl-istess mod jerġgħu jaħdmu flimkien biex jagħmlu lista ta' għaxar affarijiet komuni li se jieħdu magħhom.

5. Iddiskuti mat-tfal kif għażlu l-affarijiet, kif ħassewhom u kif spjegaw lill-oħrajn li jixtiequ jieħdu l-affarijiet li huma importanti għalihom. Staqsihom jekk humiex sodisfatti bil-lista finali, kif ħadmu flimkien, eċċ. Fakkarhom li hu importanti li jaqbżu għad-drittijiet tagħhom u għal dak li hu importanti għalihom waqt li jirrispettaw ukoll il-bżonnijiet ta' ħaddieħor.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jilagħbu l-istess logħba mal-ġenituri tagħhom. Wara, kemm il-ġenituri kif ukoll it-tfal jiddeskrivu x'għenhom biex isibu kompromess u dak li tellifhom. Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jiktbu dawk l-istrateġiji li għenuhom.

## STRATEĠIJI LI JGĦINU

*Lill-ġenituri: Intom u t-tfal agħmlu lista separata ta' għaxar affarijiet li se tieħdu magħkom minn vapur li qed jegħreq għal ġo dgħajsa tas-salvataġġ. Wara li tkunu għamiltu l-listi tagħkom, tridu tieħdu b'kollox għaxar affarijiet mil-listi u tagħmlu lista waħda bejnietkom b'affarijiet komuni. Iddiskutu x'għenkom biex tilħqu kompromess u x'tellef. Imbagħad għinu lit-tfal jiktbu l-istrateġiji li għenukom hawn taħt:*

Dak li għinna nilħqu kompromess:

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**_Checklist_ għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a: ____________________<br>Data: ____________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3:Ikkonsolidata |

**Istruzzjonijiet:** Imla ċ-*Checklist* għal kull student fi tmiem ***Tema 1 Insaħħu l-Ħiliet tal-Komunikazzjoni***

| | |
|---|---|
| **1. INSAĦĦU L-ĦILIET TAL-KOMUNIKAZZJONI** | |
| **1.1. KOMUNIKAZZJONI EFFETTIVA** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **1.1.1. Nisimgħu b'mod effettiv** | |
| 1.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi jerġa' jirrakkonta messaġġ u jevita tibdiliet jew żbalji | |
| 1.1.1.I. L-istudent kapaċi jisma' b'mod empatiku | |
| 1.1.1.A. L-istudent kapaċi josserva u jinterpreta l-imġiba mhux verbali meta jisma' lil persuna oħra | |
| **1.1.2. Nifhmu l-emozzjonijiet fil-komunikazzjoni** | |
| 1.1.2.B. L-istudent kapaċi jagħraf li jista' jgħin lill-oħrajn b'modi differenti | |
| 1.1.2.I. L-istudent għandu sensittività għall-bżonnijiet ta' ħaddieħor billi jħeġġiġhom jilħqu l-miri tagħhom | |
| 1.1.2.A. L-istudent kapaċi jirrispondi għall-bżonnijiet ta' persuni li huma vulnerabbli | |
| **1.1.3. Nikkomunikaw l-ideat tagħna; nikkooperaw; ninnegozjaw** | |
| 1.1.3.B. L-istudent kapaċi jsib soluzzjonijiet fejn kull min hu involut jibbenefika | |
| 1.1.3.I. L-istudent kapaċi jinnegozja soluzzjonijiet li ma jagħmlux ħsara lil min hu involut | |
| 1.1.3.A. L-istudent kapaċi jaqsam ideat u jinnegozja l-aħjar soluzzjoni b'mod kooperattiv | |
| **1.2. L-ASSERTIVITÀ** | |
| **1.2.1. Nesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħna** | |
| 1.2.1.B. L-istudent kapaċi jidentifika x-xewqat tiegħu u kif se jwettaqhom | |
| 1.2.1.I. L-istudent kapaċi jagħraf id-differenza bejn l-affarijiet li persuna tixtieq u dawk li għandha bżonn | |
| 1.2.1.A. L-istudent kapaċi jieħu l-passi meħtieġa biex jissodisfa l-bżonnijiet tiegħu | |
| **1.2.2. Naqbżu għad-drittijiet tagħna** | |
| 1.2.2.B. L-istudent kapaċi jaqbeż għad-drittijiet tiegħu billi jgħid 'le' | |
| 1.2.2.I. L-istudent kapaċi jagħraf id-differenza bejn li jaqbeż għad-drittijiet tiegħu b'mod xieraq u b'mod mhux xieraq | |

[1] B = Livell bażiku, I = Livell intermedju, A = Livell avvanzat

| | |
|---|---|
| | |
| 1.2.2.A. L-istudent kapaċi juri mġiba assertiva | |
| **1.2.3. Insolvu kunflitt b'mod assertiv** | |
| 1.2.3.B. L-istudent kapaċi jidentifika modi effettivi ta' kif jista' jsolvi kunflitt | |
| 1.2.3.I. L-istudent kapaċi jagħraf l-importanza tal-komunikazzjoni mhux verbali biex jsolvi kunflitt b'mod effettiv | |
| 1.2.3.A. L-istudent kapaċi jsolvi kunflitt b'mod assertiv u mhux vjolenti | |
| **Il-kapaċitajiet tal-istudent/a:**<br><br><br>**Il-ħtiġijiet tal-istudent/a:**<br><br><br>**Għanijiet għal titjib:** | |

# *Checklist* għall-Assessjar tal-Persuna Fuqha Nnifisha

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a: ____________________________ | ☹ Le |
| | 😐 Xi kultant |
| Data: ________________________________________ | ☺ Iva |

| **INSAĦĦU L-ĦILIET TAL-KOMUNIKAZZJONI- KOMUNIKAZZJONI EFFETTIVA** | | |
|---|---|---|
| **Nisimgħu b'mod effettiv** | | |
| **Jekk jogħġbok immarka l-wiċċ li jiddeskrivik bl-aħjar mod.** | **Nista' nagħmilha** | **Inħobb nagħmilha** |
| Jien kapaċi nwassal messaġġ li nkun irċevejt mingħajr ma nagħmel tibdil jew żbalji | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nifhem eżattament dak li l-kelliem qed jipprova jgħid | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi ninnota u nifhem is-sinjali tal-komunikazzjoni mhux verbali | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nifhmu l-emozzjonijiet fil-komunikazzjoni** | | |
| Jien kapaċi nagħraf li nista' ngħin lill-oħrajn b'modi differenti | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nħeġġeġ lil xi ħadd biex jilħaq il-miri tiegħu | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nirrispondi għall-bżonnijiet ta' nies li qegħdin f'diffikultà | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nikkomunikaw l-ideat tagħna; nikkooperaw; ninnegozjaw** | | |
| Jien kapaċi nsib soluzzjoni fejn kull min hu involut ikun kuntent biha | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nsib soluzzjoni għal problemi mingħajr ma nweġġa' lil min hu involut | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nsib l-aħjar soluzzjoni b'mod kollaborattiv | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **INSAĦĦU L-ĦILIET TAL-KOMUNIKAZZJONI – L-ASSERTIVITÀ** | | |
| **Nesprimu l-emozzjonijiet u l-bżonnijiet tagħna** | | |
| Jien kapaċi nidentifika x-xewqat tiegħi u kif inwettaqhom | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf id-differenza bejn dak li nixtieq u dak li għandi bżonn | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nieħu l-passi neċessarji biex nissodisfa l-bżonnijiet tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Naqbżu għad-drittijiet tagħna** | | |
| Jien kapaċi ngħid 'le' sabiex niddefendi lili nnifsi u d-drittijiet tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jien kapaċi nagħraf l-importanza li naqbeż għad-drittijiet tiegħi mingħajr ma nagħmel ħsara lil ħaddieħor | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi nġib ruħi b'mod assertiv | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| **Insolvu kunflitt b'mod assertiv** | | | | | | |
| Jien kapaċi nidentifika modi effettivi ta' kif nista' nsolvi kunflitt | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf li, meta nipprova nsolvi kunflitt, irrid nagħti kas ukoll tal-imġiba mhux verbali | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi naqbeż għad-drittijiet tiegħi filwaqt li nirrispetta l-bżonnijiet ta' ħaddieħor | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |

**Ħadt gost nitgħallem dwar…**

**Nixtieq nitjieb…**

# TEMA 2 Nibnu u Nżommu Relazzjonijiet b'Saħħithom

## Sottotema 1 Relazzjonijiet b'saħħithom

TOPIK 1

Nagħmlu u nżommu l-ħbieb

TOPIK 2

Imġiba prosoċjali

TOPIK 3

Nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet u l-klima fl-iskola

## Sottotema 2 Il-kooperazzjoni, l-empatija, u l-ħsieb morali

TOPIK 1

Naqsmu dak li għandna mal-oħrajn, nikkooperaw, u naħdmu bħala tim

TOPIK 2

L-empatija

TOPIK 3

Imġiba etika, responsabbli u morali

# SOTTOTEMA 1
# Relazzjonijiet b'saħħithom

**L-attivitajiet ta' din is-sottotema ġew iddisinjati biex jgħinu lit-tfal fl-iżvilupp ta' ħiliet prosoċjali sabiex joħolqu netwerk b'saħħtu ta' relazzjonijiet pożittivi. Huma jiffokaw fuq oqsma prinċipali bħal: nagħmlu u nsostnu ħbiberiji, infittxu u nipprovdu appoġġ, nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet, u klima tal-iskola inklusiva u ta' appoġġ. Ir-relazzjonijiet huma għajn importanti ħafna għall-wellbeing u s-saħħa tat-tfal billi jnaqqsu l-effetti tal-istress u jgħinuna negħlbu d-diffikultajiet. Tfal li huma kapaċi jibnu u jsostnu relazzjonijiet pożittivi jiżviluppaw ħiliet soċjali, jiksbu għarfien aħjar tagħhom innfushom u tal-oħrjan , u jfittxu u jużaw iktar appoġġ emozzjonali fi żminijiet ta' stress (Doll et al., 2004). Meta jkollhom dan l-appoġġ emozzjonali, it-tfal ikunu mħarsa mill-impatt negattiv ta' sitwazzjonijiet negattivi. Permezz ta' kommunikazzjoni pożittiva u appoġġ, it-tfal iħossuhom li huma maħbubin, imħarsa, li għandhom valur, u li huma parti minn komunità li tifhimhom u tagħtihom appoġġ.**

**L-ewwel topik jgħin lill-istudenti jirriflettu fuq il-valur tal-ħbiberija u jagħtihom l-opportunità jiżviluppaw u jikkonsolidaw strateġiji biex jibnu, isostnu u jipproteġu relazzjonijiet pożittivi mal-ħbieb u jegħlbu b'suċċess diffikultajiet li jpoġġu l-ħbiberija f'riskju. It-tieni topik jibni fuq l-iżvilupp ta' ħiliet fit-tfal biex ifittxu u jipprovdu appoġġ lil min ikun għaddej minn diffikultà. Fit-tielet topik, l-istudenti jitgħallmu japprezzaw, jafdaw u jħarsu lill-oħrajn f'relazzjoni reċiproka ta' appoġġ. Permezz ta' attivitajiet, tfal ikbar se jiżviluppaw il-kapaċità li japprezzaw u jirrispettaw id-differenzi individwali u kulturali. L-aħħar sezzjoni tat-tielet topik tiffkoka fuq il-kwalità tal-klima tal-iskola u tinkludi attivitajiet fuq il-ħolqien ta' klima tal-klassi mibnija fuq sens ta' fiduċja u għaqda.**

[1] Ir-referenzi kollha jinstabu fil-Gwida għall-Għalliema

---

**TOPIK 1** **NAGĦMLU U NŻOMMU L-ĦBIEB**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAFDAW IKTAR LIL XULXIN
- JAGĦRFU L-IMPORTANZA TAL-FIDUĊJA FIL-ĦBIBERIJA
- JIDENTIFIKAW MODI TA' KIF JIRRISPONDU GĦAT-TRADIMENT U JAĦFRU LILL-OĦRAJN

## TOPIK 2 MĠIBA PROSOĊJALI

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDDESKRIVU KIF JISTGĦU JGĦINU LIL XI ĦADD F'DIFFIKULTÀ
- JIDENTIFIKAW STRATEĠIJI BIEX JGĦINU LIL MIN HU DDISKRIMINAT
- JIDENTIFIKAW MODI KIF JGĦINU LILL-ĦBIEB

## TOPIK 3 NIEĦDU ĦSIEB IR-RELAZZJONIJIET U L-KLIMA FL-ISKOLA

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDENTIFIKAW MODI KIF JISTGĦU JAĦSBU FL-OĦRAJN
- JIDENTIFIKAW IL-KWALITAJIET POŻITTIVI TAL-KLIMA TAL-KLASSI
- JURU LI JIEĦDU ĦSIEB SĦABHOM TAL-KLASSI

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Il-kunflitt u n-nuqqas ta' ftehim huma parti inevitabbli tal-ħajja soċjali tat-tfal. Agħti t-tfal l-opportunità biex iħarsu u jsostnu l-ħbiberiji li għandhom. Jekk tinnota lil xi ħadd f'xi argument, agħtihom ċans jirranġaw is-sitwazzjoni. Organizza xi logħob fejn l-istudenti jistgħu jikkooperaw flimkien għal għan komuni.

2. Ikkrea klima ta' għożża u rispett fil-klassi billi taċċetta l-emozzjonijiet tat-tfal u turi emozzjonijiet pożittivi u ta' mħabba.

3. Waqt il-lezzjonijiet tal-arti, l-istudenti jistgħu jiddisinjaw ċertifikati biex jiċċelebraw xi għajnuna li osservaw li ngħatat ġewwa jew barra mill-klassi.

4. Ħeġġeġ l-istudenti biex japprezzaw lil ħaddieħor u jqisu li kulħadd għandu valur, u juru dan ma' sħabhom tal-klassi. Jistgħu, per eżempju, iċemplu lil xi ħadd jekk ikun ma jiflaħx, jagħmlu 'get well soon' card, jiċċelebraw għeluq snin xulxin, eċċ.

5. Kull xahar jistgħu jiġu organizzati laqgħat fejn tfal minn klassijiet ta' etajiet differenti jadmu flimkien fuq xi attivitajiet ta' mentoring. Student ikbar (mentor) jista' jingħaqad ma' student iżgħar (mentee) biex jiggwidah u jagħtih appoġġ. Dawn l-attivitajiet jgħinu wkoll fl-iżvilupp tal-ħiliet soċjali u emozzjonali fit-tfal.

## Topik 1 Nagħmlu u nżommu l-ħbieb

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jafdaw iktar lil xulxin.

Jagħrfu l-importanza tal-fiduċja fil-ħbiberija.

Jidentifikaw modi ta' kif jirrispondu għat-tradiment u jaħfru lill-oħrajn.

# Attività 1: Logħba biex nafdak

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jafdaw iktar lil xulxin.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nafda lill-ħbieb u lill-sħabi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

*Blindfold*, folja t'attività 'Nies li nista' nafda'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Introduċu t-topik bil-logħba li ġejja:

Ipprepara l-klassi billi tagħmel passaġġ b'xi ostakli. Tista' tuża l-affarijiet li hemm fil-klassi bħal kotba u siġġijiet. Kun ċert li l-ostakli ma jkunux ta' periklu għat-tfal.

Imbagħad aqsam il-klassi f'pari, u staqsi lill-istudenti biex jaqbdu jdejn xulxin. Agħtti għajnejn student mill-par, l-istudent l-ieħor ikun il-gwida. L-istudenti jridu jimxu l-passaġġ kollu bil-mod id f'id u jevitaw jew jaqbżu  l-ostakli. Il-gwida jgħin lill-istudent l-ieħor billi jtih istruzzjonijiet

ta' x'għandu jagħmel u minn fejn jgħaddi. L-istudenti jilagħbu l-logħba darbtejn, darba bħala gwidi, u darb'oħra b'għajnejhom mgħottija.

3. Fl-aħħar, ibda diskussjoni u staqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb mil-logħba?
- Kif ħassejtek meta kont il-gwida?
- Kif ħassejtek meta ma stajtx tara?
- Liema rwol tippreferi? Għalfejn?

4. Iġbor l-ideat kollha fuq *poster* u ffoka fuq l-emozzjonijiet marbuta maż-żewġ rwoli, u jekk humiex l-istess jew differenti.

5. Fl-aħħar tal-attività l-istudenti jistgħu jagħmlu tpenġija tal-logħba.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri tagħhom kif jistgħu jsibu nies li jistgħu jafdaw u jagħmlu lista ta' karatteristiċi li għandu jkollhom.

## NIES LI NISTA' NAFDA

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal modi ta' kif jistgħu jsibu nies li jistgħu jafdaw. Imbagħad għinu lit-tfal jagħmlu lista tal-karatteristiċi li nies bħal dawn għandu jkollhom.*

**KARATTERISTIĊI TA' NIES LI NISTA' NAFDA:**

# Attività 2: Għalfejn għandi nafdak?

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu l-importanza tal-fiduċja fil-ħbiberija.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nagħraf li biex tkun ħabib tajjeb trid tkun onest.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività Ħabib tajjeb', *biros*, *posters*, *markers*, folja t'attività 'Nafdah/a'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar u qassam il-folja t'attività 'Ħabib tajjeb' u staqsi lill-istudenti jiddiskutu dawn il-mistoqsijiet:

- X'inhu ħabib tajjeb?
- X'jagħmel ħabib tajjeb?
- X'jgħid ħabib tajjeb?
- X'ma jagħmilx ħabib tajjeb?

Kull grupp jikteb l-ideat tiegħu fuq il-mistoqsijiet fuq il-folja t'attività

3. Ibda diskussjoni billi titkellem fuq il-kwalitajiet u l-imġiba li għandu juri ħabib. Imbagħad kompli tkellem fuq l-importanza tal-fiduċja u tal-onestà bejn il-ħbieb billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Għalfejn hu importanti li tkun onest u leali lejn il-ħbieb tiegħek?
- Kif nuru li nafdaw lill-ħbieb tagħna?
- Il-ħbieb tiegħek kif juruk li jafdawk?
- X'iżommna milli nibnu fiduċja fil-ħbiberiji tagħna?

- X'jgħinek tafda lil ħaddieħor? X'jgħin lil ħaddieħor jafdak?
- X'tista' tagħmel biex tgħin biex tinbena l-fiduċja?

4. Fi gruppi, l-istudenti jistgħu jiġbru fil-qosor il-punti ewlenin tal-lezzjoni permezz ta' tpenġijiet jew ħsibijiet u jispjegaw għalfejn il-fiduċja hi importanti.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri tagħhom fuq l-esperjenzi li kellhom huma f'ħajjithom fejn sabu nies li setgħu jafdaw.

# ĦABIB TAJJEB

RIZORSI

| X'INHU? | X'JAGĦMEL? |
|---|---|
| X'JGĦID? | X'MA JAGĦMILX? |

ĦABIB TAJJEB

## NAFDAH/A

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal esperjenzi li kellkom f'ħajjitkom fejn sibtu u ltqajtu ma' nies li stajtu tafdaw. Għinu lit-tfal jagħmlu lista ta' kwalitajiet ta' nies bħal dawn.*

______________________________________________________________

**Kwalitajiet f'nies li nista' nafda...**

# Attività 3: Nibnu pont wara tradiment

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw modi ta' kif jirrispondu għat-tradiment u jaħfru lill-oħrajn.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nidentifika modi ta' kif nirrispondu għat-tradiment u naħfer lill-oħrajn.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

*Posters*, *biros* jew *markers*, folja t'attività 'Meta tiġi ttradut'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Introduċi t-topik billi taqra din l-istorja:

**Martina u Chris kienu ħbieb kbar. Huma ltaqgħu l-ewwel darba fil-kindergarten, u issa saru żgħażagħ imma baqgħu ħbieb.Darba kellhom tellieqa l-iskola. Martina kienet taf li ma tantx kienet tajba biex tiġri u qalet lill-għalliema li kienet ma tiflaħx biex tevita li tieħu sehem fit-tellieqa. Chris, li kien ħafif u tajjeb fil-ġiri, qal lil kulħadd li Martina kienet qed tigdeb għax ma kinitx taf tiġri ħafna. Meta Martina semgħet kliem Chris ħassita ttraduta."Ħsibt li kont ħabib tiegħi imma mort minn wara dahri u għidt affarijiet koroh fuqi! Ma rridx nerġa' narak b'għajnejja!" – għajtet Martina u telqet tiġri. Chris irrealizza li għamel żball kbir u ma kienx jaf x'se jagħmel.**

3. Aqsam il-klassi f'żewġ gruppi: grupp minnhom jirrappreżenta l-perspettiva ta' Martina filwaqt li l-grupp l-ieħor jirrappreżenta l-perspettiva ta' Chris.

Iż-żewġ gruppi jiddiskutu dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:

- X'ġara fl-istorja?

- Għalfejn ġibt ruħi b'dak il-mod?
- Kif ħassejtni?
- Xi stajt nagħmel biex nevita l-ġlieda?

Iż-żewġ gruppi jispjegaw il-ħsibijiet tagħhom.

4. Iġbor l-ideat kollha fuq *poster* imma ħalli ż-żewġ perspettivi separati. Għin lill-istudenti jiffokaw fuq l-emozzjonijiet u l-esperjenza ta' tradiment.

5. Irrifletti mal-istudenti fuq dawn il-mistoqsijiet li ġejjin u ddiskuti magħhom:

- Ġieli ħassejtek tradut?
- X'ġara?
- Kif ħassejtek?
- Kif irrispondejt? Kif irnexxielek tegħleb din l-esperjenza?

Itlob lill-istudenti jirriflettu fuq l-esperjenzi tagħhom u għinhom jiffokaw fuq minn fejn ġew l-emozzjonijiet relatati mat-tradiment u jagħrfu s-sors tat-tradiment li esperjenzaw.

6. Iddiskuti l-maħfra billi tistaqsi l-istudenti:

- Ġieli ħfirt lil xi ħadd wara li ttradiek, anke jekk ma kienx iddispjaċut għal dak li għamel?
- Taħseb li l-maħfra hi importanti? Għalfejn?
- Xi tfisser għalik li taħfer?

7. Ikkonkludi l-attività billi tenfasizza għalfejn hi importanti li nitfejqu b'mod emozzjonali wara tradiment. Il-maħfra hija importanti għax tgħinna negħlbu r-rabja li nistgħu nħossu wara tradiment.



### Attività għad-Dar

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri fuq xi esperjenzi tagħhom ta' tradiment. Il-ġenituri jikkonċentraw fuq l-emozzjonijiet li ħassew u l-istrateġiji li użaw f'dawn is-sitwazzjonijiet.

# META TIĠI TTRADUT

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal esperjenzi u emozzjonijiet ta' tradiment. Ħeġġu lit-tfal isaqsukom fuq l-emozzjonijiet tagħkom u fuq l-istrateġiji li użajtu biex tiffaċċjaw it-tradiment. Imbagħad għinu lit-tfal iniżżlu xi strateġiji li jistgħu jużaw meta jħossuhom ttraduti.*

**Strateġiji li jistgħu jgħinuni meta nħossni ttradut:**

# Topik 2 Mġiba prosoċjali

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jiddeskrivu kif jistgħu jgħinu lil xi ħadd f'diffikultà.

Jidentifikaw strateġiji biex jgħinu lil min hu ddiskriminat.

Jidentifikaw modi kif jistgħu jgħinu lill-ħbieb.

## Attività 1: Ngħin lil xi ħadd f'diffikultà

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiddeskrivu kif jistgħu jgħinu lil xi ħadd f'diffikultà.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Niddeskrivi kif nista' ngħin lil xi ħadd f'diffikulta.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Għinni! Kif tista' tkun ta' għajnuna?', *biros*, folja t'attività 'Ngħinu d-dar'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Introduċi l-folja t'attività 'Għinni! Kif tista' tkun ta' għajnuna?'

3. Fi gruppi, l-istudenti jiddiskutu l-istampi ta' fuq l- folja t'attività, u jiktbu xi suġġerimenti ta' kif jistgħu jgħinu il-karattri ta' kull stampa.

4. Fl-aħħar, fil-grupp il-kbir, iddiskuti l-istrateġiji li l-istudenti ħarġu bihom u r-raġunijiet warajhom.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jgħinu lill-ġenituri f'xi xogħol id-dar. Imbagħad jiktbu x'għamlu u kif ħassewhom fuq il-folja t'attività. Fl-aħħar tal-ġimgħa l-istudenti jiddiskutu dak li kitbu mal-ġenituri tagħhom.

# GĦINNI! KIF TISTA' TKUN TA' GĦAJNUNA?

RIZORSI

| | |
|---|---|
|  | |
|  | |
|  | |
|  | |
|  | |

## NGĦINU D-DAR

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal jgħinukom f'xi xogħol id-dar, u jniżżlu x'għamlu u kif qed iħossuhom hawn isfel. Fl-aħħar tal-ġimgħa, iddiskutu dak li għamlu u b'liema mod kienu ta' għajnuna.*

# Attività 2: Kif nista' nkun ta' għajnuna?

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw strateġiji biex jgħinu lil min hu ddiskriminat.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi modi kif jien nista' ngħin lil min hu ddiskriminat.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

*Cards* bl-istejjer (ara l- folja t'attività), *biros* u *markers*, karti, *posters*, folja t'attività 'Insolvu l-problemi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar. Kull grupp jagħżel waħda mill-istejjer ta' fuq il- folja t'attività

3. Kull grupp jipprova jsolvi l-problema billi jwieġeb il-mistoqsijiet. L-istudenti jistgħu jippreżentaw ix-xogħol tagħhom permezz ta' *poster*, biċċa kitba jew reċta.

4. Fl-aħħar, iġbor il-punti ewlenin ta' dak li ħarġu bih l-istudenti fuq *poster*.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri tagħhom u jistaqsuhom dwar strateġiji biex isolvu l-problemi ta' waħda mill-istejjer ta' fuq il-folja t'attività. Imbagħad iqabbu r-risposti tal-ġenituri mar-risposti tagħhom. Fl-aħħar, l-istudenti jagħmlu tpenġija tas-suġġerimenti.

## STORJA 1

Sofia hija tifla barranija li għadha kif bdiet tattendi l-iskola tiegħek u qiegħda fl-istess klassi tiegħek. Hi ma toqgħodx f'dar fissa imma toqgħod f'*caravan*, għax il-familja tagħha tivvjaġġa u tiċċaqlaq minn post għal ieħor. Sofia ta' sikwit tbiddel l-ibliet fejn toqgħod u kull darba trid toqgħod tagħmel ħbieb ġodda. Inti tinnota li xi tfal ma jħalluhiex tilgħab magħhom, u xi tfal jgħidu li ma jħobbuhiex għax il-ġilda tagħha ftit iktar skura minn tagħhom u dejjem tidher imdejqa u waħedha. Sofia ma titkellimx il-lingwa tiegħek sew u m'għandhiex ħbieb.

- X'tip ta' għajnuna taħseb li għandha bżonn Sofia?
- X'tista' tagħmel biex tgħinha?

## STORJA 2

Lena hija tifla ġdida fl-iskola tiegħek. Ma tantx tidher dħulija għax tqatta' ħafna ħin tilgħab waħedha fil-bitħa u tilgħab il-logħob li taf hi. Darba taraha riesqa lejk u lejn il-ħbieb tiegħek. Tħares lejk tilgħab *volleyball* mal-ħbieb tiegħek.

- X'tip ta' għajnuna taħseb li għandha bżonn Lena?
- X'tista' tagħmel biex tgħinha?

## INSOLVU L-PROBLEMI

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal kif tistgħu tgħinu biex ssolvu waħda mill-problemi li tkellmu fuqhom it-tfal l-iskola. It-tfal jiktbu jew jagħmlu tpenġija ta' dak li ssuġġerejtu.*

*STORJA 1: Sofia hija tifla Roma li għadha kif bdiet tattendi l-iskola tiegħek u qiegħda fl-istess klassi tiegħek. Hi ma toqgħodx f'dar fissa imma toqgħod f'*caravan*, għax il-familja tagħha sikwit tbiddel l-ibliet fejn toqgħod u kull darba Sofia trid toqgħod tagħmel ħbieb ġodda. Inti tinnota li xi tfal ma jħalluhiex tilgħab magħhom, u xi tfal jgħidu li ma jħobbuhiex għax il-ġilda tagħha ftit iktar skura minn tagħhom. Sofia dejjem tidher imdejqa u waħedha. Sofia ma titkellimx il-lingwa tiegħek sew u milli jidher m'għandhiex ħbieb.*

*STORJA 2: Lena hija tifla ġdida fl-iskola tiegħek. Ma tantx tidher dħulija għax tqatta' ħafna ħin tilgħab waħedha fil-bitħa u tilgħab il-logħob li taf hi. Darba taraha riesqa lejk u lejn il-ħbieb tiegħek. Tħares lejk tilgħab* volleyball *mal-ħbieb tiegħek.*

__________________________________________________________________

# Attività 3: Ħabib tajjeb

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw modi kif jistgħu jgħinu lill-ħbieb.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Insib modi kif nista' ngħin lill-ħbieb.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Karti, *biros*, kaxxa, folja t'attività 'Ngħinu lil xulxin'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. L-istudenti jaħsbu f'sitwazzjoni fejn kienu ta' għajnuna kbira għal xi ħadd ieħor. Jiktbu l-istorja tagħhom b'mod anonimu fuq karta. Fl-aħħar, iġbor l-istejjer kollha u poġġihom f'kaxxa.

3. Kull student jieħu storja mill-kaxxa mingħajr ma jħares lejn dak li jkun se jagħżel, u jaqra l-istorja quddiem il-klassi. L-istudenti jipprovaw jaqtgħu min kien li kiteb l-istorja.

4. Għid lill-istudenti jirriflettu fuq kull storja permezz ta' dawn il-mistoqsijiet:

- X'ġara fl-istorja?
- Kif ħassu l-karattru tal-istorja?
- Kieku x'kont tagħmel minfloku?

5. Fi gruppi, l-istudenti jistgħu jagħmlu *cartoon* tal-istorja li għoġbithom l-aktar.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jaħdmu flimkien mal-ġenituri biex jaraw x'jistgħu jagħmlu biex jgħinu lill-aħwa, lill-qraba jew lill-ħbieb. Jistgħu jniżżlu l-ideat tagħhom fuq il-folja t'attività

## NGĦINU LIL XULXIN

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal dak li jistgħu jagħmlu biex jgħinu lill-aħwa, lill-qraba jew lill-ħbieb. Għidilhom iniżżlu l-ideat hawn taħt.*

**Kif nista' ngħin lill-ħuti/qraba/ħbieb:**

# Topik 3 Nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet u l-klima fl-iskola

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jidentifikaw modi kif jistgħu jaħsbu fl-oħrajn.

Jidentifikaw il-kwalitajiet pożittivi tal-klima tal-klassi.

Juru li jieħdu ħsieb sħabhom tal-klassi.

## Attività 1: Jien nieħu ħsiebek

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw modi kif jistgħu jaħsbu fl-oħrajn.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Niddeskrivi modi kif nista' naħseb fl-oħrajn.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

*Poster*, *markers*, *biros*, karti, folja t'attività 'Nieħu ħsiebek'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Introduċi t-topik billi ssaqsi lill-istudenti:

- Il-ħbieb kif juru lil sħabhom li huma speċjali u li jħobbuhom?
- Inti kif tagħmel dan?
- Ġieli kont inkwetat għal xi ħadd? Għalfejn? X'għamilt?
- X'tista' tagħmel biex dawn in-nies iħossu li inti qed taħseb fihom?

3. Individwalment, kull student jagħmel lista tal-iktar nies importanti f'ħajtu u jirrifletti fuq il-modi kollha li juri li jħobbhom.

4. Fi gruppi, l-istudenti jistgħu jagħmlu *poster* b'lista ta' modi ta' kif nuru li nħobbu u nieħdu ħsieb lill-oħrajn. L-istudenti jaqsmu s-suġġerimenti tagħhom flimkien.



### Attività għad-Dar

Kull student jagħżel persuna waħda mil-lista tal-iktar nies importanti f'ħajtu u jagħmel tpenġija jew jikteb storja fuq sitwazzjoni meta ħaseb u wera li jħobb lil din il-persuna u jispjega x'għamel.

## NIEĦU ĦSIEBEK

*Lill-ġenituri: L-iskola, it-tfal għamlu lista tal-iktar nies importanti f'ħajjithom. Staqsihom jagħżlu persuna waħda mil-lista u jagħmlu tpenġija jew storja fuq darba meta wrew li ħasbu u ħadu ħsieb lil din il-persuna.*

**Persuna importanti f'ħajti**

# Attività 2: Jien u l-klassi tiegħi

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw il-kwalitajiet pożittivi tal-klima tal-klassi.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħmel lista tal-kwalitajiet pożittivi tal-klima tal-klassi tiegħi.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Il-klassi tiegħi', *biros*, karti, *posters*, folja t'attività 'Xi ħadd ħa ħsiebi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Itlobhom jimlew l- folja t'attività 'Il-klassi tiegħi' individwalment. Min irid jista' jaqsam mal-grupp dak li kiteb.

3. Fi gruppi żgħar l-istudenti jidentifikaw u jiktbu fuq biċċa karta l-kwalitajiet marbuta mal-ħajja tagħhom fil-klassi, partikolarment dawk li jgħinuhom biex iħossuhom *safe*, kuntenti, inklużi, u motivati biex jaħdmu.

4. Iġbor l-ideat kollha fuq *poster* u ddiskuti mal-istudenti l-kwalitajiet li jħossu li huma marbuta ma' esperjenzi pożittivi fil-klassi. Iddiskutu kif l-istudenti jistgħu jikkontribwixxu biex ikun hemm din it-tip ta' klima.

## Attività għad-Dar



L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri tagħhom episodju fejn xi ħadd qal jew għamel xi ħaġa biex iħossuhom aħjar (kuntenti, *safe*, inklużi, importanti) fil-klassi. Imbagħad jiktbu storja jew jagħmlu tpenġija fuq dan.

## IL-KLASSI TIEGĦI

IL-KLASSI TIEGĦI HI…

ĦAFNA DRABI NĦOSSNI…

SĦABI TAL-KLASSI JAĦSBU LI L-KLASSI TIEGĦI HI…

L-GĦALLIEM/A JAĦSEB/TAĦSEB LI L-KLASSI TIEGĦI HI…

IL-ĠENITURI JAĦSBU LI L-KLASSI TIEGĦI HI…

## XI ĦADD ĦA ĦSIEBI

RIŻORSI

*Lill-ġenituri: It-tfal jiddiskutu magħkom episodju fejn xi ħadd qal jew għamel xi ħaġa biex iħossuhom aħjar (kuntenti,* safe*, inklużi, importanti) fil-klassi. Imbagħad jiktbu storja jew jagħmlu tpenġija fuq dan.*

# Attività 3: Nafdaw u nieħdu ħsieb lil xulxin

## L-Għan tat-Tagħlim

Juru li jieħdu ħsieb sħabhom tal-klassi.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nuri li nieħu ħsieb lil sħabi tal-klassi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

*Blindfold*, mużika, *poster*, *biros*, folja t'attività 'Nuru li nieħdu ħsieb lil xulxin'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Staqsi lill-istudenti biex ipoġġu bilqiegħda f'forma ta' ċirku. Student wieħed ipoġġi fin-nofs taċ-ċirku. Għattilu għajnejh, u agħmel il-mużika biex tgħin lill-istudenti jikkonċentraw. L-istudenti l-oħra jridu, wieħed wieħed, juru li jieħdu ħsieb lill-istudent billi jagħmlu ġest ta' affezzjoni li tinkludi li jmissu lill-istudenti b'mod ġentili (per eżempju fuq wiċċu, fuq dahru, jew fuq idejh). Il-ġest irid ikun ġentili u ma jistax iweġġa' jew jdejjaq b'xi mod lill-istudent.

3. Aqsam il-klassi fi gruppi iżgħar u għidilhom jirrepetu l-eżerċizzju, sakemm kull student ikollu opportunità jirċievi il-ġesti ta' affezzjoni. L-istudenti li jħossuhom skomdi jistgħu jiddeċiedu biex ma jieħdux sehem. Huwa importanti li tosserva mill-qrib x'ikun qed jiġri f'din l-attività.

3. Fl-aħħar tal-logħba, uża dawn il-mistoqsijiet biex tibda diskussjoni:

- Għoġbitek il-logħba? X'għoġobkom l-aktar?
- Kif ħassejtek meta kont fin-nofs taċ-ċirku?
- Kif ħassejtek meta bdejt tagħmel ġesti biex turi li qed tieħu ħsieb lil sħabek?
- Kienet faċli jew diffiċli? Għalfejn?

4. Ikkonkludi l-attività billi tiġbor l-ideat kollha fuq *poster*.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jirrepetu l-attività ma' ħuthom jew mal-ġenituri u flimkien mal-ġenituri jiktbu dawk l-affarijiet kollha li jagħmlu d-dar biex juru li jħobbu u jieħdu ħsieb lill-oħrajn.

## NURU LI NIEĦDU ĦSIEB LIL XULXIN

RIZORSI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jiktbu dwar l-affarijiet li jagħmlu biex juru li jħobbu u jieħdu ħsieb in-nies tad-dar. Jistgħu anke jagħmlu tpenġija ta' dan.*

**Kif nuri l-affezzjoni u l-imħabba tiegħi lejn il-membri tal-familja:**

# SOTTOTEMA 2
# Il-kooperazzjoni, l-empatija, u l-ħsieb morali

**Din is-sottotema tikkonsisti fi tliet topiks ta' attivitajiet biex isaħħu l-kooperazzjoni, l-empatija u l-ħsieb morali. L-ewwel topik ta' attivitajiet jipprovdi materjal biex ikunu żviluppati kapaċitajiet bħal li wieħed jistenna t-turn tiegħu, li naqsmu dak li jkollna mal-oħrajn, il-koperazzjoni u team building. Il-kollaborazzjoni bejn it-tfal taffettwa l-iżvilupp soċjali u emozzjonali tagħhom u twassal għal attitudni pożittiva lejn l-oħrajn, iżjed rispett u kooperazzjoni, u self-esteem iktar pożittiv. L-attivitajiet huma ddisinjati b'tali mod li l-istudenti jkunu jistgħu jaħdmu flimkien b'mod kollaborattiv, jiddiskutu l-aħjar mod li jagħmlu biċċa xogħol, u jaċċertaw li kulħadd jipparteċipa b'mod attiv.**

**It-tieni topik joffri attivitajiet biex jgħinu lit-tfal jitgħallmu jagħrfu u japprezzaw il-motivi, l-imġiba, ix-xewqat u l-emozzjonijiet tal-oħrajn. L-empatija hija bażi essenzjali li permezz tagħha nibnu relazzjonijiet tajbin mal-oħrajn. L-empatija hija meħtieġa għall-imġiba soċjali u prosoċjali u tinfluwenza wkoll biex l-individwu jiġi aċċettat mill-oħrajn. It-tielet topik ta' attivitajiet għandu l-għan li jgħin lill-istudenti jirriflettu b'mod kritiku, jiddiskutu u jelaboraw soluzzjonijiet għal sitwazzjonijiet morali u etiċi (Gasser & Malti, 2012). L-istudenti jitgħallmu kif jifhmu l-perspettiva ta' xi ħadd ieħor permezz tal-kommunikazzjoni soċjali mal-oħrajn u billi jirrifilettu b'mod kritiku fuq l-argumenti morali u etiċi tagħhom infushom. Biex jipprattikaw imġiba etika u responsabbli, it-tfal għandhom bżonn iħarsu lil hinn minnhom infushom, u jiżviluppaw onestà intellettwali u emozzjonali, u rieda biex jidentifikaw u jikkonfrontaw il-vulnerabbiltajiet tagħhom biex jagħmlu t-tibdiliet meħtieġa fil-ħajja personali tagħhom (Staub & Vollhardt, 2008).**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NAQSMU DAK LI GĦANDNA MAL-OĦRAJN, NIKKOOPERAW, U NAĦDMU BĦALA TIM**<br><br>• JIEĦDU DEĊIŻJONIJIET FLIMKIEN BIS-SEHEM TA' KULĦADD<br>• JAĦDMU B'MOD KOLLABORATTIV GĦAL SKOP KOMUNI BILLI JQASSMU X-XOGĦOL U R-RWOLI DIFFERENTI<br>• JĦEĠĠU U JGĦINU LIL XULXIN WAQT IL-LOGĦOB |
| **TOPIK 2**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **L-EMPATIJA**<br><br>• JAGĦRFU L-BŻONNIJIET EMOZZJONALI TA' ĦADDIEĦOR<br>• JAGĦRFU LI L-EMPATIJA HIJA KWALITÀ IMPORTANTI FIL-ĦBIBERIJA<br>• JIDENTIFIKAW MODI KIF JEMPATIZZAW MA', U JGĦINU LIL MIN QIEGĦED F'DIFFIKULTÀ |

**TOPIK 3** **MĠIBA ETIKA, MORALI U RESPONSABBLI**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDENTIFIKAW SOLUZZJONIJIET ALTERNATTIVI GĦAL PROBLEMA MORALI
- JIDENTIFIKAW MODI KIF JISTGĦU JIEĦDU ĦSIEB ĦADDIEĦOR
- JEVALWAW IMĠIBA ETIKA

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Uża *cooperative learning* biex tiffaċilita x-xogħol tal-istudenti u oħloq gruppi żgħar biex tiżgura s-sehem ta' kulħadd f'biċċa xogħol kollettiva li tkun ippjanata minn qabel. Tista' torganizza attivitajiet ta' kooperazzjoni billi tagħti lil kull student rwol u biċċa xogħol partikolari.

2. Tista' tiżviluppa l-ħiliet tal-istudenti li jagħtu appoġġ lil tfal oħra billi tikkunsidra modi differenti ta' kif jistgħu jgħinu lill-oħrajn. It-tfal jistgħu jiddeskrivu u jiddiskutu episodji fejn għenu lil xi ħadd.

3. Ħeġġeġ lit-tfal jaqsmu dak li għandhom mal-oħrajn billi torganizza party biex tiċċelebraw xi ħaġa fejn it-tfal jaqsmu xi ikel u xi ħelu mal-oħrajn.

4. L-opportunità li jużaw l-istess żebgħa jew kolla waqt l-arts and crafts, speċjalment waqt is-snin bikrin, tgħin lit-tfal jifhmu aħjar kif għandna naqsmu dak li għandna mal-oħrajn, nikkooperaw u naħdmu bħala tim.

5. Ħeġġeġ lit-tfal jagħtu feedback pożittiv lil xulxin; per eżempju fl-aħħar tal-ġurnata, jistgħu jsemmu xi ħaġa tajba li għamel student jew jirringrazzjaw student għal dak li għamel.

# Topik 1 Naqsmu dak li għandna mal-oħrajn, nikkooperaw u naħdmu f'tim

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jieħdu deċiżjonijiet flimkien bis-sehem ta' kulħadd.

Jaħdmu b'mod kollaborattiv għal għan komuni billi jqassmu x-xogħol u r-rwoli differenti.

Iħeġġu u jgħinu lil xulxin waqt il-logħob.

## Attività 1: Nisimgħu opinjonijiet differenti

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jieħdu deċiżjonijiet flimkien bis-sehem ta' kulħadd.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nieħu deċiżjoni b'mod kollaborattiv mal-oħrajn.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Karti, *biros*, folja t'attività 'Nieħdu deċiżjonijiet diffiċli'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. L-istudenti jinqasmu fi tliet gruppi u kull grupp jirrappreżenta wieħed minn dawn il-kuntesti:

- L-iskola
- Il-familja
- Il-ħbieb

3. L-istudenti jirriflettu fuq il-kuntest tal-grupp tagħhom, u jaħsbu man-nies li jiltaqgħu magħhom hemmhekk u fuq ir-relazzjoni tagħhom magħhom. Tista' tgħin lill-istudenti billi tuża dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:

- Kemm tqatta' ħin l-iskola/ mal-familja/ mal-ħbieb?
- Min huma n-nies li tiltaqa' magħhom l-iskola/ fil-familja tiegħek/ mal-ħbieb?
- X'tagħmel ma' dawn in-nies l-iskola/ fil-familja tiegħek/ mal-ħbieb?

4. Kull grupp jagħmel lista ta' ħames regoli ta' mġiba li jixtieq li japplika fil-kuntest tal-grupp tiegħu u jikteb ir-regoli fuq karta. Ħeġġeġ lill-istudenti biex jipparteċipaw u jinnegozjaw id-differenzi fl-opinjonijiet tagħhom sabiex isibu regoli komuni li jaqbel magħhom il-grupp kollu. Fl-aħħar tal-attività, kull grupp jista' jispjega r-regoli tiegħu lill-oħrajn.

5. Il-gruppi mbagħad iridu jaqblu fuq ħames regoli komuni mil-listi kollha.

6. Iddiskutu d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom biex jaqblu fuq ħames regoli komuni, u x'għenhom u x'tellifhom milli jaħdmu flimkien.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jintervistaw membru tal-familja dwar żmien fejn kellu jagħmel deċiżjoni diffiċli flimkien ma' xi ħadd ieħor u x'għenu u x'tellfu milli jsib soluzzjoni komuni. L-istudenti jiktbu storja fuq dak li ġara.




## NIEĦDU DEĊIŻJONIJIET DIFFIĊLI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jippjanaw intervista ma' xi ħadd fil-familja dwar meta din il-persuna kellha bżonn tagħmel deċiżjoni diffiċli flimkien ma' xi ħadd ieħor. It-tfal jistaqsu fuq x'għenhom u x'tellifhom, u mbagħad jiktbu storja fuq dak li ġara.*

---

**Nsibu soluzzjoni flimkien**

# Attività 2: Ngomo għandu bżonn l-għajnuna!

## L-Għan tat-Tagħlim

Jaħdmu b'mod kollaborattiv għal għan komuni billi jqassmu x-xogħol u r-rwoli differenti.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Naħdem b'mod kollaborattiv għal għan komuni billi nqassam x-xogħol u r-rwoli differenti.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Karti, kuluri jew *markers*, *poster*, folja t'attività 'Naħdmu mal-oħrajn'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Ibda l-attività billi taqra din l-istorja lill-istudenti:

**Ngomo għandu bżonn l-għajnuna**

**Ngomo twieled l-Afrika. Biex jaħrab mill-gwerra ċivili, il-familja tiegħu ġiet hawnhekk għax xtaqet tgħix ħajja mingħajr periklu. Issa Ngomo qed jattendi l-iskola tiegħek u darba minnhom, l-għalliem tiegħek jistaqsi lill-istudenti biex jitkellmu fuq il-familji tagħhom. Ngomo jgħid li ommu għadha toqgħod l-Afrika u hu qed joqgħod hawn ma' missieru. Meta jkollhom biżżejjed flus, omm Ngomo se titlaq mill-Afrika u tiġi hawnhekk ukoll biex tingħaqad mal-familja. Ngomo jimmisjaha ħafna lill-ommu. Din hi l-ewwel darba li Ngomo jitkellem fuq l-istorja tiegħu quddiem il-klassi. Bl-għajnuna ta' sħabek, tista' ssib mod biex tgħinu? X'tista' tagħmel?**

3. Staqsi lill-istudenti biex jirriflettu individwalment fuq dawn il-mistoqsijiet:

- Fl-opinjoni tiegħek, kif ħassu Ngomo meta emigra mill-Afrika?
- Xi sfidi u diffikultajiet kellu jiffaċċja f'pajjiż ġdid?

- Kif qed iħossu issa?
- X'jista' jgħinu biex ikollu ħajja iktar faċli issa?

4. Fi gruppi żgħar l-istudenti jagħmlu pjan ta' azzjoni biex jgħinu lil Ngomo ikollu ħajja aħjar fil-pajjiż il-ġdid, inkluż fl-iskola, mal-ħbieb u fil-komunità.

5. Kull grupp jippreżenta l-pjan ta' azzjoni tiegħu. Iddiskutu kemm ħadmu tajjeb flimkien il-membri tal-grupp:

- X'ħiliet użaw il-membri differenti tal-grupp f'din l-attività?
- X'għen lill-grupp biex jaħdem b'mod kollaborattiv? X'ma kienx ta' għajnuna?

6. Iġbor l-ideat kollha fuq *poster*



### *Attività għad-Dar*

Id-dar, l-istudenti jintervistaw ġenitur dwar darba meta kellhom bżonn jaħdmu ma' xi ħadd ieħor fuq biċċa xogħol kollaborattiva, u x'għenhom isibu soluzzjoni komuni. Jiktbu l-istorja fuq il-folja t'attività u jiddeskrivu x'kien ta' għajnuna f'dik is-sitwazzjoni.

## NAĦDMU MAL-OĦRAJN

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal darba meta kellkom bżonn taħdmu ma' xi ħadd fuq biċċa xogħol kollaborattiva. Iddeskrivu x'kien ta' għajnuna f'dik is-sitwazzjoni. It-tfal jiktbu x'ġara u dwar x'kien ta' għajnuna hawn isfel.*

## Naħdmu mal-oħrajn b'mod kollaborattiv

# Attività 3: Nilagħbu b'mod kollaborattiv

## L-Għan tat-Tagħlim

Iħeġġu u jgħinu lil xulxin waqt il-logħob.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Inħeġġeġ u ngħin lill-oħrajn waqt il-logħob.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Bitħa, *blindfold*, basket, ballun żgħir, *haversack*, *poster*, folja t'attività 'Nagħtu appoġġ lil xulxin'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. (Qabel il-ġurnata tal-attività għid lil kull student biex iġib *haversack* b'ballun żgħir ġo fih.) Fil-bitħa, ipprepara żewġ passaġġi differenti b'xi ostakli. Aqsam il-klassi f'żewġ gruppi. Kull grupp se jsegwi passaġġ wieħed. Iridu jibdew mill-marka, u wieħed mill-membri tal-grupp se jiġri u jgħaddi mill-ostakli kollha fil-passaġġ. Hekk kif l-ewwel student f'kull grupp jgħaddi l-passaġġ kollu, ipoġġi l-ballun fil-basket tal-istudent li jmiss li mbagħad jibda jiġri fl-istess passaġġ. Fi tmiem il-passaġġ, kull student jieħu l-ballun u jpoġġih fil-basket tal-istudent li jmiss. Il-grupp li jlesti l-ewwel jirbaħ.

3. Wara l-logħba, iddiskuti mal-istudenti r-rwol li kellhom biex jgħinu l-membri l-oħra tal-grupp. Staqsihom:

- Għalfejn hu importanti li ninkoraġġixxu lil xi ħadd ieħor?
- Tiftakar f'xi darba fejn xi ħadd kien ta' għajnuna għalik u nkoraġġiek tagħmel xi ħaġa? Kif ħassejtek dakinhar?

4. Staqsihom biex isemmu l-modi kollha li bihom nistgħu ngħinu u ninkoraġġixxu lill-oħrajn. Iġbor l-ideat kollha fuq *poster*.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri tagħhom fuq sitwazzjoni f'ħajjithom fejn huma għenu jew, inkoraġġew persuna oħra. Il-ġenituri jispjegaw għalfejn għamlu hekk waqt li l-istudenti jiktbu din l-istorja.

## NAGĦTU APPOĠĠ LIL XULXIN

*Lill-ġenituri:Tkellmu mat-tfal fuq sitwazzjoni f'ħajjitkom fejn intom tajtu appoġġ jew inkoraġġejtu persuna oħra. Għinu lit-tfal jiktbu dak li ġara f'forma ta' storja u tpenġija hawn isfel:*

**Nagħtu appoġġ lil xulxin:**

.

# Topik 2 L-empatija

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jagħrfu l-bżonnijiet emozzjonali ta' ħaddieħor.

Jagħrfu li l-empatija hija kwalità importanti fil-ħbiberija.

Jidentifikaw modi kif jempatizzaw ma', u jgħinu lil min qiegħed f'diffikultà.

## Attività 1: Nagħrfu l-emozzjonijiet

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu l-bżonnijiet emozzjonali ta' ħaddieħor.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nagħraf il-bżonnijiet emozzjonali ta' ħaddieħor.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

folja t'attività 'Jekk tħossok, jien nista'…', rivisti qodma, mqass, kolla, pinen, *poster*, folja t'attività 'L-emozzjonijiet tal-ġenituri tiegħi'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar u agħti lil kull grupp emozzjoni minn dawn: kuntentizza, dwejjaq, biża' u rabja.

3. Kull grupp jagħmel *collage* ta' stampi ta' uċuh li jesprimu l-emozzjoni li tajthom billi jqasqsu stampi ta' uċuh minn xi rivisti qodma.

4. Kull grupp jikteb lista ta' karatteristiċi li juru li l-persuna tkun qed tesprimi dik l-emozzjoni (eż: persuna turi li hi kuntenta billi tidħaq, jew turi li għandha d-dwejjaq billi tibki).

5. L-istudenti jirriflettu fuq l-imġiba tagħhom meta jiltaqgħu ma' xi ħadd li jkun qed jesprimi dik l-emozzjoni partikolari. Il-folja t'attività 'Jekk tħossok, jien nista'…' tgħin lill-istudenti jirriflettu fuq l-empatija u jiffokaw fuq dak li jħossu huma u kif iġibu ruħhom meta josservaw emozzjoni f'persuna oħra.

6. L-istudenti jiddiskutu f'pari u mbagħad fil-grupp il-kbir. Enfasizza l-impatt li jista' jkollhom l-emozzjonijiet tal-oħrajn fuq l-emozzjonijiet tagħna. Introduċi l-kunċett tal-empatija u spjega kemm hi ta' għajnuna biex nifhmu kif qed iħossu ħaddieħor.



### *Attività għad-Dar*

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jimlew il-folja t'attività 'L-emozzjonijiet tal-ġenituri tiegħi' u jirriflettu fuq l-emozzjonijiet tal-ġenituri tagħhom u l-impatt li jħallu fuq it-tfal tagħhom.

## JEKK TĦOSSOK, JIEN NISTA'




| META INTI TKUN | JIEN INĦOSSNI | NAĦSEB LI GĦANDEK BŻONN | JIEN GĦANDI NAGĦMEL HEKK |
|---|---|---|---|
|  KUNTENTA | | | |
|  MDEJJAQ/MDEJQA | | | |
|  IRRABJAT/A | | | |
|  QED TIBŻA' | | | |

## L-EMOZZJONIJIET TAL-ĠENITURI TIEGĦI

*Lill-ġenituri:It-tfal iridu josservaw l-emozzjonijiet tagħkom u l-impatt li jħallu fuqhom bħala tfal..*

| EMOZZJONIJIET | X'JAGĦMEL/TAGĦMEL IL-PAPÀ/IL-MAMÀ META JĦOSSU/TĦOSSHA…? | INTI X'TAGĦMEL META L-PAPÀ /IL- MAMÀ JĦOSSU/TĦOSSHA…? |
|---|---|---|
|  KUNTENT/A | | |
|  MDEJJAQ/MDEJQA | | |
|  IRRABJAT/A | | |
|  QED JIBŻA'/TIBŻA | | |

# Attività 2: Inħoss l-emozzjonijiet tiegħek

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu li l-empatija hija kwalità importanti fil-ħbiberija.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħraf l-importanza tal-empatija fi ħbiberija.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Karti, *biros*, kontenitur, "ir-rota tal-emozzjonijiet", *markers*, *poster*, folja t'attività 'Nħoss dak li tħoss int'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Introduċi 'Ir-rota tal-emozzjonijiet' u staqsi lil kull student jagħżel emozzjoni waħda u jiktibha fuq biċċa karta. Itfa' l-karti ġo kontenitur u ħawwadhom sew. Staqsi lil kull student biex jagħżel waħda.

3. Waqt li jirreferi għall-emozzjoni ta' fuq il-karta li għażlu, kull student jirrifletti fuq dan il-mistoqsijiet:

- Meta xi ħadd qrib tiegħek iħoss … (l-emozzjoni ta' fuq il-karta), kif tħossok?
- Meta tinduna li persuna tħossha … (l-emozzjoni ta' fuq il-karta), x'tista' tagħmel għaliha?
- Meta tħossok … (l-emozzjoni ta' fuq il-karta), x'tixtieq li ħaddieħor jagħmel għalik?

4. L-istudenti jaqsmu r-risposti tagħhom f'pari u mbagħad fil-grupp il-kbir.

5. Fi gruppi żgħar l-istudenti jagħmlu *brainstorming* dwar għaliex għandna nkunu empatiċi u fuq il-modi kif nistgħu nuru empatija mal-oħrajn, inkluż imġiba verbali u mhux verbali. Kull

grupp jagħmel *poster* u jniżżel il-modi kollha li bihom jistgħu nuru empatija mal-oħrajn biex jibnu u nżommu relazzjonijiet pożittivi.

6. Kull grupp jippreżenta u jispjega l-*poster* tiegħu. Ikkonkludi l-attività billi tenfasizza kemm hu importanti li nagħrfu u nifhmu l-emozzjonijiet tal-oħrajn.



## *Attività għad-Dar*

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jiktbu fuq episodju f'ħajjithom fejn ħassew li membru tal-familja għaraf u fehem kif kienu qed iħossuhom. L-istudenti jiktbu wkoll kif ħassewhom huma b'riżultat ta' dan.

## IR-ROTA TAL-EMOZZJONIJIET



## INĦOSS DAK LI TĦOSS INT

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jiktbu fuq episodju f'ħajjithom fejn ħassew li membru tal-familja għaraf u fehem kif kienu qed iħossuhom. L-istudenti jiktbu wkoll kif ħassewhom huma b'riżultat ta' dan.*

## META ĦASSEJTNI MIFHUM

# Attività 3: Lino jgħin lil Rina

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw modi kif jempatizzaw ma', u jgħinu lil min qiegħed f'diffikultà.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi modi kif nista' nifhem u ngħin lil min qiegħed f'diffikultà.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Karti, *biros*, *poster*, folja t'attività 'Nosserva lill-oħrajn'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar u itlobhom jivvintaw u jiktbu storja fuq żewġt iħbieb: tifla jisimha Rena li qiegħda f'diffikultà u tifel jismu Lino li jgħinnha. F'din l-attività l-istudenti jiffokaw fuq strateġiji li jistgħu jużaw biex jgħinu lil ħbieb li għaddejjin minn diffikultà.

3. L-istudenti jagħmlu reċta tal-istorja quddiem il-klassi.

4. Fi gruppi żgħar l-istudenti janalizzaw l-emozzjonijiet tat-tifla li għandha bżonn l-għajnuna u l-emozzjonijiet tat-tifel li mar jgħinha, permezz ta' dawn il-mistoqsijiet:

- X'ġara fl-istorja?
- Kif tħossha Rena qabel ma jgħinha Lino?
- Kif iħossu Lino meta jara li Rena għandha problema?
- Kif tħossha Rena wara li Lino jgħinha?
- X'għamel Lino li kien ta' għajnuna għal Rena?

5. Iddiskuti mal-istudenti dak li jħossu meta jaraw ħabib/a f'diffikultà. L-istudenti jitkellmu fuq sitwazzjonijiet fejn għenu lil sħabhom.

6. Niżżlu l-istejjer kollha fuq *poster*.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiktbu fuq episodju li raw fuq it-televixin jew li qraw fi ktieb fejn innotaw li xi ħadd kien qiegħed f'diffikultà u persuna oħra tat l-għajnuna tagħha. Huma jwieġbu l-mistoqsijiet tal-folja t'attività 'Nosserva lill-oħrajn'.

## NOSSERVA LILL-OĦRAJN

*Lill-ġenituri: Staqsi lit-tfal jaħsbu fuq episodju li raw fuq it-televixin jew li qraw fi ktieb fejn innotaw li xi ħadd kien qiegħed f'diffikultà u persuna oħra tat l-għajnuna tagħha. Għinhom iwieġbu l-mistoqsijiet ta' hawn isfel:*

FEJN RAJT JEW QRAJT DIN L-ISTORJA?

MIN KELLU BŻONN L-GĦAJNUNA?

KIF ĦASSITHA L-PERSUNA LI KELLHA D-DIFFIKULTÀ?

XI BDIET TAĦSEB DIN IL-PERSUNA?

MIN GĦENU/GĦENHA?

KIF?

KIEKU INTI X'KONT TAGĦMEL BIEX TGĦINU/TGĦINHA?

## Topik 3 L-imġiba etika, responsabbli u morali

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jidentifikaw soluzzjonijiet alternattivi għal problema morali.

Jidentifikaw modi ta' mġiba responsabbli billi jieħdu ħsieb lil ħaddieħor.

Jevalwaw imġiba etika.

# Attività 1: Id-dilemma ta' Natalie?

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw soluzzjonijiet alternattivi għal problema morali.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nidentifika soluzzjonijiet alternattivi għal problema morali.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Karti, *biros*, folja t'attività 'Dilemma morali'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja 'Dilemma morali' lill-istudenti:

**Fi klassi ġo skola primarja, it-tfal qed jiġbru l-flus biex imorru ħarġa edukattiva: kull student irid iħallas 15 Ewro. Mariam, waħda mill-istudenti, tagħti lill-għalliema €20 u tieħu bqija ta' €5 mingħand l-għalliema. Hi tpoġġi l-flus f'envelop isfar u tpoġġih fid-djarju tagħha.**

**Fil-brejk, it-tfal kollha joħorġu fil-bitħa. Henry, student ieħor, jitlob lill-għalliema biex imur sal-kamra tal-banju. Wara dan, Natalie, studenta oħra tal-klassi, tidħol fil-klassi u tara lil Henry jiftaħ id-djarju ta' Mariam u jieħu l-envelop bil-flus. Henry jgħid lil Natalie biex ma tgħid lil ħadd fuq dak li għamel.**

3. Aqsam il-klassi f'żewġ jew tliet gruppi żgħar u staqsi lil kull grupp jiddiskuti u jikteb it-tweġibiet ta' dawn il-mistoqsijiet:

- X'għandha tagħmel Natalie?
- Tagħmel differenza kieku Mariam hija l-ikbar ħabiba ta' Natalie?
- Tagħmel differenza kieku Mariam u Natalie mhumiex ħbieb?
- Tagħmel differenza kieku Natalie hija l-ikbar ħabiba ta' Henry?
- Kieku kont Natalie, kif tħossok?
- Kieku kont Henry, kif tħossok?

4. Il-gruppi jistgħu jagħmlu reċta fejn jiddeskrivu u jagħtu raġunijiet għall-opinjonijiet tagħhom bħallikieku qegħdin il-qorti.

5. Membru minn kull grupp jispjega r-risposti tal-grupp, u jiffoka fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull deċiżjoni.

6. Fl-aħħar spjega l-għan ta' din l-attività: l-istudenti ddiskutew dilemma morali fejn kellhom bżonn jiddeċiedu fuq l-aħjar imġiba f'sitwazzjoni fejn m'hemmx tweġibiet ċari għall-mistoqsijiet.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri jaħsbu fuq sitwazzjoni fil-passat fejn kellhom jiffaċċjaw dilemma morali, jiġifieri, fejn kellhom iqabblu żewġ deċiżjonijiet u jagħżlu liema waħda hi l-iktar addattata. Fuq il- folja t'attività l-istudenti jiddeskrivu dak li ġara u dak li għamlu l-ġenituri tagħhom.

## DILEMMA MORALI

RIZORSI

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq sitwazzjoni fil-passat fejn kellkom tiffaċċjaw dilemma morali u tagħżlu l-iktar deċiżjoni addattata. Iddeskrivu x'għenkom biex tagħmlu din id-deċiżjoni. It-tfal jiktbu r-risposti tagħkom hawn isfel:*

**DEĊIŻJONI DIFFIĊLI LI ............................**
**KELLU/KELLHA TIEĦU**

# Attività 2: Nieħdu ħsieb lil ħaddieħor

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw imġiba responsabbli ta' kif jieħdu ħsieb ħaddieħor.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Niddeskrivi mġiba responsabbli ta' kif nieħu ħsieb ħaddieħor.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Karti, *biros*, *posters*, folja t'attività 'Il-ħiliet tiegħi'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Staqsi lill-istudenti biex jaħsbu fuq xi sitwazzjonijiet fejn ħadu ħsieb lil xi ħadd ieħor.

3. L-istudenti jaqsmu l-esperjenzi tagħhom f'pari u jagħmlu użu minn dawn il-mistoqsijiet:

- X'għamilt?
- Kif ħassejtek qabel?
- Kif ħassitha l-persuna l-oħra wara l-għajnuna tiegħek?
- Kif ħassejtek wara?
- Terġa' tagħmel l-istess ħaġa darb'oħra? Jekk iva, għalfejn? Jekk le, għalfejn le?

4. L-istudenti jpoġġu bilqiegħda f'ċirku u jaqsmu l-istejjer tagħhom mal-oħrajn.

5. Aqsam il-klassi fi gruppi, u itlob lill-istudenti jiddiskutu dawn il-mistoqsijiet:

- Agħti eżempji ta' meta nies oħra xtaquk tieħu ħsiebhom.
- Min huma dawn in-nies f'ħajtek li jista' jkollhom bżonn li tieħu ħsiebhom u tagħtihom appoġġ?
- Għalfejn hu importanti li nieħdu ħsieb lil ħaddieħor?

- Kif tieħu ħsieb lil ħaddieħor?

6. Il-gruppi jiktbu l-ideat tagħhom fuq *poster* u jaqsmuhom mal-oħrajn.



### Attività għad-Dar

F'din l-attività l-istudenti jaħdmu ma' adult biex jidentifikaw ħiliet li għandhom li jistgħu jużaw biex jgħinu nies oħra jħossuhom tajbin, kuntenti u maħbubin. L-istudenti jagħmlu lista ta' dawn il-ħiliet.

## IL-ĦILIET TIEGĦI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jidentifikaw ħiliet u kwalitajiet li għandhom li jistgħu jużaw biex jgħinu lil nies oħra jħossuhom tajbin, kuntenti u maħbubin. Imbagħad staqsu lit-tfal jiktbu dawn il-kwalitajiet hawn isfel:*

**ĦILIET LI GĦANDI BIEX NIEĦU ĦSIEB LILL-OĦRAJN**

# Attività 3: Lara tixtieq tmur il-*party*

## L-Għan tat-Tagħlim

Jevalwaw imġiba etika.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nirrifletti fuq u nqis mġiba etika.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

*Posters*, *markers*, folja t'attività 'Nista' mmur il-*party*?'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar u agħti din id-dilemma lil kull grupp:

**Nixtieq niġi aċċettat minn sħabi tal-klassi**

**Għadek kemm mort toqgħod f'belt ġdida u bdejt tattendi skola ġdida. Fil-klassi l-ġdida ma taf lil ħadd u tixtieq tagħmel ħbieb ġodda. Fl-ewwel ġurnata, tinnota li hemm ħafna studenti li jaqbdu ma' student ieħor. Ħadd ma jħares lejk. Imma tixtieq li tiġi aċċettat mill-grupp il-ġdid. Tibda taħseb jekk hix idea tajba li tiġi aċċettat mill-grupp billi taqbad mal-istudent int ukoll. Imma taf li din mhijiex ħaġa tajba u mhux il-mod addattat kif tagħmel il-ħbieb. Ma tafx x'għandek tagħmel.**

3. L-istudenti l-ewwel jagħmlu reċta tad-dilemma.

4. Fi gruppi żgħar jiddiskutu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tad-dilemma u jaħsbu f'soluzzjoni komuni li hija moralment korretta.. Kull grupp jikteb l-ideat fuq *poster* u l-istudenti jispjegaw il-valuri li żammu f'moħħhom biex jieħdu d-deċiżjoni finali.

5. Kull grupp jispjega l-*poster* tiegħu quddiem l-istudenti l-oħra.

6. Ibda diskussjoni mal-istudenti bl-użu ta' dawn il-mistoqsijiet:

- Xi nfissru meta nitkellmu dwar dilemma morali?
- X'inhi mġiba jew deċiżjoni etikament jew moralment tajba? X'inhi waħda ħażina?
- Għalfejn huwa importanti li nuru mġiba etikament jew moralment tajba?
- X'jista' jgħinna biex nagħmlu dan it-tip ta' deċiżjonijiet?
- Tista' tidentifika tliet valuri li jgħinuk tagħmel deċiżjonijiet etikament jew moralment tajbin?



### *Attività għad-Dar*

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti l-ewwel jaqraw l-istorja 'Nista' mmur il-*party*?'. Imbagħad jiddiskutu mal-ġenituri tagħhom u jwieġbu l-mistoqsijiet fuq il- folja t'attività

# NISTA' MMUR IL-*PARTY*?

*Lill-ġenituri: Aqraw din l-istorja mat-tfal. Iddiskutu l-istorja magħhom u għinuhom iwieġbu l-mistoqsijiet.*

---

## Nista' mmur l-*party*?

***Lara hija studenta barranija u qed tattendi l-aħħar sena ta' skola primarja. Qed tagħmel ħbieb tajbin imma xorta tħossha eskluża minn grupp ta' studenti popolari. Ġurnata minnhom student tal-klassi staqsieha: "Lara, se jkun hemm*** party ***għand Kristina għax il-ġenituri tagħha se jkunu msifrin. Missek tiġi...Kristina se tgħid lil kulħadd!" Lara ma kinitx taf lil Kristina sew imma kienet taf li hi kienet waħda mill-iktar tfal popolari fil-klassi u ħafna mit-tfal tal-klassi kienu se jmorru l-***party***. Lara taħseb li tkun opportunità perfetta biex toħroġ mill-grupp tagħha u tagħmel iktar ħbieb.***

***Lara għandha relazzjoni tajba ħafna mal-ġenituri tagħha; hi tafdahom u huma jafdawha imma taf li m'hemmx ċans li l-ġenituri tagħha jħalluha tmur il-***party ***jekk ikunu jafu li l-ġenituri ta' Kristina mhux se jkunu d-dar. Xi ħbieb jgħidu lil Lara li m'għandha tgħid xejn u biex tigdeb jekk il-ġenituri jistaqsuha fuq l-adulti li se jkunu l-***party***. Hi ma tafx x'se tagħmel. Hi tixtieq ħafna tmur. Forsi din hi l-unika opportunità li għandha biex tmur. Tibda taħseb: "Jekk ommi u missieri jsiru jafu, x'jista' jiġri? X'inhu l-iktar importanti: li jkolli iktar ħbieb jew li nobdi lill-ġenituri?"***

**Mistoqsijiet:**

- Taħseb li Lara jaqblilha taħbi l-verità fuq il-party mill-ġenituri tagħha u tirriskja li jkollha tigdeb?
- X'taħseb li jiġri jekk l-ġenituri ta' Lara jsiru jafu fuq il-*party*?
- Taħseb li tista' tiffaċċja l-fatt li wisq probabbli l-ġenituri tagħha ma jibqgħux jafdawha?
- Kieku kont Lara x'kont tagħmel?

**_Checklist_ għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a: ________________________________________<br><br>Data: ________________________________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3:Ikkonsolidata |

**Istruzzjonijiet: Imla ċ-_Checklist_ għal kull student fi tmiem _Tema 2 Nibnu u Nżommu Relazzjonijiet b'saħħithom_.**

| **2. NIBNU U NŻOMMU RELAZZJONIJIET B'SAĦĦITHOM** | |
|---|---|
| **2.1. RELAZZJONIJIET B'SAĦĦITHOM** | Livell 0, 1 ,2 jew 3 |
| **2.1.1. Nagħmlu u nżommu l-ħbieb** | |
| 2.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi jafda iktar lil sħabu | |
| 2.1.1.I. L-istudent kapaċi jagħraf l-importanza tal-fiduċja fil-ħbiberija | |
| 2.1.1.A. L-istudent kapaċi jidentifika modi ta' kif jirrispondi għat-tradiment u jaħfer lill-oħrajn | |
| **2.1.2. L-imġiba prosoċjali** | |
| 2.1.2.B. L-istudent kapaċi jiddeskrivi kif jista' jgħin lil xi ħadd f'diffikultà | |
| 2.1.2.I. L-istudent kapaċi jidentifika modi biex jgħin lil min hu ddiskriminat | |
| 2.1.2.A. L-istudent kapaċi jidentifika modi kif jgħin lill-ħbieb | |
| **2.1.3. Nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet u l-klima fl-iskola** | |
| 2.1.3.B. L-istudent kapaċi jidentifika modi kif jista' jaħseb fl-oħrajn | |
| 2.1.3.I. L-istudent kapaċi jidentifika l-kwalitajiet pożittivi tal-klima tal-klassi | |
| 2.1.3.A. L-istudent kapaċi juri li jieħu ħsieb lil sħabu tal-klassi | |
| **2.2. IL-KOOPERAZZJONI, L-EMPATIJA U L-ĦSIEB MORALI** | |
| **2.2.1. Naqsmu dak li għandna mal-oħrajn, nikkooperaw, u naħdmu bħala tim** | |
| 2.2.1.B. L-istudent kapaċi jieħu deċiżjonijiet flimkinen mal-oħrajn | |
| 2.2.1.I. L-istudent kapaċi jaħdem b'mod kollaborattiv għal għan komuni billi jqassam ix-xogħol u r-rwoli differenti | |
| 2.2.1.A. L-istudent kapaċi jħeġġeġ u jgħin lil ħaddieħor waqt il-logħob | |
| **2.2.2. L-empatija** | |
| 2.2.2.B. L-istudent kapaċi jagħraf il-bżonnijiet emozzjonali ta' ħaddieħor | |
| 2.2.2.I. L-istudent kapaċi jagħraf li l-empatija hija kwalità importanti fil-ħbiberija | |
| 2.2.2.A. L-istudent kapaċi jidentifika modi ta' kif jista' jifhem u jgħin lil min qiegħed f'diffikultà | |

[1] B = Livell bażiku, I = Livell intermedju, A = Livell avvanzat

| **2.2.3. L-imġiba etika, responsabbli u morali** | |
|---|---|
| 2.2.3.B. L-istudent kapaċi jidentifika soluzzjonijiet alternattivi għal problema morali | |
| 2.2.3.I. L-istudent kapaċi jidentifika mġiba responsabbli ta' kif jieħu ħsieb ħaddieħor | |
| 2.2.3.A. L-istudent kapaċi jevalwa mġiba etika | |

**Il kapaċitajiet tal istudent/a:**

**Il ħtiġijiet tal istudent/a:**

**Għanijiet għal titjib:**

**Checklist għall-Assessjar tal-Persuna Fuqha Nnifisha**

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a:____________________________<br><br>Data: ________________________________ | ☹ Le<br>😐 Xi kultant<br>☺ Iva |

| | | |
|---|---|---|
| **NIBNU U NŻOMMU RELAZZJONIJIET B'SAĦĦITHOM - RELAZZJONIJIET B'SAĦĦITHOM** | | |
| **Nagħmlu u nżommu l-ħbieb** | | |
| **Jekk jogħġbok immarka l-wiċċ li jiddeskrivik bl-aħjar mod.** | **Nista' nagħmilha** | **Inħobb nagħmilha** |
| Jien kapaċi nafda lill-ħbieb u lill-sħabi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf li biex nkun ħabib tajjeb irrid inkun onest | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika modi ta' kif nirrispondi għat-tradiment u naħfer lill-oħrajn | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| L-imġiba prosoċjali | | |
| Jien kapaċi niddeskrivi kif nista' ngħin lil xi ħadd f'diffikultà | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika modi biex ngħin lil min hu ddiskriminat | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika modi kif nista' ngħin lill-ħbieb | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet u l-klima fl-iskola** | | |
| Jien kapaċi niddeskrivi modi kif nista' naħseb fl-oħrajn | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika l-kwalitajiet pożittivi tal-klima tal-klassi tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nuri kif nieħu ħsieb lil sħabi tal-klassi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIBNU U NŻOMMU RELAZZJONIJIET B'SAĦĦITHOM – IL-KOOPERAZZJONI, L-EMPATIJA U L-ĦSIEB MORALI** | | |
| **Naqsmu dak li għandna mal-oħrajn, nikkooperaw u naħdmu bħala tim** | | |
| Jien kapaċi nieħu deċiżjoni flimkien mal-oħrajn | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi naħdem b'mod kollaborattiv għal għan komuni billi nqassam ix-xogħol u r-rwoli differenti | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nħeġġeġ u ngħin lill-oħrajn waqt il-logħob | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **L-empatija** | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jien kapaċi nagħraf il-bżonnijiet emozzjonali ta' ħaddieħor | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf l-importanza tal-empatija fi ħbiberija | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi modi ta' kif nifhem u ngħin lil min qiegħed f'diffikultà | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| **L-imġiba etika, responsabbli u morali** | | | | | | |
| Jien kapaċi niddeskrivi soluzzjonijiet alternattivi għal problema morali | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi mġiba responsabbli ta' kif nista' nieħu ħsieb ħaddieħor | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi nirrifletti fuq u nqis mġiba etika | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |

**Ħadt gost nitgħallem dwar…..**

**Nixtieq nitjieb……**

# TEMA 3 Niżviluppaw Mentalità Pożittiva

## Sottotema 1 Ħsieb pożittiv u ottimistiku

| TOPIK 1 | TOPIK 2 | TOPIK 3 |
| --- | --- | --- |
| Ħsieb pożittiv u negattiv | Naħsbu b'mod pożittiv, inħossuna aħjar | Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi |

## Sottotema 2 Emozzjonijiet pożittivi

| TOPIK 1 | TOPIK 2 | TOPIK 3 |
| --- | --- | --- |
| It-tama | Il-kuntentizza | L-umoriżmu |

# SOTTOTEMA 1
# Ħsieb pożittiv u ottimistiku

**L-ewwel sottotema tiffoka fuq l-iżvilupp ta' ħsieb pożittiv u ottimistiku, speċjalment quddiem l-isfidi. Permezz tal-attivitajiet, l-istudenti għandhom l-opportunità jaħsbu b'mod ottimist, jirriflettu fuq xi ħsibijiet negattivi tagħhom u mbagħad jiġġieldu kontra dawn il-ħsibijiet negattivi. Dawn huma ħiliet li t-tfal għandhom bżonn sabiex jegħlbu l-isfidi li jiltaqgħu magħhom b'attitudni pożittiva (Seligman, 2011; Noble & McGrath, 2008). L-ewwel topik 'Ħsieb pożittiv u negattiv' jintroduċi lit-tfal għall-ħsibijiet pożittivi u negattivi b'modi differenti. It-tfal iżgħar jitgħallmu jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew lejn in-naħa l-kerha tal-ħajja bl-għajnuna tal-karattri Sinjura Xemx u Sinjur Dlam. Tfal ikbar imbagħad jitgħallmu jiddistingwu bejn, jirriflettu fuq, u jużaw stil ta' ottimist u stil pessimist. Min jaħseb b'mod pessimist għandu tendenza jaħseb li s-sitwazzjoni ħażina ġrat għax tort tiegħu, li ser tibqa' hemm u tibqa' taffettwalhom ħajjithom, u li tinfluwenza partijiet oħra ta' ħajjithom ukoll. Min-naħa l-oħra, min jaħseb b'mod ottimist jifhem li s-sitwazzjoni ħażina jista' jkollha kawża oħra li mhux bil-fors tkun taħt il-kontroll tagħhom, li s-sitwazzjoni hija temporanja, u speċifika iktar milli mifruxa fl-oqsma kollha tal-ħajja tagħhom (Seligman, 1998).**

**Fit-tieni topik, 'Tajjeb li nkunu pożittivi!', it-tfal jibdew jifhmu kif attitudni pożittiva jista' jkollha effett pożittiv fuq l-emozzjonijiet u l-imġiba tagħhom. Tfal iżgħar jibdew jifhmu li jistgħu jħossuhom aħjar meta jħarsu lejn in-naħa s-sabiħa jew jagħmlu xi ħaġa li jieħdu pjaċir jagħmlu. Tfal ikbar jitgħallmu kif il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-imġiba huma marbuta ma' xulxin, u bidla fil-ħsieb tagħhom tista' tikkawża bidla fl-emozzjonijiet u l-imġiba. Fl-aħħar topik 'Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi' t-tfal jiżviluppaw strateġiji differenti ta' kif jistgħu jiġġieldu kontra l-ħsibijiet u t-twemmin negattiv tagħhom. Peress li dan jista' jkun diffiċli għal tfal żgħar ħafna, l-attivitajiet tas-snin bikrin u s-snin bikrin tal-primarja jiffokaw iżjed fuq positive tracking fejn it-tfal jiġu mistiedna jsemmu l-affarijiet is-sbieħ u pożittivi (Noble & McGrath, 2008). Tfal ikbar huma mħeġġa jaħsbu fuq positive self-affirmations, bħal per eżempju 'Jien qalbi tajba', 'Jien inħobb ngħin', bħala mod ta' kif jiġġieldu ħsibijiet negattivi. It-tfal huma mħeġġa wkoll jaħsbu fuq il-problemi b'mod pożittiv, flessibbli u differenti.**

---

**TOPIK 1** **ĦSIEB POŻITTIV U NEGATTIV**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAQSMU ĦSIEB POŻITTIV FI TLIET PARTIJIET.
- IBIDDLU ĦSIEB NEGATTIV FI ĦSIEB POŻITTIV.
- JIDDESKRIVU SITWAZZJONI LI TINKLUDI ĦSIEB NEGATTIV U JBIDDLUH FI ĦSIEB POŻITTIV.

**TOPIK 2** **NAĦSBU B'MOD POŻITTIV, INĦOSSUNA AĦJAR!**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDENTIFIKAW LIEMA EMOZZJONIJIET U AZZJONIJIET JISTGĦU JIĠU WARA ĦSIEB POŻITTIV.
- IKOMPLU SEKWENZA TA' ĦSIEB-EMOZZJONI-AZZJONI.
- JOĦOLQU SEKWENZA TA' ĦSIEB-EMOZZJONI-AZZJONI.

**TOPIK 3** **NIĠĠIELDU KONTRA L-ĦSIBIJIET NEGATTIVI**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDENTIFIKAW ĦSIEB NEGATTIV, U ĦSIEB POŻITTIV LI JISTA' JMUR KONTRIEH.
- JIDENTIFIKAW TLIET ĦSIBIJIET SBIEĦ FUQHOM INFUSHOM.
- JIDENTIFIKAW X'JISTA' JGĦINHOM JAĦSBU B'MOD IKTAR POŻITTIV KONTRA ĦSIBIJIET NEGATTIVI.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. It-tfal jiżviluppaw l-attitudni tagħhom lejn il-ħajja billi josservaw l-attitudni tan-nies ta' madwarhom. Għalhekk għinhom jaħsbu b'mod pożittiv billi inti stess turi attitudni pożittiva lejn il-ħajja.

2. Ipprova inkludi l-ħsieb ottimistiku bħala parti mir-rutina ta' kuljum tal-klassi. Tista' tagħmel dan billi tieħdu brejk ta' ħames minuti u tkantaw u tiżfnu ma' diska ferriħija. Jekk ikollkom ħin fl-aħħar tal-ġurnata, ħeġġeġ lit-tfal jaħsbu fl-isbaħ ħaġa li ġrat f'dik il-ġurnata u jaqsmuha mal-oħrajn. Tista' anke tistaqsihom fuq l-isbaħ ħaġa li kellhom dik il-ġimgħa, x'qed jistennew l-iktar mill-ġurnata li jmiss, eċċ.

3. Meta tiġri xi ħaġa negattiva u l-istudenti jibdew iħossuhom ħażin, għinhom jiffokaw fuq dak li qed jgħidilhom moħħhom biex jaraw jekk il-ħsibijiet tagħhom jistgħux ikunu iktar pożittivi.

4. Meta taqraw xi stejjer jew taraw xi film, għin lill-istudenti jevalwaw il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet, u l-azzjonijiet tal-karattri. Jistgħu anke jagħmlu sekwenza Ħsieb-> Emozzjoni-> Azzjoni wara l-istorja jew il-film.

5. Bħala attività fil-klassi, l-istudenti jistgħu jaħsbu fi slogan li jistgħu jiftakru meta jkunu għaddejjin minn sfida. Fakkar lill-istudenti bis-slogan meta jkunu qed iħarsu lejn in-naħa l-kerha.lejn in-naħa l-kerha.

# Topik 1 Ħsieb pożittiv u negattiv

| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:** |
|---|
| Jaqsmu ħsieb pożittiv fi tliet partijiet. |
| Ibiddlu ħsieb negattiv fi ħsieb pożittiv. |
| Jiddeskrivu sitwazzjoni li tinkludi ħsieb negattiv u jbiddluh fi ħsieb pożittiv. |

## Attività 1: It-tlett iqżieqeż

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jaqsmu ħsieb pożittiv fi tliet partijiet.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Naqsam ħsieb pożittiv fi tliet partijiet.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Pupazzi, folji t'attività 'Il-ħsibijiet tas-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam', 'Mhux jien', *chart/poster*, kuluri, *markers*.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Staqsi lill-istudenti jekk jiftakrux l-istorja tat-tlett iqżieqeż (*The Three Little Pigs*) u għid lil xi studenti jirrakkontaw l-istorja lill-grupp kollu.

3. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar u staqsihom jagħmlu lista ta' kwalitajiet li kellhom il-qżieqeż u li għenuhom jirbħu kontra l-lupu eż: ma qatgħux qalbhom, għenu lil xulxin, ħasbu f'ideat

ġodda biex jipproteġu lilhom infushom kontra l-lupu, eċċ. Il-qżieqeż baqgħu jħarsu lejn in-naħa pożittiva u kellhom fiduċja li se jegħlbu l-problema.

4. Introduċi s-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam billi tuża xi pupazzi. Għid lill-istudenti li s-Sinjura Xemx tipprova tħares lejn in-naħa pożittiva tal-ħajja, bħat-tlett iqżieqeż. Is-Sur Dlam iħares iktar lejn in-naħa negattiva. Is-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam għandhom lezzjoni tal-Maths imma ma tantx iħossuhom tajjeb fil-*Maths*. Qassam Il-folja t'attività lit-tfal u spjega l-ħsibijiet tas-Sinjura Xemx u tas-Sur Dlam. Irreċta dak li kieku taħseb is-Sinjura Xemx billi tuża l-pupazzi. Ħalli lill-istudenti jilbsu l-pupazzi u jirreċtaw dak li kieku tgħid is-Sinjura Xemx. Irrepeti għas-Sur Dlam.

5. Aqsam il-klassi fi gruppi ta' tlieta. Staqsihom jagħżlu waħda mis-sitwazzjonijiet imniżżlin hawn isfel. Fi gruppi joħorġu b'xi ħsibijiet li jistgħu jaħsbu s-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam billi jużaw it-tliet fatturi tal folja t'attività.

- Studjajt ħafna għal eżami imma xorta waħda ġibt marka ħażina.
- Qed tipprova tagħmel ħbieb ġodda imma mhux kulħadd irid jilgħab miegħek.
- Taħseb li l-ħabiba tiegħek qed tgħid xi affarijiet fuqek minn wara dahrek.
- Il-familja tiegħek se tmur toqgħod ġo raħal ieħor u se jkollok tibda tmur skola oħra.

6. Wara l-attività, l-istudenti jippreżentaw ix-xogħol tagħhom quddiem l-oħrajn.



### *Attività għad-Dar*

FIl-folja t'attività, l-istudenti jridu jagħmlu sing taħt il-partijiet li juru li s-Sinjura Xemx taħseb li mhux hi biss tgħaddi minn sitwazzjonijiet negattivi (MHUX JIEN). Hemm eżempju fuq Il-folja t'attività biex iservi ta' gwida għall-ġenituri.

## IL-ĦSIBIJIET TAS-SINJURA XEMX U S-SUR DLAM

Is-Sinjura Xemx u s-Sur Dlam għandhom lezzjoni tal-*Maths* illum imma ma tantx iħossuhom sejrin tajjeb f'dan is-suġġett!



### In-naħa pożittiva

**Is-Sinjura Xemx kieku tgħid:**

**MHUX JIEN:** Mhux jien biss insibu diffiċli.

**MHUX DEJJEM:** Mhux dejjem insib il-*Maths* diffiċli. Naf nagħmel *plus* u *minus*.

**MHUX KOLLOX:** Jien m'iniex ħażin/a f'kollox. Tajjeb/tajba ħafna fil-P.E. u fl-Ingliż.



### In-naħa negattiva

**Is-Sur Dlam kieku jgħid:**

**JIEN:** Jien biss batut/a fil-*Maths*!

**DEJJEM:** Dejjem immur ħażin! Kieku qatt immur tajjeb!

**KOLLOX:** Jien f'kollox ħażin!

## MHUX JIEN




*Lill-ġenituri:*

*Segwu l-eżempju u għinu lit-tfal jagħmlu sink taħt il-parti fejn is-Sinjura Xemx qed taħseb li l-sitwazzjonijiet negattivi ma jiġrux lilha biss (MHUX JIEN).*

Eżempju

Is-Sinjura Xemx għandha ħafna *homework* x'tagħmel imma qed tipprova tħares lejn in-naħa pożittiva!



**MHUX JIEN**: Mhux jien biss għandi ħafna *homework* – sħabi kollha tal-klassi għandhom l-istess *homework* bħali.

**MHUX DEJJEM**: Illum biss għandi ħafna *homework*. Xi kultant ikollna ftit *homework* u xi kultant anqas biss ikollna.

**MHUX KOLLOX**: Għandi ħafna *homework* imma xorta nista' nieħu gost nagħmel l-affarijiet l-oħra li għandi ppjanati – nista' xorta waħda mmur il-lezzjoni tal-pjanu.

Issa agħmel sing taħt il-parti fejn is-Sinjura Xemx qed taħseb li mhux hi biss għaddejja mis-sitwazzjoni negattiva:



Il-ġimgħa d-dieħla għandi test tal-*Maths* imma naħseb li mhux se mmur tajjeb. Imma naħseb mhux jien biss qed inħossni hekk – jista' jkun li hemm tfal oħra fil-klassi li qed jibżgħu minn dan it-test ukoll. Mhux dejjem inħossni hekk meta jkolli test – il-*Maths* biss nibża' ftit mit-tests.

# Attività 2: Ngħin lill-ħbieb

## L-Għan tat-Tagħlim

Ibiddlu ħsieb negattiv f' wieħed pożittiv.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nbiddel ħsieb negattiv f'wieħed pożittiv.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Folji t'attività: 'Stil ta' spjegazzjoni', 'Ngħin lill-ħbieb', 'Mhux jien, mhux dejjem, mhux kollox'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Il-vjaġġaturi u s-siġra tal-ħarrub**

**Żewġt irġiel kienu mexjin fl-eqqel tax-xemx f'ġurnata sajfija. Bdew iħossu wisq sħana u xtaqu jieqfu jistrieħu xi mkien. Ma kien hemm imkien fejn tistrieħ fid-dell ħlief taħt siġra li kienet inħarqet bin-nar u kienet kważi qed tmut. Din is-siġra kien għad fadlilha biss ftit weraq li taħthom setgħu jistrieħu l-irġiel. Madankollu, l-irġiel intefgħu taħt din is-siġra għal ftit serħan. Wieħed mill-irġiel ħares lejn iz-zkuk tas-siġra u qal lill-ieħor: "Bla użu din is-siġra. La tagħmel frott li nistgħu nieklu u lanqas nistgħu nużaw iz-zokk tagħha għall-injam għax kollu maħruq." "Aħjar tapprezza s-sabiħ ta' madwarek," qalet is-siġra. "Qed inkun ta' użu kbir għalik f'dan il-mument, u qed nipproteġik mis-sħana tax-xemx. Imbagħad tgħidli li jien m'jien tajba għal xejn!"**

(Addattata mill-*Ħrejjef ta' Esopu*, meħuda minn http://www.moralstories.org/the-travelers-and-the-plane-tree/)

3. Staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet li ġejjin sabiex joħolqu diskussjoni dwar l-istorja:

- Fl-istorja min beda jħares lejn in-naħa pożittiva?
- Min beda jħares lejn in-naħa negattiva?
- X'tgħallimt mill-istorja?

3. Għaddi l-folja t'attività 'Stil ta' spjegazzjoni' mal-istudenti u staqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Inti s-soltu tħares lejn in-naħa pożittiva jew lejn in-naħa negattiva?
- X'inhuma l-vantaġġi li nħarsu lejn in-naħa pożittiva? X'inhuma l-iżvantaġġi?
- X'inhuma l-vantaġġi li nħarsu lejn in-naħa negattiva? X'inhuma l-iżvantaġġi?

4. Qasqas l-ittri mill-folja t'attività 'Ngħin lill-ħbieb'. Agħti ittra lil kull student. L-istudenti jiktbu ittra lura lill-ħabib/a u jgħinuh/a biex jaħseb/taħseb b'mod pożittiv. L-istudenti jistgħu anke jaħdmu fi gruppi jekk jixtiequ.



## *Attività għad-Dar*

Fil- folja t'attività, l-istudenti jimmarkaw b'sinjali differenti l-partijiet fejn Susan qed taħseb bil-modi MHUX JIEN, MHUX DEJJEM, MHUX KOLLOX.

# STIL TA' SPJEGAZZJONI

RIŻORSI

X'inhu Stil ta' Spjegazzjoni?

Stil ta' Spjegazzjoni huwa l-mod kif nispjegaw lilna nfusna meta niltaqgħau ma xi sfida jew problema. Hemm żewġ tipi ta' stil ta' spjegazzjoni. Tista' tispjega sfida jew problema bi **Stil ta' Spjegazzjoni negattiv** – u tħares lejn in-naħa l-kerha. Tista' tispjega sfida jew problema bi **Stil ta' Spjegazzjoni pożittiv** – u tħares lejn in-naħa s-sabiħa.

Immaġina li qiegħed/qiegħda f'lezzjoni tal-P.E. u l-għalliem/a tal-P.E. tagħżel lil Lara u lil Mario biex ikunu il-*captains* tat-tim. Lara u Mario iridu jagħżlu lil min iridu fit-tim tagħhom. Int intgħażilt ta' qabel tal-aħħar.

Kieku pessimist kif jaħsibha?

- Jaħseb li din is-sitwazzjoni ġrat lilu biss:

***"Lara u Mario jobogħduni. Jaħsbu li jien m'iniex kapaċi. Vera m'iniex kapaċi jien. Mhux ta' b'xejn ħadd ma jrid jagħżilni."***

- Jaħseb li din is-sitwazzjoni dejjem tiġri

***"Dejjem l-aħħar nintgħażel. Kieku qatt nintgħażel l-ewwel!"***

- Jaħseb li din is-sitwazzjoni taffettwa affarijiet oħra

***"Issa l-klassi kollha se taħseb li jien m'iniex kapaċi."***

Kieku ottimist kif jaħsibha?

- Jaħseb li din is-sitwazzjoni ma ġratx għax tort tiegħu u ma ġratx lilu biss

***"Lara u Mario mhux għax jobogħduni m'għażlunix. Huma riedu biss l-aħjar* players *fit-tim tagħhom. Qatt ma għajruni."***

- Jaħseb li din is-sitwazzjoni mhux dejjem tiġri

***"Meta l-għalliema tgħidilna biex ninqasmu fi gruppi għal xi proġett, it-tfal tal-klassi jkunu jridu joqogħdu miegħi."***

- Jaħseb li din is-sitwazzjoni mhux bil-fors taffettwa affarijiet oħra

***"Minkejja li m'iniex tajjeb fl-isports, tajjeb ħafna fil-*Maths *u fix-Xjenza."***

## NGĦIN LILL-ĦBIEB

*Għażiż ħabib/a,*

*Għandi problema kbira! Il-ġimgħa li għaddiet smajt lil sħabi jitkellmu dwari. Ma stajtx nisma' eżatt dak li bdew jgħidu imma naħseb kienu qed jgħidu affarijiet koroh fuqi u bdew jidħqu ħafna. Naf li jaħsbu li jien injoranta għax ma tantx naf naqra. Nipprova ħafna naqra imma meta naqra quddiem il-klassi nibda nibża' li kulħadd qed iħares lejja u jidħaq bija. Issa qed nibża' nerġa' nkellimhom għax naħseb li ħa jidħqu bija. Jekk jogħġbok, tista' tgħinni?*

*Dejjem tiegħek,*

*Diane*

*Għażiż ħabib/a,*

*Kif inti? Qed niktiblek din l-ittra għax għandi bżonn l-għajnuna tiegħek. Il-ġimgħa li għaddiet waqt lezzjoni tal-Maths, Ms Grech għajtet miegħi quddiem il-klassi kollha għax ma ġibtx il-homework, u kulħadd beda jidħaq bija. Żgur tobgħodni Ms Grech. Naf li kulħadd jaħseb li jien ninsa ħafna. Issa kuljum naħseb li se tgħajjat miegħi għax nagħmel xi ħaġa ħażina. Jekk jogħġbok għinni!*

*Dejjem tiegħek,*

*Viktor*

*Għażiż ħabib/a,*

*Sa ftit ilu kont noqgħod il-Ġermanja mal-familja tiegħi. Issa ġejna noqogħdu Malta. Diffiċli ħafna għax il-familja tiegħi l-ħin kollu trid timxi minn post għal ieħor u jkolli noqgħod nibda skola differenti kull darba! Qed nipprova nagħmel ħbieb imma t-tfal tal-klassi lanqas jifhmuni u ma jilagħbux miegħi. Inħossni waħdi. Naħseb ħadd qatt mhu ħa jilgħab miegħi u ħadd ma jrid isir ħabib miegħi. Għandi bzonn l-għajnuna tiegħek! Grazzi,*

*Mattis*

*Għażiż ħabib/a,*

*Nispera li inti OK. Għandi problema li nixtieq naqsam miegħek. Minn dejjem kont tajba fl-iskola. Imma kull darba li nġib marka tajba f'test, tnejn minn sħabi jibdew jgħajruni li jien "nerd". Dejjem jgħajruni. It-tfal tal-klassi kollha jaħsbu li jien nerd issa. Qed nibża' nitkellem mat-tfal tal-klassi għax kulħadd jaħseb li jien "loser". Tista' tgħinni jekk jogħġbok?*

*Dejjem tiegħek,*

*Nina*

## MHUX JIEN, MHUX DEJJEM, MHUX KOLLOX

*Lill-ġenituri: Irreferu għall-eżempji provduti fil-Gwidal għall-Ġenituri u għinu lit-tfal jidentifikaw liema partijiet juru li Susan qed taħseb b'modi MHUX JIEN, MHUX DEJJEM, u MHUX KOLLOX. It-tfal jimmarkaw il-partijiet differenti b'kuluri differenti.*

---

Susan tistħi ħafna biex twieġeb il-mistoqsijiet fil-klassi u taħseb li sħabha tal-klassi se jidħqu biha jekk iġġibha ħażina. Imma Susan qed tipprova tħares lejn in-naħa s-sabiħa! "Ma naħsibx li jien l-unika waħda li nibża' nwieġeb il-mistoqsijiet fil-klassi. Naħseb hemm tfal oħra bħali. Inħossni li nistħi biss meta ma nkunx ċerta mit-tweġiba. Meta nifhem sew dak li rrid nagħmel, inħossni kunfidenti biex inwieġeb il-mistoqsija. U wara kollox, jekk ma nagħtix it-tweġiba t-tajba, ma jfissirx li t-tfal se jidħqu bija u ma jkunux iridu jibqgħu ħbieb miegħi. Ma jfissirx li l-għalliema se taħseb li jien injuranta, u ma jfissirx li jien ma naf xejn."



# Attività 3: Għandi bżonn l-għajnuna!

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiddeskrivu sitwazzjoni li tinkludi ħsieb negattiv u jbiddluh fi ħsieb pożittiv.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Niddeskrivi sitwazzjoni li tinkludi ħsieb negattiv u nbiddlu fi ħsieb pożittiv.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività: 'Nies famużi' (maqtugħin), 'Stil ta' spjegazzjoni', 'Il-problema ta' Emma'; karti A4 ikkuluriti.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Organizza 'treasure hunt' permezz tal-folja t'attività 'Nies famużi'. Aqsam il-klassi f'żewġ gruppi: il-grupp tar-roża u l-grupp tal-aħdar. Qasqas il-*cards* tal-folja t'attività u aħbihom madwar il-klassi. Agħti lill-gruppi għaxar minuti biex isibu l-cards li jaqblu mal-kulur tal-grupp tagħhom. Imbagħad il-gruppi jridu jaħdmu flimkien biex iqabblu l-ismijiet tan-nies famużi mal-istejjer ta' ħajjithom. Wara l-logħba, tista' tistaqsi lill-istudenti biex jaħsbu fuq dak li għandhom komuni dawn in-nies kollha. Staqsihom: X'taħsbu li għadda minn moħħhom meta ma rnexxilhomx jiksbu dak li jixtiequ?

3. Għaddi l-folja t'attività 'Stil ta' spjegazzjoni' mal-istudenti u staqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Inti s-soltu tħares lejn in-naħa pożittiva jew lejn in-naħa negattiva?
- X'inhuma l-vantaġġi li nħarsu lejn in-naħa pożittiva? X'inhuma l-iżvantaġġi?
- X'inhuma l-vantaġġi li nħarsu lejn in-naħa negattiva? X'inhuma l-iżvantaġġi?

5. Staqsi lill-istudenti jekk xi darba rawx avviżi fuq il-gazzetti fejn xi ħadd jitlob għall-għajnuna. Staqsihom biex jimmaġinaw li għaddejjin minn diffikultà u li qed iħarsu lejn in-naħa negattiva. Se jiktbu avviż fuq il-gazzetta biex jiddeksrivu l-problema u l-ħsibijiet tagħhom u biex jistaqsu

għall-għajnuna. Wara li jkunu għamlu dan, għid lill-istudenti li issa jridu jbiddlu r-rwol u jimmaġinaw li se jwieġbu lil din il-persuna biex jgħinuha tħares lejn in-naħa pożittiva. L-istudenti jistgħu jiktbu dawn l-ittri fuq karta A4 ikkulurita u jiddekorawha kif jixtiequ huma. L-istudenti jistgħu wkoll jaħdmu fi gruppi.

6. Kif ilestu, l-istudenti jippreżentaw ix-xogħol tagħhom quddiem il-klassi. Ix-xogħol jista' jiġi mdendel fil-klassi.



### *Attività għad-Dar*

Fil-folja t'attività l-istudenti jgħinu lil Emma tħares lejn in-naħa pożittiva. L-istudenti jiktbu ħsieb jew ħsibijiet biex jgħinu lil Emma taħseb b'modi MHUX JIEN, MHUX DEJJEM, MHUX KOLLOX.

| **NIES FAMUŻI** | |
|---|---|
| **Thomas Edison** | Meta kien għadu żgħir, l-għalliema tiegħu kienu jaħsbu li kien injorant u li ma kien se jitgħallem xejn. Ġie mkeċċi mill-ewwel żewġ xogħlijiet tiegħu. Wara 1,000 falliment, fl-aħħar irnexxielu jivvinta l-bozza tal-elettriku. |
| **Walt Disney** | Ġie mkeċċi minn editur ta' gazzetta li qal li ma kellux immaġinazzjoni u kien bla ideat! Imbagħad beda negozju li ma marx tajjeb u spiċċa fallut! Minkejja dan, kiseb ħafna suċċess bil-produzzjonijiet tiegħu ta' films għat-tfal. |

| | |
|---|---|
| **Bill Gates** | Ma kompliex l-istudji tiegħu fl-università ta' Harvard. Beda negozju ma' xi ħadd ieħor jismu Traf-O-Data imma dan in-negozju falla. Iktar 'il quddiem bena negozju ta' suċċess kbir jismu Microsoft. |
| **Albert Einstein** | Beda jitkellem meta kellu 4 snin, u beda jaqra meta kellu 7 snin. Ma kienx imur tajjeb l-iskola u tkeċċa. Iżda fl-aħħar sar eċċellenti fil-Fiżika u anke rebaħ Premju Nobel! |
| **J.K. Rowling** | Qabel ma kitbet il-kotba ta' Harry Potter, din l-awtriċi ma kellhiex flus u kienet qed tipprova trabbi t-tifla tagħha waħedha. |

## IL-PROBLEMA TA' EMMA

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jaqraw l-problema ta' Emma biex jgħinuha tħares iktar lejn in-naħa pożittiva. Għinuhom jaħsbu fi ħsibijiet li juru li s-sitwazzjoni ta' Emma ma tiġrix lilha biss (MHUX JIEN), li s-sitwazzjoni mhux dejjem kienet hekk u mhux bil-fors li dejjem se tibqa' hekk (MHUX DEJJEM), u li mhux bil-fors taffettwa l-affarijiet l-oħra f'ħajjitha (MHUX KOLLOX).*

---

*Jiena Emma. Jien u l-familja tiegħi għadna kif ġejna Malta minn pajjiż ieħor. Konna diġà biddilna l-post fejn noqogħdu sena ilu. Dejjem hekk jien! Dawn l-affarijiet dejjem lili jiġru. Qed ninkwieta ħafna li mhux se nagħmel ħbieb fl-iskola l-ġdida. Żgur ħadd ma jkun irid jilgħab miegħi. Naf li qatt mhu ħa jkolli ħbieb. Tant jien imdejqa li lanqas biss irrid immur l-iskola issa. Nixtieq li qatt ma ġejt hawn.*

Issa għin lil Emma tħares lejn in-naħa pożittiva u taħseb b'dan il-mod:

MHUX JIEN

MHUX KOLLOX

MHUX DEJJEM:

# Topik 2 Naħsbu b'mod pożittiv, inħossuna aħjar!

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi: |
|---|
| Jidentifikaw liema emozzjonijiet u azzjonijiet jistgħu jiġu wara ħsieb pożittiv. |
| Ikomplu sekwenza ta': ħsieb→emozzjoni→azzjoni. |
| Joħolqu sekwenza ta': ħsieb→emozzjoni→azzjoni permezz ta' *flowchart*. |
| |

## Attività 1: Il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet ta' Diego

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw liema emozzjonijiet u azzjonijiet jistgħu jiġu wara ħsieb pożittiv.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Niddeskrivi l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet jistgħu jiġu wara ħsieb pożittiv.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività 'Il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet ta' Diego' (maqtugħin),'Maryam u Anastasia', kappell/beritta (jew kaxxa).



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Għid lill-istudenti li se jkunu qed igħinu lil Diego biex jidentifika il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet tiegħu. Fuq il-bord penġi tliet kolonni: l-ewwel kolonna għall-ĦSIBIJIET, it-tieni waħda għall-EMOZZJONIJIET, u l-aħħar waħda għall-AZZJONIJIET. Poġġi l-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet maqtugħin mill-folja t'attività ġol-kappell. Ibda billi tistaqsi student biex jieħu waħda mill-karti ta' ġol-kappell, jaqta' jekk hix ħsieb, emozzjoni jew azzjoni,

u jweħħalha taħt il-kolonna addattata fuq il-*board*. Jekk taħseb li l-eżerċizzju se jkun wisq diffiċli għall-istudenti, tista' tibda billi tiddistingwi l-ħsibijiet mill-emozzjonijiet.

3. Aqsam il-klassi fi gruppi. Agħti wieħed mill-ħsibijiet ta' Diego lil kull grupp, u kull grupp jagħmel reċta żgħira bl-emozzjonijiet u l-azzjonijiet li jistgħu jiġu wara l-ħsieb.

4. Għal kull reċta, iddiskuti liema kienu l-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-emozzjonijiet.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jaqraw l-folja t'attività fuq il-problema ta' Maryam u Anastasia. Maryam tħares lejn in-naħa negattiva filwaqt li Anastasia tipprova tħares lejn in-naħa pożittiva. L-istudenti jkomplu l-*flowchart* bl-emozzjonijiet u l-azzjonijiet ta' Maryam u Anastasia.

| **IL-ĦSIBIJIET, L-EMOZZJONIJIET U L-AZZJONIJIET TA' DIEGO** RIZORSI |
| --- |
| Għandi ħafna ħbieb l-iskola |
| Ma naħsibx li kapaċi niġri daqs Jacob |
| Jekk nistaqsi mistoqsija, naħseb li sħabi se jidħqu bija |
| L-għalliem qatt ma jagħżilni biex inkun il-*leader* tat-tim! Sinjal li jien m'iniex tajjeb fl-isports! |
| Jekk inkellem lil Katrina, naħseb li nerġgħu nsiru ħbieb |
| Jien tajjeb biex ngħin lill-oħrajn |
| Kuntent |

| |
|---|
| Nervuż |
| Beżgħan |
| Irrabjat |
| Fiduċjuż |
| Ferħan |
| Nistaqsi lil Timothy u lil Ashraf biex jilagħbu miegħi. |
| Noqgħod bil-qiegħda u ma niħux sehem fit-tellieqa |
| Nikkopja t-tweġibiet mill-istudenta ta' ħdejja |
| Ma niħux sehem fil-logħba tal-*basketball* |

| |
|---|
| Immur inkellem lil Katrina u ngħidilha li jiddispjaċini |
| Ngħin lil Greta tagħmel ix-xogħol tagħha |

## MARYAM U ANASTASIA

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jaqraw il-problema ta' Maryam u Anastasia. Maryam qed tħares lejn in-naħa negattiva filwaqt li Anastasia qed tipprova tħares lejn in-naħa pożittiva. Għinu lit-tfal ikomplu l-*flowchart *billi jniżżlu x'emozzjonijiet u azzjonijiet jistgħu jiġu wara l-ħsibijiet ta' Maryam u Anastasia.*

| | **Maryam** | **Anastasia** |
|---|---|---|
| **Sitwazzjoni** | Maryam u Anastasia marru joqogħdu xi mkien ieħor u biddlu l-iskola. Issa ma jafu lil ħadd. Fil-brejk ħadd ma jmur jkellimhom u joqogħdu waħedhom jieklu l-*lunch*. | |
| **Ħsieb** | "Ħadd mhu qed ikellimni. Naħseb ma tantx għamilt impressjoni tajba. Naħseb qatt mhu se nagħmel ħbieb f'din l-iskola." | "Din hi l-ewwel ġurnata tiegħi f'din l-iskola. Bilfors li ma jkellmunix it-tfal għax għadhom ma jafunix. Forsi qed jistħu jgħiduli '*hello*'. Forsi jekk nitbissmilhom, nurihom li jien *nixtieq inkun ħabiba tagħhom*" |
| **Emozzjoni u Azzjoni** | | |

# Attività 2: *The missing feelings and actions*

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Ikomplu sekwenza ta' ħsieb→emozzjoni→azzjoni.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Inkompli sekwenza ta' ħsieb→emozzjoni→azzjoni.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività 'Il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet ta' Diego' (maqtugħin-kopji għal kull grupp), 'Ħsieb, Emozzjoni, Azzjoni', u 'Problema ta' adult'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi u agħti lil kull grupp kopja tal-folja t'attività 'Il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet ta' Diego' (kull ħsieb, emozzjoni u azzjoni jridu jkunu maqtugħin minn qabel). Kull grupp irid jqabbel l-ħsieb mal-emozzjonijiet u l-azzjonijiet ta' wara. Kull grupp jista' jippreżenta x-xogħol tiegħu quddiem il-klassi.

3. L-istudenti jistgħu jaħdmu f'pari biex jimlew il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet neqsin fuq l-folja t'attività 'Ħsieb, Emozzjoni, Azzjoni'.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jintervistaw lil membru mill-familja jew adult ieħor fuq problema li kellhom. L-istudenti jistgħu jistaqsu: Xi bdejt taħseb? Kif ħassejtek wara li bdejt taħseb hekk? Imbagħad x'għamilt minħabba li ħsibt b'dan il-mod? L-istudenti jimlew il-vojt fl-folja t'attività 'Ħsieb, Emozzjoni, Azzjoni'.

| **IL-ĦSIBIJIET, L-EMOZZJONIJIET U L-AZZJONIJIET TA' DIEGO** |
|---|
| Għandi ħafna ħbieb l-iskola |
| Ma naħsibx li kapaċi niġri daqs Jacob |
| Jekk nistaqsi mistoqsija, naħseb sħabi se jidħqu bija |
| L-għalliem qatt ma jagħżilni biex inkun il-*leader* tat-tim! Sinjal li jien m'iniex tajjeb fl-isports! |
| Jekk inkellem lil Katrina, naħseb nerġgħu nsiru ħbieb |
| Jien tajjeb biex ngħin lill-oħrajn |
| Kuntent |

| |
|---|
| Nervuż |
| Beżgħan |
| Irrabjat |
| Fiduċjuż |
| Ferħan |
| Nistaqsi lil Timothy u lil Ashraf biex jilagħbu miegħi. |
| Noqgħod bil-qiegħda u ma niħux sehem fit-tellieqa |
| Nikkopja t-tweġibiet mill-istudenta ta' ħdejja |
| Ma niħux sehem fil-logħba tal-*basketball* |

| |
|---|
| Immur inkellem lil Katrina u ngħidilha li jiddispjaċini |
| Ngħin lil Greta tagħmel ix-xogħol tagħha |

# ĦSIEB, EMOZZJONI, AZZJONI

| Problema | Ħsieb | Emozzjoni | Azzjoni |
|---|---|---|---|
| Tintagħżel l-aħħar minn sħabek biex tingħaqad fil-grupp tax-Xjenza. | "Ma jimpurtax. Jessica u Sofia jintagħżlu l-ewwel għax huma tajbin ħafna fix-Xjenza. Imma jien tajjeb fil-P.E. u ġieli nintagħżel l-ewwel għall-gruppi tal-P.E." | | |
| **Problema** | **Ħsieb** | **Emozzjoni** | **Azzjoni** |
| Dejjem tiġi l-ewwel fl-eżamijiet. L-aħħar darba xi ħadd mill-klassi għajrek 'nerd'. | "Ma jfissirx li jien vera nerd." | | |

## PROBLEMA TA' ADULT

*Lill-ġenituri: It-tfal ser jintervistaw adult fuq problema li kellhom. L-adult irid jaqsam il-ħsibijiet li kellu dwar din il-problema, u l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet ta' wara. It-fal jiktbu x'qal l-adult hawn isfel.*

### X'ġara?

↓

### X'ħaseb/ħasbet?

↓

### X'ħass/ħasset?

↓

### X'għamel/għamlet?

# Attività 3: Id-djarju ta' Sarah

## L-Għan tat-Tagħlim

Joħolqu sekwenza ta': ħsieb→emozzjoni→azzjoni permezz ta' *flowchart*.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Noħloq sekwenza ħsieb ta': →emozzjoni→azzjoni permezz ta' *flowchart*.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folji t'attività: 'Sekwenza ħsieb→emozzjoni→azzjoni', 'Is-sekwenza tiegħi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Għid lill-istudenti jaqraw paġna mid-djarju ta' Sarah. Agħti lil kull student kopja ta' biċċa mid-djarju ta' Sarah kif hawn miktub hawn isfel. L-istudenti jaħdmu f'pari sabiex jagħmlu sing taħt il-ħsibijiet, l-emozzjonijiet u l-azzjonijiet ta' Sarah hekk kif hemm deskritt fid-djarju. Iddiskutu dak it-tweġibiet tal-gruppi.

**Id-Djarju ta' Sarah**

***Għażiż Djarju,***

***Kemm ġraw affarijiet illum! Hekk kif wasalt l-iskola, rajt lil Jade u Keira jħarsu lejja u jidħqu. Naħseb bdew jgħidu xi ħaġa minn wara dahri. Żgur bdew jitkellmu fuq il-marka li ġibt fit-test ilbieraħ! Kemm inħossni mweġġa' u rrabjata. Imbagħad anqas kellimthom għall-kumplament tal-ġurnata! Miniex se nibqa' ħbieb ma' xi ħadd li jgħid dawn l-affarijiet fuqi minn wara dahri!***

***Imbagħad waqt il-brejk, il-klassi kollha nqasmet f'żewġ gruppi biex nilagħbu logħba futbol. F'nofs il-logħba weġġajt u ma stajtx nilgħab iktar. Ma kienx tort tiegħi u ma stajt nagħmel***

***xejn iktar ħlief nieqaf nistrieħ ftit. Ma jimpurtax. L-aqwa li ma weġġajtx ħafna. Qgħadt bilqiegħda nħares lejn it-tfal l-oħra jilagħbu u ħeġġiġt lit-tim tiegħi.***

***Għalissa se nħallik għax qed tgħajjatli ommi!***

***Sarah***

3. L-istudenti jagħżlu waħda mill-isfidi li ltaqgħet magħhom Sarah fil-ġurnata tagħha u joħolqu sekwenza ta' ħsieb→emozzjoni→azzjoni fuq il-folja t'attività.

4. Fl-aħħar tal-attività l-istudenti jippreżentaw is-sekwenza li għamlu quddiem il-klassi.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jagħmlu sekwenza ħsieb→emozzjoni→azzjoni fuq problema li għaddew minnha huma stess.

## SEKWENZA ĦSIEB → EMOZZJONI → AZZJONI

RIŻORSI

Ikteb il-problema hawn

Penġi stampa tal-ħsieb ta' Sarah hawn

Penġi stampa ta' kif ħassitha Sarah hawn

Penġi stampa ta' x'għamlet Sarah hawn

## IS-SEKWENZA TIEGĦI

RIZORSI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jimlew din is-sekwenza ħsieb→emozzjoni→azzjoni għal xi problema li esperjenzaw.*

Aħseb fuq problema li kellek u iktibha hawn.

Issa pprova ħares lejn in-naħa s-sabiħa. Xi ħsibijiet pożittivi tista' żżomm f'moħħok biex jgħinuk tegħleb l-isfida?

Kif tħossok meta taħseb hekk?

X'tagħmel jekk taħseb u tħossok hekk?

# Topik 3 Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi: |
|---|
| Jidentifikaw ħsieb negattiv, u ħsieb pożittiv li jista' jmur kontrieh. |
| Jidentifikaw tliet ħsibijiet pożittivi fuqhom infushom. |
| Jidentifikaw x'jista' jgħinhom jaħsbu b'mod iktar pożittiv kontra ħsibijiet negattivi. |

## Attività 1: Il-fenek u l-fekruna

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw ħsieb negattiv, u ħsieb pożittiv li jista' jmur kontrieh.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nidentifika ħsieb negattiv, u ħsieb pożittiv li jista' jmur kontrieh.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Karti żgħar id-daqs ta' *business cards*, *markers*, kuluri, folja t'attività 'Il-pożittiv'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Il-fenek u l-fekruna**

**Darba kien hemm fenek li kien jiftaħar ma' kulħadd dwar kemm kien jaf jiġri. Il-fekruna li kienet timxi bil-mod u bil-pass tagħha kienet għajjiet tisma' lill-fenek jiftaħar, u darba minnhom sfidatu biex jagħmlu tellieqa. L-annimali kollha tal-foresta marru jaraw it-tellieqa.**

**Il-fenek beda jiġri fi triqtu imma mbagħad waqaf jistrieħ għal ftit. Ħares lura lejn il-fekruna u nduna li kienet għadha lura ħafna u miexja bil-mod. Il-fenek ra li kien għad baqa' ħafna sakemm il-fekruna tilħqu u għalhekk iddeċieda li jieħu nagħsa. Il-fekruna baqgħet miexja bil-pass tagħha. Qatt ma waqfet sakemm fl-aħħar laħqet it-tmiem.**

**Il-fenek qam u reġa' beda jiġri, imma kien tard wisq. Il-fekruna kienet rebħet.**

*(Esopu)*

3. Staqsi lill-istudenti biex jirriflettu fuq dawn il-mistoqsijiet, u ddiskutu f'pari:

- X'seta' beda jaħseb il-fenek waqt it-tellieqa? U l-fekruna? Niżżlu xi ftit ħsibijiet li setgħu jgħaddew minn moħħhom.
- Kif taħseb li l-fenek u l-fekruna jħarsu lejn l-isfidi?
- Kieku inti kellek tieħu sehem f'din it-tellieqa, kont ittellaq bħall-fenek jew bħall-fekruna? Jew kont ittellaq bħal xi annimal ieħor? Għalfejn?

4. L-istudenti jiddiskutu l-ħsibijiet tagħhom mal-oħrajn.

5. Qassam il-karti l-vojta lill-istudenti u għidilhom jiktbu ħsieb negattiv li jista' jkun li jkollhom fuqhom infushom fuq naħa waħda. Imbagħad fuq in-naħa l-oħra jiktbu ħsieb jew sentenza pożittiva li tmur kontra l-ħsieb negattiv. Jistgħu jpenġu din il-karta u jħarsu lejn il-ħsieb pożittiv meta jkollhom bżonn.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jipprovaw jaraw il-pożittiv f'sitwazzjoni diffiċli. Jiktbu x'kienet il-problema jew l-isfida, u mbagħad jaħsbu f'xi ħaġa pożittiva li ħarġet jew li tista' toħroġ mis-sitwazzjoni. X'jistgħu jitgħallmu minn din l-isfida?

## IL-POŻITTIV

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jaħsbu fi problema jew sfida li għaddew jew għaddejjin minnha. Imbagħad għinuhom jiktbu xi ħaġa pożittiva li ħarġet jew li tista' toħroġ minn din is-sitwazzjoni.*

---

**Ikteb dwar problema jew sfida…**

**Issa pprova ara l-pożittiv u semmi xi ħaġa tajba li ħarġet jew li tista' toħroġ minn din is-sitwazzjoni...**

# Attività 2: Enerġija pożittiva

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw tliet ħsibijiet pożittivi fuqhom infushom.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nidentifika tliet ħsibijiet pożittivi fuqi nnifsi.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Karti kkuluriti, *markers*, kuluri, dekorazzjonijiet, folja t'attività 'Kieku x'jagħmel xi ħadd ieħor?'



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra l-bijografija ta' Steve Jobs lill-istudenti:

**Steve Jobs**

**Wara li spiċċa l-iskola, Steve Jobs beda jattendi l-università iżda telaq wara biss sitt xhur. Fl-1974, Jobs beda jaħdem bħala *video game designer* imma telaq wara xi xhur. Meta kien għad kellu 21 sena, Jobs u l-*business partner* tiegħu Steve Wozniak fetħu l-kumpanija Apple Computers. Fis-snin ta' wara, *Apple Computers* kibret f'negozju ta' suċċess kbir. Iżda n-negozju ma kienx qed jikkompeti ma' kumpaniji tal-kompjuters oħrajn. Infatti, Jobs telaq minn Apple fl-1985 biex jibda kumpanija oħra jisimha *NeXT Inc.* Fis-sena ta' wara, Jobs xtara kumpanija li iktar 'il quddiem sar jisimha *Pixar Animation Studios* u li pproduċiet films animati popolari ħafna bħal *Toy Story, Finding Nemo u The Incredibles.* Xi snin wara, Jobs reġa' mar lura mal-kumpanija *Apple*, laħaq direttur, u rnexxielu jerġa' jqajjimha fuq saqajha. *Apple* introduċiet il-*Macbook Air, l-iPod, l-iPhone u l-iPad*. Fil-5 t'Ottubru 2011, *Apple* ħabbret li l-ko-fondatur tagħha kien miet. Jobs kellu 56 sena.**

**(Isaacson, 2011)**

3. Staqsi lill-istudenti biex jirriflettu fuq dawn il-mistoqsijiet f'pari:

- Kif taħseb li ħares lejn l-isfidi li ltaqa' magħhom f'ħajtu Steve Jobs?
- Xi ħsibijiet pożittivi taħseb li żamm f'moħħu Steve Jobs meta kien jiffaċċja xi sfida?
- Għalfejn taħseb li Steve Jobs kiseb daqstant suċċess?

4. Staqsi lill-istudenti jidentifikaw tliet sentenzi/ħsibijiet pożittivi fuqhom infushom li jistgħu jgħinuhom jiġġieldu kontra xi ħsibijiet negattivi. L-istudenti jagħmlu *poster* ta' 'enerġija pożittiva' b'dawn it-tliet ħsibijiet, u jippreżentawh quddiem il-klassi.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiktbu problema jew sfida li ltaqgħu magħha. Jistaqsu lill-membri tal-familja fuq dak li kieku jaħsbu, jgħidu u jagħmlu huma fl-istess sitwazzjoni. Din l-attività tgħin lit-tfal jifhmu li aħna nistgħu naħsbu fuq l-istess problema b'modi differenti.

## KIEKU X'JAGĦMEL XI ĦADD IEĦOR?

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal fuq problema jew sfida li għaddew minnha jew li għaddejjin minnha bħalissa. Għidulhom dak li taħsbu, tgħidu u tagħmlu intom kieku tkunu fl-istess sitwazzjoni. Uru lit-tfal li aħna nistgħu nħarsu lejn u naħsbu fuq il-problemi b'modi differenti.*

---

Ikteb problem jew sfida li għaddejt minnha jew li għaddej minnha.

..............................................................................

..............................................................................

..............................................................................

Staqsi lil xi membri fil-familja fuq dak li jaħsbu, jgħidu u jagħmlu kieku jkunu fl-istess sitwazzjoni. Ikteb ir-risposti tagħhom hawn isfel:

..............................................................................

..............................................................................

..............................................................................

..............................................................................

..............................................................................

..............................................................................

# Attività 3: Leħen pożittiv

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw x'jista' jgħinhom jaħsbu b'mod iktar pożittiv kontra ħsibijiet negattivi.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nidentifika x'jista' jgħinni naħseb b'mod iktar pożittiv kontra ħsibijiet negattivi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folji t'attività 'Nitkellmu magħna nfusna b'leħen pożittiv' (maqtugħin), u 'Kwotazzjonijiet pożittivi' (maqtugħin), *scrapbook* għal kull student, dekorazzjonijiet, *markers*, *crayons*, folja t'attività 'Inkunu pożittivi imma realistiċi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Poġġi s-sentenzi u l-kwotazzjonijiet pożittivi mill-folji t'attività 'Nitkellmu magħna nfusna b'leħen pożittiv' u 'Kwotazzjonijiet pożittivi' fiċ-ċentru taċ-ċirku jew fuq mejda. L-istudenti jagħżlu ħsieb pożittiv għalihom u ieħor għal xi ħadd ieħor. (Ara li kull student jirċievi ħsieb pożittiv mingħand xi ħadd). L-istudenti jaqsmu dak li għażlu u għaliex mal-oħrajn. Dawn huma xi mistoqsijiet biex tgħin lit-tfal jirriflettu:

- Xi ħsieb għażilt għalik innifsek? Għaliex? X'jogħġbok minn dan il-ħsieb?
- Xi ħsieb għażilt għal xi ħadd ieħor? Għalfejn? Xi trid tgħidilha lil din il-persuna permezz ta' dan il-ħsieb?
- X'tgħid lilek innifsek meta tkun għaddej minn xi problema jew sfida? X'affarijiet pożittivi tgħid?

3. L-istudenti jagħmlu *scrapbook* ta' pożittività. Fl-i*scrapbook* jirriflettu fuq xi ħsibijiet negattivi li jkollhom, jidentifikaw xi ħsibijiet pożittivi anke fuqhom infushom u jimlewh tpenġijiet, poeżiji u affarijiet oħra li jgħinuhom iħarsu lejn in-naħa pożittiva. L-i*scrapbook* jista' jsir bil-mod il-mod matul is-sena.



### *Attività għad-Dar*

Huwa tajjeb li nħarsu lejn in-naħa pożittiva imma rridu nkunu realistiċi wkoll. Fil-folja t'attività l-istudenti jridu jaħsbu fuq l-iktar ħaġa tajba li tista' tiġri imma mbagħad jirranġawha ftit biex tkun iktar realistika. Dan l-eżerċizzju jgħin lill-istudenti jiddistingwu bejn iż-żewġ pożizzjonijiet. L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri dak li kitbu l-iskola .

| NITKELLMU MAGĦNA NFUSNA B'LEĦEN POŻITTIV | | | |
|---|---|---|---|
| Jien speċjali | Jien ħabib/a tajjeb/tajba | Jien qalbi tajba | Jien inħobb ngħin |
| Jien għandi karattru sod | Jien kapaċi | Jien paċenzjuż/a | Jien tajjeb/tajba biżżejjed |
| L-isfidi jgħinuni nitgħallem | Jien nemmen fija nnifsi | Jien persuna tajba | Jien kapaċi nikseb dak li naħdem għalih |
| Jien nemmen fil-ħolm u x-xewqat tiegħi | Jien kapaċi nilħaq dak li nixtieq | Jien ma naqtax qalbi | Jekk ma jirnexxilix, nerġa' nipprova |
| L-iżbalji jgħinuni nitgħallem | Jien nipprova nitgħallem mill-iżbalji | Jien persuna onesta | Jien uniku/unika |
| Jien nagħmel l-almu tiegħi | Jien ngħin lil familti | Jien nista' nilħaq l-għanijiet tiegħi jekk naħdem għalihom | Kollox se jkun OK fl-aħħar |
| Jien ma nibżax nagħmel żball | L-iżbalji huma parti mill – proċess tat-tagħlim | Jien se jirnexxili | Jien nista' nagħmilha |

| KWOTAZZJONIJIET POŻITTIVI | | |
|---|---|---|
| B'dak kollu li ġralek, jista' jiddispjaċik għalik innifsek, jew inkella tista' tħares lejn dak li ġralek bħala rigal. Kollox jista' jkun opportunità biex tikber jew jista' jkun ostaklu li ma jħallikx tikber. Iżda inti tista' tagħżel.<br>*Dr. Wayne Dyer* | L-ikbar dgħufija tagħna hija li naqtgħu qalbna. L-iktar mod li bih nistgħu niksbu suċċess huwa dejjem li nerġgħu nipprovaw darb'oħra.<br><br>*Thomas Edison* | Pessimist jara d-diffikultà f'kull opportunità; ottimist jara l-opportunità f'kull diffikultà.<br><br>*Winston Churchill* |
| L-iżbalji huma prova li qed tipprova | Aħseb pożittiv u tkun pożittiv. | Iċċelebra l-affarijiet iż-żgħar. |
| U jekk naqa'?<br>Qalbi tiegħi, u jekk ittir?<br>Erin Hanson | Wegħidni li se tiftakar din: Inti iktar kuraġġuż milli temmen, iktar sod milli tidher, u iktar kapaċi milli taħseb.<br>— A.A. Milne | Oqgħod attent kif titkellem miegħek innifsek għax tkun qed tisma'.<br>Lisa M. Hayes |

# INKUNU POŻITTIVI IMMA REALISTIĊI

*Lill-ġenituri:Għal kull wieħed minn dawn l-eżempji, għinu lit-tfal jaħsbu fl-aħjar u l-iktar ħaġa realistika li tista' tiġri:*

**1. Għada għandek 'show and tell' imma qed tibża' titkellem quddiem il-klassi.**

L-aħjar ħaġa li tista' tiġri:

L-iktar ħaġa realistika li tista' tiġri:

**2. Ħabibtek wegħditek li se tilgħab miegħek fil-brejk imma ma tistax issibha.**

L-aħjar ħaġa li tista' tiġri:

L-iktar ħaġa realistika li tista' tiġri:

**3. Din is-sena se tibda tattendi klabb ġdid tal-futbol iżda mhu se tkun taf lil ħadd. Għada l-ewwel ġurnata.**

L-aħjar ħaġa li tista' tiġri:

L-iktar ħaġa realistika li tista' tiġri:

**4. Int u ħabib tiegħek iġġilidtu u issa ma tafx x'se jiġri minnkom.**

L-aħjar ħaġa li tista' tiġri:

L-iktar ħaġa realistika li tista' tiġri:

# SOTTOTEMA 2
# Emozzjonijiet pożittivi

**Din is-sottotema tagħti lill-istudenti l-opportunità li jagħrfu, jidentifikaw u jirregolaw l-emozzjonijiet pożittivi. Emozzjonijiet pożittivi bħat-tama, il-kuntentizza u l-umoriżmu jgħinu lit-tfal ikomplu jiżviluppaw ir-riżorsi personali tagħhom u jevitaw problemi psikoloġiċi (Fredrickson, 2001). Fl-ewwel topik, it-tfal jipparteċipaw f'attivitajiet dwar it-tama. L-attivitajiet huma mibnijin fuq l-idea li t-tama hija proċess li permezz tiegħu l-individwu jaħseb b'żewġ modi differenti: l-ewwel hemm dak li jissejjaħ pathways thinking i.e. l-abilità li tagħmel għanijiet u toħloq modi kif tilħaqhom, u mbagħad hemm agency thinking, li hija l-motivazzjoni u t-twemmin li tista' tilħaq l-għanijiet li tkun għamilt. Fl-attivitajiet dwar il-kuntentizza l-istudenti jesploraw din l-emozzjoni iktar fil-fond inkluż x'inhu dak li jagħmilhom kuntenti, x'jistgħu jagħmlu biex ibiddlu burdata ħażina f'waħda tajba, u x'jistgħu jagħmlu biex jikkontribwixxu għall-kuntentizza u l-ferħ ta' ħaddieħor. Fl-aħħar topik dwar l-umoriżmu, l-istudenti ikollhom l-opportunità jħarsu lejn il-problemi b'lenti iktar umoristika u jużaw l-umoriżmu b'mod pożittiv.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1** | **IT-TAMA** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JIBQGĦU JITTAMAW META MA JIRNEXXILHOMX JILĦQU GĦAN LI JIXTIEQU.<br>• JIŻVILUPPAW MENTALITÀ TA' TAMA META JAGĦMLU GĦAN PERSONALI.<br>• JIŻVILUPPAW MENTALITÀ TA' TAMA META JAĦSBU FUQ IL-FUTUR. |
| **TOPIK 2** | **IL-KUNTENTIZZA** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JIDENTIFIKAW AFFARIJIET DIFFERENTI LI JISTGĦU JAGĦMLU BIEX IBIDDLU BURDATA ĦAŻINA F'BURDATA TAJBA.<br>• JUŻAW L-ISTRATEĠIJA 'BIDDEL L-EMOZZJONI' BIEX IBIDDLU EMOZZJONIJIET NEGATTIVI F'EMOZZJONIJIET POŻITTIVI.<br>• JIDENTIFIKAW PERSUNA, POST, OĠĠETT JEW ĠRAJJA LI TAGĦMILHOM KUNTENTI. |

## TOPIK 3 L-UMORIŻMU

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDENTIFIKAW X'JISTGĦU JAGĦMLU BIEX JIŻGURAW LI BL-UMORIŻMU JGĦINU U MHUX IWEĠĠGĦU.
- JIDENTIFIKAW X'JISTGĦU JAGĦMLU BIEX JITBISSMU META JKUNU QED IĦOSSUHOM MDEJQIN.
- INIŻŻLU KIF GĦANDHOM U M'GĦANDHOMX JUŻAW L-UMORIŻMU.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Għamel kamera fil-klassi biex tirrekordja mumenti speċjali u turi l-istudenti meta jkunu ferħana. Il-mumenti jistaw ikunu xi għeluq ta' snin ta' xi ħadt, jew xi ħadt waqt li qed jirbaħ kompetizzjoni. L-istudenti jistgħu jagħmlu pitazz għall-klassi biex fih jiktbu dawk id-drabi li jħossuwhom kuntenti l-iskola.

2. Organizza ġurnata "Agħti tbissima lil xi ħadt". Ħeġġeġ lill-istudenti jaqsmu l-kuntentizza tagħhom ma xi ħadt ieħor billi jagħmu, jgħidu jew jiktbu xi ħaġa sabiħa ma' xi ħadt minn sħabhom. Per eżempju, juru interess f'ħaddieħor billi jisimgħu l-problemi tiegħu/tagħha, jgħidu xi ħaġa pozittiva lil xi ħadt, jagħtu rigal, jilagħbu ma xi ħadt, jew jiktbulhom nota speċjali.

3. Meta l-istudenti jħossuwhom mdejqin jew ikollhom ġurnata ħażina, organizza mixja jew attività fejn joqgħodu jfittxu xi ħaġa li tgħinhom iħossuhom aħjar. Dan jista' jkun ġugarell, ktieb jew ħabib/a li jkunu jistgħu jitkellmu miegħu/magħha.

4. Meta l-istudenti jibdew jaqtgħu qalbhom li ser jilħqu l-għanijiet tagħhom, għinhom biex jaqsmhuwom f' għanijiet iżgħar.

5. Minflokk ngħidu 'Thank God it's Friday' (TGIF), ipprattikaw 'Be Glad it's Monday' (BGIM) bħala parti mir-rutina tal-klassi. Ibda' it-Tnejn b'diska jew storja umoristika biex tgħin l-istudenti jkunu ħerqana u entużjasti għall-ġimgħa li ġejja (Cornett, 1986).

# Topik 1 It-tama

| |
|---|
| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:** |
| Jibqgħu jittamaw meta ma jirnexxilhomx jilħqu għan li xtaqu. |
| Jiżviluppaw mentalità ta' tama meta jagħmlu għan personali. |
| Jiżviluppaw mentalità ta' tama meta jaħsbu fuq il-futur. |

## Attività 1: Il-kaxxa ta' Pandora

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jibqgħu jittamaw meta ma jirnexxilhomx jilħqu għan li xtaqu.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nibqa' nittama meta ma jirnexxilix nilħaq għan li nixtieq.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Kif nibqa' nittama?', folja t'attività 'Sitwazzjonijiet' – maqtugħin, folja t'attività 'Pjan ieħor'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Il-kaxxa ta' Pandora**

**Żmien ilu, l-Allat Griegi ltaqgħu flimkien u ddeċidew li joħolqu xi ħaġa speċjali ħafna. Għamlu tifla perfetta u semmewha Pandora. Kull wieħed minnhom ta lil Pandora rigali speċjali: is-sbuħija, l-intelliġenza, l-għerf u ħila f'kollox. Fl-aħħar, lil Pandora ħaduha**

**quddiem Jupiter, ir-Re tal-Allat kollha. Jupiter xtaq ukoll jagħtiha rigal qabel ma jerġa' jibgħatha fid-dinja. Hu m'għoġbuhx ir-rigali li l-Allat l-oħra taw lil Pandora, u għalhekk taha biss kaxxa ordinarja b'għatu. Wissa lil Pandora biex qatt ma tiftaħ din il-kaxxa għall-ebda raġuni. Imma Pandora ma setgħetx tirreżisti t-tentazzjoni li ssir taf x'hemm ġewwa l-kaxxa. Allura darba waħda fetħitha. Pandora ħadet qatgħa x'ħin ħarġu l-affarijiet il-koroh kollha li minn dak iż-żmien 'l hawn ġabu ħafna ħsara lill-bniedem: ix-xjuħija, il-mard, l-għira, l-egoiżmu, il-kilba għall-flus... U qabel ma Pandora setgħet terġa' tagħlaq il-kaxxa, dawn l-affarijiet koroh laħqu nfirxu mad-dinja kollha. Fortunatament, it-tama baqgħet ġol-kaxxa, u bit-tama n-nies setgħu jegħlbu l-ostakli kollha li ħarġu mill-kaxxa.**

3. Staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- Xi tfisser it-*tama*?
- Għalfiex huwa importanti li nittamaw?
- L-istorja għalfejn tgħid li bit-tama n-nies irnexxielhom jegħlbu l-ostakli li ltaqgħu magħhom?

4. Għaddi l-folja t'attività 'Kif nibqa' nittama?' lill-istudenti.

5. Aqsam il-klassi fi gruppi u agħti lil kull grupp sitwazzjoni mill-folja t'attività 'Sitwazzjonijiet' biex jiddiskutuha. Kull sitwazzjoni tiddeskrivi persuna li għamlet għan u ma rnexxilhiex tilħqu. L-istudenti jridu jipprovaw jippjanaw għan ieħor. Jistgħu jużaw dawn il-mistoqsijiet bħala gwida:

- Xi ħsibijiet jistgħu jgħinuk tibqa' tittama?
- Xi pjan ieħor tista' tagħmel?
- Kieku kif tipprova tilħaq dan l-għan?

6. L-istudenti jistgħu jippreżentaw it-tweġibiet tagħhom quddiem il-klassi u jiddiskutu s-sitwazzjonijiet.



### *Attività għad-Dar*

Fuq il-folja t'attività, l-istudenti jiktbu dwar għan li pprovaw jilħqu imma ma rnexxilhomx u mbagħad jaħsbu fuq pjanijiet oħra li jistgħu jaħdmu għalihom sabiex jilħqu dak li jixtiequ.

# KIF NIBQA' NITTAMA?

RIŻORSI

## X'inhi t-TAMA?

- **It-tama** tfisser li nemmnu li ż-żmien diffiċli jgħaddi u jiġi żmien aħjar anke jekk ma nkunux nafu jew nifhmu kif.
- Hemm ħafna simboli f'ħajjitna li juruna li wara żmien diffiċli jiġi żmien sabiħ. Pereżempju, fin-natura wara li jagħmel il-maltemp, terġa' toħroġ ix-xemx u ġieli naraw qawsalla. Tista' taħseb f'iktar simboli bħal dawn? Tiftakar f'xi żmien diffiċli li għaddejt minnu li warajh ġie żmien aħjar? X'għenek tegħleb dan iż-żmien diffiċli?

## Nagħmlu MIRI

Mod kif nibqgħu nittamaw hija billi nagħmlu mira u naħdmu biex nilħquha. Biex nilħqu l-miri li nixtiequ, hemm bżonn li:

- Il-miri tagħna jkunu realistiċi
- Nagħmlu iktar minn pjan wieħed fil-każ li l-ewwel pjan ma jirnexxiex
- Aqsam mira kbira f'miri iżgħar. Mod wieħed kif taqsam mira kbira hija billi tikteb 'lista ta' affarijiet li rrid nagħmel'.
- Meta nkunu nixtiequ li tiġri xi ħaġa, jista' jkun li ma tiġrix mill-ewwel. Jista' jkollna bżonn pjanijiet differenti biex nilħqu dak li nixtiequ imma l-importanti huwa li ma naqtgħux qalbna.
- Aħseb b'mod pożittiv: "Se jirnexxili" u "Jien tajjeb biżżejjed" huma eżempji ta' kif nistgħu ninkoraġġixxu lilna nfusna. Tista' taħseb f'oħrajn?

**SITWAZZJONIJIET**




1. Andrei għadu kif beda jattendi skola ġdida. Ma jaf lil ħadd fil-klassi tiegħu u jħossu verament waħdu. Ipprova jitkellem ma' Katrina imma ma xtaqitx tilgħab miegħu l-aħħar darba li staqsieha.

-----------------------------------------------------------

2. L-ikbar ħabib ta' Kyle, Francois, għadu kif emigra lejn pajjiż ieħor u b'hekk Kyle u Francois m'għadhomx jaraw lil xulxin. Kyle kiteb ittra lil Francois imma Francois ma weġibx lura.

-----------------------------------------------------------

3. Becca qiegħda ssib il-Matematika diffiċli ħafna. Hi tħossha tant imbarazzata fuq dan. Hi studjat ħafna għall-eżami imma xorta m'għaddietx.

-----------------------------------------------------------

4. Kelly qed tiġi *bullied* minn xi tfal l-iskola. Hi diġà pprovat tgħid lill-għalliema tagħha dwar dan imma l-għalliema ħasbet li t-tfal l-oħra kienu biss qegħdin jiċċajtaw. Kelly tħossha mweġġa' ħafna dwar dan.

-----------------------------------------------------------

5. Il-ħbieb ta' Toni jgħiru għalih għax kważi dejjem jirbaħ fl-isport li jilagħbu waqt il-brejk. Toni jħoss li ħadd ma jrid jilgħab miegħu issa. Hu pprova jitkellem ma' wieħed minn sħabu, Gordon, imma dan għadda ż-żmien bih ukoll.

## PJAN IEĦOR

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jaħsbu f'xi ħaġa li xtaqu jagħmlu jew f'għan li xtaqu jilħqu imma ma rnexxilhomx. Ħeġġuhom jaqsmu magħkom kif ħassewhom meta ġara dan. Għinuhom jaħsbu f'għanijiet oħrajn simili li jistgħu jaħdmu għalihom.*

Ikteb fuq xi ħaġa li xtaqt tagħmel jew fuq għan li xtaqt tilħaq iżda ma rnexxiex.

.............................................................................

.............................................................................

.............................................................................

Kif ħassejtek?

.............................................................................

.............................................................................

X'għanijiet oħra tista' tilħaq?

- .............................................................................
  .............................................................................
- .............................................................................
  .............................................................................
- .............................................................................
  .............................................................................

# Attività 2: L-għan tiegħi

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiżviluppaw mentalità ta' tama meta jagħmlu għan personali.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Niżviluppa mentalità ta' tama meta nagħmel għan personali.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Folji t'attività 'Kif nibqa' nittama?', 'L-għan tiegħi', 'Nipprova nilħaq l-għan tiegħi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**L-istorja li qatt ma tispiċċa**

**Darba waħda kien hemm xitla żgħira tal-kittien. Il-pjanta kienet kuntenta ħafna bil-fjuri zgħar u blù, u bil-weraq li kellha. Kienet tapprezza l-qtar ġentili tax-xita. Darba waħda bidwi ġibidha minn mal-ħamrija. Il-pjanta għaddiet minn ħafna magni li ġibduha u wrewha b'kull mod possibli. Imma din ix-xitla ma gergritx għax apprezzat l-affarijiet is-sbieħ kollha li kellha f'ħajjitha. Iżda ħajjitha kienet għadha ma spiċċatx. Wara li ħarġet mill-aħħar magna, saret biċċa drapp sabiħa ħafna. Kulħadd faħħar is-sbuħija tagħha, li tat lill-pjanta sodisfazzjon kbri. Imma mbagħad id-drapp ġie attakkat minn imqass u labra, li weġġgħuha, imma biddluha fi qmis tassew eleganti. Il-kittien baqgħet tgħid lilha nnifisha kemm kienet xortiha tajba matul ħajjitha minkejja l-ostakli li kellha tgħaddi minnhom. Imma l-mumenti sbieħ u koroh tal-ħajja tal-pjanta kienu għadhom ma spiċċawx hawnhekk. Meta l-qmis saret biċċa ċarruta, intremiet u spiċċat inbidlet f'karta. Il-karta mbagħad tpoġġiet f'magna oħra u ġiet**

**ippubblikata bħala ktieb. Fl-aħħarnett, il-ktieb inħaraq, u nbidel f'duħħan li mbagħad tela' lejn is-sema.– Hans Christian Andersen (Padoan, 1986)**

3. Staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- X'mentalità kellha l-pjanta tal-kittien? Kif kienet tħares lejn l-isfidi li għaddiet minnhom f'ħajjitha?
- Kif irnexxielha tibqa' tittama?
- Kieku inti kont minflok din il-pjanta, kont tħares lejn l-isfidi b'dan il-mod? X'kont tagħmel l-istess jew differenti?

4. Għaddi l-folja t'attività 'Kif nibqa' nittama?' u uża l-mistoqsijiet biex tibda diskussjoni fuq it-tama.

5. Imbagħad qassam il-folja t'attività 'L-għan tiegħi' u spjega l-eżempju.

6. Qabbad lill-istudenti jimlew it-tieni paġna tal-folja t'attività b'għan personali. Huwa importanti li l-għan ikun żgħir u realistiku għall-ewwel, u ma jkunx diffiċli ħafna għall-istudenti biex jilħquh.



## *Attività għad-Dar*

Id-dar, l-istudenti jaħdmu biex jilħqu l-għan li jixtiequ. Jistgħu jiktbu dwar l-esperjenza tagħhom fuq il-folja t'attività.

## L-GĦAN TIEGĦI

Tixtieq li xi affarijiet f'ħajtek ikunu aħjar? Mod kif żmien diffiċli jinbidel għall-aħjar hu billi nagħmlu għan u nippruvaw nilħquh. Ħares lejn dan l-eżempju u mbagħad agħmel għan għalik stess:

1. Il-parti f'ħajti li nixtieq immur aħjar fiha hi <u>l-qari.</u>

2. Irrid <u>intejjeb il-qari.</u>

3. OK...issa pprova kun iktar speċifiku/a! <u>Irrid naqra ktieb kull ġimgħa.</u>

4. X'hemm tajjeb dwar li tilħaq din il-mira?

- Meta jkolli ħin liberu, inkun nista' naqra ktieb
- Bil-qari nista' mmur aħjar fil-kitba u l-lingwi
- Nista' npartat xi kotba ma' sħabi

5. Nista' nilħaq din il-mira billi...

- Nagħżel ktieb mil-liberija tal-iskola
- Naqra l-ktieb meta nkun lest mix-xogħol tal-iskola
- Naqra għal 10 minuti kuljum wara li nasal mill-iskola

6. Min se jgħinek tilħaq din il-mira?

Ommi, missieri u l-għalliema tiegħi

7. X'tista' tgħid lilek innifsek biex tkompli tittama li se tilħaq il-mira li għamilt?

Jien se jirnexxili! Jien kapaċi naqra ktieb kull ġimgħa jekk nipprova

## L-GĦAN TIEGĦI (Tkompli)

1. Il-parti f'ħajti li nixtieq immur aħjar fiha hi

________________________

2. Jien irrid

__________________________________________________

3. OK...issa pprova kun iktar speċifiku/a!

__________________________________________________

4. X'hemm tajjeb fuq li tilħaq din il-mira?

- ________________________________________
- ________________________________________
- ________________________________________

5. Nista' nilħaq din il-mira billi...

a) ________________________________________

b) ________________________________________

ċ) ________________________________________

6. Min se jgħinek tilħaq din il-mira?

________________________

7. X'tista' tgħid lilek innifsek biex tkompli tittama li se tilħaq il-mira li għamilt?

__________________________________________________

## NIPPROVA NILĦAQ L-GĦAN TIEGĦI

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal jaqsmu magħkom l-għan li għamlu għalihom infushom u kif qed jippjanaw li jilħquh. It-tfal jistgħu jiktbu dwar l-għan tagħhom u kif se jilħquh hawn isfel.*

---

Ikteb dwar kif se tilħaq l-għan tiegħek.

# Attività 3: Il-futur tiegħi

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiżviluppaw mentalità ta’ tama meta jaħsbu fuq il-futur.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Niżviluppa mentalità ta’ tama meta naħseb fuq il-futur.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Mużika rilassanti, folja t’attività ‘L-għan tiegħi għall-futur’.



## Passi tal-Attività

1. Qabel ma tasal il-ġurnata tal-attività, staqsi lill-istudenti biex jaħsbu fuq persuna li jammiraw – persuna li għaddiet minn żminijiet diffiċli imma xorta baqgħet tittama fi żmien aħjar. Tista’ tkun persuna li kisbet suċċess minkejja li għaddiet minn ostakli, persuna li għaddiet minn żmien ikrah imma xorta kisbet dak li xtaqet, eċċ.

2. Fil-ġurnata tal-attività, ibda l-lezzjoni b’attività ta’ moħħnihawn.

3. Staqsi lill-istudenti biex jitkellmu fuq il-persuna li jammiraw. X’tip ta’ sfidi ffaċċjaw? X’jaħsbu li għenhom jibqgħu jittamaw?

4. Imbagħad agħmel il-mużika u ggwida lill-istudenti biex imorru f’post fil-kamra fejn iħossuhom komdi. Bil-mod il-mod, stieden lill-istudenti biex jagħlqu għajnejhom u jimmaġinaw lilhom infushom ħames snin oħra. Bil-mod staqsihom: Fejn qegħdin? X’qed jagħmlu? X’inhuma lebsin? Hemm xi ħadd magħhom jew qegħdin waħedhom? Kif qed iħossuhom? Ħalli pawża bejn kull mistoqsija sabiex it-tfal ikunu jistgħu jirriflettu. [Kun konxju/a li jista’ jkun hemm xi studenti li jkunu għaddejjin minn żmien diffiċli u li jimmaġinaw futur ikrah.]

5. Wara l-eżerċizzju, staqsi lill-istudenti biex jirriflettu fuq dawn il-mistoqsijiet u jiktbu t-tweġibiet tagħhom fuq biċċa karta:

- Iddeskrivi kif immaġinajt lilek innifsek minn hawn u ħames snin oħra. Tista' anke tpenġi stampa jekk trid.

(Jekk l-istudenti jimmaġinaw futur ikrah, għinhom jirriflettu li jista' anke jkun hemm alternattiva anke forsi bl-għajnuna ta' sħabhom).

- X'għandha differenti dik il-persuna li ddeskrivejt jew pinġejt?
- Taħseb li tista' ssir bħal dik il-persuna? Għaliex jew għaliex le?
- X'tista' tagħmel illum biex issir iktar bħal dik il-persuna li pinġejt?

6. L-istudenti jaqsmu t-tweġibiet tagħhom mal-oħrajn u jiddiskutuhom bħala grupp.



### *Attività għad-Dar*

Fuq l- folja t'attività, l-istudenti jiktbu fuq dak li jixtiequ jiksbu fil-futur. X'tip ta' għanijiet jistgħu jaħdmu għalihom? X'se jgħinhom jiksbu l-għanijiet tagħhom? Kif se jegħlbu xi ostakli li jistgħu jiltaqgħu magħhom?

## L-GĦAN TIEGĦI GĦALL-FUTUR

RIŻORSI

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal fuq dak li jixtiequ jiksbu fil-futur. Għidilhom jitkbu dwar dan hawn isfel, u jinkludu min u x'jista' jgħinhom jiksbu l-għanijiet tagħhom, u kif jistgħu jegħlbu l-ostakli li jistgħu jiffaċċjaw.*

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

# Topik 2 Il-kuntentizza

| |
|---|
| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:** |
| Jidentifikaw affarijiet differenti li jistgħu jagħmlu biex ibiddlu burdata ħażina f'waħda tajba. |
| Jużaw l-istrateġija 'biddel l-emozzjoni' biex ibiddlu emozzjonijiet negattivi f'emozzjonijiet pożittivi. |
| Jidentifikaw persuna, post, oġġett, jew ġrajja li tagħmilhom kuntenti. |

## Attività 1: Nistgħu nikkreaw il-kuntentizza?

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw affarijiet differenti li jistgħu jagħmlu biex ibiddlu burdata ħażina f'waħda tajba.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nidentifika affarijiet differenti li nista' nagħmel biex inbiddel burdata ħażina f'waħda tajba.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

*Charts*, *markers*, folja t'attività 'Jien grat għal...'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Introduċi t-topik billi taqra dawn is-sitwazzjonijiet ta' żewġt itfal:

**Ella u Noah**

**Ella hija tifla li għandha dak kollu li tixtieq. Tgħix f'dar komda u sabiħa u għandha ħafna ġugarelli b'xiex tilgħab. Minkejja dan, Ella tgħir għal min għandu iktar affarijiet minnha. Meta tirċievi rigal, tieħu pjaċir għall-ewwel imma mbagħad tixba bih malajr għax tkun tixtieq rigal isbaħ. Noah għadda minn ħafna sfidi matul ħajtu. Hu twieled b'xi problemi fiżiċi u ma jistax jgħaġġel biex jagħmel l-affarijiet daqs sħabu. Minkejja dan, Noah japprezza l-affarijiet is-sbieħ li għandu f'ħajtu. Hu grat li fil-familja għandu lill-papà u lill-ħuh li jħobb ħafna. Noah jieħu pjaċir meta jirnexxilu jagħmel xi ħaġa li għal ħaddieħor hija faċli.**

2. Staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- Min taħseb hu l-iktar kuntent? Għaliex?
- Taħseb li l-kuntentizza tiġi waħedha jew tiddependi minna? Għaliex?
- X'tapprezza l-iktar f' ħajtek?

3. Aqsam il-klassi fi gruppi ta' erbgħa jew ħamsa. Staqsihom jagħmlu lista ta' dawk l-affarijiet kollha li jistgħu jagħmlu biex ibiddlu burdata ħażina f'waħda tajba. Il-gruppi jistgħu mbagħad jippreżentaw l-ideat tagħhom quddiem il-klassi.

4. Bħala klassi, agħmlu waħda mill-affarijiet li ssemmew (eż: kantaw, iżfnu, ilagħbu logħba, eċċ).



## *Attività għad-Dar*

Fakkar lill-istudenti li mod li bih nistgħu nżidu l-kuntentizza tagħna huwa li nniżżlu dawk l-affarijiet kollha li aħna napprezzaw u li aħna grati għalihom f'ħajjitna. Fuq il-folja t'attività l-istudenti jpenġu l-forma ta' idhom u għal kull saba' jiktbu xi ħaġa li huma grati għaliha.

# JIEN GRAT GĦAL...

RIŻORSI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ipenġu l-forma ta' idhom, jiktbu isimhom fin-nofs, u għal kull saba' jiktbu xi ħaġa li huma grati għaliha jew li japprezzaw f'ħajjithom.*

# Attività 2: Biddel l-emozzjoni

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Nużaw l-istrateġija 'Biddel l-emozzjoni' biex ibiddlu emozzjonijiet negattivi f'emozzjonijiet pożittivi.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nuża l-metodu 'Biddel l-emozzjoni' biex inbiddel emozzjonijiet negattivi f'emozzjonijiet pożittivi.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività 'Biddel l-emozzjoni', 'Ngħodd l-affarijiet is-sbieħ'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Ġiġi l-ġurdien u Ġoġò l-ġurdiena**

**Ġiġi l-ġurdien, li kien jgħix fil-qalba tal-belt, stieden lill-ħabiba tiegħu, Ġoġò l-ġurdiena, li kienet tgħix fil-kampanja, biex tiġi d-dar tiegħu. Ġiġi kien jogħġbu l-arja friska u l-veduta tal-kampanja imma l-ħajja fil-kampanja kienet wisq sempliċi u l-ikel kien wisq komuni għalih. Ġoġò tħajret biex tgħix bħal Ġiġi u għalhekk darba minnhom sakkret id-dar li kellha fil-kampanja u marret ma' Ġiġi saċ-ċentru tal-belt.**

**Id-dar ta' Ġiġi kienet tassew lussuża: kellha mirja kbar, madum tal-irħam, pitturi fuq il-ħitan, u kċina kbira mimlija bit-tamal, bil-frott, bil-ġobon u b'ħafna kejkijiet tajbin. Iż-żewġt iġrieden qagħdu bilqiegħda biex jieklu l-pranzu. Għal Ġoġò, il-pranzu kien qisu pranzu ta' re. Iżda Ġoġò ma tantx bdiet tħossha komda. Minn ħin għal ieħor, persuna jew qattus beda jgħaddi, u ż-żewġt iġrieden riedu joqogħdu jiġru u jistaħbew f'toqba fil-ħajt biex ma jarahom ħadd.**

**Din ġrat għal xi drabi, imma fl-aħħar Ġoġò ma felħitx iktar. Spiċċat bla kulur u titriegħed bil-biża. Hi ppakkjat il-bagalja u qalet, "Żomm il-lussu kollu Ġiġi. Nippreferi l-ħajja li għandi fil-kampanja. Forsi vera m'hemm xejn interessanti għaddej, imma hemm ħafna iktar paċi minn hawnhekk."**

*(Esopu)*

Staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb mill-istorja?
- Ġoġò għalfejn xtaqet tmur tgħix ġol-belt?
- X'għamilha kuntenta fl-aħħar mill-aħħar lill-Ġoġò?
- X'tgħallimt minn din l-istorja?

3. Għid lill-istudenti li kulħadd ikollu mumenti fejn jgħaddi minn xi emozzjonijiet xejn sbieħ, bħad-dwejjaq, u dan huwa normali. Xi drabi nistgħu nbiddlu emozzjonijiet bħal dawn f'emozzjonijiet pożittivi. Mhux l-emozzjonijiet kollha jitilqu malajr u mhux l-emozzjonijiet negattivi kollha nistgħu nbiddluhom f'emozzjonijiet pożittivi mal-ewwel imma dejjem nistgħu nagħmlu xi ħaġa.

4. Spjega l-folja t'attività 'Biddel l-emozzjoni' u staqsi lill-istudenti biex jimlewha waħedhom jew flimkien ma' student ieħor. Imbagħad jistgħu jaqsmu l-ideat tagħhom mal-oħrajn.



### *Attività għad-Dar*

Fakkar lill-istudenti li mod kif nistgħu nżidu l-kuntentizza tagħna hija billi ngħoddu kemm għandna affarijiet sbieħ f'ħajjitna u nniżżlu dawk l-affarijiet kollha (jistgħu jkunu nies, oġġetti, talenti, karatteristiċi, eċċ) li napprezzaw u li aħna grati għalihom f'ħajjitna. Fuq il-folja t'attività, l-istudenti jniżżlu għaxar affarijiet li huma grati għalihom f'ħajjithom.

# BIDDEL L-EMOZZJONI

RIZORSI

1. Semmi xi ħaġa negattiva li ġratlek. Tista' tkun ġlieda ma' xi ħabib/a, ġurnata fejn mar kollox ħażin, jew xi ħaġa li xtaqt tiġri imma ma ġratx.

2. Kif ħassejtek?

3. Darb'oħra x'tista' tagħmel meta tħossok hekk?

4. Kif tista' terġa' tiġi kuntent?

## NGĦODD L-AFFARIJIET IS-SBIEĦ

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jirriflettu fuq għaxar affarijiet li japprezzaw u li huma grati għalihom f'ħajjithom. It-tfal jiktbuhom hawn isfel.*

1. ..........................................................

2. ..........................................................

3. ..........................................................

4. ..........................................................

5. ..........................................................

6. ..........................................................

7. ..........................................................

8. ..........................................................

9. ..........................................................

10. ..........................................................

# Attività 3: Inħossni grat

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw persuna, post, oġġett jew ġrajja li tagħmilhom kuntenti.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nidentifika persuna, post, oġġett jew ġrajja li tagħmilni kuntent/a.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

*Charts*, *markers*, kuluri, stampi minn xi rivisti, kolla, mqass, dekorazzjonijiet, folja t'attività 'Il-profil tal-kuntentizza tiegħi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi ta' erbgħa jew ħamsa, u staqsihom iniżżlu dawk l-affarijiet kollha li jistgħu jagħmlu lin-nies kuntenti. Fil-grupp il-kbir, staqsi lit-tfal dawn il-mistoqsijiet:

- Dawn l-affarijiet kollha li semmejtu kif jistgħu jġibu l-kuntentizza f'ħajjitna?
- Hemm xi affarijiet milli semmejtu li bihom nistgħu nħossuna kuntenti għal ftit ħin imma mbagħad wara ftit nħossuna agħar?
- Liema affarijiet li ssemmew jġibu l-kuntentizza għalik?

3. Wara l-attività, għid lill-istudenti li mod ta' kif nistgħu nżidu l-kuntentizza tagħna hu li nħarsu lejn is-sabiħ tal-ħajja, niftakru f'dak li aħna grati għalih f'ħajjitna, u nagħmlu iktar affarijiet li jagħmluna kuntenti. L-istudenti jagħmlu *collage* fuq persuna, post, oġġett jew ġrajja li jagħmilhom kuntenti u jiktbu għalfejn dan huwa speċjali għalihom.

4. L-istudenti jippreżentaw u jitkellmu fuq il-*collages* tagħhom quddiem il-klassi.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jimlew il-profil tal-kuntentizza bl-użu tal-folja t'attività. Din tista' tiġi mdendla fil-klassi jew titpoġġa fir-Rokna ta' Reżiljenza.

# IL-PROFIL TAL-KUNTENTIZZA TIEGĦI

Isem

______________________________________________

Persuna li tagħmilni kuntenta hija...

______________________________________________

L-isbaħ memorja tiegħi hija...

______________________________________________

Jien napprezza l-iktar...

______________________________________________

Xi ħaġa li nagħmel biex naqsam il-ferħ tiegħi ma' ħaddieħor hi...

______________________________________________

Jien inkun kuntent/a meta...

______________________________________________

Il-post li jagħmilni l-iktar kuntent huwa...

______________________________________________

## Topik 3 L-umoriżmu

| Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi: |
|---|
| Jidentifikaw x'jistgħu jagħmlu biex jiżguraw li bl-umoriżmu jgħinu u mhux iweġġgħu lill- oħrajn |
| Jidentifikaw x'jistgħu jagħmlu biex jitbissmu meta jħossuhom imdejqin. |
| Iniżżlu kif għandna u m'għandniex nużaw l-umoriżmu. |

# Attività 1: Il-kelb tal-ġara

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw x'jistgħu jagħmlu biex jiżguraw li bl-umoriżmu jgħinu u mhux iweġġgħu lill-oħrajn

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nidentifika x'nista' nagħmel biex bl-umoriżmu tiegħi ngħin u mhux inweġġa' lill-oħrajn.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

*Charts*, *markers*, folja t'attività 'L-affarijiet li jdaħħquni'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din il-poeżija lill-istudenti:

**My Neighbour's Dog is Purple (Il-Kelb tal-ġara)**

**My neighbour's dog is purple,**

**Its eyes are large and green,**

**its tail is almost endless,**

**the longest I have seen.**

**My neighbour's dog is quiet,**

**It does not bark one bit,**

**but when my neighbour's dog is near,**

**I feel afraid of it.**

**My Neighbour's dog looks nasty,**

**it has a wicked smile…..**

**before my neighbour painted it,**

**it was a crocodile.**

**©Jack Prelutsky (Prelutsky, 1990)**

*NB. Tista' taqleb din il-poeżija bil-Malti*

3. Staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb fuq il-poeżija?
- X'idaħħqek? Min jogħġbuh stejjer tad-daħq? Min jogħġbuh programmi tad-daħq? Min jogħġbuh il-*cartoons*? Min jogħġbu ċ-ċajt?
- Semmi darba fejn dħaqt ħafna. X'ġara? Għalfejn kienet daqshekk tad-daħq?
- Id-daħq jgħinek biex tħossok aħjar?
- Kif nistgħu nassiguraw li nużaw umoriżmu li jgħin?
- Għalfejn huwa importanti li nużaw umoriżmu li jgħin?

4. Staqsi lill-istudenti biex jagħmlu tpenġija ta' kif jimmaġinaw il-kelb tal-ġara, hekk kif inhu deskritt fil-poeżija. L-istudenti jagħmlu tpenġija tad-daħq kemm jista' jkun.

5. Aqsam il-klassi fi gruppi ta' erbgħa jew ħamsa, u agħti *chart* u *markers* lil kull grupp. L-istudenti jagħmlu lista ta' kif jistgħu jassiguraw li l-umoriżmu tagħhom jgħin lil ħaddieħor u mhux iweġġa' jew joffendi lil-ħaddieħor. L-istudenti jippreżentaw il-punti tagħhom lill-klassi.



## *Attività għad-Dar*

Id-dar, l-istudenti jagħmlu *collage* b'dawk l-affarijiet kollha li jsibu tad-daħq. Il-*collage* jista' jinkludi storja tad-daħq, ċajt, xi sitwazzjonijiet tad-daħq li għaddew minnhom, taqbiliet, ritratti tad-daħq, *comics*, tpenġijiet, eċċ. L-istudenti jistgħu jġibu l-*collages* l-iskola u jippreżentawhom lill-sħabhom. Il-*collages* jistgħu jiġu mdendla fil-klassi.

## L-AFFARIJIET LI JDAĦĦQUNI

RIŻORSI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jagħmlu collage b'dawk l-affarijiet kollha li jsibu tad-daħq. Il-collage jista' jinkludi storja tad-daħq, ċajt, xi sitwazzjonijiet tad-daħq li għaddew minnhom, taqbiliet, ritratti tad-daħq,* comics, *tpenġijiet, eċċ.*

# Attività 2: Emerġenza! Għandi bżonn nitbissem ftit

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw x'jistgħu jagħmlu biex jitbissmu meta jħossuhom imdejqin.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nidentifika x'nista' nagħmel biex nitbissem meta nħossni mdejjaq

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

L-affarijiet li jdaħħqu lill-istudenti, kaxxa taż-żraben, dekorazzjonijiet, kolla, mqass, *markers*, żebgħa, kuluri, folja t'attività 'Xi ħaġa tad-daħq'.



## *Passi tal-Attività*

1. Xi jiem qabel il-ġurnata tal-attività, staqsi lill-istudenti biex jippreparaw xi affarijiet li jdaħħquhom. Dawn jistgħu jkunu stejjer tad-daħq, ċajt, taqbiliet, eċċ.

2. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

3. Ibda billi ssaqsi lil xi student biex jgħid ċajta jew storja li ġab miegħu.

4. Staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- X'idaħħqek? Min jogħġbuh stejjer tad-daħq? Min jogħġbuh programmi tad-daħq? Min jogħġbuh il-*cartoons*? Min jogħġbu ċ-ċajt?
- Semmi darba fejn dħaqt ħafna. X'ġara? Għalfejn kienet daqshekk tad-daħq?
- Id-daħq jgħinek biex tħossok aħjar?
- Kif nistgħu nassiguraw li nużaw umoriżmu li jgħin?
- Għalfejn huwa importanti li nużaw umoriżmu li jgħin?

5. Staqsi lill-istudenti biex jippreżentaw u jitkellmu fuq l-affarijiet li jdaħħquhom.

6. L-istudenti jistgħu jpoġġu dawn l-affarijiet f'kaxxa, u jsebbħu l-kaxxa. Din il-'first aid kit' tista' tintuża kull meta jkollhom bżonn jitbissmu.



### *Attività għad-Dar*

Fuq il-folja t'attività, l-istudenti jiktbu fuq xi ħaġa tad-daħq li għaddew minnha.

## XI ĦAĠA TAD-DAĦQ

Xi ħaġa tad-daħq li ġratli hi...

.................................................................................................

.................................................................................................

.................................................................................................

.................................................................................................

.................................................................................................

.................................................................................................

.................................................................................................

Agħmel tpenġija ta' dak li ġara.

# Attività 3: L-umoriżmu: dak li jgħin u dak li jweġġa'

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw kif għandhom u m'għandhomx jużaw l-umoriżmu.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħraf  kif għandi u m'għandix nuża l-umoriżmu.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Tagħwiġ l-ilsien' – maqtugħin, *Charts*, *markers*, kolla, mqass, kuluri, dekorazzjonijiet, folja t'attività 'Nidħqu ftit'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Ibda billi tgħid ċajta jew saqsi lil xi student biex jgħid ċajta jew storja tad-daħq.

3. Staqsi lill-istudenti biex ipoġġu f'ċirku. Poġġi t-tagħwiġ l-ilsien fiċ-ċentru. Staqsi lil kull student jagħżel waħda u jipprova jgħidha kemm jista' jkun malajr.

4. Staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- X'idaħħqek? Min jogħġbuh stejjer tad-daħq? Min jogħġbuh programmi tad-daħq? Min jogħġbuh il-*cartoons*? Min jogħġbu ċ-ċajt?
- Semmi darba fejn dħaqt ħafna. X'ġara? Għalfejn kienet daqshekk tad-daħq?
- Id-daħq jgħinek biex tħossok aħjar?
- Kif nistgħu nassiguraw li nużaw umoriżmu li jgħin?
- Għalfejn huwa importanti li nużaw umoriżmu li jgħin?

5. Aqsam il-klassi fi gruppi u agħti lil kull grupp wieħed minn dawn it-titli biex jippjanaw kampanja fl-iskola għall-użu tajjeb tal-umoriżmu. Ikteb dawn il-mistoqsijiet fuq il-bord biex tgħin lit-tfal jippjanaw il-kampanja:

- Kif jista' jgħinna l-umoriżmu fi żmien diffiċli?
- Kif jista' jgħinuna l-umoriżmu u d daħq niffaċċjaw l-isfidi tagħna?
- Semmi xi postijiet jew ħinijiet fejn l-umoriżmu m'għandux jintuża.

6. L-istudenti jiddiskutu l-mistoqsijiet u jippjananaw kampanja biex jgħallmu studenti oħra fuq l-umoriżmu – jista' jkun *poster*, *collage*, *chart*, reċta, poeżija, eċċ. Fl-aħħar, l-istudenti jippreżentawha quddiem il-klassi.



### *Attività għad-Dar*

Fuq il-folja t'attività, l-istudenti jiktbu fuq xi ħaġa negattiva li ġrat imma fejn irnexxielhom jaraw xi ħaġa tad-daħq fiha.

| TAGĦWIĠ L-ILSIEN | | |
|---|---|---|
| Toni tagħna tani tina tonda talli tajtu tuta tajba talli tela' t-telgħa tat-Tramuntana! | Trakk fuq trakk. Trakk taħt trakk. | *Ir-re ta' Batti Platti,mar biex jixtri l-platti ċatti; mela r-re ta'Batti Platti m'għandux platti ċatti biex mar jixtri l-platti ċatti?* |
| *Il-pespus pespes pespisa lil pespusa tal-pespus u l-pespusa tal-pespus għat-tpespisa tal-pespus, pespset.* | *Qafas tal-qasab imdendel mas-saqaf.* | Patri minn Napli mar Kapri għall-papri. Mela f'Napli m'hemmx papri biex patri minn Napli mar Kapri għall-papri? |
| Pawlu Parparawlu taħt is-sodda jisparawlu. Sparawlu tliet darbiet u qattgħulu l-qalziet. | Ir-re tal-Ingilterra ġie Malta jixtri t-terra. Mela fl-Ingilterra m'hemmx terra biex ir-re tal-Ingilterra ġie Malta jixtri t-terra? | Platti ċatti, tondi, fondi. Tiekol minnhom tikkonfondi. Tikkonfondi tiekol minnhom. Platti ċatti, tondi, fondi. |

## NIDĦQU FTIT

*Lill-ġenituri: Għin lit-tfal jiktbu fuq xi ħaġa negattiva li ġrat imma fejn irnexxielhom jaraw xi ħaġa tad-daħq fiha:*

# Agħmel tpenġija hawn isfel:

**_Checklist_ għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a: ________________________________________<br><br>Data: ________________________________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3:Ikkonsolidata |
| **Istruzzjonijiet: Imla ċ-_Checklist_ għal kull student fi tmiem _Tema 3 Niżviluppaw Mentalità Pożittiva_** | |

| **3. NIŻVILUPPAW MENTALITÀ POŻITTIVA** | |
|---|---|
| **3.1 ĦSIEB POŻITTIV U OTTIMISTIKU** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **3.1.1. Ħsieb pożittiv u negattiv** | |
| 3.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi jaqsam ħsieb pożittiv fi tliet partijiet | |
| 3.1.1.I. L-istudent kapaċi jbiddel ħsieb negattiv f'wieħed pożittiv | |
| 3.1.1.A. L-istudent kapaċi jiddeskrivi sitwazzjoni li tinkludi ħsieb negattiv u jbiddlu f'wieħed pożittiv | |
| **3.1.2. Naħsbu b'mod pożittiv, inħossuna aħjar!** | |
| 3.1.2.B. L-istudent kapaċi jidentifika liema emozzjonijiet u azzjonijiet jistgħu jiġu wara ħsieb pożittiv | |
| 3.1.2.I. L-istudent kapaċi jkompli sekwenza ta' ħsieb→emozzjoni→azzjoni | |
| 3.1.2.A. L-istudent kapaċi jagħmel sekwenza ta' ħsieb→emozzjoni→azzjoni | |
| **3.1.3. Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi** | |
| 3.1.3.B. L-istudent kapaċi jidentifika ħsieb negattiv, u ħsieb pożittiv li jista' jmur kontrieh | |
| 3.1.3.I. L-istudent kapaċi jidentifika tliet ħsibijiet pożittivi fuqu nnifsu | |
| 3.1.3.A. L-istudent kapaċi jidentifika x'jista' jgħinu jaħseb b'mod iktar pożittiv kontra ħsibijiet negattivi | |
| **3.2. EMOZZJONIJIET POŻITTIVI** | |
| **3.2.1. It-tama** | |
| 3.2.1.B. L-istudent kapaċi jibqa' jittama meta ma jirnexxilux jilħaq għan li jixtieq | |
| 3.2.1.I. L-istudent jadotta mentalità ta' tama meta jagħmel għan personali | |
| 3.2.1.A. L-istudent jadotta mentalità ta' tama meta jaħseb fuq il-futur | |
| **3.2.2. Il-kuntentizza** | |
| 3.2.2.B. L-istudent kapaċi jidentifika affarijiet differenti li jista' jagħmel biex ibiddel burdata ħażina f'waħda tajba | |

[1] B = Livell bażiku, I = Livell intermedju, A = Livell avvanzat

| | |
|---|---|
| 3.2.2.I. L-istudent kapaċi juża l-istrateġija 'Biddel l-emozzjoni' biex ibiddel emozzjonijiet negattivi f'emozzjonijiet pożittivi | |
| 3.2.2.A. L-istudent kapaċi jidentifika persuna, post, oġġett, jew ġrajja li tagħmlu kuntent | |
| **3.2.3. L-umoriżmu** | |
| 3.2.3.B. L-istudent kapaċi jidentifika x'jista' jagħmel biex jiżgura li bl-umoriżmu tiegħu jgħin u mhux iweġġa'lill-oħrajn | |
| 3.2.3.I. L-istudent kapaċi jidentifika x'jista' jagħmel biex jitbissem meta jkun qed iħossu mdejjaq | |
| 3.2.3.A. L-istudent kapaċi jidentifika kif għandu u m'għandux juża l-umoriżmu | |

**Il kapaċitajiet tal istudent/a:**

**Il ħtiġijiet tal istudent/a:**

**Għanijiet għal titjib:**

## ***Checklist* għall-Assessjar tal-Persuna Fuqha Nnifisha**

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a: ______________________________<br><br>Data: __________________________________ | ☹ Le<br>😐 Xi kultant<br>☺ Iva |

| **NIŻVILUPPAW MENTALITÀ POŻITTIVA – ĦSIEB POŻITTIV U OTTIMISTIKU** | | |
|---|---|---|
| **Ħsieb pożittiv u negattiv** | | |
| **Jekk jogħġbok immarka l-wiċċ li jiddeskrivik bl-aħjar mod.** | **Nista' nagħmilha** | **Inħobb nagħmilha** |
| Jien kapaċi naqsam ħsieb pożittiv fi tliet partijiet | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nbiddel ħsieb negattiv fi ħsieb pożittiv | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niddeskrivi sitwazzjoni li tinkludi ħsieb negattiv u nbiddlu f'wieħed pożittiv | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Naħsbu b'mod pożittiv, inħossuna aħjar!** | | |
| Jien kapaċi nidentifika liema emozzjonijiet u azzjonijietjiġu wara ħsieb pożittiv | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nkompli sekwenza: ħsieb→emozzjoni→azzjoni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħmel sekwenza: ħsieb→emozzjoni→azzjoni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Niġġieldu kontra l-ħsibijiet negattivi** | | |
| Jien kapaċi nidentifika ħsieb negattiv, u ħsieb pożittiv li jmur kontrieh | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika tliet ħsibijiet sbieħ fuqi nnifsi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika x'jista' jgħini naħseb b'mod iktar pożittiv kontra ħsibijiet negattivi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIŻVILUPPAW MENTALITÀ POŻITTIVA – EMOZZJONIJIET POŻITTIVI** | | |
| **It-tama** | | |
| Jien kapaċi nibqa' nittama meta ma jirnexxilix nilħaq għan li nixtieq | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Jien kapaċi nadotta mentalità ta' tama meta nagħmel għan personali | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi nadotta mentalità ta' tama meta naħseb dwar il-futur | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| **Il-kuntentizza** | | | | | | |
| Jien kapaċi nidentifika affarijiet differenti li nista' nagħmel biex inbiddel burdata ħażina f'waħda tajba | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi nuża l-metodu 'Biddel l-emozzjoni' biex inbiddel emozzjonijiet negattivi f'emozzjonijiet pożittivi | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika persuna, post, oġġett, jew ġrajja li tagħmilni kuntent/a | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| **L-umoriżmu** | | | | | | |
| Jien kapaċi nidentifika x'nista' nagħmel biex bl-umoriżmu tiegħi ngħin u mhux inweġġa' lill-ħaddieħor | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika x'nista' nagħmel biex nitbissem meta nkun qed inħossni mdejjaq. | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika kif għandi u m'għandix nuża l-umoriżmu | ☹ | 😐 | ☺ | ☹ | 😐 | ☺ |

Ħadt gost nitgħallem dwar.....

Nixtieq nitjieb......

# TEMA 4 Niżviluppaw Sens ta' Determinazzjoni Soda

## Sottotema 1 Insolvu l-problemi

TOPIK 1

Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi

TOPIK 2

Nqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni

TOPIK 3

Napplikaw soluzzjoni u nevalwawha

## Sottotema 2 L-*empowerment* u l-awtonomija

TOPIK 1

Niżviluppaw skop fil-ħajja u raġuni għalxiex qed ngħixu

TOPIK 2

Niżviluppaw sens ta' kontroll u kunfidenza fina nnfusna

TOPIK 3

Nitgħallmu naqbżu għalina nnfusna

# SOTTOTEMA 1
# Insolvu l-problemi

**L-istudji li saru dwar ir-reżiljenza juru li tfal reżiljenti għandhom l-kapaċità li jsolvu l-problemi (Benard, 2004; Munist et al., 1998). Din il-kapaċità tgħin lit-tfal jegħlbu l-isfidi u tipproteġihom mill-effettivi negattivi li jħallu l-problemi. Din il-kapaċita` tgħinhom iqisu u jaraw r-riżorsi li għandhom, jagħmlu pjanijiet realistiċi, u ifittxu l-għajnuna meta hemm bżonn. Din is-sottotema, li hija ffokata fuq il-problemi u fuq il-ħiliet biex it-tfal ikunu kapaċi jsolvuhom, hija maqsuma fi tliet topiks li jkopru l-passi ġenerali ta' kif nistgħu nsolvu l-problemi. Fl-ewwel topik, l-istudenti se jiġu mistiedna biex jagħtu definizzjoni tal-problema (jiġbru l-informazzjoni dwarha, jiddefinixxu l-oġġettivi, u janalizzaw dak li jista' jgħinhom u dak li jista' jtellifhom milli jsolvu l-problema) u jsibu soluzzjonijiet kreattivi għall-problema. Fit-tieni topik, l-istudenti jiżviluppaw ħiliet biex iqisu s-soluzzjonijiet, inkluż il-ħin u l-isforz li hemm bżonn, u jevalwaw ir-riżultati tas-soluzzjonijiet. It-tielet topik jenfasizza l-applikazzjoni u l-evalwazzjoni tas-soluzzjonijiet, u joffri l-opportunità lill-istudenti biex isolvu l-problemi billi jippruvaw soluzzjonijiet differenti, jevalwaw ir-riżultati tas-soluzzjonijiet, u jerġgħu jipprovaw xi soluzzjonijiet oħra jekk hemm bżonn. F'dan l-aħħar topik, l-istudenti jkunu kapaċi wkoll isemmu l-proċess u l-passi ta' kif isolvu l-problemi.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NIDDEFINIXXU L-PROBLEMA U NAĦSBU F'SOLUZZJONIJIET KREATTIVI**<br><br>• JAGĦRFU LI L-EWWEL PASS BIEX ISOLVU PROBLEMA HUWA LI JQISU X'SE JGĦIN U X'SE JTELLEF.<br>• JAGĦRFU LI GĦANDHOM BŻONN IL-ĦIN U L-ISFORZ BIEX ISOLVU L-PROBLEMI B'MOD EFFETTIV.<br>• JAĦSBU F'SOLUZZJONIJIET KREATTIVI U DIFFERENTI |
| **TOPIK 2**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NQISU S-SOLUZZJONIJIET U NIEĦDU DEĊIŻJONI**<br><br>• JQISU SOLUZZJONIJIET GĦAL PROBLEMA SKONT IL-VANTAĠĠI U L-IŻVANTAĠĠI TAGĦHOM.<br>• JQISU KEMM GĦANDHOM BŻONN IL-ĦIN U L-ISFORZ BIEX IĦADDMU SOLUZZJONI FIL-PRATTIKA.<br>• JQISU R-RIŻULTATI TA' SOLUZZJONIJIET SKONT KIF HUMA U ĦADDIEĦOR IĦOSSUHOM DWAR IS- SOLUZZJONI. |

## TOPIK 3 NAPPLIKAW SOLUZZJONI U NEVALWAWHA

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIPPROVAW ISOLVU PROBLEMA BILLI JAPPLIKAW SOLUZZJONI
- JQISU R-RIŻULTATI TA' SOLUZZJONI U JEKK IKUN HEMM BŻONN, JERĠGĦU JIPPROVAW.
- ISOLVU PROBLEMA BILLI JUŻAW IT-TLIET PASSI TA' KIF INSOLVU L-PROBLEMI.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Għin lit-tfal jifhmu li xi kultant ser ikollna problemi, kunflitti, u diżgwid iżda nistgħu nitgħallmu l-aħjar mod ta' kif insolvuhom.

2. Għin lit-tfal jaħsbu u jiġbru informazzjoni biex jidentifikaw u jsolvu l-problemi b'mod effettiv.

3. Uża l-problemi li jinqalgħu ta' kuljum fil-klassi biex tgħin lit-tfal jaħsbu b'mod kreattiv meta jkunu jridu jsolvu xi problema.

4. Inkludi dawn il-proċessi ta' kif wieħed isolvi problema f'sitwazzjonijiet diffiċli fil-klassi biex tgħin lit-tfal jaħsbu fuq is-soluzzjoni qabel ma jaġixxu.

5. Involvi lit-tfal fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-klassi inkluż fit-tagħlim akkademiku (eż: attivitajiet, riżorsi, homework), fl-aspett soċjali, u fl-imġiba.

# Topik 1 Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jagħrfu li l-ewwel pass biex isolvu problema huwa li jqisu x'se jgħin u x'se jtellef.

Jagħrfu li għandhom bżonn il-ħin u l-isforz biex isolvu l-problemi b'mod effettiv.

Jaħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi u differenti.

## Attività 1: Nagħrfu l-problema

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu li l-ewwel pass biex isolvu problema huwa li jqisu x'se jgħin u x'se jtellef.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nqis x'se jgħin u x'se jtellef bħala l-ewwel pass biex insolvi problema.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività 'Il-kaxxa tal-problemi' u'Il-karti tal-problemi', mqass, *biros* jew lapsijiet, u kuluri, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Qabel ma tibda l-attività, aqta' l-karti tal-problemi mill-folja t'attività, u imla l-*cards* il-vojta bi problemi oħrajn li huma relevanti għall-istudenti.

3. Għid lill-istudenti li se jibnu kaxxa tal-problemi fi gruppi żgħar. Grupp wieħed se jibni l-kaxxa (uża l-mudell fil-folja t'attività 'Il-kaxxa tal-problemi') u l-oħrajn se jkunu responsabbli biex jiddekorawha (bil-kitba u bl-istampi). Meta jkunu lesti, poġġi l-karti tal-problemi ġol-kaxxa, u staqsi lill-istudenti biex ipoġġu bilqiegħda f'forma ta' ċirku. Student jieħu karta mill-kaxxa u jaqra l-problema quddiem il-klassi. L-istudenti jiddiskutu l-problema flimkien, jiddefinixxu

l-oġġettivi u jevalwaw x'se jgħin u x'se jtellef. Kull student għandu jkollu l-opportunità li jieħu mill-inqas problema waħda mill-kaxxa sabiex ikun jista' jirrifletti fuqha. Għinhom jirriflettu billi tistaqsi:

- Għalfejn huwa importanti li ssolvi l-problema?
- X'jista' jgħin?
- X'se jtellef u x'se jgħin?
- Kieku kellek taqsam il-problema f'biċċiet żgħar, tgħinek?

1. Fl-aħħar għid lill-istudenti biex fil-jiem li ġejjin, se jkollhom l-opportunità li jżidu problemi oħrajn fil-kaxxa tal-problemi sabiex ikunu jistgħu jiddiskutuhom mal-bqija tal-klassi.
2. Enfasizza l importanza li tibda billi tiddefinixxi l problema, tiġbor l informazzjoni, tirrifletti fuqha, u taqsam il problema f'biċċiet iżgħar, jekk ikun hemm bżonn. Huwa importanti wkoll li jiddefinixxu l oġġettivi (xi ħaġa li jixtiequ li jakkwistaw permezz tal azzjonijiet u tas sforzijiettal-isforzi tagħhom), janalizzaw x'jista' jtellef (dak kollu li jista' jagħmilha diffiċli għalihom biex jakkwistaw dak li jridu), u x'jista' jgħin (dak kollu li jista' jagħmilha faċli għalihom biex jagħmlu xi ħaġa). Għidilhom li huwa aħjar li jkollhom żewġ jew tliet soluzzjonijiet għal problema, imma fl aħħar iridu jagħżlu soluzzjoni li jaħsbu li hi l aħjar

.  ***Attività għad-Dar***

L-istudenti jirrepetu din l-attività d-dar mal-ġenituri tagħhom u jaħsbu fuq probemi ta' kuljum li huma jiffaċċjaw u mbagħad iniżżlu x'se jgħin u x'se jtellef biex isolvuhom. Jiktbu problemi ġodda li jistgħu joħduhom l-iskola u jpoġġuhom fil-kaxxa tal-problemi sabiex jiġu diskussi fil-klassi.

# IL-KAXXA TAL-PROBLEMI

Qabel ma nsolvu problema, huwa tajjeb li nieqfu naħsbu u niġbru l-informazzjoni! Qasqas din il-forma u użaha bħala kaxxa tal-problemi.



# IL-KARTI TAL-PROBLEMI

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| IEQAF, AĦSEB, U IĠBOR L-INFORMAZZJONI | OĠĠETTIVI | AQSAM IL-PROBLEMA F'BIĊĊIET ŻGĦAR | X'SE JGĦIN | X'SE JTELLEF |
| | | | | |
| TIXTIEQ TARA T-TELEVIXIN IMMA GĦANDEK IL-*HOMEWORK* X'TAGĦMEL | SĦABEK SFIDAWK BIEX TAGĦMEL XI ĦAĠA STUPIDA | XI ĦADD AKKUŻAK B'XI ĦAĠA LI M'GĦAMILTX | XI ĦADD QED JGĦADDI Ż-ŻMIEN B'ĦABIB TIEGĦEK NIEQES MID-DAWL | TIXTIEQ TILBES IS-SANDLI IMMA QED TAGĦMEL IX-XITA |
| INSEJT TIEĦU L-*LUNCH* L-ISKOLA | FL-ISKOLA , KISSIRT XI ĦAĠA BI ŻBALL | SELLIFT LIL SIEĦBEK IL-LAPES TIEGĦEK U ISSA MA JRIDX ITIHULEK LURA | INTILIFLEK IL-QATTUS | MA TISTAX ISSIB IL-LOGĦBA L-FAVORITA TIEGĦEK |

# Il-KARTI TAL-PROBLEMI

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| PROBLEMA | PROBLEMA | PROBLEMA | PROBLEMA | PROBLEMA |
| PROBLEMA | PROBLEMA | PROBLEMA | PROBLEMA | PROBLEMA |

*Lill-ġenituri: It-tfal jirrepetu l-attività li għamlu l-iskola. Flimkien aħsbu fuq problemi ta' kuljum u dak li jgħinna u jtellifna milli nsolvu problema partikolari. It-tfal jiktu problemi ġodda fil-kaxex u jeħduhom l-iskola biex jiddiskutu fil-klassi.*

---

**PROBLEMA:**

**DAK LI JGĦIN**

**DAK LI JTELLEF**

# Attività 2: Insolvu l-problemi

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu li għandhom bżonn il-ħin u l-isforz biex isolvu l-problemi b'mod effettiv.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nagħraf li għandi bżonn il-ħin u l-isforz biex insolvi l-problemi.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Ejja naħsbu fuq is-soluzzjoni'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Kelvin Doe**

**Kelvin Doe twieled fis-26 t'Ottubru, 1996 ġewwa Freetown, Sierra Leone, fl-Afrika. Fil-komunità żgħira fejn kien jgħix, l-elettriku kien ipprovdut biss darba f'ġimgħa. Kelvin kien għajja jaqra fid-dawl tax-xemgħa, u għalhekk fl-età ta' għaxar snin, beda jfittex xi *parts* elettroniċi minn siti taż-żibel biex joħloq xi invenzjoni. Meta kellu tlettax-il sena, iddisinja batterija minn materjal rriċiklat biex ikollu l-enerġija f'daru. Xi ftit żmien wara, bena *generator* biex ikun jista jiċċarġja l-batterija. Beda jiċċarġja l-batteriji tal-ġirien tiegħu u beda jaqla' xi ftit flus ukoll. Fl-2012, meta kellu sittax-il sena, ħa sehem f'kompetizzjoni. David Sengeh, l-organizzatur tal-kompetizzjoni, talab xi fondi biex Kelvin ikun jista' jmur l-Amerka biex jitkellem fil-*World Maker Fair* fi New York. Kelvin sar l-iżgħar "inventur" ġewwa *l-Massachusetts Institute of Technology* (MIT), ċentru ta' investigazzjoni importanti ħafna. Hu ppreżenta l-invenzjonijiet tiegħu lill-istudenti tal-MIT, ħa sehem f'riċerka, u ta xi lezzjonijiet lill-istudenti tal-inġinerija fil-Kulleġġ ta' Harvard. Illum, Kelvin imexxi stazzjon**

**tar-radju lokali li jagħti l-opportunità lill-membri tal-komunità biex ikollhom diskussjonijiet dwar il-problemi tagħhom, jaqsmu l-informazzjoni, u jisimgħu l-mużika. Hu jiċċarġja l-batteriji tal-ġirien biex jkollhom l-elettriku kuljum. Bil-flus li jaqla', jinvesti f'iktar aċtu biex jagħmel iktar batteriji u jħallas lil sħabu li jgħinu fl-istazzjon tar-radju. Fil-komunità tiegħu, isejħulu DJ Focus għax kif jgħid hu: "Nemmen li jekk tiffoka, tagħmel invenzjoni perfetta". Illum jgħid ukoll li meta kien għadu tifel, kien spiss joħlom bis-soluzzjonijiet għall-problemi.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti jirrfilettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġbok minn din l-istorja vera?
- X'kienet il-problema ta' Kelvin?
- Għalfejn Kelvin ried joħloq invenzjonijiet ġodda?
- Għalfejn beda jfittex fiż-żibel?
- Kif solva l-problema?
- Matul ħajtu, Kelvin irċieva għajnuna mingħand l-oħrajn?
- Taf lil xi ħadd ieħor li jaf isolvi l-problemi bħalma kien Kelvin?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli għint biex issolvi problema fil-familja jew fil-komunità tiegħek?
- X'kienet jew x'inhi?
- Għidilna kif solvejt din l-esperjenza.
- Tista' taħseb f'soluzzjonijiet oħrajn għal din il-problema?

5. Fi gruppi żgħar, l-istudenti jaħsbu fuq problema fil-komunità. Tista' tkun fl-iskola jew fil-lokalità fejn tinsab l-iskola. Waqt id-diskussjoni, l-istudenti jimlew il-folja t'attività 'Ejja naħsbu fuq is-soluzzjoni'. Wara jistgħu jagħmlu *poster* u jippreżentawh quddiem il-klassi.



## *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri tagħhom, l-istudenti jidentifikaw problemi differenti li tfal u familji jiffaċċjaw, speċjalment problemi li ħassew li kienu diffiċli biex jissolvew, li kellhom bżonn iktar ħin u sforz, iżda li ssolvew. Jiktbuhom u jagħmlu lista ta' 'problemi diffiċli' u jġibuhom l-iskola biex jaqsmuhom mal-oħrajn u jiddiskutu.

# EJJA NAĦSBU FUQ IS-SOLUZZJONI

Il-problema hija:

Min kien involut:

X'nistgħu nagħmlu (ejja naħsbu fuq soluzzjonijiet

Il-pjan tagħna:

# EJJA NAĦSBU DWAR IS-SOLUZZJONI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jidentifikaw problemi differenti li tfal u familji jiltaqgħu magħhom, speċjalment problemi li ħassew li kienu diffiċli biex jissolvew, li kellhom bżonn iktar ħin u sforz, iżda li ssolvew. Iktbuhom u agħmlu lista ta' 'problemi diffiċli' u kif dawn issolvew.*

**Il-problemi**

**Kif ġew solvuti:**

# Attività 3: Nikkombinaw soluzzjonijiet differenti

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jaħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi u different .

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Insib soluzzjonijiet kreattivi u differenti għal problema.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Il-kaxxa tal-problemi (Ara attività 1 – Nidentifikaw il-problema), folja t'attività 'Soluzzjonijiet li nistgħu nikkombinaw'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Staqsi lill-istudenti biex ipoġġu bilqiegħda f'forma ta' ċirku u poġġi l-kaxxa tal-problemi fin-nofs. Jiddiskutu iżjed problemi li hemm fil-kaxxa, u jaħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi. Jipprattikaw ukoll soluzzjonijiet differenti flimkien. Staqsi lil student jieħu karta u student ieħor biex jagħmel *role play* tal-problema. Jekk ikun hemm bżonn, jistgħu jistiednu studenti oħrajn biex jieħdu sehem. Kull student irid ikollu l-opportunità jipparteċipa f'tal-inqas *role play* waħda. Fl-aħħar l-istudenti jitkellmu fuq il-problemi li rreċtaw li jistgħu jiġu solvuti aħjar jekk nikkombinaw iktar minn soluzzjoni waħda. Biex tgħin lill-istudenti jirriflettu, staqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'tgħallimt fuq kif insolvu l-problemi?
- Liema problemi kienu solvuti aħjar meta kkombinajna iktar minn soluzzjoni waħda? Għalfejn? X'kienet id-differenza?
- Liema kienet l-iktar soluzzjoni kreattiva? Għalfejn? Dik is-soluzzjoni solviet il-problema?

3. Fl-aħħar tal-attività, għid lill-istudenti li l-kaxxa se tibqa' fil-klassi u li jistgħu jerġgħu jiddiskutu l-problemi meta jixtiequ.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jaqsmu mal-familja tagħhom problemi li kellhom qabel ma kkombinaw soluzzjonijiet differenti biex sabu soluzzjonijiet aħjar. Jniżżlu s-soluzzjonijiet differenti li kkombinaw biex ħolqu waħda aħjar. L-għada, staqsi lill-istudenti dwar dak li tkellmu mal-ġenituri.

## SOLUZZJONIJIET LI NISTGĦU NSIBU

*Lill-ġenituri: Stiednu lit-tfal jaqsmu magħkom problemi li kellhom qabel ma kkombinaw soluzzjonijiet differenti biex sabu soluzzjonijiet aħjar. Jniżżlu s-soluzzjonijiet differenti li kkombinaw biex ħolqu waħda aħjar.*

---

***Problema:***

***Soluzzjonijiet differenti li kkombinajt:***

***Is-soluzzjoni finali:***

# Topik 2 Nqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jqisu soluzzjonijiet għal problema skont il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha

Jqisu kemm għandhom bżonn ħin u sforz biex iħaddmu soluzzjoni fil-prattika.

Jqisu r-riżultati ta' soluzzjonijiet skont kif huma u ħaddieħor iħossuhom dwar is-soluzzjoni.

## Attività 1: Kemm hi tajba din is-soluzzjoni?

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Iqisu soluzzjonijiet għal problema skont il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tagħha

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Inqis soluzzjonijiet għal problema skont il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Kemm hi tajba din is-soluzzjoni?', *biros* or lapsijiet.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. L-istudenti jifformaw gruppi ta' tlieta. Agħtihom l-ewwel paġna tal-folja t'attività 'Kemm hi tajba din is-soluzzjoni?' biex jiddiskutu fi gruppi u mbagħad jagħżlu l-aħjar soluzzjoni (wara li jkunu evalwaw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull soluzzjoni). Fl-aħħar, il-gruppi differenti jippreżentaw is-soluzzjonijiet li għażlu u r-raġunijiet warajhom.

3. Issa staqsi lill-istudenti jiftakru deċiżjoni importanti li ħadu u mbagħad qassam it-tieni paġna tal-folja t'attività. Fl-aħħar jaqsmu d-deċiżjonijiet tagħhom mal-oħrajn u tista' tgħinhom jifhmu li biex nevalwaw is-soluzzjonijiet irridu anke naħsbu fuq il-valuri tagħna.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu t-tieni paġna tal-folja t'attività li mlew l-iskola u jiddiskutu mal-ġenituri l-problema li għażlu. Flimkien jaħsbu fuq soluzzjonijiet oħrajn għall-problema, jevalwawhom, u jiktbu fuqhom. L-għada staqsi lill-istudenti fuq dak li tkellmu fuqu mal-ġenituri.

## KEMM HI TAJBA DIN IS-SOLUZZJONI?

F'kull sitwazzjoni, immarkaw s-soluzzjoni li taħsbu li hi l-aħjar. Aħsbu fuq kemm hi tajba hi s-soluzzjoni skont il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li toffri. Jekk ma togħġobkom l-ebda soluzzjoni, tistgħu tiktbu waħda intom.

L-għalliem jistaqsik tpoġġi s-siġġijiet fuq l-imwejjed wara l-iskola. Inti:
__ Tistaqsi lil xi ħadd jgħinek.
__ Tgħid, "Ok," u mbagħad tinsa tagħmilha.
__ Tnaddaf il-board minflok.

Ommok tgħidlek biex tnaddaf kamartek.
Inti:
__ Tħallas lill-oħtok iż-żgħira biex tnaddaf hi.
__ Tnaddafha.
__ Twiegħdha li se tnaddafha wara l-iskola.

Tara lil xi tfal jieħdu basket ta' xi ħadd ieħor u jitilqu jiġru.
Inti:
__ Ma tagħmel xejn.
__ Tiġri wara t-tfal biex tipprova tieħu l-basket.
__ Tgħid lit-tifel biex jaqbeż għalih innifsu.

Issib wallet fil-bitħa.
Inti:
__ Tieħu l-flus u tħalli l-wallet.
__ Tieħu l-wallet id-dar u taħbih.
__Tieħu l-wallet għand l-għalliema biex jaraw ta' min hu.

## INSIBU SOLUZZJONI

*Lill-ġenituri:It-tfal ġabu folja t'attività d-dar li mlew l-iskola. Tkellmu mat-tfal fuq il-problema li ddiskutew fil-klassi. Flimkien, aħsbu fuq is-soluzzjonijiet għal din il-problema, evalwawhom u iktbu l-konklużjonijiet tagħkom.*

| Isem: | Data: |
|---|---|
| **X'inhi l-problema?** | |
| **Soluzzjonijiet possibli?** | |
| **Il-konsegwenzi possibli tas-soluzzjonijiet?** | **TAJBIN:**<br><br>**ĦŻIENA:** |

# Attività 2: Id-deċiżjonijiet jieħdu l-ħin u l-isforz

## L-Għan tat-Tagħlim

Jqisu kemm għandhom bżonn ħin u sforz biex iħaddmu soluzzjoni fil-prattika.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Inqis kemm għandi bżonn ħin u sforz biex inħaddem soluzzjoni fil-prattika.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Tangram', mqass, kaxxa, karta, *biros* jew lapsijiet, folja t'attività 'Iktar soluzzjonijiet'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Ilagħbu l-logħba 'Tangram': aqsam il-klassi fi gruppi ta' tlieta u agħtihom il-biċċiet tat-'Tangram' (qasqas il-mudell fil-folja t'attività). Għidilhom li jridu jifformaw kaxxa bil-partijiet differenti. Biex jagħmlu dan, iridu jipprovaw soluzzjonijiet differenti sakemm isibu l-aħjar waħda.

3. Kull student biex jikteb problema u jpoġġiha fil-kaxxa. Tista' tkun problema reali jew immaġinarja. Wara li kulħadd ikun poġġa l-problema fil-kaxxa, staqsi lil student biex jieħu karta mill-kaxxa u jaqra l-problema. Bħala grupp, l-istudenti jiddiskutu l-problema, jevalwaw xi soluzzjonijiet, u jieħdu deċiżjoni fuq l-aħjar soluzzjoni. Kull student irid ikun ħa problema mill-kaxxa sakemm il-problemi kollha jinqraw. Wara, l-istudenti jinqasmu f'pari biex jippreżentaw f'forma ta' reċta l-problema u s-soluzzjoni li għażlu.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri tagħhom fuq il-problemi li ddiskutew l-iskola u flimkien jaħsbu f'iktar soluzzjonijiet, jiktbuhom u jqisu l-ħin u l-isforz li hemm bżonn f'kull soluzzjoni.

# TANGRAM

Qabel ma tieħu deċiżjoni, għandek taħseb'kemm is-soluzzjoni hi diffiċli biex titħaddem fil-prattika u kemm għandek bżonn ħin u sforz.



## IKTAR SOLUZZJONIJIET

*Lill-ġenituri: It-tfal se jitkellmu magħkom fuq il-problemi li ddiskutew l-iskola. Flimkien, aħsbu f'iktar soluzzjonijiet, iktbuhom u agħrfu l-ħin u l-isforz li hemm bżonn f'kull soluzzjoni.*

---

### *Problema:*

### *Soluzzjonijiet li ħsibna fihom l-iskola:*

### *Soluzzjonijiet oħrajn:*

# Attività 3: Ir-riżultati tas-soluzzjonijiet

## L-Għan tat-Tagħlim

Iqisu r-riżultati ta' soluzzjonijiet skont kif huma u ħaddieħor iħossuhom fuq is-soluzzjoni.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nqis ir-riżultati ta' soluzzjonijiet skont kif jien u ħaddieħor inħossuna fuq is-soluzzjoni.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Eżempji ta' regoli', karti, *biros* jew lapsijiet, kolla, kartonċin, ritratti tal-istudenti, folja t'attività 'Lista ta' regoli'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi u staqsihom jaħsbu f'regoli li huma importanti f'kuntesti differenti (l-iskola, id-dar, fis-soċjetà). Hemm xi eżempji fil-folja t'attività. Iġbor fil-qosor ir-regoli li ddiskutejtu u iktibhom fuq il-*board*. Staqsi lill-gruppi biex jaħsbu fuq problemi ta' kuljum u s-soluzzjonijiet għalihom, filwaqt li jevalwaw kif ir-regoli li ddiskutew jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom. Fl-aħħar, iddiskutu s-soluzzjonijiet u l-importanza tar-regoli biex jgħinu lil kulħadd jieħu d-deċiżjonijiet.

3. Fakkar lill-istudenti dwar l-importanza li jidentifikaw u jaħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi għall-problemi. Qabel ma jieħdu deċiżjoni, iridu jqisu r-riżultati tas-soluzzjonijiet, jaraw jekk is-soluzzjonijiet jistgħux isolvu l-problema, u jekk jogħġbuhomx ir-riżultati. Huwa wkoll importanti li jaħsbu fuq kif huma u ħaddieħor se jħossuhom fuq kull soluzzjoni, u kif is-soluzzjoni toqgħod fil-kuntest tar-regoli tas-soċjetà.



## *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri, l-istudenti jagħmlu lista ta' regoli fil-familja, fl-iskola u fis-soċjetà u jiddeskrivu kif kull waħda tinfluwenza d-deċiżjonijiet ta' kuljum. Staqsi lill-istudenti biex jerġgħu jġibu l-iskola x-xogħol li għamlu mal-ġenituri.

## EŻEMPJI TA' REGOLI




Meta taħseb fuq is-soluzzjonijiet, aħseb fuq kif inti u ħaddieħor tħossukom fuq kull soluzzjoni, u kif is-soluzzjoni toqgħod fil-kuntest tar-regoli tas-soċjetà.

---

- NAĦDEM FIL-KLASSI MINGĦAJR MA TAGĦMEL L-ISTORBJU
- NAĦDMU B'ATTENZJONI U DEDIKAZZJONI
- NISTENNA META JMISS LILI
- NOĦROĠ U NIDĦOL FIL-KLASSI BL-ORDNI
- INŻOMM IL-KLASSI NADIFA U FL-ORDNI
- URI RISPETT B'DAK LI TGĦID U TAGĦMEL
- TWEĠĠA' LIL ĦADD INTENZJONALMENT, KEMM FIŻIKAMENT U ANKE EMOZZJONALMENT
- JEKK WEĠĠAJT LIL XI ĦADD, ANKE JEKK MHUX APPOSTA, ITLOB SKUŻA
- TIĦUX XI ĦAĠA LI MHIJIEX TIEGĦEK MINGĦAJR PERMESS
- TIKKRITIKAX L-IMĠIBA TA' ĦADDIEĦOR, TINDAĦALX F'ĦAJJITHOM, U TIMPONIX L-OPINJONIJIET TIEGĦEK FUQHOM
- UŻA R-RIŻORSI TAD-DINJA KIF GĦANDEK BŻONN, B'RISPETT LEJN ID-DINJA, LEJN ĦAJJIET OĦRAJN, U LEJN IL-BŻONNIJIET TA' ĦADDIEĦOR
- ĦU ĦSIEB SAĦĦTEK

# LISTA TA’ REGOLI

RIŻORSI

*Lill-ġenituri: Flimkien mat-tfal agħmlu lista ta’ regoli tad-dar, tal-familja u tas-soċjetà, u ddeskrivu kif kull waħda minn dawn ir-regoli tinfluwenza d-deċiżjonijiet ta’ kuljum.*

---

## Lista ta’ regoli fid-dar, fil-familja, fis-soċjetà:

1. Regola u kif tinfluwenza d-deċiżjonijiet ta’ kuljum:

2. Regola u kif tinfluwenza d-deċiżjonijiet ta’ kuljum:

3. Regola u kif tinfluwenza d-deċiżjonijiet ta’ kuljum:

4. Regola u kif tinfluwenza d-deċiżjonijiet ta’ kuljum:

5. Regola u kif tinfluwenza d-deċiżjonijiet ta’ kuljum:

# Topik 3 Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jipprovaw isolvu problema billi japplikaw soluzzjoni għall-problema.

Iqisu r-riżultati ta' soluzzjoni u jekk ikun hemm bżonn, jerġgħu jipprovaw.

Isolvu problema billi jużaw it-tliet passi ta' kif insolvu l-problemi.

## Attività 1: Nipprovaw is-soluzzjonijiet

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jipprovaw isolvu problema billi japplikaw soluzzjoni għall-problema.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nsolvi l-problema billi nipprova soluzzjoni u nara kif qed taħdem.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Niċċekkjaw soluzzjoni', *biros* jew lapsijiet, folja t'attività 'Din is-soluzzjoni kif qed taħdem?'



### *Passi tal-Attività*

1. Qabel l-attività, aħseb fuq xi problemi li huma relevanti għall-istudenti u iktibhom fuq il-kaxxi vojta tal-folja t'attività.

2. Dakinhar tal-attività, ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

3. Ilgħab il-logħba 'Għoqda' mal-istudenti: Żewġ studenti jintagħżlu biex joqogħdu barra mill-grupp u staqsi lill-istudenti l-oħra biex jiffurmaw katina b'idejhom. L-istudenti jħawdu din il-katina u jagħmlu 'għoqda' iżda jridu jħallu jdjehom magħqudin. Jistgħu jidħlu minn taħt

l-idejn u minn bejn is-saqajn, eċċ. Imbagħad iż-żewġ studenti li kienu baqgħu barra mill-grupp jipprovaw ineħħu l-għoqda billi jagħtu istruzzjonijiet biss. Ma jistgħux imissu l-katina bl-ebda mod. Dan l-eżerċizzju jgħin lill-istudenti jitgħallmu kif jaħdmu flimkien biex isolvu problema. Jirrealizzaw ukoll li anke meta tkun diffiċli biex isolvu problema, xorta waħda se jsibu soluzzjoni jekk jipprovaw modi differenti u jiċċekkjaw kif qed taħdem.

4. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar u agħti lil kull grupp żewġ jew tliet problemi biex jirriflettu fuqhom bl-użu tal-folja t'attività. Jiddiskutu l-problemi u jkomplu l-folja t'attività bl-informazzjoni meħtieġa (jidentifikaw il-problema; soluzzjonijiet possibli; l-aħjar soluzzjoni). Meta kulħadd ikun lest, iddiskutu t-tweġibiet fil-grupp il-kbir u pprovaw agħżlu l-aħjar soluzzjoni għall-problema u aħsbu fuq kif taħdem fil-prattika.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri tagħhom dwar problemi ta' kuljum u kemm hu importanti li jippruvaw is-soluzzjonijiet u jiċċekkjaw jekk hux qed jaħdmu.

# NIĊĊEKKJAW SOLUZZJONI

Ipprova soluzzjoni li tgħinek tifhem jekk hux possibli li tista' tikkombina iktar minn soluzzjoni waħda u tiċċekkja kif qed taħdem.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **PROBLEM?** | | | |
| **SOLUZZJONIJIET POSSIBBLI** | | | |
| **L-AĦJAR SOLUZZJONI?** | | | |

## DIN IS-SOLUZZJONI KIF QED TAĦDEM?

*Lill-ġenituri: It-tfal ikellmukom dwar problemi ta' kuljum u kemm hu importanti li nipprovaw soluzzjonijiet differenti u niċċekkjaw jekk humiex qed jaħdmu. Sibu eżempju ta' problema fil-familja, iddiskutu soluzzjoni li pprovajtu u jekk hux qed taħdem jew le.*

### PROBLEMA 1

- Problema
- Soluzzjoni li pprovajna
- Jekk hix qed taħdem jew le

### PROBLEM 2

- Problema
- Soluzzjonijiet li pprovajna
- Jekk hix qed taħdem jew le

# Attività 2: Kif qed inħossuna fuq is-soluzzjoni?

## L-Għan tat-Tagħlim

Iqisu r-riżultati ta' soluzzjoni u jekk hemm bżonn, jerġgħu jipprovaw.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Inqis jekk soluzzjoni hix qed taħdem jew le, u jekk hemm bżonn, nerġa' nipprova.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Karti, *biros* jew lapsijiet, folja t'attività 'Problemi li kelli qabel'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar u staqsi lil kull grupp biex jaħseb fuq problema u jiktibha fuq biċċa karta. Kull problema tiġi rreċtata minn grupp differenti li jipprova jsib soluzzjonijiet differenti għaliha. Il-gruppi kollha jiddiskutu s-soluzzjonijiet li jppreżentaw u kif iħossuhom dwarhom. Kull student għandu jkun involut f'xi reċta. Fl-aħħar jirriflettu dwar is-soluzzjonijiet li sabu, u jqisu r-riżultati u kif l-oħrajn iħossuhom dwarhom. Staqsi lill-istudenti li ħasbu fuq il-problema kif iħossuhom fuq is-soluzzjoni. Jekk ikun hemm iktar minn soluzzjoni waħda, staqsihom liema waħda jippreferu u għalfiex. Jekk ikun hemm xi grupp li jkollu idea differenti fuq kif għandu jsolvi problema, għid lill-grupp jagħmel reċta dwarha. Enfasizza l-bżonn li jerġgħu jipprovaw u li ma jaqtgħux qalbhom.



## *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri, l-istudenti jipprovaw jidentifikaw problemi differenti li kellhom qabel, ir-riżultati tagħhom u kif huma u ħaddieħor ħassewhom meta solvewhom. Jiktbu l-konklużjonijiet tagħhom.

## PROBLEMI LI KELLI QABEL




*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jidentifikaw problemi differenti li kellhom qabel, ir-riżultati tagħhom, u kif huma u ħaddieħor ħassewhom meta solvewhom. It-tfal jiktbu dwar dan hawn isfel.*

---

## PROBLEMA 1

- Problema

- Riżultat

- Kif ħassejtukom wara li solvejtu l-problema

## PROBLEMA 2

- Problema

- Riżultat

- Kif ħassejtukom wara li solvejtu l-problema

# Attività 3: Vjaġġ importanti

## L-Għan tat-Tagħlim

Isolvu problema billi jużaw it-tliet passi ta' kif insolvu l-problemi.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Insolvi problema permezz tat-tliet passi ta' kif insolvu l-problemi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Vjaġġ importanti' (logħba, istruzzjonijiet u *cards*), damma, folja t'attività 'It-tliet passi ta' kif insolvu l-problemi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Din l-attività tikkonsisti f'logħba li tinkludi t-tliet passi tal-proċess li bih insolvu l-problemi (1. niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi; 2. nevalwaw is-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni; 3. nimplimentaw u nevalwaw is-soluzzjoni). Kull stadju għandu numru differenti ta' djar biex l-istudenti jkunu jistgħu jaħdmu fuq aspetti differenti tagħhom. Il-logħba tintlagħab fi gruppi (4-5 gruppi ta' 3-4 membri kull wieħed). Grupp ieħor, il-ġurija, tkun magħmula minn 2-4 studenti. Biex tibdew, kull grupp jagħżel simbolu u jpoġġih fuq il-'TLUQ' meta jkun imiss lilu. Wieħed wieħed, kull grupp jitfa' d-damma u jimxi 'l quddiem skont in-numru ta' fuq id-damma. Meta grupp jieqaf fuq dar, għandu jagħżel *card* waħda (mill-mazz li hemm fiċ-ċentru tal-*board*) u jaqra l-istruzzjonijiet ta' fuqha li taqbel ma' pass fil-proċess ta' kif insolvu l-problemi. Wara dan, il-grupp iwieġeb il-mistoqsija jew jagħmel l-azzjoni li hemm bżonn. It-tweġiba jew l-azzjoni hija evalwata mill-ġurija fejn jagħtu marka minn 0 sa 2 (skont kemm hi tajba t-tweġiba – eż: skont in-numru ta' soluzzjonijiet, mistoqsijiet, l-informazzjoni, il-konsegwenzi, jew il-kreattività li l-grupp ikun wera). In-numru ta' djar li l-grupp jaqbeż jaqbel mal-marka li tingħata mill-ġurija. L-ewwel grupp li jasal sat-tmiem jirbaħ.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri tagħhom fuq il-logħba u kif għinithom jifhmu aħjar il-proċess li bih insolvu l-problemi. Flimkien, jagħmlu *poster* bit-tliet passi ta' kif insolvu l-problemi bil-kliem li hu l-iktar importanti u l-għada jippreżentawh quddiem il-klassi.

## LOGĦBA VJAĠĠ IMPORTANTI

Din l-attività tikkonsisti f'logħba li tinkludi t-tliet passi tal-proċess li bih insolvu l-problemi (1. niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi; 2. nevalwaw is-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni; 3. nimplimentaw u nevalwaw is-soluzzjoni). Kull stadju għandu numru differenti ta' djar sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jaħdmu fuq aspetti differenti tagħhom. Il-logħba tista' tintlagħab fi gruppi (4-5 gruppi ta' 3-4 membri kull wieħed). Grupp ieħor, il-ġurija, tkun magħmula minn 2-4 studenti.

Biex tibdew, kull grupp jagħżel simbolu u jpoġġih fuq il-'TLUQ' meta jkun imiss lilu. Wieħed wieħed, kull grupp jitfa' d-damma u jimxi 'l quddiem skont in-numru ta' fuq id-damma. Meta grupp jieqaf fuq dar, jagħżel *card* waħda (mill-mazz li hemm fiċ-ċentru tal-*board*) u jaqra l-istruzzjonijiet ta' fuqha li taqbel ma' pass fil-proċess ta' kif insolvu l-problemi. Wara dan, il-grupp iwieġeb il-mistoqsija jew jagħmel l-azzjoni li hemm bżonn. It-tweġiba jew l-azzjoni hija evalwata mill-ġurija fejn se jagħtu marka minn 0 sa 2 (skont kemm hi tajba t-tweġiba – eż: skont in-numru ta' soluzzjonijiet, mistoqsijiet, l-informazzjoni, il-konsegwenzi, jew il-kreattività li l-grupp ikun wera). In-numru ta' djar li l-grupp jaqbeż jaqbel mal-marka li tingħata mill-ġurija. L-ewwel grupp li jasal sal-aħħar jirbaħ.

**TLIET PASSI**:

- Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi
- Nevalwaw is-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni
- Nimplimentaw u nevalwaw is-soluzzjoni.

**NIDDEFINIXXU L-PROBLEMA U NAĦSBU F'SOLUZZJONIJIET ALTERNATTIVI**




***Identifika l-problema, iġbor l-informazzjoni u evalwa l-vantaġġi u l-iżvantaġġi, aqsam il-problema f'passi iżgħar jekk ikun hemm bżonn*** (X'inhi l-problema? X'mistoqsijiet/ħiliet għandi bżonn nistaqsi/infittex biex nifhem il-problema? Min jew x'jista' jgħinni biex nara l-problema iktar ċara? Hemm problema waħda jew iktar minn waħda?)

***Agħmel għanijiet, aħseb b'mod pożittiv u aħseb f'soluzzjonijiet differenti*** (Din għalfejn qiegħda nagħmilha? Jien irrid u kapaċi nsolvi din il-problema biex..., jew għax...; Aħseb f'modi differenti ta' kif tista' ssolvi l-problema)

***Tiġġudikax is-soluzzjonijiet, u kkombina soluzzjonijiet differenti jekk ikun hemm bżonn*** (Tiġġudikax kmieni wisq! Isma' l-alternattivi li l-kollegi tiegħek jissuġġerixxu biex isolvu l-problema. Twaqqafx il-proċess tal-*brainstorming*: Aħseb u niżżel l-alternattivi għall-problema; aħseb f'żewġ soluzzjonijiet jew iktar li tista' tikkombina)

**NEVALWAW IS-SOLUZZJONIJIET U NIEĦDU DEĊIŻJONI**

***L-aħjar soluzzjoni u l-valur tagħha*** (Tajba jew ħażina? Identifika l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull problema u aħseb f'kemm huma importanti għalik)

***Żmien/sforz*** (Agħżel l-aħjar soluzzjoni skont iż-żmien u l-isforz li hemm bżonn biex tapplikaha)

***Bidla fil-ħajja personali u soċjali*** (X'inbidel: Dawn is-soluzzjonijiet kif se jgħinu lili u lil ħaddieħor biex inħossuna aħjar?)

**NAPPLIKAW U NEVALWAW IS-SOLUZZJONI**

***Ipprov*** (1…2…3… Ibda: Ipprova ħaddem din is-soluzzjoni fil-prattika – *role play*)

***Evalwa*** (Issolviet? Evalwa s-soluzzjoni u r-riżultati tagħha – *role play*)

***Erġa' pprova*** (Għandek bżonn terġa' tipprovaha? Osserva s-sitwazzjoni u s-soluzzjoni u ddeċiedi jekk hemmx bżonn soluzzjoni – *role play*)


1.
2.
3.
GO

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Tħoss li l-għalliem m'għandux grazzja miegħek.

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Il-ġara dejjem tgħajrek. *X'se tagħmel?*

1. Inkellimha.
2. Ninjoraha.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Inti ma tħobbx tmur il-klabb tal-attivitajiet fil-brejk tal-iskola imma l-ġenituri tiegħek jisforzawk u inti taħseb li ma jimpurtahomx mill-opinjoni tiegħek.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Fil-klassi hemm tifel li dejjem jisraqlek l-ikel.

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Tlift il-flus li tak missierek. Issa qed tibża' tgħidlu. *X'se tagħmel?*

1. Tgħidlu l-verità.
2. Tigdiblu.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Il-ħabiba tiegħek qed tibki għax intilfilha l-kelb.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Tixtieq tmur il-bandli imma missierek qabbdek tgħinu jipprepara l-ikel.

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

L-ikbar ħabib tiegħek gideb lill-għalliema. *X'se tagħmel?*

1. Tgħid lill-għalliema.
2. Taparsi ma smajt xejn.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Insejt il-*birthday* tan-nanna.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Ħabibtek sfidatek biex tagħmel xi ħaġa stupida.

Inqisu *s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Xi ħadd qed jgħaddi ħabiba tiegħek biż-żmien għax għandha diżabiltà. *X'se tagħmel?*

1. Tkellem lil dik il-persuna.
2. Tinjoraha.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Ma tridx tilbes kowt imma hemm ħafna bard barra.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Il-ħabib tiegħek irrabjat ħafna miegħek u ma tafx kif tista' tagħmel is-sitwazzjoni aħjar.

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Għandek tifla fil-klassi li tħossha waħedha. *X'se tagħmel?*

1. Tipprova tkun ħabib/a tagħha.

2. Ma tagħtix kasha.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Ma tħobbx tmur l-iskola għax hemm grupp ta' subien ikbar minnek li jibbuljaw lilek u lill-ħbieb tiegħek. Min-naħa l-oħra tieħu pjaċir tmur għax tkun tista' tilgħab ma' sħabek.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Sar il-ħin imma ma tridx tmur torqod.

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Il-ġenituri tiegħek iriduk tilgħab it-*tennis* imma inti ma togħġbokx u ma tridx tiddiżappuntahom. *X'se tagħmel?*

1. Tgħidilhom il-verità.

2. Tagħmel dak li jixtiequ huma.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Oħtok akkużatek li għamilt xi ħaġa li mhux vera.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Fil-klassi tiegħek hemm tifel li dejjem jiġġieled mal-għalliema u qed idejjaq lilek u lil sħabek.

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Ġibt marka baxxa fil-Matematika. Issa qed tibża' tgħid lill-ġenituri tiegħek. *X'se tagħmel?*

1. Tgħid lill-ġenituri.
2. Taħbi.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Il-ħabib tiegħek qed jibki għax l-għalliema rrabjat miegħu.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Tħoss li l-ikbar ħabiba tiegħek ma tridx tilgħab iktar miegħek.

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Tlift il-kowt tal-ħabiba tiegħek. X'se tagħmel*?*

1. Tgħid lill-ħabiba l-verità.
2. Tigdbilha.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Ommok qaltlek biex tiżbarazza l-kamra imma int tixtieq tara t-televixin.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Xi ħadd kissirlek il-video game.

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Ħuk ma jħallikx tara l-programm favorit tiegħek. *X'se tagħmel?*

1. Taħbi r-remote.

2. Titkellem mal-ġenituri tiegħek.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Il-ħabib tiegħek seraq lapes u issa qed tiġi akkużat li sraqtu inti.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Hemm qattus fuq il-bejt tal-iskola.

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Tixtieq tilgħab il-futbol barra imma qed tagħmel ix-xita. *X'se tagħmel?*

1. Tilgħab xi ħaġa oħra.

2. Tilgħab barra xorta waħda.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Insejt iġġib il-kappell li sellfitek ħabibtek u taf li se jkollha bżonnu.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Tarlek il-kappell u mar fit-triq.

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Insejt tagħmel il-*homework*. *X'se tagħmel?*

1. Tgħid lill-għalliema l-verità.

2. Tivvinta skuża.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Tixtieq tilgħab ma' sieħbek imma hu ma jridx.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Tħossok imdejjaq meta l-ġenituri tiegħek jgħajtu miegħek.

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Tħossok verament *imxebba'*. *X'se tagħmel?*

1. Xejn.

2. Issib xi ħaġa x'tagħmel.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Il-kelb tiegħek intilef.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Tixtieq tara t-televixin imma għandek il-*homework* x'tagħmel.

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Ma tistax issib il-logħba l-favorita tiegħek. *X'se tagħmel?*

1. Tistaqsi għall-għajnuna biex issibha.
2. Tilgħab logħba oħra.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Insejt tieħu l-*lunch* l-iskola.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

L-ikbar ħabib tiegħek iħossu mdejjaq. Ma jridx jilgħab miegħek.

*Nqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Qed tiġi *bullied* l-iskola. *X'se tagħmel?*

1. Tkellem lill-persuna.
2. Tinjora l-*bullying*.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Ma tħobbx tilgħab l-isport li l-ġenituri tiegħek jixtiquk tilgħab.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Xi ħadd qed iweġġa' lill-ħabib tiegħek.

*Nevalwaw is-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Trid tmur tgħum imma hemm bandiera ħamra li tfisser li l-baħar mhux tajjeb għall-għawm. *X'se tagħmel?*

1. Ma tagħtix kas il-bandiera.
2. Tilgħab fir-ramel.

*Nimplimentaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Inti rajt lill-ħabiba tiegħek tisraq ktieb.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

Xi ħadd fil-klassi tiegħek tak gambetta.

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

Ma tifhimx l-eżerċizzju tax-Xjenza mal-ewwel. *X'se tagħmel?*

1. Tistaqsi għall-għajnuna.
2. Taħdem iktar biex tifhem.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

Il-ħabiba tiegħek ma tridx tagħtik lura l-ktieb li selliftha.

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

*X'se tagħmel?*

1.

2.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

*Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet alternattivi:*

*Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni:*

*X'se tagħmel?*

1.

2.

*Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni:*

## IT-TLIET PASSI TA' KIF INSOLVU L-PROBLEMI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jagħmlu poster bit-tliet passi ta' kif insolvu l-problemi u l-kliem importanti li hemm f'kull pass. It-tfal se jippreżentaw il-poster quddiem il-klassi.*

---

***IT-TLIET PASSI TA' KIF INSOLVU L-PROBLEMI***

- ***L-EWWEL PASS***

- ***IT-TIENI PASS***

- ***IT-TIELET PASS***

# SOTTOTEMA 2
# L-*empowerment* u l-awtonomija

**L-empowerment huwa l-perċezzjoni tal-individwu tal-kompetenza personali tiegħu u kemm jemmen li l-għanijiet jistgħu jintlaħqu. Min-naħa l-oħra l-awtonomija tirreferi għas-sens ta' identità tal-persuna u l-kapaċità li l-persuna taġixxi b'mod independenti u jkolla xi tip ta' kontroll fuq l-ambjent ta' madwarha (Benard, 2004). L-ewwel topik jiffoka fuq l-iżvilupp ta' skop u tifsira tal-ħajja. L-istudenti jaħsbu dwar is-sens li għandhom l-affarijiet ta' madwarhom, kif ukoll jirriflettu fuq l-iskop tagħhom stess u jimmaġinaw x'se jiġri meta jikbru. It-tfittxija għall-iskop tal-ħajja hija kawża ta' ansjetà fil-ħajja ta' ħafna nies. Meta l-persuna ssib skop għal ħajjitha tħossha iktar kuntenta u tkun iktar b'saħħitha. It-tieni topik għandu l-għan li jiżviluppa sens ta' kontrol u fiduċja biex jgħin lill-istudenti jagħrfu li jistgħu jwettqu l-affarijiet, jgħinu lill-oħrajn iwettqu l-affarijiet, jilħqu l-għanijiet tagħhom u jegħlbu l-isfidi. Sakemm l-individwu ma jemminx fih innifsu, li huwa kapaċi u li jista' jipproduċi l-effetti mixtieqa bl-azzjonijiet tiegħu, ftit għandu nċentiv li jaġixxi jew li jżomm sod quddiem id-diffikultajiet (Bandura, 1997). It-tielet topik jiffoka fuq l-għarfien tat-tfal tagħhom infushom u ta' ħaddieħor, u kif jistgħu jaqbzu għalihom infushom (self-advocacy). Permezz ta' dawn l-attivitajiet, it-tfal jkollhom ukoll l-opportunità jesploraw id-drittijiet tal-bniedem, u jżidu l-kapaċità li jirriflettu b'mod iktar profond u ħerqan f'livell ogħla minn dak li hu mistenni minn tfal ta' din l-età.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1** | **NIŻVILUPPAW SKOP FIL-ĦAJJA U RAĠUNI GĦALXIEX QED NGĦIXU** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JITKELLMU FUQ MIN HUMA, U JIDENTIFIKAW X'INHU IMPORTANTI GĦALIHOM.<br>• JAGĦRFU L-IMPORTANZA LI JIFHMU IL-KAWŻI U L-KONSEGWENZI TA' SFIDI U JIDENTIFIKAW MODI KIF JEGĦLBUHOM.<br>• JIRRIFLETTU FUQ IR-RWOLI TAL-PREŻENT U TAL-FUTUR U JIDENTIFIKAW IL PROFESSJONI TAL FUTUR TAGĦHOM |
| **TOPIK 2** | ***NIŻVILUPPAW SENS TA' KONTROLL U KUNFIDENZA FINA NNFUSNA*** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JAGĦRFU KIF JISTGĦU JWETTQU L-AFFARIJIET BILLI JIPPJANAW MINN QABEL, JANTIĊIPAW IR-RIŻULTATI U JIRRIFLETTU FUQ IR-RIŻULTATI. |

- JAGĦRFU LI ĦADDIEĦOR JISTA' JGĦINHOM IWETTQU L-AFFARIJIET BILLI JAĦDMU B'MOD KOLLABORATTIV MAGĦHOM.
- JEMMNU LI JISTGĦU JWETTQU L-AFFARIJIET, JILĦQU L-GĦANIJIET TAGĦHOM U JEGĦLBU L-OSTAKLI.

**TOPIK 3** **NITGĦALLMU NAQBŻU GĦALINA NNFUSNA**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAGĦRFU L-IMPORTANZA LI JAĊĊETTAW LILHOM INFUSHOM U LILL-OĦRAJN, MINKEJJA D-DIFFERENZI.
- JAQBŻU GĦAD-DRITTIJIET TAGĦHOM BILLI JKUNU ASSERTIVI, JIKKOOPERAW U JINNEGOZJAW.
- JIDENTIFIKAW ID-DRITTIJIET U R-RESPONSABBILTAJIET TAT-TFAL

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Emmen fl-istudenti u urihom li inti temmen fihom u tisstenna li huma kapaċi u ser jagħmlu suċċess.

2. Iċċelebra is-suċċessi tal-istudenti u enfasizza l-isforz li jagħmlu.

3. Ara li l-istudenti jkunu esposti għall-varjetà wiesgħa ta' attivitajiet biex iżżid l-għarfien dwar l-interessi u t-talenti tagħhom.

4. Kun pożittiv u ottimistiku dwar il-futur tat-tfal u ħeġġiġhom jesprimu l-ideat tagħhom fuq il-futur.

5. Uża esperjenzi ta' kuljum biex titkellem fuq id-drittijiet u r-responsabbilitajiet tat-tfal.

# Topik 1 Niżviluppaw skop fil-ħajja u raġuni għalxiex qed ngħixu

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jitkellmu dwar min huma, u jidentifikaw x'inhu importanti għalihom.

Jagħrfu l-importanza li jifhmu il-kawżi u l-konsegwenzi ta' sfidi u jidentifikaw modi kif jegħlbuhom.

Jirriflettu fuq ir-rwoli tal-preżent u tal-futur u jidentifikaw il professjoni tal futur tagħhom.

## Attività 1: Nagħmlu differenza

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jitkellmu dwar min huma, u jidentifikaw x'inhu importanti għalihom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nitkellem dwar min jien u nidentifika dak li hu importanti għalija.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Karti, *biros*, lapsijiet, biċċiet żgħar tal-kartonċin, folji t'attività 'Ħin biex naħsbu', u 'Nagħmlu differenza'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. L-istudenti jpoġġu bilqiegħda f'forma ta' ċirku. Spjega li f'din il-logħba jridu jimmimaw it-tweġibiet tagħhom mingħajr ma jitkellmu u l-istudenti l-oħra jridu jaqtgħu dak li qed jipprovaw jgħidu. Xi eżempji ta' mistoqsijiet jinkludu: Irreċta xi ħaġa li tħobb tagħmel/ li inti tajjeb fiha/ li hi importanti f'ħajtek/ li toħlom fuqha/ li tixtieq tagħmel biex ittejjeb il-post fejn

tgħix jew id-dinja, eċċ. Stidinhom jimmaġinaw lilhom infushom bħala adulti u erġa' rrepeti l-mistoqsijiet. Iddiskuti kif dawk it-tweġibiet jikkontribwixxu għall-iskop u s-sodisfazzjon tagħhom fil-ħajja. Iffoka fuq l-idea li sabiex jilħquhom, azzjonijiet żgħar huma importanti ħafna. Kull persuna hi importanti għax kull wieħed u waħda minna nagħmlu differenza fil-ħajja ta' ħaddieħor u fid-dinja li ngħixu fiha. Agħti dawn l-eżempji: Jekk kollha kemm aħna nirriċiklaw dak li nużaw, se jkun hemm inqas tniġġis fl-ambjent, jew jekk kollha kemm aħna nittrattaw lil xulxin b'rispett, kulħadd ikun iktar kuntent.

3. Issa għid lill-istudenti jaħsbu f'azzjonijiet li jistgħu jwettqu biex jagħmlu differenza għalihom, għall-oħrajn, jew fil-post li qed jgħixu fih (eż: joħorġu ż-żibel barra, jirriċiklaw il-karti, jgħinu lil xi ħadd fil-bżonn, jirringrazzjaw lil xi ħadd li għenhom, ikunu qalbhom tajba mal-oħrajn). Jistgħu jiktbu l-eżempji fuq il-folja t'attività.

4. L-istudenti jaħdmu fi gruppi ta' erbgħa jew ħamsa u jagħżlu xi eżempji minn fuq il-folja t'attività biex jiktbuhom fuq *poster*. Kull grupp jippreżenta l-azzjoni li tista' tagħmel differenza lilhom, lil ħaddieħor, jew fil-post li jgħixu fih.

5. Għid lill-istudenti jaħsbu f'azzjoni kbira li jixtiequ jwettqu flimkien u fuq karta jiktbu l-passi kollha żgħar li diġà qegħdin jagħmlu biex jikkontribwixxu għal din l-azzjoni. Tista' tagħti eżempji oħrajn: jimlew kaxxa mimlija ħwejjeġ, ġugarelli jew kotba għall-karità u jiddeċiedu lil min se jtuhom; jippjanaw ġurnata fejn jiġbru l-iskart li hemm fil-lokalità jew fl-iskola tagħhom; jippjanaw żjara f'xi dar tal-anzjani; jippjanaw żjara f'santwarju tal-annimali fejn jgħinu jieħdu ħsieb l-annimali; jippreparaw żifna jew reċta li tista' tintwera f'dar tal-anzjani jew f'xi sptar.

6. Fl-aħħar l-istudenti jaħsbu dwar kelma waħda li tfakkarhom fl-attività li għadhom kemm għamlu. Staqsihom għalfejn għażlu dik il-kelma u x'tgħallmu minn din l-attività.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jaqsmu dak li pjanaw mal-ġenituri tagħhom u jistaqsuhom għall-għajnuna tagħhom. Imbagħad jiddiskutu azzjoni li jistgħu jwettqu li tista' tagħmel differenza fil-familja. Flimkien, jagħmlu lista ta' affarijiet li l-istudenti jistgħu jagħmlu biex japplikaw din l-azzjoni.

# ĦIN BIEX NAĦSBU

L-azzjonijiet li twettaq huma r-riżultat ta' ħafna azzjonijiet żgħar!

X'nista' nagħmel biex nagħmel differenza kbira f'ħajti:



________________________________________

X'nista' nagħmel biex nagħmel differenza kbira fil-ħajja ta' ħaddieħor:



________________________________________

X'nista' nagħmel biex nagħmel differenza kbira fil-postijiet ta' madwari:



________________________________________

Nista' wkoll:



________________________________________

## NAGĦMLU DIFFERENZA

RIŻORSI

*Lill-ġenituri: Illum it-tfal ippjanaw attività fil-klassi. Issa għandhom bżonn l-għajnuna tagħkom biex jippjanaw azzjoni li jistgħu jwettqu li tista' tagħmel differenza fil-familja. Flimkien, niżżlu l-affarijiet kollha li t-tfal jistgħu jagħmlu biex iwettqu din l-azzjoni.*

---

- ***AZZJONI LI SE NWETTAQ LI SE TAGĦMEL DIFFERENZA FIL-FAMILJA:***

- ***LISTA TA' AFFARIJIET LI NISTA' NAGĦMEL BIEX INWETTAQ DIN L-AZZJONI:***

# Attività 2: Jien nista' nifhimha u negħlibha!

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu l-importanza li jifhmu l-kawżi u l-konsegwenzi ta' sfidi u jidentifikaw modi kif jegħlbuhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħraf li hu importanti li nifhem il-kawżi u konsegwenzi tal-isfidi u nidentifika modi kif negħlibhom.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Folji t'attività 'Sitwazzjonijiet', 'Kif għelibt sfida'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi ta' erbgħa. Għidilhom li se jagħmlu reċti b'sitwazzjonijiet differenti li huma stressanti jew ta' sfida. Spjega li l-għan huwa li jirreċtaw kif il-persuni involuti jistgħu jħossuhom jew jġibu ruħhom f'dik is-sitwazzjoni. Kull grupp jagħżel *card* mill-folja t'attività 'Sitwazzjonijiet'. Tista' tagħżel sitwazzjonijiet oħra li huma iktar relevanti.

3. Kull grupp jippjana r-reċta u jippreżentaha quddiem il-klassi.

4. L-istudenti jimlew l-folja t'attività li mbagħad jippreżentaw quddiem lill-klassi kollha. F'kull sitwazzjoni jippreżentaw il-kawża, l-konsegwenza u l-modi kif jistgħu jegħlbuha. Per eżempju, tista' tistaqsi: It-tifel għalfiex beda jiġi bbuljat? Il-*bully* għalfejn beda jagħmillu hekk lit-tifel? X'inhu r-riżultat tas-sitwazzjoni? Kif tista' tegħleb din l-isfida?

5. Staqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġbok minn din il-logħba?
- Kif ħassejtek f'din il-logħba?

- X'tgħallimt minn din il-logħba?
- Tgħallimt xi ħaġa dwar sħabek tal-klassi permezz ta' din il-logħba?
- X'nistgħu nagħmlu biex niffaċċjaw sitwazzjonijiet bħal dawn b'mod li mhuwiex vjolenti u li huwa ta' rispett?
- Tista' taħseb f'iżjed sitwazzjonijiet ta' sfida li studenti bħalkom jistgħu jgħaddu minnhom u modi kif jistgħu jegħlbuhom?
- Tiftakar f'xi sitwazzjonijiet li rnexxielek tiffaċċja?



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri tagħhom dwar sitwazzjonijiet stressanti u sfidi oħra, u jirriflettu fuq dawn il-mistoqsijiet: Din is-sitwazzjoni għalfejn ġrat? X'impatt ħalliet fuqek? Kif irnexxielek tegħlibha? Għid lill-istudenti jġibu x-xogħol li għamlu mal-ġenituri u ddiskuti l-eżempji mal-klassi.

# SITWAZZJONIJIET

1. Tiltaqa' ma' xi ħadd għall-ewwel darba
2. Tistaqsi lil xi ħadd biex iduq l-ikel favorit tiegħek u dik il-persuna tirrifjuta
3. Tiltaqa' mal-idolu tiegħek
4. Tistaqsi mistoqsija lil tifel li ma jifhimx il-lingwa tiegħek
5. Il-ħabiba tiegħek tgħidlek li se temigra lejn pajjiż ieħor
6. Tissuġġerixxi idea u kulħadd jibda jidħaq bik
7. Ħabib tiegħek jistiednek biex tmur kunċert miegħu imma m'għandekx flus biex tmur
8. Tixtieq titkellem imma ħadd mhu qed jisimgħek
9. Trid tispjega logħba ġdida lill-klassi kollha
10. Sieħbek jaqa' fil-bitħa u jitolbok għall-għajnuna
11. Fuq l-aħbarijiet tisma' li żewġ pajjiżi ddikjaraw gwerra kontra xulxin
12. Tifla qed tisfidak biex tagħmel xi ħaġa ħażina
13. Tifla qed tibbuljak

| Is-sitwazzjoni tiegħi kienet: | X'ikkawżaha? | X'effett kellha? |
|---|---|---|
| | | |
| Modi kif nista' negħlibha | | |



## KIF GĦELIBT SFIDA

*Lill-ġenituri: It-tfal ser ikellmukom fuq sitwazzjonijiet stressanti u sfidi oħra. Irriflettu fuqhom flimkien permezz ta' dawn il-mistoqsijiet: Din is-sitwazzjoni għalfejn ġrat? X'effett ħalliet fuqek? Kif irnexxielek tegħlibha?*

___________________________________________________________________

- ***SITWAZZJONI***

- ***EFFETT:***

- ***KIF GĦELIBT L-ISFIDA:***

# Attività 3: Se nivvjaġġaw fil-futur

## L-Għan tat-Tagħlim

Jirriflettu fuq l ir-irwoli tal preżent u tal futur u jidentifikaw il-professjoni tal-futur tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nidentifika l-professjoni u r-rwoli tal-futur tiegħi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Karti, *biros* jew lapsijiet, folji t'attività 'Fil-futur', 'Ix-xogħlijiet fil-familja'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Staqsi lill-istudenti biex jimmaġinaw li sabu magna taż-żmien ('time machine') li biha jistgħu jivvjaġġaw lejn il-futur. Staqsihom jimmaġinaw lilhom infushom minn hawn u tletin sena oħra u jagħmlu tpenġija tagħhom infushom f'dak iż-żmien. Kull student jippreżenta t-tpenġija u jaqsam mal-klassi x'tip ta' persuna jixtieq ikun fil-futur, u x'jixtieq jagħmel.

3. Għid lill-istudenti li għadhom taħt il-maġija tal-magna maġika u għadhom fil-futur. Hemm ġurnalist li jixtieq jikteb artiklu dwarhom. Il-ġurnalist se jintervista tliet persuni li huma viċin tagħhom u li jafuhom sew – per eżempju, ġenitur, ħabib/a, għalliem/a... Kieku x'jgħidu fuqhom dawn in-nies? L-istudenti jiktbu l-ismijiet ta' tliet persuni importanti għalihom u mbagħad jiktbu x'jgħidu fuqhom.

4. Fi gruppi, l-istudenti jippreparaw reċta għal kull student fil-grupp (l-istudenti fil-grupp jiddeċiedu min jirreċta l-partijiet tal-ġurnalist u tat-tliet persuni li jitkellmu fuq l-istudent, u l-istudent jippreżenta lilu nnifsu fil-futur). Il-ġurnalist jitkellem dwar il-ħajja tal-istudent fil-futur, inkluż il-professjoni tal-istudent, it-tliet persuni jgħidu affarijiet sbieħ fuq l-istudent,

u l-istudent iżid xi karatteristiċi li se jkollu fil-futur. Fl-aħħar l-istudenti jerġgħu jiġu fil-preżent, billi jerġgħu jidħlu fit-magna u jivvjaġġaw lura lejn il-preżent.

5. L-istudenti jiddiskutu l-attività bl-użu ta' dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb dwar l-attività?
- X'tgħallimt?
- Liema parti ħadt pjaċir tirreċta?
- Ġieli immaġinajt kif se tkun fil-futur, per eżempju x'se jkun ix-xogħol tiegħek, jew xi aspetti oħra ta' ħajtek?



### *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jitkellmu mat-tfal tagħhom fuq ix-xogħol tal-membri tal-familja (x'jagħmlu, r-responsabbiltajiet tagħhom, meta u kif iddeċidew li jagħmlu dan ix-xogħol, eċċ.). L-istudenti jiktbu dwar ix-xogħol ta' xi membru tal-familja u jiktbu l-istorja tiegħu.

# FIL-FUTUR

Agħmel tpenġija ta' kif se tidher fil-futur.



**FIL-FUTUR**

**Il-ġenituri tiegħi kieku jgħidu li jien**

**Il-ħabib/a tiegħi kieku jgħid/tgħid li jien**

**L-għalliem/a tiegħi kieku jgħid/tgħid li jien**

**Il-ġurnalist jgħid din l-istorja fuqi**



# IX-XOGĦLIJIET FIL-FAMILJA

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal ix-xogħlijiet tal-membri tal-familja (x'tagħmlu, ir-responsabbiltajiet tagħkom, meta u kif iddeċidejtu li se tagħmlu dan ix-xogħol, eċċ.). It-tfal jiktbu dwar ix-xogħol ta' xi membru tal-familja u jiktbu l-istorja tiegħu.*

**Isem**

Jidher/Tidher hekk:

Il-professjoni tiegħu/tagħha hi:

Dak li jagħmel huwa:

Kif għażel/għażlet ix-xogħol:



# Topik 2 Niżviluppaw Sens ta' Kontroll u Kunfidenza Fina Nnfusna

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jagħrfu kif jistgħu jwettqu l-affarijiet billi jippjanaw minn qabel, jantiċipaw ir-riżultati, u jirriflettu fuq ir-riżultati.

Jagħrfu li ħaddieħor jista' jgħinhom iwettqu l-affarijiet billi jaħdmu b'mod kollaborattiv magħhom.

Jemmnu li jistgħu jwettqu l-affarijiet, jilħqu l-għanijiet tagħhom u jegħlbu l-ostakli.

## Attività 1: Nantiċipaw ir-riżultati

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu kif jistgħu jwettqu l-affarijiet billi jippjanaw minn qabel, jantiċipaw ir-riżultati, u jirriflettu fuq ir-riżultati.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nagħraf li jien nista' nwettaq l-affarijiet b'mod ippjanat.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Karti, , folji t'attività 'Ħin biex nimmaġina u npenġi', 'Nista' nwettaq l-affarijiet'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. L-istudenti jilagħbu l-logħba 'X'qed nagħmlu?'. Staqsihom jifformaw ċirku. Student jibda jimmima attività, per eżempju, jimposta ittra jew jippettna xagħru. L-istudent ta' ħdejh jistaqsi, "X'qed tagħmel?" u l-istudent irid jgħid li qed jagħmel xi ħaġa differenti milli qed jagħmel (per eżempju, "Qed naqli bajda"). It-tieni student irid imbagħad jimmima t-tweġiba sakemm it-tielet student jistaqsi "X'qed tagħmel?" u mbagħad jgħid li qed jagħmel xi ħaġa

oħra li se jimmimha t-tielet student. Din il-logħba tista' tiġi repetuta darba jew darbtejn madwar iċ-ċirku, skont in-numru tal-istudenti. Staqsi lill-istudenti x'jaħsbu fuq il-logħba; kemm kienet faċli jew diffiċli; kif ħassewhom meta għamlu żball.

3. Ikteb xi eżempji ta' sfidi jew sitwazzjonijiet diffiċli li tfal madwar id-dinja jiffaċċjaw, per eżempju, gwerra, faqar, katastrofi, jgħixu f'postijiet fejn hemm ħafna vjolenza, ma jgħixux mal-ġenituri tagħhom, eċċ. Aqsam il-klassi fi gruppi u staqsi lill-istudenti jagħżlu kelma mill-ewwel paġna tal-folja t'attività 'Ħin biex nimmaġina u npenġi' u jibnu storja fuq tifel/tifla minn post jew pajjiż fid-dinja li qed jiffaċċja/tiffaċċja sitwazzjoni diffiċli. Stidinhom jaqsmu l-istorja mal-oħrajn u jaħsbu f'soluzzjonijiet possibbli, u jantiċipaw u jirriflettu fuq ir-riżultat.

4. Fi gruppi, l-istudenti jimlew it-tieni paġna tal-folja t'attività 'Ħin biex nimmaġina u npenġi' billi fil-kaxxi jagħmlu tpenġijiet fuq waħda mill-istejjer fejn immaġinaw riżultat pożittiv. Stieden lil kull grupp jaqsam ix-xogħol tiegħu quddiem il-klassi.

5. Staqsi lill-istudenti x'jaħsbu fuq l-attività: kemm kienet faċli jew diffiċli; kif ħassewhom, x'tgħallmu; x'soluzzjonijiet ħasbu fihom li jġibu l-paċi u l-kuntentizza lill-persuni involuti, min ikun involut fis-soluzzjoni, u s-soluzzjonijiet li jwasslu għal riżultati aħjar. Għid lill-istudenti li ħafna drabi ma jkunux huma biss li huma responsabbli għas-sitwazzjoni jew biex jiddeċiedu fuq is-soluzzjoni. L-adulti li jieħdu ħsiebhom jgħinuhom f'din.

6. L-istudenti jimlew il-folja t'attività 'Nista' nwettaq l-affarijiet' billi jagħmlu lista ta' sitwazzjonijiet li tfal tal-età tagħhom jistgħu jsolvu waħedhom, lista ta' sitwazzjonijiet fejn għandhom jistaqsu għall-għajnuna, u lista ta' sitwazzjonijiet oħra li l-adulti biss jistgħu jiddeċiedu. Isma' l-ideat tal-istudenti (eż: x'ilbies se jilbsu, jgħinu ħabib li għandu diżabiltà, jagħżlu x'se jieklu minn menu` ta' restorant, jagħżlu logħba, jagħżlu lil min se jistiednu għall-*party* tagħhom, jagħmlu l-*homework* qabel ma jaraw it-televixin). Fl-aħħar staqsi lill-istudenti biex jaqsmu l-eżempji tagħhom mal-oħrajn. .



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu l-folja t'attività d-dar biex jiddiskutuha mal-ġenituri.

# ĦIN BIEX NIMMAĠINA U NPENĠI

Agħżel kelma minn din il-lista u ibni storja fuq tifel/tifla minn post jew pajjiż li għaddej minn sitwazzjoni diffiċli marbuta mal-kelma li għażilt.

1. ġuħ
2. gwerra
3. terrimot
4. ħafna bard
5. vjolenza
6. mard
7. faqar
8. mġiegħel naħdem
9. nuqqas ta' sikurezza
10. ma jgħix mal-ġenituri

L-istorja tat-tifel/tifla hi



**Penġi**

| | | |
|---|---|---|
| 1. **Il-bidu** | 2. **Is-soluzzjoni** | 3. **Riżultat pożittiv** |

Il-Bidu:

Is-Soluzzjoni:

Ir-Riżultat Pożittiv:

# NISTA' NWETTAQ L-AFFARIJIET

*Lill-ġenituri: It-tfal imlew din il-folja t'attività fil-klassi. Iddiskutuha u aħdmu flimkien biex taħsbu f'eżempji oħrajn.*

---

**Aħseb f'iktar eżempji bħal:** trid tagħżel x'se tilbes, trid tgħin lil ħabib tiegħek li għandu diżabiltà, trid tagħżel x'se tiekol minn menu` ta' ristorant, se tagħżel logħba, trid tagħżel lil min se tistieden għall-*party* tiegħek, trid tagħżel jekk tagħmilx il-*homework* qabel ma tara t-televixin)

**Pinġi jew ikteb eżempju wieħed f'kull kaxxa**

| Affarijiet li nista' niddeċiedi jew nagħmel waħdi | Affarijiet li nista' niddeċiedi jew nagħmel bl-għajnuna ta' adult | Affarijiet li l-adulti biss jistgħu jiddeċiedu jew jagħmlu |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

# Attività 2: Naħdmu flimkien

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu li ħaddieħor jista' jgħinhom iwettqu l-affarijiet billi jaħdmu b'mod kollaborattiv magħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħraf li ħaddieħor jista' jgħinni nwettaq l-affarijiet jekk naħdem b'mod kollaborattiv magħhom.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Karti, *biros* jew lapsijiet, żebgħa, pniezel, folji t'attività 'Naħdmu flimkien', 'Immaġinaw li taħdmu flimkien biex...', 'X'nista' nagħmel id-dar'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. L-istudenti jilagħbu dawn il-logħba:

Agħti numru lil kull student minn 1 san-numru tal-istudenti li hemm fil-grupp. Imbagħad għid lill-istudenti li, mingħajr ma jitkellmu, iridu jifformaw ringiela wara xulxin skont in-numru li ngħataw. Agħti lil kull student karta u lapes. Mas-sinjal tiegħek, kull student iħażżez jew ipenġi xi ħaġa fuq il-karta għal 30 sekonda. Kull student irid iqassam il-karta lill-istudent ta' ħdejh. It-30 sekonda jerġgħu jibdew u din id-darba l-istudent irid iżid xi ħaġa fuq it-taħżiża li diġà hemm. Komplu sejrin hekk sakemm it-tpenġija terġa' tasal għand l-istudent li bdieha.

3. Għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-attività bl-użu ta' dawn il-mistoqsijiet:

- Kemm kienet importanti li taħdmu bħala tim biex tilħqu l-għan ta' din il-logħba?
- X'tgħallimt mil-logħba?
- Għalfejn nieħdu pjaċir naħdmu fi gruppi?

- Kien hemm xi darba fejn ikkooperajt ma' sħabek?
- X'għandek bżonn tagħmel biex tikkoopera iktar mal-oħrajn meta tkun l-iskola?

4. L-istudenti jifformaw gruppi ta' erbgħa jew ħamsa u jiddeċiedu fuq tema li l-grupp se jirrappreżenta f'pittura. Għandhom jagħmlu din il-pittura fuq il-folja t'attività 'Naħdmu flimkien'. Fl-aħħar staqsi lill-gruppi biex jippreżentaw ix-xogħol tagħhom. Staqsihom x'għoġobhom, kif ħadmu flimkien, kif ippjanaw ix-xogħol, u jekk ix-xogħol kienx iktar faċli peress li kulħadd ħadem flimkien. Enfasizza li meta jkollna bżonn naħdmu flimkien, nistgħu nagħmlu pjan sabiex xogħlijiet li jirrikjedu iktar minn persuna waħda biex isiru (nibnu dar, nirriċiklaw iż-żibel, immexxu sptar, lukanda jew restorant, ntellgħu spettaklu, eċċ.) jeħfiefu.

5. Agħti lil kull grupp il-folja t'attività 'Immaġinaw li taħdmu flimkien biex...' u staqsi lil kull grupp jagħżel biċċa xogħol kbira bħal dawn li huma msemmijin hawn fuq u jiktbu l-affarijiet kollha li hemm bżonn isiru sabiex titlesta l-biċċa xogħol il-kbira. Fl-aħħar il-gruppi jridu jippreżentaw ix-xogħol tagħhom quddiem il-klassi. Enfasizza l-idea li xi kultant iridu jaħdmu flimkien sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom, għax hekk ikun iktar faċli li jiksbu dak li jixtiequ.



### *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri, l-istudenti jagħmlu lista ta' xogħlijiet fid-dar li jistgħu jipparteċipaw fihom.

# NAĦDMU FLIMKIEN



**Din hija l-pittura tal-grupp tagħna**

## IMMAĠINAW LI TAĦDMU FLIMKIEN BIEX...



**Agħmlu pjan**

**Xiex Min**

**1**

**2**

**3**

**4**

**5**

## X'NISTA' NAGĦMEL ID-DAR

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jagħmlu lista ta' xogħlijiet fid-dar li jistgħu jieħdu sehem fihom.*

---

**Naħdmu flimkien**

**Lista ta' affarijiet li jien nista' ngħin fihom fid-dar**



1

2

3

4

5

# Attività 3: Negħlbu l-isfidi

## L-Għan tat-Tagħlim

Jemmnu li jistgħu jwettqu l-affarijiet, jilħqu l-għanijiet tagħhom u jegħlbu l-ostakli.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nemmen li nista' nwettaq l-affarijiet, nilħaq l-għanijiet tiegħi, u negħleb l-isfidi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Kontenitur tal-ħġieġ mimli bl-ilma, tafal, karti, *biros* jew lapsijiet, borża, folja t'attività 'Il-poeżija/kanzunetta tiegħi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Staqsi lill-istudenti biex jagħmlu blalen zgħar bit-tafal. Imbagħad staqsihom jitfgħu bil-mod kull ballun fl-ilma u jarawh jaqa' fil-qiegħ. Wara dan, staqsi lil kull student biex jagħmel dgħajsa bit-tafal. Imbgħad jitfgħu tliet blalen fid-dgħajsa u jaraw x'jiġri. Spjega li din kienet attività zgħira biex jibdew jaħsbu fuq l-isfidi u kif nistgħu negħlbuhom. Bħall-blalen fid-dgħajsa, jekk nemmnu fina nfusna, nistgħu negħlbu l-isfida u niksbu dak li nixtiequ.

3. Aqsam il-klassi fi gruppi u agħti lil kull grupp karta. Staqsihom jaħsbu f'sitwazzjonijiet fejn għelbu xi sfidi u jiktbuhom fuq il-karta. Tista' tagħti xi eżempji, bħal:

- l-għalliema tat eżerċizzju diffiċli li student ma setax jifhem – l-istudent se jkompli jipprova u mhux se jaqta' qalbu
- student qed jipprova jsolvi *puzzle* iżda ma jistax isib is-soluzzjoni – l-istudent se jkun paċenzjuż u huwa ħerqan biex jerġa' jipprova
- student qiegħed lejn l-aħħar ta' tellieqa, għajjien ħafna, u bilkemm jiflaħ ilestiha – l-istudent se jipprova jsib ftit iktar enerġija biex itemm it-tellieqa

- student qed jitgħallem kif idoqq strument mużikali u qed isibha diffiċli ħafna- l-istudent se jipprova u jerġa' jipprova
- student jixtieq logħba ġdida għal fuq il-*laptop* – l-istudent se jfaddal il-flus sakemm ikollu biżżejjed biex jixtri l-logħba

Meta jkunu lesti, staqsi lill-gruppi biex ipoġġu l-karti fil-borża u jħawduhom. Stieden lil grupp wieħed biex jieħu karta mill-borża u jagħmel *role play* tas-sitwazzjoni, u jsibu mod biex jegħlbu l-isfida. Ara li l-istudenti kollha jipparteċipaw fir-*role play*.

4. Staqsi lill-istudenti x'għoġobhom l-iżjed mir-reċti, x'sitwazzjonijiet sabu li japplikaw għalihom, u x'tgħallmu. Fl-aħħar kull grupp jagħmel poeżija jew kanzunetta li tirrappreżenta l-abilità tagħhom li jemmnu li kapaċi jegħlbu l-ostakli. Kull grupp jagħżel sentenza mill-poeżija/kanzunetta li tirrappreżenta din l-abiltà, per eżempju, "qatt, qatt taqta' qalbek", "ibqa' pprova sakemm tirnexxi", "ikseb l-għanijiet tiegħek", u "jien nemmen fija nnifsi".



## *Attività għad-Dar*

Flimikien mal-ġenituri, l-istudenti jiktbu poeżija jew kanzunetta li tirrappreżenta kemm hu importanti li nemmnu fina nfusna biex niksbu l-għanijiet tagħna u negħlbu l-isfidi.

# IL-POEŻIJA/KANZUNETTA TIEGĦI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jiktbu poeżija jew kanzunetta li tirrappreżenta kemm hu importanti li nemmnu fina nfusna biex niksbu l-għanijiet tagħna u negħlbu l-isfidi.*

---

Kulħadd jiltaqa' mal-isfidi imma kulħadd għandu l-kapaċitajiet u l-ħiliet biex jegħleb l-isfidi. Emmen li l-affarijiet se jitranġaw u tibżax mill-iżbalji!



## Topik 3 Nitgħallmu Naqbżu Għalina Nnfusna

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jagħrfu l-importanza li jaċċettaw lilhom infushom u lill-oħrajn minkejja d-differenzi.

Jaqbżu għad-drittijiet tagħhom billi jkunu assertivi, jikkooperaw u jinnegozjaw.

Jidentifikaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tat-tfal

# Attività 1: Id-differenzi u d-diversità

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu l-importanza li jaċċettaw lilhom infushom u lill-oħrajn, minkejja d-differenzi.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nagħraf l-importanza li naċċetta lili nnifsi u lill-oħrajn, minkejja d-differenzi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Napprezzaw id-diversità', biċċiet tal-kartonċin maqtugħin forma ta' kaxxi, *biro*, folja t'attività 'Napprezza d-diversità fil-komunità teigħi'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra dan il-passaġġ lill-istudenti:

**Aħna kollha bnedmin u kollha għandna l-istess forma: għandna qalb biex inħobbu u moħħ biex naħsbu, imma kollha kemm aħna nidhru differenti minn xulxin. Il-ġilda, ix-xagħar, u l-għajnejn jistgħu jkunu ta' kulur differenti. L-iktar ħaġa speċjali hija li l-marki tas-swaba tagħna huma kolla differenti minn ta' xulxin. In-nies tad-dinja kollha huma kollha uniċi u differenti minn xulxin.**

3. Staqsi lill-istudenti biex jifformaw pari u jiddiskutu l-passaġġ u kif jorbot mal-kelma 'diversità'. Imbagħad jaqsmu dak li ddiskutew mal-grupp kollu. Enfasizza li huwa importanti li nirrispettaw u niċċelebraw id-diversità tal-bniedem, bħal persuna b'diżabilità, b'opinjoni differenti, b'kulur tal-ġilda differenti, jew minn kultura differenti.

4. Staqsi lill-istudenti biex jifformaw ċirku u jimmimaw dawn is-sentenzi fuq id-diversità:

- Kif xi ħadd jidher fuq barra m'għandux x'jaqsam ma dak li hemm ġewwa.
- Qatt tgħaddi biż-żmien lil xi ħadd li hu differenti minnek b'xi mod.
- Għid biss affarijiet sbieħ fuq ħaddieħor.
- Meta terġa' tmur tiekol ġo restorant, ipprova duq xi ikel ta' kultura oħra.
- Ittratta lil kulħadd kif tixtieq li inti stess tiġi trattat.
- Ftakar li għalkemm hawn min juża siġġu tar-roti, ma jfissirx li hu marid. Ħafna nies li jużaw is-siġġu tar-roti huma b'saħħithom.
- Jekk qed jaqbdu miegħek jew jibbuljawk, għid lil adult li tafda. Uri li inti kunfidenti fik innifsek billi tinjora l-*bully*.
- Huwa sewwa li nistaqsu lill-persuni bi problemi fil-mod kif jitkellmu biex jirrepetu dak li jkunu qalu jekk ma tkunx fhimt mill-ewwel.
- Staqsi lil persuni differenti x'jaħsbu fuq affarijiet differenti. Irrispetta l-opinjonijieet tagħhom.
- M'għandekx għalfejn titkellem b'vuċi għolja ma' min hu nieqes mid-dawl.
- Jekk għandek xi ħadd fil-klassi li hu intelliġenti ħafna, apprezza t-tagħrif tiegħu u sib il-ħin sabiex titgħallem xi ħaġa ġdida mingħandu.
- Stieden lill-ħbieb li għandhom diżabilità biex jingħaqdu miegħek f'attivitajiet ta' kuljum jew f'okkażjonijiet speċjali.
- Qatt tikkonkludi li grupp ta' nies għandhom l-istess karatteristiċi jew kwalitajirt. Ittratta lil kull persuna bħala individwu li għandu l-ħiliet, l-ideat u l-opinjonijiet tiegħu.

5. L-istudenti jpenġu waħda mis-sentenzi li semgħu fuq l-*activity sheet*.

6. Staqsi lill-istudenti x'għoġobhom l-iktar minn din l-attività, u jekk għandhomx iżjed suġġerimenti li jistgħu jgħinuna napprezzaw id-diversità.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri fuq l-attività li għamlu l-iskola, u jaħsbu iktar fuq id-diversità u l-bżonnijiet ta' nies vulnerabbli fil-komunità tagħhom.

## NAPPREZZAW ID-DIVERSITÀ



**Aħna kollha bnedmin u kollha għandna l-istess forma: għandna qalb biex inħobbu u moħħ biex naħsbu, imma kollha kemm aħna nidhru differenti minn xulxin. Il-ġilda, ix-xagħar, u l-għajnejn jistgħu jkunu ta' kulur differenti. L-iktar ħaġa speċjali hija li l-marki tas-swaba tagħna huma kolla differenti minn ta' xulxin. In-nies tad-dinja kollha huma kollha uniċi u differenti minn xulxin.**

- Kif xi ħadd jidher fuq barra m'għandux x'jaqsam ma dak li hemm ġewwa.
- Qatt tgħaddi biż-żmien lil xi ħadd li hu differenti minnek b'xi mod. Aċċetta li kulħadd huwa speċjali bil-mod tiegħu.
- Għid biss affarijiet sbieħ fuq ħaddieħor.
- Meta terġa' tmur tiekol ġo restorant, ipprova duq xi ikel ta' kultura oħra.
- Ittratta lil kulħadd kif tixtieq li inti stess tiġi trattat.
- Ftakar li għalkemm hawn min juża siġġu tar-roti, ma jfissirx li hu marid. Ħafna nies li jużaw is- siġġu tar-roti huma b'saħħithom.
- Jekk qed jaqbdu miegħek jew jibbuljawk, għid lil adult li tafda. Uri li inti kunfidenti fik innifsek billi tinjora l-*bully*.
- Huwa sewwa li nistaqsu lill-persuni bi problemi bil-mod kif jitkellmu biex jirrepetu dak li jkunu qalu jekk ma tkunx fhimt mill-ewwel.
- Staqsi lil persuni differenti x'jaħsbu fuq affarijiet differenti. Irrispetta l-opinjonijieet tagħhom.
- M'għandekx għalfejn titkellem b'vuċi għolja ma' min hu nieqes mid-dawl.
- Jekk għandek xi ħadd fil-klassi li hu intelliġenti ħafna, apprezza t-tagħrif tiegħu u sib il-ħin sabiex titgħallem xi ħaġa ġdida mingħandu.
- Stieden lill-ħbieb li għandhom diżabilità biex jingħaqdu miegħek f'attivitajiet ta' kuljum jew f'okkażjonijiet speċjali.
- Qatt tikkonkludi li grupp ta' nies għandhom l-istess karatteristiċi. Ittratta lil kull persuna bħala individwu li għandu l-ħiliet, l-ideat u l-opinjonijiet tiegħu.

## Penġi waħda mis-suġġerimenti ta' kif nistgħu napprezzaw id-diversità

RIZORSI

# NAPPREZZA D-DIVERSITÀ FIL-KOMUNITÀ TIEGĦI

*Lill-ġenituri:It-tfal se jkellmukom fuq l-attività li għamlu l-iskola. Flimkien, aħsbu fuq id-diversità u l-bżonnijiet ta' nies vulnerabbli fil-komunità tagħkom. Iddiskutu kif it-tfal jistgħu japprezzaw iżjed id-diversità fil-komunità.*

---

- ***EŻEMPJI TA' DIVERSITÀ FIL-KOMUNITÀ***

- ***KIF NISTA' NKUN IKTAR INKLUSSIV/A F'DAWN L-EŻEMPJI:***

# Attività 2: Niddefendi d-drittijiet tiegħi u tal-oħrajn

## L-Għan tat-Tagħlim

Jaqbżu għad-drittijiet tagħhom billi jkunu assertivi, jikkooperaw u jinnegozjaw.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Naqbeż għad-drittijiet tiegħi billi nkun assertiv, nikkoopera u ninnegozja.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Karta li hija kbira biżżejjed biex issir tpenġija daqs tifel jew tifla, kuluri, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*, *biros* jew lapsijiet, folji t'attività 'Il-ġisem tad-drittijiet', 'Il-ġisem tar-responsabbiltajiet', 'Il-ġisem tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**L-istorja tat-tifla li rebħet Premju Nobel għall-Paċi**

**Malala twieldet fit-12 ta' Lulju, 1997, ġewwa Mingore, fil-Pakistan. Malala attendiet skola li l-papà tagħha, Ziauddin Yousafzai, kien fetaħ. Meta kellha ħdax-il sena u wara li l-grupp tat-Taliban beda jattakka l-iskejjel tal-bniet, Malala għamlet diskors bit-titlu "It-Taliban kif għandu l-ħila jeħodli d-dritt bażiku tiegħi għall-edukazzjoni?" Sena wara, bdiet tikteb blog anonimu biex tesprimi l-opinjonijiet tagħha dwar l-edukazzjoni u l-ħajja taħt it-theddid tat-Taliban. Bħala konsegwenza, it-Taliban kiseb kontroll fuq il-post fejn kienet tgħix hi neħħa l-permess għat-televixin, il-mużika u x-xiri għan-nisa. Naqsu ukoll l-opportunitajiet għall-edukazzjoni għan-nisa. Wara ftit Malala u missierha bdew jirċievu theddid fuq ħajjithom minħabba dak li kienu jiktbu fil-blog.**

**Meta kellha erbatax-il sena, saru jafu li l-mexxejja tat-Taliban iddeċidew li joqtluha. Ftit żmien wara, raġel daħal l-iskola fejn kien hemm Malala, staqsa għaliha, u sparalha. Malala baqgħet ħajja imma kienet fil-periklu tal-mewt, u għalhekk ġiet trasferita għal sptar speċjalizzat ġewwa l-Ingilterra. Wara li qalbet għall-aħjar, iddeċidiet li tiddefendi dak li kienet temmen fih (id-dritt tal-edukazzjoni) u bdiet tiddefendi d-drittijiet ta' miljuni ta' bniet oħra li ma kinux qed jirċievu l-edukazzjoni kif suppost.**

**Wara l-attentat fuq ħajjitha kien hemm ħafna nies li pprotestaw kemm ġewwa l-Pakistan u madwar id-dinja. Iktar minn żewġ miljun persuna iffirmaw il-Kampanja għad-Dritt għall-Edukazzjoni. Malala u missierha bdew il-*Malala Fund* biex iwasslu iktar għarfien dwar l-importanza tal-edukazzjoni għall-bniet u biex jagħmlu iktar kuraġġ lill-bniet biex isemmgħu leħinhom, jiskopru l-potenzjal tagħhom u jitolbu l-bidla. Fl-2014, Malala ġiet innominata għall-Premju Nobel għall-Paċi, u saret l-iżgħar persuna li rċiviet dan il-premju. Kif tgħid hi, "tifel/tifla wieħed/waħda, għalliem/a wieħed/waħda, ktieb wieħed, pinna waħda, tista' tbiddel id-dinja".**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu dwar l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġbok minn din l-istorja vera?
- X'qed tipprova tagħmel Malala?
- Għal min qed titkellem?
- Kif tipprova twassal u xxerred il-messaġġ tagħha?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi tqabbadhom jiddiskutu dawn il-mistoqsijiet fi gruppi:

- Qatt ħassejt il-bżonn li tiddefendi lilek innifsek? Għalfejn għamilt hekk?
- Qatt ħassejt il-bżonn li tiddefendi lil ħaddieħor? Lil min? Għalfejn?
- X'ħiliet għandna bżonn biex niddefendu lilna nfusna u naqbżu għad-drittijiet tagħna?

5. L-istudenti jagħmlu u jippreżentaw *posters* dwar id-diskussjoni tagħhom.

6. Introduċi l-kunċett " nitkellmu u naqbżu għad-drittijiet tagħna" (*advocacy*). Ippreżenta dawn il-passi ta' dan il-proċess

I. Identifika għalfejn tixtieq taqbeż għad-drittijiet tiegħek; l-għan li għandek; x'tixtieq li tilħaq; x'riżultati realistiċi tixtieq li tasal għalihom.
II. Żviluppa pjan, liema fatti/drittijiet isaħħu l-pożizzjoni tiegħek; x'riżorsi jeżistu.
III. Antiċipa u ifhem il-perspettiva tan-naħa l-oħra.

7. Staqsi lil student biex jimtedd fuq biċċa karta kbira mal-art u penġi mal-forma tal-ġisem. Aqta' l-forma u staqsi lill-istudenti jpoġġu madwar il-'ġisem'. Spjega li l-ġisem jirrappreżenta ħiliet partikolari li għandna bżonn biex inkunu nistgħu naqbżu għad-drittijiet tagħna jew ta' ħaddieħor, jiġifieri biex:

* nikkooperaw ma’ ħaddieħor (idejn, dirgħajn, saqajn)

* inkunu assertivi (naqbżu għad-drittijiet tagħna) (ras)

* ninnegozjaw ma’ ħaddieħor (nagħmlu kompromess biex naslu għal qbil) (qalb)

8. L-istudenti jiktbu xi eżempji ta’ x’jistgħu jagħmlu biex jaqbżu għad-drittijiet tagħhom fuq il ġisem Spjega dak li hemm miktub lill-grupp kollu.

9. Fuq il-folji t’attività, l-istudenti jiktbu dawk il-kliem li huma l-iżjed importanti għalihom fuq il-ġisem tad-drittijiet. Imbagħad staqsihom jimlew il-ġisem tar-responsabbiltajiet bl-istess sekwenza: kooperazzjoni – idejn, dirgħajn, saqajn; assertività – ras; innegozjar – qalb. L-istudenti jippreżentaw il-ġisem tar-responsabbiltajiet tagħhom quddiem il-klassi. Fl-aħħar staqsihom, x’għoġobhom l-iktar minn din l-attività u x’tgħallmu. Fakkarhom li sabiex naqbżu għad-drittijiet tagħna, irridu nkunu nafu wkoll ir-responsabbiltajiet li jiġu ma’ dawn id-drittijiet.



## *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri, l-istudenti jfittxu stampi dwar is-suġġett ta’ nitkellmu u naqbżu għad drittijiet tagħna u jżiduhom fuq il-ġisem tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet.

## IL-ĠISEM TAD-DRITTIJIET

Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet imorru flimkien. Biex taqbeż għad-drittijiet tiegħek, tinsiex l-assertività, il-kooperazzjoni, u t-tmexxija, u tinsiex tinnegozja!



# IL-ĠISEM TAR-RESPONSABBILTAJIET

RIŻORSI



## IL-ĠISEM TAD-DRITTIJIET U R-RESPONSABBILTAJIET

*Lill-ġenituri: Flimkien fittxu stampi dwar is-suġġett ' nitkellmu u naqbżu għad drittijiet tagħna' li t-tfal iddiskutew l-iskola, u żiduhom fuq il-ġisem tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet.*



# Attività 3: Il-vjaġġ tad-drittijiet

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tat-tfal

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nidentifika d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tiegħi

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Il-vjaġġ tad-drittijiet', damma.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Għid lill-istudenti li se jilagħbu logħba fuq id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tat-tfal. Il-logħba tintlagħab fi gruppi (4-5 gruppi ta' 3-4 studenti kull wieħed). Grupp ieħor, il-ġurija, ikun magħmul minn 2-4 studenti. Biex tibdew, kull grupp jagħżel simbolu u jpoġġieh fuq il-'Go'(Tluq) meta jkun imiss lilu. Wieħed wieħed, kull grupp jitfa' d-damma u jimxi 'l quddiem skont in-numru ta' fuq id-damma. Meta grupp jieqaf fuq dar, għandu jagħżel *card* waħda (mill-mazz li hemm fiċ-ċentru tal-*board*) u jaqra l-istruzzjonijiet ta' fuqha li taqbel ma' dritt jew responsabbiltà u kif iridu juruha lill-gruppi l-oħra. Tliet kategoriji huma possibli: ILWI (Spelli xi kliem ewlieni marbut mad-drittijiet tal-bniedem billi tuża biss partijiet tal-ġisem), PENĠI (Penġi s-sentenza li tirrappreżenta responsabbiltà li għandna), IMMIMA (Immima dritt tat-tfal). Wara li jaqraw il-*card*, l-istudenti fil-grupp jagħmlu l-azzjoni li hemm bżonn. L-azzjoni hija evalwata mill-ġurija li jagħtu marka minn 0 sa 2 (skont il-kwalità tat-tweġiba). In-numru ta' djar li l-grupp jaqbeż jaqbel mal-marka li tingħata mill-ġurija. L-ewwel grupp li jasal sal-aħħar jirbaħ. Il-logħba tista' tibqa' għaddejja sakemm il-*cards* kollha jiġu użati. Int jew l-istudenti tistgħu żżidu iktar *cards*, u tiktbu d-drittijiet u r-responsabbiltajiet fi kliemkom.

3.Fl-aħħar staqsi lill-istudenti x'għoġobhom u x'tgħallmu. X'nistgħu nagħmlu biex inkunu ċerti li d-drittijiet ta' kulħadd jiġu rispettati? Kif nistgħu nitgħallmu iktar fuq id-drittijiet u r-responsabbiltajiet li għandna?



## *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri tagħhom, l-istudenti jipprovaw isibu stampi dwar id-drittijiet tat-tfal. Dawn l-istampi jiżdiedu bħala *cards* ġodda fil-logħba.

# IL-VJAĠĠ TAD-DRITTIJIET

**NOTA** Użaw l-istess *board* li użajtu fl-attività 'Vjaġġ importanti', imma din id-darba b'istruzzjonijiet u oġġettivi differenti.

**Istruzzjonijiet**

Għid lill-istudenti li se jilagħbu logħba fuq id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tat-tfal. Il-logħba tintlagħab fi gruppi (4-5 gruppi ta' 3-4 studenti kull wieħed). Grupp ieħor, il-ġurija, ikun magħmul minn 2-4 studenti. Biex tibdew, kull grupp jagħżel simbolu u jpoġġieh fuq il-'Go' (TLUQ) meta jkun imiss lilu. Wieħed wieħed, kull grupp jitfa' d-damma u jimxi 'l quddiem skont in-numru ta' fuq id-damma. Meta grupp jieqaf fuq dar, għandu jagħżel *card* waħda (mill-mazz li hemm fiċ-ċentru tal-*board*) u jaqra l-istruzzjonijiet ta' fuqha li taqbel ma' dritt jew responsabbiltà u kif iridu juruha lill-gruppi l-oħra.

Tliet kategoriji huma possibli:

ILWI (Spelli xi kliem ewlieni marbut mad-drittijiet tal-bniedem billi tuża biss partijiet tal-ġisem)

PENĠI (Penġi s-sentenza li tirrappreżenta responsabbiltà li għandna)

IMMIMA (Immima dritt tat-tfal).

Wara li jaqraw il-*card*, l-istudenti fil-grupp jagħmlu l-azzjoni li hemm bżonn. L-azzjoni hija evalwata mill-ġurija li jagħtu marka minn 0 sa 2 (skont il-kwalità tat-tweġiba). In-numru ta' djar li l-grupp jaqbeż jaqbel mal-marka li tingħata mill-ġurija. L-ewwel grupp li jasal sal-aħħar jirbaħ. Il-logħba tista' tibqa' għaddejja sakemm il-*cards* kollha jiġu użati. Int jew l-istudenti tistgħu żżidu iktar cards, u tiktbu d-drittijiet u r-responsabbiltajiet fi kliemkom.

Fl-aħħar staqsi lill-istudenti x'għoġobhom u x'tgħallmu. X'nistgħu nagħmlu biex inkunu ċerti li d-drittijiet ta' kulħadd jiġu rispettati? Kif nistgħu nitgħallmu iktar fuq id-drittijiet u r-responsabbiltajiet li għandna?

**Id-Drittijiet tal-Bniedem**

**ILWI**

| | |
|---|---|
| **Dinjità**<br>Ilwi | **Edukazzjoni**<br>Ilwi |
| **Ugwaljanza**<br>Ilwi | **Ikel**<br>Ilwi |
| **Libertà**<br>Ilwi | **Dar**<br>Ilwi |

**Id-Drittijiet tal-Bniedem**

**ILWI**

**Mħabba mingħand il-ġenituri**

Ilwi

**Nazzjonalità**

Ilwi

**Opinjoni**

Ilwi

**Isem**

Ilwi

**Reliġjon**

Ilwi

**Logħob**

Ilwi

**Id-Drittijiet tal-Bniedem**

**ILWI**

**Parteċipazzjoni**

**(fid-deċiżjonijiet li jaffettwawna)**

Ilwi

**Protezzjoni**

Ilwi

**Għandi d-dritt li**

**__________**

Ilwi

**Għandi d-dritt li**

**__________**

Ilwi

## Ir-Responsabbiltajiet tal-Bniedem

### PENĠI

**Nieħu ħsieb ġismi**

**(Biex inkun b'saħħti)**

Penġi

**Nirrispetta dak li kkommettejt ruħi għalih**

Penġi

**Nirrispetta lill-oħrajn**

**(tfal jew adulti li huma differenti minni)**

Penġi

**Nirrispetta l-ideat ta' ħaddieħor**

**(tfal jew adulti)**

Penġi

**Ir-Responsabbiltajiet tal-Bniedem**

**PENĠI**

**Nieħu ħsieb l-affarijiet tiegħi**

Penġi

**Nitgħallem mill-iżbalji**

Penġi

**Ma nkunx vjolenti**

Penġi

**Ngħin lill-oħrajn**

Penġi

## Ir-Responsabbiltajiet tal-Bniedem

### PENĠI

**Nikkoopera**

**(mal-ġenituri, mal-għalliema u ma' adulti oħrajn li jieħdu ħsiebi)**

Penġi

**Nilqa'**

**(dawk li ġejjin minn kultura differenti)**

Penġi

**Nilgħab bil-galbu**

Penġi

**Inżomm l-ambjent nadif**

**(u nirrispetta l-ambjent)**

Penġi

## Ir-Responsabbiltajiet tal-Bniedem

RIZORSI

### PENĠI

**Nirrispetta lill-oħrajn l-iskola**

Penġi

**Ma naħlix l-ikel**

Penġi

**Nirrispetta r-regoli**

**(tal-iskola u tas-soċjetà)**

Penġi

**Inkun leali lejn sħabi**

Penġi

## Ir-Responsabbiltajiet tal-Bniedem

### PENĠI

**Aħna________**

**________________**

Penġi

**Aħna________**

**________________**

Penġi

**Aħna________**

**________________**

Penġi

**Aħna________**

**________________**

Penġi

**Id-Drittijiet tat-Tfal**

**IMMIMA**

**It-tfal kollha għandhom l-istess drittijiet**

Immima

**Għandi d-dritt nagħżel il-ħbieb tiegħi**

Immima

**Għandi d-dritt għall-privatezza**

Immima

**Għandi d-dritt għal ilma tajjeb għax-xorb**

Immima

**Id-Drittijiet tat-Tfal**

**IMMIMA**

**Min jieħu ħsiebi għandu jkun jaf id-drittijiet tiegħi**

Immima

**Għandi d-dritt għal ikel tajjeb għas-saħħa**

Immima

**Għandi d-dritt nitgħallem**

Immima

**Għandi d-dritt nistrieħ**

Immima

**Id-Drittijiet tat-Tfal**

**IMMIMA**

RIZORSI

**Ħadd m'għandu d-dritt jaħtafni**

Immima

**Għandi d-dritt inkun naf id-drittijiet tiegħi**

Immima

**Aħna________ ____________**

Immima

**Aħna________ ____________**

Immima

## Id-Drittijiet tat-Tfal

**IMMIMA**

**Għandi d-dritt għall-kura medika**

Immima

**Għandi d-dritt biex inkun rispettat/a**

Immima

**Jien__________**

**_______________**

Immima

**Jien__________**

**_______________**

Immima

**Id-Drittijiet tat-Tfal**

**IMMIMA**

# Għandi d-dritt niżbalja

Immima

# Aħna__________

______________

Immima

# Jien__________

______________

Immima

# Jien__________

______________

Immima

# Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (1948)

**Artiklu 1**
It-tfal jitwieldu liberi u t-tfal kollha għandhom jiġu trattati bl-istess mod. It-tfal għandhom ir-raġuni u l-kuxjenza u għandhom jittrattaw lil xulxin bħall-ħbieb.

**Artiklu 2**
Kulħadd igawdi minn dawn id-drittijiet minkejja li jista': ikollu ġeneru differenti, ikollu kulur tal-ġilda differenti, jitkellem lingwa differenti, jaħsibha b'mod differenti, jemmen f'reliġjon differenti, ikun iżgħar jew ikbar, ikun twieled fi grupp soċjali differenti, ikun ġej minn pajjiż ieħor. Ma tagħmilx differenza jekk il-pajjiż li tiġi minnu jkunx independenti jew le.

**Artiklu 3**
Għandek id-dritt li tgħix, u li tgħix b'sigurtà u b'libertà.

**Artiklu 4**
Ħadd m'għandu d-dritt li jittrattak bħala skjav tiegħu u inti m'għandekx tagħmel lil xi ħadd ieħor skjav tiegħek.

**Artiklu 5**
Ħadd m'għandu d-dritt jittorturak.

**Artiklu 6**
Għandek tkun protett legalment bl-istess mod kullimkien, u bħal ħaddieħor.

**Artiklu 7**
Il-liġi hija l-istess għal kulħadd; għandha tapplika għal kulħadd l-istess.

**Artiklu 8**
Għandek dritt tistaqsi għal parir legali meta d-drittijiet tiegħek f'pajjiżek ma jiġux rispettati.

**Artiklu 9**
Ħadd m'għandu d-dritt idaħħlek il-ħabs, iżommok hemm, jew li jibagħtek 'il bogħod minn pajjiżek inġustament jew mingħajr raġuni valida.

**Artiklu 10**
Jekk ħaqqek tittella' l-qorti, din għandha ssir pubblikament. In-nies li jtellgħuk il-qorti m'għandhomx iħallu lilhom nfushom jiġu influwenzati minn ħaddieħor.

**Artiklu 11**
Għandek tibqa' kkunsidrat innoċenti sakemm tinqata' s-sentenza li tkun ħati. Jekk inti akkużat li wettaqt delitt, dejjem għandu jkollok id-dritt li tiddefendi lilek innifsek. Ħadd m'għandu d-dritt jikkundannak jew jikkastigak għal xi ħaġa li m'għamiltx.

**Artiklu 12**
Għandek id-dritt li titlob biex tkun protett jekk xi ħadd jipprova jħammiġlek ismek, jidħol ġewwa darek, jiftaħlek il-posta, jew idejjaq lilek jew lill-familja tiegħek mingħajr raġuni valida.

**Artiklu 13**
Għandek id-dritt li tidħol u toħroġ minn pajjiżek kif tixtieq. Għandek id-dritt li titlaq minn pajjiżek biex tmur pajjiż ieħor; u għandek tkun liberu li tirritorna f'pajjiżek jekk tkun trid.

**Artiklu 14**
Jekk xi ħadd iweġġgħek, għandek id-dritt li tmur ġo pajjiż ieħor u ssaqsi għall-protezzjoni. Titlef dan id-dritt jekk tkun qtilt u jekk inti stess ma tirrispettax dak li hu miktub hawnhekk.

**Artiklu 15**
Għandek dritt li tkun parti minn pajjiż u ħadd ma jista' jżommok, mingħajr raġuni valida, milli tkun parti minn pajjiż ieħor jekk inti tixtieq dan.

**Artiklu 16**
Hekk kif persuna jkollha l-età legali, tista' tiżżewweġ u jkollha familja. Il-kulur tal-ġilda, il-pajjiż minn fejn ġejja u r-reliġjon li tħaddan m'għandhomx joħolqu impediment biex tagħmel dan. In-nisa u l-irġiel għandhom l-istess drittijiet meta jkunu miżżewġin u anke meta jkunu separati. Ħadd m'għandu jisforza persuna biex tiżżewweġ. Il-Gvern ta' pajjiżek għandu jipproteġi lill-familja tiegħek u lill-membri tagħha.

**Artiklu 17**
Għandek id-dritt ikollok affarijiet u ħadd m'għandu dritt jeħodhomlok mingħajr raġuni valida.

**Artiklu 18**
Għandek id-dritt li temmen fir-reliġjon li tixtieq inti, biex tbiddilha, u biex tipprattikaha waħdek jew ma' ħaddieħor.

# Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (1948)

**Artiklu 19**
Għandek id-dritt taħseb u tgħid dak li tixtieq, u ħadd m'għandu jżommok milli tagħmel dan. Għandu jkollok iċ-ċans biex taqsam l-ideat tiegħek – anke ma' persuni minn kwalunkwe pajjiż ieħor.

**Artiklu 20**
Għandek id-dritt li, b'mod paċifiku, torganizza laqgħat jew tipparteċipa f'laqgħat. Huwa ħażin li tisforza lil xi ħadd jipparteċipa f'xi grupp.

**Artiklu 21**
Għandek id-dritt tieħu sehem fl-attivitajiet politiċi ta' pajjiżek billi tagħmel parti mill-Gvern inti stess jew billi tagħżel politikanti li għandhom l-istess ideat bħal tiegħek. Għandu jkollok id-dritt li tivvota għall-Gvern b'mod regolari u l-vot għandu jsir privatament. Għandek id-dritt għall-vot u l-voti għandhom jgħoddu kollha l-istess. Għandek l-istess dritt li tingħaqad mas-servizz pubbliku bħal ħaddieħor.

**Artiklu 22**
Is-soċjetà li tagħmel parti minnha għandha tgħinek tikber u tuża l-vantaġġi (kultura, xogħol, *social welfare*) li huma offruti għalik u l-persuni kollha f'pajjiżek.

**Artiklu 24**
Il-ġurnata tax-xogħol m'għandhiex tkun twila wisq, għax kulħadd għandu d-dritt li jistrieħ u li jieħu vaganzi regolari.

**Artiklu 25**
Għandek id-dritt li jkollok dak kollu li hemm bżonn sabiex inti u l-familja tiegħek ma timirdux, ma tibqgħux bil-ġuħ, ikollkom ħwejjeġ u dar, u tiġu megħjuna jekk xi ħadd jispiċċa bla xogħol, jekk xi ħadd ikun marid, jekk tkun anzjan, jekk tkun armel/armla, u jekk m'għandekx paga li tgħajjxek u ma tista' tagħmel xejn dwarha. Omm tqila u t-tarbija tagħha għandhom jirċievu għajnuna speċjali. It-tfal kollha għandhom l-istess drittijiet, kemm jekk l-omm tkun miżżewġa u anke jekk le.

**Artiklu 26**
Għandek id-dritt tmur l-iskola u kulħadd għandu d-dritt jattendi l-iskola. L-iskola primarja għandha tkun b'xejn. Għandu jkollok id-dritt li titgħallem professjoni jew li tkompli tistudja sakemm tixtieq inti. L-iskola għandu jkollok iċ-ċans tiżviluppa t-talenti kollha tiegħek u titgħallem tagħmilha mal-oħrajn, minkejja li jista' jkollhom razza jew reliġjon differenti jew ikunu ġejjin minn pajjiż differenti. Il-ġenituri tiegħek għandhom dritt li jagħżlu kif u x'se titgħallem l-iskola.

**Artiklu 27**
Għandek id-dritt tipparteċipa f-attivitajiet fil-komunità tiegħek li huma relatati mal-arti u x-xjenza, u fit-tajjeb li dawn jistgħu joħolqu. Ix-xogħlijiet tiegħek bħala artist, kittieb jew xjentist għandhom jiġu protetti, u għandek tibbenefika minnhom.

**Artiklu 28**
Biex tassigura li d-drittijiet tiegħek jiġu rispettati, irid ikun hemm "ordni" li tipproteġihom. Din l-"ordni" għandha tkun kemm lokali u kemm globali.

**Artiklu 29**
Għandek dmirijiet lejn il-komunità fejn il-personalità tiegħek tista' tiżviluppa b'mod sħiħ. Il-liġi għandha tassigura d-drittijiet tal-bniedem. Għandha tħalli lil kulħadd jirrispetta lil ħaddieħor u jiġi rispettat.

**Artiklu 30**
L-ebda soċjetà u l-ebda persuna fid-dinja m'għandha taġixxi b'mod li twaqqa' d-drittijiet li għadek kemm qrajt.

# Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989)

**Artiklu 1**
Kull persuna taħt it-tmintax għandha dawn id-drittijiet.

**Artiklu 2**
It-tfal kollha għandhom dawn id-drittijiet, irrispettivament min huma, fejn joqogħdu, x'jagħmlu l-ġenituri tagħhom, x'lingwa jitkellmu, x'reliġjon iħaddnu, jekk humhiex bniet jew subien, x'kultura għandhom, jekk għandhomx diżabilità, u jekk humiex fqar jew sinjuri. It-tfal m'għandhom bl-ebda mod jiġu trattati b'mod inġust.

**Artiklu 3**
L-adulti kollha għandhom jagħmlu dak li hu l-aħjar għalik. Meta l-adulti jieħdu deċiżjonijiet, għandhom iqisu kif id-deċiżjonijiet tagħhom se jaffettwaw lit-tfal.

**Artiklu 4**
Il-Gvern għandu responsabbiltà li jassigura li d-drittijiet tiegħek jiġu protetti. Għandu jgħin lill-familja tiegħek biex tipproteġi d-drittijiet tiegħek u toħloq ambjent fejn tista' tikber u tilħaq il-potenzjal tiegħek.

**Artiklu 5**
Il-familja tiegħek għandha r-responsabbiltà li tgħinek titgħallem tħaddem id-drittijiet tiegħek u tassigura li d-drittijiet tiegħek huma protetti.

**Artiklu 6**
Għandek id-dritt li tgħix.

**Artiklu 7**
Għandek id-dritt għal isem, u dan għandu jkun uffiċjalment rikonoxxut mill-Gvern. Għandek id-dritt li jkollok nazzjonalità (biex tagħmel parti minn pajjiż).

**Artiklu 8**
Għandek id-dritt għal identità – rekord uffiċjali ta' min int. Ħadd m'għandu d-dritt li jeħodhielek.

**Artiklu 9**
Għandek id-dritt li tgħix mal-ġenitur(i), sakemm din ma tkunx ta' ħsara għalik. Għandek id-dritt li tgħix f'familja li tieħu ħsiebek.

**Artiklu 10**
Jekk tgħix f'pajjiż differenti mill-ġenituri tiegħek, għandkom id-dritt li tkunu flimkien fl-istess post.

**Artiklu 11**
Għandek id-dritt li tkun protett minn xi ħadd li jista' jaħtfek.

**Artiklu 12**
Għandek id-dritt li tagħti l-opinjoni tiegħek, u li l-adulti jisimgħuha u joħduha bis-serjetà.

**Artiklu 13**
Għandek id-dritt li ssir taf l-affarijiet u taqsam dak li taħseb mal-oħrajn billi titkellem, tpenġi, tikteb jew xi mod ieħor sakemm ma jweġġax jew joffendix lil ħaddieħor.

**Artiklu 14**
Għandek id-dritt li tagħżel ir-reliġjon u t-twemmin tiegħek stess. Il-ġenituri għandhom jgħinuk tiddeċiedi x'inhu tajjeb u ħażin, u x'inhu l-aħjar għalik.

**Artiklu 15**
Għandek id-dritt tagħżel il-ħbieb tiegħek u li tibda jew tingħaqad ma' gruppi sakemm ma jkunux ta' ħsara lil ħaddieħor.

**Artiklu 16**
Għandek id-dritt għall-privatezza.

**Artiklu 17**
Għandek id-dritt li tieħu informazzjoni li hija importanti għas-saħħa tiegħek minn radji, gazzeti, kotba, kompjuters u sorsi oħrajn. L-adulti ta' madwarek għandhom jaċċertaw li l-informazzjoni ma tagħmilx ħsara, u jgħinuk tfittex u tifhem l-informazzjoni li għandek bżonn.

**Artiklu 18**
Għandek id-dritt li titrabba mill-ġenitur(i) tiegħek jekk dan hu possibbli.

**Artiklu 19**
Għandek id-dritt li tiġi protett milli moħħok jew ġismek jiġi mweġġa' jew trattat ħażin.

**Artiklu 20**
Għandek id-dritt għall-kura u għajnuna speċjali jekk ma tistax tgħix mal-ġenituri tiegħek.

**Artiklu 21**
Għandek id-dritt għall-kura u protezzjoni jekk inti ġejt addottat jew *fostered*.

## *Checklist* għall-Assessjar tal-Għalliema

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a: ________________________________________<br><br>Data: ________________________________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3:Ikkonsolidata |

**Istruzzjonijiet: Imla ċ-*Checklist* għal kull student fi tmiem *Tema 4 Niżviluppaw Sens ta' Determinazzjoni Soda***

| **4. NIŻVILUPPAW SENS TA' DETERMINAZZJONI SODA** | |
|---|---|
| **4.1. INSOLVU L-PROBLEMI** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **4.1.1. Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi** | |
| 4.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi jagħraf li l-ewwel pass biex isolvi problema huwa li jqis x'jgħin u x'itellef | |
| 4.1.1.I. L-istudent kapaċi jagħraf li għandu bżonn ħin u sforz biex isolvi l-problemi b'mod effettiv | |
| 4.1.1.A. L-istudent kapaċi jaħseb f'soluzzjonijiet kreattivi u dirrenti | |
| **4.1.2. Nqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni** | |
| 4.1.2.B. L-istudent kapaċi jqis soluzzjonijiet għal problema skont il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha | |
| 4.1.2.I. L-istudent kapaċi jidentifika kemm għandu bżonn ħin u sforz biex iħaddem soluzzjoni fil-prattika | |
| 4.1.2.A. L-istudent kapaċi jqis ir-riżultati tas-soluzzjonijiet skont kif hu u ħaddieħor iħossuhom dwar is-soluzzjoni | |
| **4.1.3. Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni** | |
| 4.1.3.B. L-istudent kapaċi jipprova jsolvi problema billi japplika soluzzjoni għal problema | |
| 4.1.3.I. L-istudent kapaċi jqis ir-riżultati ta' soluzzjoni u jekk ikun hemm bżonn, jerġa' jipprova | |
| 4.1.3.A. L-istudent kapaċi jsolvi problema permezz tat-tliet passi ta' kif insolvu l-problemi | |
| **4.2.1. L-*EMPOWERMENT* U L-AWTONOMIJA** | |
| **4.2.1. Niżviluppaw skop fil-ħajja u raġuni għalxiex qed ngħixu** | |
| 4.2.1.B. L-istudent kapaċi jitkellem fuq min hu, u jidentifika x'inhu importanti għalih | |
| 4.2.1.I. L-istudent kapaċi jagħraf l-importanza li jifhem il-kawżi u l-konsegwenzi ta' sfidi u jidentifika modi kif jegħlibhom | |
| 4.2.1.A. L-istudent kapaċi jirrifletti fuq ir-rwoli tal-preżent u tal-futur u jidentifika l professjoni tal futur tiegħu | |
| **4.2.2. Niżviluppaw sens ta' kontroll u kunfidenza fina nnfusna** | |
| | |

[1] B = Livell bażiku, I = Livell intermedju, A = Livell avvanzat

| | |
|---|---|
| 4.2.2.B. L-istudent kapaċi jagħraf kif jista' jwettaq l-affarijiet billi jippjana minn qabel, jantiċipa r-riżultati, u jirrifletti fuq ir-riżultati. | |
| 4.2.2.I. L-istudent kapaċi jagħraf li ħaddieħor jista' jgħinu jwettaq l-affarijiet billi jaħdem b'mod kollaborattiv miegħu. | |
| 4.2.2.A. L-istudent jemmen li jista' jwettaq l-affarijiet, jilħaq l-għanijiet tiegħu, u jegħleb l-ostakli | |
| **4.2.3. Nitgħallmu naqbżu għalina nnfusna** | |
| 4.2.3.B. L-istudent kapaċi jagħraf l-importanza li jaċċetta lilu nnifsu u lill-oħrajn, minkejja d-differenzi | |
| 4.2.3.I. L-istudent kapaċi jaqbeż għad-drittijiet tiegħu billi jkun assertiv, jikkoopera u jinnegozja | |
| 4.2.3.A. L-istudent kapaċi jidentifika d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tiegħu | |

**Il-kapaċitajiet tal-istudent/a:**

**Il-ħtiġijiet tal-istudent/a:**

**Għanijiet għal titjib:**

## ***Checklist* għall-Assessjar tal-Persuna Fuqha Nnifisha**

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a: ____________________________<br><br>Data: ______________________________ | ☹ Le<br>😐 Xi kultant<br>☺ Iva |

| **NIŻVILUPPAW SENS TA' DETERMINAZZJONI SODA – INSOLVU L-PROBLEMI** | | |
|---|---|---|
| **Niddefinixxu l-problema u naħsbu f'soluzzjonijiet kreattivi** | | |
| **Jekk jogħġbok immarka l-wiċċ li jiddeskrivik bl-aħjar mod.** | **Nista' nagħmilha** | **Inħobb nagħmilha** |
| Jien kapaċi nqis x'jgħin u x'itellef bħala l-ewwel pass biex insolvi problema | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf li għandi bżonn il-ħin u l-isforz biex insolvi l-problemi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika soluzzjonijiet kreattivi u differenti għal problema | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Inqisu s-soluzzjonijiet u nieħdu deċiżjoni** | | |
| Jien kapaċi nqis soluzzjonijiet għal problema skont il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nqis kemm għandi bżonn ħin u sforz biex inħaddem soluzzjoni fil-prattika | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nqis ir-riżultati ta' soluzzjonijiet skont kif jien u ħaddieħor inħossuna dwar is-soluzzjoni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Napplikaw u nevalwaw is-soluzzjoni** | | |
| Jien kapaċi nsolvi l-problema billi nipprova soluzzjoni u niċċekkja kif qed taħdem | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nqis jekk soluzzjoni hix qed taħdem jew le, u jekk ikun hemm bżonn, nerġa' nipprova | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nsolvi problema permezz tat-tliet passi ta' kif insolvu l-problemi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIŻVILUPPAW SENS TA' DETERMINAZZJONI SODA - L-*EMPOWERMENT* U L-AWTONOMIJA** | | |
| **Niżviluppaw skop fil-ħajja u raġuni għalxiex qed ngħixu** | | |

| | | |
|---|---|---|
| Jien kapaċi nitkellem fuq min jien u nidentifika dak li hu importanti għalija | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nifhem il-kawżi u l-konsegwenzi tal-isfidi u nidentifika modi kif negħlibhom | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika l-professjoni u r-rwoli tal-futur tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Niżviluppaw sens ta' kontroll u kunfidenza fina nnfusna** | | |
| Jien kapaċi nagħraf li jien nista' nwettaq l-affarijiet | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf li ħaddieħor jista' jgħinni nwettaq l-affarijiet jekk naħdem b'mod kollaborattiv miegħu | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nwettaq l-affarijiet, nilħaq l-għanijiet tiegħi, u negħleb l-isfidi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nitgħallmu naqbżu għalina nnfusna** | | |
| Jien kapaċi nagħraf l-importanza li naċċetta lili nnifsi u lill-oħrajn, minkejja d-differenzi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi naqbeż għad-drittijiet tiegħi billi nkun assertiv, nikkoopera u ninnegozja | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Ħadt gost nitgħallem dwar…..**<br><br>**Nixtieq nitjieb……** | | |

# TEMA 5: Nibnu fuq il-Ħiliet

## Sottotema 1 *Self-concept* u *self-esteem* pożittivi

**TOPIK 1**

Inkunu nafu fuqna nfusna sabiex ikollna *self-concept* pożittiv

**TOPIK 2**

Niskopru affarijiet pożittivi fuqna nfusna biex insaħħu l-istima tagħna nfusna

**TOPIK 3**

Nagħfru li l-ħiliet tagħna jagħmlu parti minn dak li konna, li aħna, u li nistgħu nkunu

## Sottotema 2 Nużaw il-ħiliet tagħna għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali

**TOPIK 1**

Nużaw il-ħiliet biex insaħħu l-parteċipazzjoni soċjali

**TOPIK 2**

Insaħħu lparteċipazzjoni soċjali

**TOPIK 3**

Nagħmlu għanijiet għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali

# SOTTOTEMA 1
## *Self-concept* u *self-esteem* pożittivi

**Self-concept jirreferi għal "kollezzjoni ta' twemmin fuq in-natura, il-kwalitajiet u l-imġiba tipika tiegħek stess... stampa mentali tiegħek innifsek... tista' tinkludi wkoll twemmin bħal 'Jien qalbi tajba' jew 'Jien sabiħ/a' jew 'Jien nagħmel l-almu tiegħi'" (Weiten, Dunn, & Hammer, 2012) . Tirreferi għal aspetti varji tagħna nfusna inkluż il-parti soċjali, il-kompetenza, l-emozzjonijiet, il-parti fiżika, il-parti akkademika u l-familja fost oħrajn. Is-self-concept ma hu biss dak li l-persuna hi bħalissa imma wkoll dak li kienet qabel u x'tista' ssir fil-futur. Is-self-esteem (kemm wieħed jivvaluta lilu nnifsu) huwa meqjus bħala wieħed mit-tliet partijiet tas-self-concept. L-oħrajn huma self-image (kif tara lilek innifsek) u l-ideal self (kif tixtieq tkun). Iktar ma l-persuna tkun qrib is-self ideali tagħha, iktar aħjar, għax is-self-concept huwa realistiku. Fl-ewwel żewġ topiks, it-tfal jkollhom l-opportunità li jiskopru xi affarijiet fuqhom infushom li bihom jistgħu jiżviluppaw is-self-concept u l-istima pożittiva tagħhom infushom. It-tielet topik jgħin lit-tfal jagħfu li l-ħiliet tagħhom huma parti minn dak li kienu, li huma u li se jkunu fil-futur.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **INKUNU NAFU FUQNA NFUSNA SABIEX IKOLLNA *SELF-CONCEPT* POŻITTIV**<br><br>• JISKOPRU AFFARIJIET POŻITTIVI FUQHOM INFUSHOM.<br>• JISKOPRU T-TIFSIRA TA' ISIMHOM U INFORMAZZJONI OĦRA IMPORTANTI FUQU.<br>• JAĦSBU F'ISEM IMMAĠINATTIV U IEĦOR SIGRIET GĦALIHOM INFUSHOM. |
| **TOPIK 2**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NISKOPRU AFFARIJIET POŻITTIVI FUQNA NFUSNA SABIEX INSAĦĦU L-ISTIMA TAGĦNA NFUSNA**<br><br>• JIDENTIFIKAW AFFARIJIET POŻITTIVI FIHOM INFUSHOM.<br>• JIDENTIFIKAW IL-KWALITAJIET UNIĊI FIHOM INFUSHOM.<br>• JISKOPRU XI KWALITAJIET SĦABHOM JOGĦĠBUHOM FIHOM. |
| **TOPIK 3**<br><br>**Għanijiet tat-Tagħlim** | **NAGĦRFU LI L-ĦILIET TAGĦNA JAGĦMLU PARTI MINN DAK LI KONNA, LI AĦNA, U LI NISTGĦU NKUNU**<br><br>• JIFHMU LI DAK LI ĠRALHOM JISTA' JKUN PARTI MINN DAK LI SE JKUNU. |

- JAGĦRFU KIF ĠRAJJIET F'ĦAJJITHOM JIKKONTRIBWIXXU GĦALL-FUTUR TAGĦHOM.
- JAGĦRFU KIF PERSUNI IMPORTANTI F'ĦAJJITHOM HUMA PARTI MINN DAK LI JISTGĦU JKUNU.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Ikkummenta fuq il-ħiliet tal-istudenti waqt il-lezzjonijiet. Kun speċifiku/a kemm tista', u pprova kkummenta fuq l-affarijiet li jagħmlu. Dak li jagħmlu jista' jkun żviluppat u jista' jitjieb, imma l-karatteristiċi tagħhom huma iktar diffiċli biex jinbidlu; meta tikkumenta fuq il-karatteristiċi tagħhom, l-istudenti jistgħu jħossuhom inċerti u anzjużi. Minflok tgħid "kemm inti bravu/a", tista' tgħid "Togħġobni kif taħdem bir-reqqa; dan se jgħinek 'l quddiem". Minflok tgħid, "inti ħabib/a tajjeb/tajba", tista' tgħid "Napprezza kemm tgħin lil sħabek".

2. Ikkummenta fuq affarijiet li tosserva, speċjalment fuq titjib f'kull qasam (akkademiku, soċjali, imġiba, eċċ).

3. Kun mudell inti stess billi tikkummenta fuq l-affarijiet li inti kburi/kburija bihom u li jogħġbuk fik innifsek.

4. Ħeġġeġ lill-istudenti josservaw u jikkummentaw fuq l-affarijiet li jogħġbuhom fi sħabhom.

5. Għin lill-istudenti jagħrfu kif l-affarijiet jinbidlu maż-żmien billi turi kif il-passat huwa parti minn dak li aħna issa u anke minn dak li nistgħu nkunu, per eżempju, billi tirriflettu fuq l-istejjer li taqralhom fil-klassi.

# Topik 1 Inkunu nafu fuqna nfusna sabiex ikollna *self-concept* pożittiv

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jiskopru affarijiet pożittivi fuqhom infushom.

Jiskopru t-tifsira ta' isimhom u informazzjoni oħra importanti fuqu.

Jaħsbu f'isem immaġinattiv u ieħor sigriet għalihom infushom.

## Attività 1: Ismi

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiskopru affarijiet pożittivi fuqhom infushom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Niskopri affarijiet pożittivi fuqi nnifsi.

### *Livell*

Karti, kuluri, folja t'attività 'Ismi'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Għid lill-istudenti li aħna kollha speċjali u persuni uniċi. Li tkun uniku hija xi ħaġa tajba; huwa tajjeb li nkunu nafu lilna nfusna u anke lil persuni uniċi oħrajn. Għidilhom li llum se naħsbu fuq min aħna. Ħaġa importanti li tagħmel parti minn dak li aħna huwa isimna. Aħna nidentifikaw ruħna mal-isem li għandna.

3. Staqsi lill-istudenti jiktbu isimhom fuq il-*board*.

4. Issa staqsihom jitkbu isimhom fuq karta b'dan il-mod: eżempju:

D (Dejjem kuntenta)

I (Immaġinattiva)

A (Assertiva)

N (Ngħin lill-oħrajn)

E (Eleganti)

Kull student jikteb xi ħaġa fuqu nnifsu għal kull ittra ta' ismu (bħal m'hawn hawn fuq). It-tfal jista' jkollhom dizzjunarji/*wikipedia* biex ifittxu kliem pożittiv fuqhom infushom.

4. L-istudenti jżejnu isimhom kif jixtiequ. Jistgħu jaqsmu dak li kitbu mal-oħrajn. Fuq in-naħa ta' wara tal-karta staqsihom biex jirriflettu fuq il-kelma li togħġobhom l-iktar f'pari, mbagħad jaqsmuha mal-grupp kollu.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti juru l-karti lill-ġenituri tagħhom u jipprovaw isibu iktar kliem pożittivi li jistgħu jżidu ma' isimhom.

# ISMI

RIZORSI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal iżidu iktar affarijiet pożittivi fuqhom infushom. Tistgħu żżidu iżjed intom ukoll.*

___



# Attività 2: It-tifsira ta' ismi

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiskopru t-tifsira ta' isimhom u informazzjoni oħra importanti fuqu.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Niskopri xi jsfisser ismi u informazzjoni oħra importanti fuqu.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Lista bl-ismijiet tat-tfal bit-tifsira ta' kull isem, internet/*wikipedia* jew dizzjunarju tal-ismijiet, kuluri, *biros*, karti, dizzjunarji, folja t'attività 'It-tifsira ta' ismi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Ipprepara lista bl-ismijiet tat-tfal u ħdejn kull isem ikteb it-tifsira (fittex xi jfissru f'dizzjunarju tal-ismijiet jew mill-internet).

3. Fi gruppi żgħar, l-istudenti jiddiskutu t-tifsira ta' isimhom. Jaħsbu li t-tifsira toqgħod mal-personalità tagħhom? Jekk iva, kif, u jekk le, kif le? Staqsi lill-istudenti jaqsmu dak li ddiskutew mal-grupp kollu.

4. L-istudenti jpenġu isimhom fuq karta. Jistgħu jagħżlu jekk jinkludux it-tifsira bħala parti mit-tpenġija. Jaqsmu t-tpenġijiet tagħhom mal-grupp kollu.

5. Ikkonkludi billi tenfasizza li kollha kemm huma huma speċjali u uniċi. Li tkun uniku hija xi ħaġa sabiħa ħafna. Huwa tajjeb li nkunu nafu lilna nfusna u lil persuni uniċi oħrajn.



## Attività għad-Dar

L-istudenti juru lill-ġenituri tagħhom it-tifsira ta' isimhom u informazzjoni oħra dwaru. Kienu jafu xi jfisser l-isem? Jaħsbu li t-tifsira u l-informazzjoni jaqblu mat-tfal?

## IT-TIFSIRA TA' ISMI

*Lill-ġenituri: It-tfal jurukom it-tifsira ta' isimhom u informazzjoni oħra dwaru. Kontu tafu t-tifsira ta' isimhom? Taħsbu li t-tifsira taqbel magħhom? Jew kontu tafu b'din wara li semmejtu lit-tfal għal persuna li kontu tafu? Taħsbu li l-informazzjoni taqbel mal-karattru tat-tfal? Tkellmu mat-tfal fuq dan.*

___________________________________________________________________________

# Attività 3: L-ismijiet differenti ta' Elisa

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jaħsbu f'isem immaġinattiv u ieħor sigriet għalihom infushom.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Naħseb f'isem immaġinattiv u ieħor sigriet għalija nnifsi.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività 'Ismi', 'L-ismijiet differenti ta' Elisa'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**L-ismijiet differenti ta' Elisa**

**Elisa hi tifla ta' għaxar snin. Darba waħda, waqt lezzjoni fuq l-ismijiet, il-klassi bdiet tiddiskuti xi jfissru ismijiet differenti. Elisa bdiet taħseb ftit fuq isimha. Il-ġenituri tagħha kienu dejjem isejħulha Elisa iżda z-zija tagħha dejjem kienet tinsa li jisimha Elisa u kienet issejħilha Elizabeth minflok! Il-ħbieb tagħha kienu iktar isejħulha Ellie fil-qasir. Malli marret id-dar Elisa marret tistaqsi lill-ġenituri tagħha kif kienu ddeċidew li jsemmuha Elisa. Il-ġenituri qalulha li semmewha għall-bużnanna tagħha Eliżabetta. Huma spjegaw li l-bużnanna Eliżabetta kienet mara kuraġġuża ħafna. Hi kienet ġiet minn pajjiż ieħor flimkien mal-familja tagħha u bdiet ħajja mill-ġdid ġewwa Malta. Ftit wara bdiet taħdem bħala ħajjata u kienet tħit ilbiesi sbieħ għall-iktar nies importanti f'Malta. Elisa bdiet tħossha kuntenta li ommha u missierha kienu semmewha għal xi ħadd daqshekk speċjali. "Aħna semmejniek Elisa għaliha għax nemmnu li inti persuna speċjali u unika bħalma kienet in-nanna Eliżabetta. Inti kuraġġuża bħalha u ma tantx tibża' malajr! Imma Elisa tfisser ukoll 'dawl' u semmejniek hekk għax ġejt f'ħajjitna meta l-iktar li kellna bżonn id-dawl. Inti**

**speċjali ħafna għalina Elisa", qalet ommha. Elisa tant ħassitha ferħana li kellha isem b'tifsira sabiħa bħal din. Wara li skopriet xi jfisser isimha, Elisa bdiet taħseb f'xi ismijiet immaġinattivi u oħrajn sigrieti bħalma staqsiethom jagħmlu l-għalliema. Ħasbet f''Elisella', 'Ellina', u 'Ella', imma l-iktar wieħed li għoġobha kien 'Eliżabetta' għax kien ifakkarha fil-bużnanna tagħha.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu dwar l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Kif kienu jsejħulha sħabha?
- Il-ġenituri għalfejn taw lil Elisa dak l-isem?
- Liema isem l-iktar li għoġobkom għal Elisa? Għalfejn?
- Tistgħu taħsbu f'ismijiet immaġinattivi oħrajn għal Elisa?

4. L-istudenti jaħsbu fuq isem immaġinattiv u ieħor sigriet għalihom infushom. Iddiskuti magħhom x'jixtiequ li l-isem sigriet ikun jgħid fuqhom. Jaqsmu mal-oħrajn l-ismijiet immaġinattivi imma mhux l-ismijiet sigrieti.

6. L-istudenti jpinġu isimhom u l-isem immaġinattiv tagħhom fuq il-folja t'attività 'Ismi'.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti juru t-tpenġijiet tagħhom lill-ġenituri, jaqraw l-istorja flimkien, u jitkellmu fuq l-ismijiet.

# ISMI

ISMI

L-ISEM IMMAĠINATTIV TIEGĦI

# L-ISMIJIET DIFFERENTI TA' ELISA

RIŻORSI

*Lill-ġenituri: Aqraw din l-istorja mat-tfal u ddiskutu ismijiet differenti magħhom (ismijiet ta' kuljum, laqmijiet, ismijiet immaġinattivi, u forsi anke ismijiet sigrieti).*

---

**L-ismijiet differenti ta' Elisa**

Elisa hi tifla ta' għaxar snin. Darba waħda, waqt lezzjoni fuq l ismijiet, il klassi bdiet tiddiskuti xi jfissru ismijiet differenti. Elisa bdiet taħseb ftit fuq isimha. Il ġenituri tagħha kienu dejjem jgħajtula isejħulha Elisa iżda z zija tagħha dejjem kienet tinsa li jisimha Elisa u kienet tgħajtilha issejħilha Elizabeth minflok! Il ħbieb tagħha kienu iktar jgħajtulha isejħulha Ellie fil qasir. Malli marret id dar Elisa marret tistaqsi lill ġenituri tagħha kif kienu ddeċidew li jsemmuha Elisa. Il ġenituri qalulha li semmewha għall bużnanna tagħha Eliżabetta. Huma spjegaw li l bużnanna Eliżabetta kienet mara kuraġġuża ħafna. Hi kienet ġiet minn pajjiż ieħor flimkien mal familja tagħha u bdiet ħajja mill ġdid ġewwa Malta. Ftit wara bdiet taħdem bħala ħajjata u kienet tħit ilbiesi sbieħ għall iktar nies importanti f'Malta. Elisa bdiet tħossha kuntenta li ommha u missierha kienu semmewha għal xi ħadd daqshekk speċjali. "Aħna semmejniek Elisa għaliha għax nemmnu li inti persuna speċjali u unika bħalma kienet in nanna Eliżabetta. Inti kuraġġuża bħalha u ma tantx tibża' malajr! Imma Elisa tfisser ukoll 'dawl' u semmejniek hekk għax ġejt f'ħajjitna meta l iktar li kellna bżonn id dawl. Inti speċjali ħafna għalina Elisa", qalet ommha. Elisa tant ħassitha ferħana li kellha isem b'tifsira sabiħa bħal din. Wara li skopriet xi jfisser isimha, Elisa bdiet taħseb f'xi ismijiet immaġinattivi u oħrajn sigrieti bħalma staqsiethom jagħmlu l għalliema. Ħasbet f''Elisella', 'Ellina', u 'Ella', imma l iktar wieħed li għoġobha kien 'Eliżabetta' għax kien ifakkarha fil bużnanna tagħha.

# Topik 2 Niskopru affarijiet pożittivi fuqna nfusna biex insaħħu l-istima tagħna nfusna

| |
|---|
| **Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:** |
| Jidentifikaw affarijiet pożittivi fihom infushom. |
| Jagħfu l-kwalitajiet uniċi fihom infushom |
| Jiskopru xi kwalitajiet sħabhom jogħġbuhom fihom. |

## Attività 1: Il-bagalja tal- ħiliet

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw affarijiet pożittivi fihom infushom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Insib affarijiet pożittivi fuqi nnifsi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Il-bagalja tal ħiliet'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Żigu jaħseb fuq dak li hu tajjeb fih**

**Żigu l-iskwiril kien qiegħed barra jdur fil-ġnien. Qed ifittex il-ġewż u affarijiet oħra li jista' jiġbor u jerfa' fil-bejta tiegħu. Ried ikun ċert li se jkollu biżżejjed għax-xitwa li ġejja. Kif kien jaqbeż minn zokk għal ieħor, ra ajkla kbira 'l fuq minnu. Beża' u ma kienx jaf x'se jagħmel. Mar Jistaħba fuq zokk u beda jaħseb. Kien ja li kellu jiċċaqlaq malajr biex ma taqbdux l-ajkla. Ma setax jinżel mal-art għax imbagħad ikun iktar faċli għall-ajkla biex taqbdu. Ftakar x'qaltlu l-mamà tiegħu: ikkonċentra fuq l-affarijiet li int tajjeb fihom. Jekk tagħmel hekk, ma taqtax qalbek u temmen li kollox possibbli. Immaġina li għandek bagalja mimlija bl-affarijiet li taf li tista' tagħmel u bl-affarijiet li int tajjeb fihom. Żigu beda jaħseb f'dak li għandu fil-bagalja. Qal bejnu u bejn ruħu, "Jien ħafif, jien naf naqbeż minn zokk għal ieħor, jien naf nistaħba fis-siġar, jien naf naqbeż minn siġra għall-oħra billi nuża denbi, għandi familja li nħobb, nitgħallem l-affarijiet malajr, u jien skwiril bil-għaqal. Meta ħaseb f'dawn l-affarijiet Żigu ħassu tajjeb u kunfidenti. Tar minn zokk għal ieħor u fid-daqqa u l-ħin wasal fil-bejta tiegħu. L-ajkla taret u marret tfittex xi ħaġa oħra x'tiekol.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirrifelttu dwar l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Żigu kif iffaċċja l-emozzjonijiet tiegħu?
- Min għallmu jagħmel dan?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'ħiliet jgħinuk f'sitwazzjonijiet diffiċli?
- Hemm ħiliet li tixtieq tiżviluppa?

5. Qassam il-folji t'attività u staqsi lill-istudenti biex jimlew il-bagalja b'dawk l-affarijiet kollha li huma tajbin fihom jew kburin bihom. Wara li jimlewha waħedhom, jistgħu jiddiskutu f'pari jew fi gruppi żgħar. Imbagħad jaqsmu dak li ddiskutew mal-grupp il-kbir.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jżidu xi affarijiet oħra fil-bagalji tal-istudenti.

# IL-BAGALJA TAL-ĦILIET

*Lill-ġenituri: Żidu xi ħiliet oħrajn tat-tfal li taħsbu li għandhom ikunu fil-bagalja.*

______________________________________________________________________



# Attività 2: Il-kwalitajiet uniċi tiegħi

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħfu il-kwalitajiet uniċi fihom infushom.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nagħraf l-kwalitajiet uniċi tiegħi.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività 'Il-kwalitajiet uniċi tiegħi', 'Kwalitajiet', kuluri, *biros* u karti.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Qassam il-folja t'attività 'Kwalitajiet' lill-istudenti (tista' żżid xi kwalitajiet jekk inti tixtieq), u staqsihom jagħżlu kwalità waħda li għandhom mil-lista u jaqsmuha mal-persuna bilqiegħda ħdejhom.

3. L-istudenti jagħżlu ħames kwalitajiet li jaħsbu li jiddeskrivuhom mill-folja t'attività 'Il-kwalitajiet uniċi tiegħi'. Staqsihom biex jiktbu dawn il-kwalitajiet fiċ-ċirku ta' ġewwa, u jistgħu anke jżejnu il-karta kif jixtiequ.

4. Staqsihom jiddiskutu l-kwalitajiet tagħhom fi gruppi żgħar u mbagħad jaqsmu dak li ddiskutew fil-grupp il-kbir.



## *Attività għad-Dar*

Il-ġenituri jgħinu lit-tfal jiktbu tliet kwalitajiet li għandhom bħala familja.

# IL-KWALITAJIET UNIĊI TIEGĦI

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal tliet kwalitajiet li għandkom bħala familja u t-tfal jiktbuhom fiċ-ċirku ta' barra.*

---

Kwalita

fil-far

tiegħ



**KWALITAJIET** (eżempji)

| | | | |
|---|---|---|---|
| qalbi tajba | kurjuż/a | assertiv/a | nieħu ħsieb l-oħrajn |
| intelliġenti | Kunfidenti | soċjevoli | dedikat/a |
| leali | empatiku/a | ferrieħi/ferriħija | tolleranti |
| kalm/a | naħseb f'ħaddieħor | sinċier/a | lest/a biex ngħin |
| onest/a | avventuruż/a | kuraġġuż/a | artistiku/a |
| determinat/a | nagħmel l-affarijiet sew | bieżel/bieżla | kompetenti |
| serju/a | matur/a | ġentili | Amikevoli |
| organizzat/a | inħobb inferraħ lil ħaddieħor | kapaċi | bravu/a |

# Attività 3: Il-fjura tal-kwalitajiet

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiskopru xi kwalitajiet li sħabhom jogħġbuhom fihom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Niskopri l-kwalitajiet li sħabi jogħġbuhom fija.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Il-fjura tal-kwalitajiet', karti, kuluri, lapsijiet.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Iddiskuti l-kwalitajiet li jista' jkollna, u ikteb il-kwalitajiet li jissuġġerixxu t-tfal fuq il-*board*. Ara li tinkludi ħafna kwalitajiet differenti.

3. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar u qassam il-folja t'attività 'Il-fjura tal-kwalitajiet'. L-istudenti jiktbu isimhom f'nofs il-fjura u mbagħad iqassmu l-folja t'attività lil sħabhom tal-klassi u kull student iniżżel kwalità li jaħseb li għandha dik il-persuna (jistgħu jagħżlu mil-lista li hemm miktuba fuq il-*board*). Kull student għandu jkollu ħames kwalitajiet miktubin fuq il-fjura.

4. Staqsi lill-istudenti biex jirriflettu: Kont sorpriż b'xi kwalitajiet li kitbu sħabek? Hemm xi ħaġa li tixtieq iżżid mal-fjura tiegħek? L-istudenti jitkellmu fuq kif iħossuhom fil-grupp il-kbir.

5. Agħmlu fjura kbira flimkien, fejn tiktbu l-isem tal-klassi fin-nofs. L-istudenti jiktbu l-kwalitajiet li jaħsbu li għandhom bħala klassi fuq il-fjura.



## Attività għad-Dar

L-istudenti juru l-folja t'attività lill-ġenituri tagħhom u jgħidulhomiżidu tliet kwalitajiet oħra.

# L-FJURA TAL-KWALITAJIET

*Lill-ġenituri: Żidu tliet kwalitajiet oħra fuq it-tfal.*



# Topik 3 Nagħrfu li l-ħiliet tagħna jagħmlu parti minn dak li konna, li aħna, u li nistgħu nkunu

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jifhmu li dak li ġralhom jista' jkun parti minn dak li se jkunu.

Jagħrfu kif ġrajjiet f'ħajjithom jikkontribwixxu għall-futur tagħhom.

Jagħrfu kif persuni importanti f'ħajjithom huma parti minn dak li jistgħu jkunu.

## Attività 1: Is-siġra

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jifhmu li dak li ġralhom jista' jkun parti minn dak li ser inkun.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nifhem kif dak li ġrali jista' jkun parti minn dak li ser inkun.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Is-siġra'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Penġi siġra kbira fuq il-*board*. Spjega li s-siġra tista' tissimbolizza ħajjitna. L-għeruq jirrappreżentaw il-passat, per eżempju, l-affarijiet li ġraw meta kienu iżgħar u l-persuni li kienu importanti għalihom. Iz-zokk jirrappreżenta l-preżent: l-affarijiet li qed jiġru issa, u l-persuni li huma importanti bħalissa. Iz-zkuk u l-parti ta' fuq tas-siġra jirrappreżentaw l-futur: x'jixtiequ

li jiġri u n-nies li jixtiequ li jkunu importanti f'ħajjithom. Uża eżempju billi titkellem fuq il-passat, il-preżent, u l-futur ta' persuna fittizja (per eżempju ta' persuna li hija refuġjata).

3. Qassam il-folja t'attività 'Is-siġra'. L-istudenti jiktbu xi affarijiet fl-għeruq, fiz-zokk, u fil-fergħat kif huwa spjegat hawn fuq. Staqsihom biex jaħsbu fuq xi sfidi li għandhom.

4. L-istudenti jaqsmu dak li kitbu fi gruppi żgħar, u mbagħad fil-grupp il-kbir.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri fuq il-passat, il-preżent u l-futur tal-familja billi jużaw is-siġra. Il-ġenituri jaqsmu ma' wliedhom il-passat, il-preżent u l-futur tal-familja u jitkellmu fuq xi sfidi li għaddew minnhom.

## IS-SIĠRA

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal fuq il-passat, il-preżent u l-futur tal-familja. Tkellmu fuq xi sfidi li għaddejtu minnhom. X'għenkom f'dawn is-sitwazzjonijiet?*



# Attività 2: Il-ġebla tal-Vikingi

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu kif ġrajjiet f'ħajjithom jikkontribwixxu għall-futur tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħraf kif ġrajjiet li ġraw f'ħajti jistgħu jkunu parti mill-futur tiegħi.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Il-ġebla tal-Vikingi', kuluri, *biros*.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Penġi ġebla tal-Vikingi (*rune stone*) fuq il-*board*, u spjega x'inhi (ġebla fejn il-Vikingi kienu jiktbu l-istejjer ta' ħajjithom). Għalkemm il-Vikingi ma setgħux ibassru x'se jġib il-futur, għid lit-tfal li huma ser jipprovaw jaraw x'jixtiequ mill-futur u jgħidu għalfejn jaħsbu li dan huwa possibbli. Per eżempju: Jien nixtieq nikteb ktieb għax naħseb li għandi ideat importanti x'naqsam mal-oħrajn u nħobb nikteb.

3. L-istudenti jpenġu l-ġebla tagħhom, u jimlew il-passat, il-preżent u l-futur. Jaqsmu dak li kitbu fi gruppi żgħar, u mbagħad fil-grupp il-kbir.



## Attività għad-Dar

L-istudenti juru l-ġebla tagħhom lill-ġenituri tagħhom u jistaqsuhom biex iżidu xi affarijiet oħra li huma importanti fil-passat, fil-preżent u fil-futur tagħhom.

## IL-ĠEBLA TAL-VIKINGI

*Lill-ġenituri: Ħarsu lejn il-ġebla li pinġew it-tfal u żidu xi affarijiet li taħsbu huma importanti fil-passat, fil-preżent u fil-futur tat-tfal.*



# Attività 3: Nies importanti f'ħajti

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħrfu kif persuni importanti f'ħajjithom huma parti minn dak li jistgħu jsiru.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nagħraf kif persuni importanti f'ħajti jistgħu jkunu parti minn dak li ser inkun.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'In-nies li influwenzawni', karti, kuluri, *biros*.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Penġi persuna fuq il-*board* u għid lill-istudenti li din tirrappreżenta lil kull wieħed u waħda minnhom. Spjega li huma min huma minħabba nies li influwenzawhom f'ħajjithom. Dawn in-nies kollha kienu importanti għalihom, b'mod tajjeb imma mhux dejjem. Agħti eżempji ta' nies – kemm ta' persuni li jixtiequ li jkunu hemm u forsi anke nies li ma jixtiqux f'ħajjithom (eż: *bullies*).

3. Għid lill-istudenti jagħmlu l-'*board*' tagħhom. Staqsihom jirriflettu fuq il-persuni li influwenzawhom. Ħeġġiġhom jaħsbu fuq in-nies li jixtiequ jżommu fuq il-*board* tagħhom u fuq in-nies li ma jixtiqux ikunu hemm. Imbagħad fuq il-folja t'attività ipenġu dawk in-nies li jixtiequ li jkunu fuq il-*board* tagħhom.

4. L-istudenti jiddiskutu f'pari jew fi gruppi żgħar u mbagħad fil-grupp il-kbir.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti juru l-*boards* tagħhom lill-ġenituri tagħhom u jiddiskutu nies oħrajn li jistgħu jżidu fuq il-*board*.

## IN-NIES LI INFLUWENZAWNI

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal u ssuġġerixxu persuni oħra li jistgħu jkunu fuq il-board.*

___



# SOTTOTEMA 2
# Nużaw il-ħiliet għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali

**Self-concept pożittiv fit-tfal għandu impatt pożittiv fuq il-parteċipazzjoni akkademika u soċjali tagħhom. Kważi ħamsin sena ilu, Purkey (1970) enfasizza l-importanza tas-self-concept bħala fattur fis-suċċess fl-iskola u tar-rwoli tal-għalliema u l-iskejjel fit-tisħiħ ta' self-concept pożittiv, filwaqt li jkun ukoll realistiku, fl-istudenti. L-ewwel topik f'din is-sottotema jiffoka fuq l-użu tal-ħiliet tal-istudenti biex lilhom nfushom u lill-oħrajn meta jkunu f'diffikultà jew f'sitwazzjonijiet diffiċli. It-tieni topik mibni fuq attivitajiet biex jiżviluppaw l-parteċipazzjoni soċjali tal-istudent, pedament ewlieni fil-bini tar-reżiljenza fost it-tfal (Berkman, Glass, Brissette, & Seeman, 2000). L-aħħar topik jemfasizza l-importanza li l-istudenti japprezzaw u jemmnu fihom infushom u fl-oħrajn bħala mod biex isaħħu l-parteċipazzjoni akkademika.**

| | |
|---|---|
| **TOPIK 1** | **NUŻAW IL-ĦILIET BIEX INSAĦĦU L-PARTEĊIPAZZJONI SOĊJALI** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JUŻAW MOVIMENT TAL-ĠISEM LI JGĦIN LIL ĦADDIEĦOR IĦOSSU KOMDU.<br>• JOSSERVAW KIF TONIJIET DIFFERENTI TAL-VUĊI JAFFETTWAW LIN-NIES.<br>• JISIMGĦU TAJJEB PERMEZZ TAL-MOVIMENT TAL-ĠISEM U T-TON TAL-VUĊI, U TAL-MISTOQSIJIET. |
| **TOPIK 2** | **INSAĦĦU L-PARTEĊIPAZZJONI SOĊJALI** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JISKOPRU KIF JISTGĦU JKUNU ĦBIEB AĦJAR.<br>• JIDENTIFIKAW ĦILIET DIFFERENTI LI GĦANDHOM F'KUNTESTI DIFFERENTI (ID-DAR, L-ISKOLA, FIL-ĦIN LIBERU , MAL-ĦBIEB).<br>• JIDENTIFIKAW-ĦILIET FIHOM INFUSHOM LI JISTGĦU JOGĦĠBU. LIL ĦADDIEĦOR |
| **TOPIK 3** | **NAGĦMLU GĦANIJIET GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI AKKADEMIKA U SOĊJALI** |
| **Għanijiet tat-Tagħlim** | • JAGĦMLU GĦAN GĦALIHOM BĦALA ĦBIEB.<br>• JIDENTIFIKAW ĦILIET LI GĦANDHOM LI SE JGĦINUHOM BIEX JAGĦMLU U JILĦQU L-GĦANIJIET TAGĦHOM.<br>• JIDENTIFIKAW IL-PASSI MEĦTIEĠA BIEX JILĦQU GĦAN. |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Uri lill-istudenti dak li tammira fihom. Għidilhom fuq dawn il-karatteristiċi u tkellem magħhom fuq l-affarijiet li jħobbu jagħmlu.

2. Ikkummenta  w agħti eżempji dwar kif l-istudenti jistgħu jiffaċċjaw id-dwejjaq u emozzjonijiet negattivi oħra b'mod kostruttiv

3. Kun mudell inti stess, agħti feedback pożittiv, u nnota pubblikament meta l-istudenti jagħtu feedback pożittiv lil xulxin.

4. Ikkummenta fuq ħbiberiji tajbin meta tosservahom fil-klassi. Iffoka fuq dak li l-istudenti jagħmlu iktar milli min huma.

5. Iġbed l-attenzjoni tal-istudenti meta huma jew oħrajn (per eżempju, karattri fi stejjer) ifarrġu lilhom infushom.

# Topik 1 Nużaw il-ħiliet biex insaħħu l-parteċipazzjoni soċjali

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jużaw moviment tal-ġisem li jgħin lil ħaddieħor iħossu komdu.

Josservaw kif tonijiet differenti tal vuċi jaffettwaw lin-nies.

Jisimgħu tajjeb permezz tal-moviment tal-ġisem u t-ton tal-vuċi, u tal-mistoqsijiet.

## Attività 1: Il-moviment tal-ġisem

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jużaw moviment tal-ġisem li jgħin lil ħaddieħor iħossu komdu.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nuża moviment tal-ġisem li jgħin lil ħaddieħor iħossu komdu.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Ngħinu lil ħaddieħor iħossu komdu...permezz tal-moviment tal-ġisem'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Tkellem mal-istudenti fuq xi ħaġa li taf li jħobbu (eż: sport jew mużika). Uża moviment tal-ġisem li juri li qed tistħi u li m'intix komda billi tħares 'l isfel, tevita li tħares f'għajnejhom, eċċ. Ibda diskussjoni fuq il-moviment tal-ġisem u fuq dak li nesprimu permezz tal-ġisem billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħsbu minn dak li għidt?
- Kien hemm xi ħaġa li ma fhimtux?

- Kif nistgħu nużaw il-moviment tal-ġisem biex ħaddieħor iħoss affarijiet differenti, kemm pożittivi u anke negattivi (rilassament, anzjetà, mistħija...)?
- X'tip ta' moviment tal-ġisem taħsbu li huwa importanti meta niltaqgħu man-nies u mal-ħbieb biex ngħinuhom iħossuhom komdi (eż: inħarsu f'għajnejhom, il-pożizzjoni tal-ġisem, ikollna saqajna t-tnejn mal-art, eċċ.)

3. F'pari, l-istudenti jitkellmu fuq xi ħaġa waqt li jużaw moviment tal-ġisem li għadkom kemm iddiskutejtu biex jgħinu lil ħaddieħor iħossu komdu. Tista' tagħtihom sitwazzjonijiet differenti, bħal per eżempju iridu jipprovaw jagħmlu ħbieb ġodda jew għadhom kif iltaqgħu ma' xi ħadd ġdid l-iskola.



### Attività għad-Dar

Flimkien mal-ġenituri tagħhom, l-istudenti jagħmlu *poster* bil-punti ewlenin fuq dak il-moviment tal-ġisem li għandhom jużaw biex jgħinu lil ħaddieħor iħossu komdu. Jistgħu wkoll jipprattikaw jużaw dan il-moviment tal-ġisem waqt l-attività.

# NGĦINU LIL ĦADDIEĦOR IĦOSSU KOMDU PERMEZZ TAL-MOVIMENT TAL-ĠISEM

*Lill-ġenituri: L-iskola t-tfal iddiskutew il-moviment tal-ġisem li jgħin lil ħaddieħor iħossu komdu u rilassat. Iddiskuti mat-tfal u għinhom jagħmlu* poster *bil-punti ewlenin fuq il-moviment tal-ġisem li għandna nużaw mal-ħbieb u ma' persuni oħra. Araw li intom u t-tfal tkunu qed tużaw dan il-moviment tal-ġisem waqt l-attività*

.

*POSTER*

# Attività 2: It-ton tal-vuċi tiegħi

## L-Għan tat-Tagħlim

Josservaw kif it-ton tal-vuċi jista' jaffettwa lill-oħrajn.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nosserva kif it-ton tal-vuċi jista' jaffettwa lill-oħrajn.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Folji t'attività 'It-ton tal-vuċi tiegħi' (b'kull emozzjoni u sentenza maqtugħin għalihom – tista' żżid iktar emozzjonijiet/burdati u sentenzi) (Kull student għandu jkollu mill-inqas sentenza waħda u emozzjoni/burdata waħda), 'Tonijiet differenti tal-vuċi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Tkellem mal-istudenti fuq xi ħaġa li togħġobhom (eż: mużika, sport) b'ton tal-vuċi aggressiv u għoli. Imbagħad staqsihom xi bdew jaħsbu meta kont qed tkellimhom. Probabbilment jgħidu li bdew iħossuhom skomdi. Issa, kellimhom b'mod mistħi, nervuż u beżgħan u staqsi lill-istudenti biex jaqtgħu x'ton tal-vuċi qed tuża.

3. Fi gruppi żgħar, l-istudenti jgħidu sentenza b'ton tal-vuċi partikolari billi jużaw il-folji t'attività Imbagħad jiddiskutu fil-grupp il-kbir.

4. Staqsi lill-istudenti x'ton tal-vuċi għandu jkollhom jekk iridu li ħaddieħor jeħodhom bis-serjetà u jisimgħu dak li qed jgħidu. Ħeġġiġhom jipprattikaw flimkien miegħek. Fakkarhom li t-ton tal-vuċi jmur id f'id mal-moviment tal-ġisem. Uri xi ftit eżempji inti stess u mbagħad staqsi lil xi studenti jirreċtaw xi eżempji quddiem il-klassi.



### *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri tagħhom, l-istudenti jipprattikaw jinnegozjaw xi ħaġa mal-ġenituri bi tliet tonijiet differenti tal-vuċi. Il-ġenituri mbagħad jikkumentaw kif it-ton tal-vuċi affettwahom. L-istudenti jiktbu dwar dan fil-folja t'attività

# IT-TON TAL-VUĊI TIEGĦI

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Mistħi/ja | Irrabjat/a | Nervuż/a | Aggressiv/a | Kuntent/a | Kurjuż/a |
| Mistħi/ja | Irrabjat/a | Nervuż/a | Aggressiv/a | Kuntent/a | Kurjuż/a |
| Mistħi/ja | Irrabjat/a | Nervuż/a | Aggressiv/a | Kuntent/a | Kurjuż/a |
| Mistħi/ja | Irrabjat/a | Nervuż/a | Aggressiv/a | Kuntent/a | Kurjuż/a |
| Mistħi/ja | Irrabjat/a | Nervuż/a | Aggressiv/a | Kuntent/a | Kurjuż/a |
| Mistħi/ja | Irrabjat/a | Nervuż/a | Aggressiv/a | Kuntent/a | Kurjuż/a |
| Mistħi/ja | Irrabjat/a | Nervuż/a | Aggressiv/a | Kuntent/a | Kurjuż/a |

RIZORSI

# IT-TON TAL-VUĊI TIEGĦI

Mela inti kont? Minn fejn ġibtha dik? Ma' min kont?

Mela inti kont? Minn fejn ġibtha dik? Ma' min kont?

Mela inti kont? Minn fejn ġibtha dik? Ma' min kont?

Mela inti kont? Minn fejn ġibtha dik? Ma' min kont?

Mela inti kont? Minn fejn ġibtha dik? Ma' min kont?

Mela inti kont? Minn fejn ġibtha dik? Ma' min kont?

Mela inti kont? Minn fejn ġibtha dik? Ma' min kont?

## TONIJIET TAL-VUĊI DIFFERENTI

*Lill-ġenituri: Għidu lit-tfal jirreċtaw modi kif jistgħu jinnegozjaw magħkom xi ħaġa li jridu billi jużaw tliet tonijiet differenti tal-vuċi. Wara kull wieħed ikkunentaw dwar kif kull ton affettwakom. Staqsuhom biex jiktbu dwar din l-attività hawn isfel:*

| TON TAL-VUĊI 1 | *KUMMENTI* TAL-ĠENITURI |
|---|---|
| TON TAL-VUĊI 2 | *KUMMENTI* TAL-ĠENITURI |
| TON TAL-VUĊI 3 | *KUMMENTI* TAL-ĠENITURI |

# Attività 3: Inkunu semmiegħa tajbin

## L-Għan tat-Tagħlim

Ikunu semmiegħa tajbin permezz tal-moviment tal-ġisem u t-ton tal-vuċi, u tal-mistoqsijiet.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nisma' lil ħaddieħor billi nuża l-moviment tal-ġisem u t-ton tal-vuċi, u billi nistaqsi mistoqsijiet.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Nisimgħu sew'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Staqsi lill-istudenti biex jaħsbu f'ħabib/a li għandhom, xi ħadd li jieħdu pjaċir jitkellmu miegħu u xi ħadd li jaf jisma'. Din hi persuna li jieħdu pjaċir jitkellmu magħha u jħossuhom komdi jaqsmu l-affarijiet magħha. Din il-persuna x'ħiliet għandha li jagħmluha semmiegħa tajba? Niżżel dak li jgħidulek l-istudenti fuq il-*board*. Għin lill-istudenti jaħsbu fuq il-moviment tal-ġisem u t-ton tal-vuċi li għandha din il-persuna. Staqsihom jaħsbu fuq il-mod li bih tistaqsi l-mistoqsijiet jew issir taf l-affarijiet. Niżżel ukoll xi mistoqsijiet u sentenzi li huwa tajjeb li nużaw biex inkunu semmiegħa tajbin, per eżempju, "Min?", "Xiex?", "Meta?", "Għidli ftit iktar", "X'tixtieq li tagħmel?", "Kif tħossok?", "Kif tixtieq li tħossok?", "X'tista' tagħmel?"...

3. Staqsi lill-istudenti jaħdmu f'pari. Student jgħid lill-ieħor dwar xi ħaġa li qed tħassbu, waqt li l-ieħor jipprova jisimgħu sew. Wara ħames minuti, ibiddlu r-rwoli. Imbagħad jaqsmu l-esperjenzi tagħhom fiż-żewġ rwoli, u jniżżlu l-punti ewlenin ta' kif għandna nisimgħu lil xulxin.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jipprattikaw il-ħiliet tas-smigħ mal-membri tal-familja tagħhom. Jistgħu jagħmlu *poster* bil-punti importanti ta' kif għandna nisimgħu lil xulxin permezz ta' stampi, tpenġijiet u suġġerimenti.

## NISIMGĦU SEW

*Lill-ġenituri: It-tfal se jipprattikaw magħkom il-ħiliet tas-smigħ li qed jitgħallmu l-iskola. Għinuhom jagħmlu* poster *biex jiġbru l-punti ewlenin ta' kif għandna nisimgħu lil xulxin sew billi tużaw stampi, tpenġijiet u suġġerimenti.*

---

## POSTER

# Topik 2 Insaħħu l-parteċipazzjoni soċjali

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jiskopru kif jistgħu jkunu ħbieb aħjar.

Jidentifikaw ħiliet li għandhom f'kuntesti differenti (id-dar, l-iskola, fil-ħin liberu, mal-ħbieb).

Jidentifikaw il-ħiliet fihom infushom li jistgħu jogħġbu lil ħaddieħor

## Attività 1: Ħbiberija

### L-Għan tat-Tagħlim

Jiskopru kif jistgħu jkunu ħbieb aħjar.

### Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Niskopri x'nista' nagħmel biex inkun ħabib/a aħjar.

### Livell

Bażiku

### Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Ħbiberija'.



### Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Ibda billi tistaqsi lill-istudenti biex fuq karta jniżżlu min huma l-ħbieb tagħhom u l-kwalitajiet li jogħġbuhom fihom. Staqsihom jiddiskutu dak li kitbu f'pari jew gruppi żgħar. Iddiskuti mal-grupp kollu l-importanza tal-ħbiberija. Xi ħbieb li għandhom huma ħbieb tal-iskola, oħrajn huma ħbieb għax il-ġenituri huma ħbieb, jew għax jiġu minn xulxin; imbagħad għandhom ukoll l-ikbar ħbieb. Kulħadd għandu bżonn il-ħbieb; mingħajrhom, nistgħu nħossuna waħedna. Matul ħajjitna kollha, dejjem nistgħu nagħmlu ħbieb ġodda.

3. Staqsi lill-istudenti jekk għandhomx ħbieb b'diżabilità jew ħbieb li ġejjin minn kulturi differenti. Xi kwalitajiet għandhom? L-istudenti jiddiskutu dan f'pari jew fi gruppi żgħar. Niżżel il-kwalitajiet kollha fuq il-*board*.

4. Kull student jikteb il-kwalitajiet li għandu bħala ħabib (mill-inqas tlieta). Fakkarhom li dejjem jistgħu jitgħallmu modi ġodda kif jistgħu jkunu ħbieb tajbin. Ħeġġiġhom isibu żewġ jew tliet affarijiet li jixtiequ jitgħallmu biex ikunu ħbieb aħjar. Per eżempju, 'naċċetta ħabib allavolja ma naqbilx mal-opinjoni tiegħu', 'naħfer', 'nuża iktar l-umoriżmu', 'insib affarijiet li jgħaqqduna', eċċ.

Biex tgħinhom jirriflettu, staqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- X'ħiliet tista' tiżviluppa?
- Jekk taf b'xi ħadd li għandu problema jew jekk inti għandek problema, kif tistgħu tiffaċċjawha u x'ħiliet għandkom bżonn?

Staqsihom jiktbu l-ħiliet li jixtiequ jitgħallmu u l-ħiliet li jixtiequ jiżviluppaw fuq karta. Ħeġġiġhom jaħsbu fuq min jista' jgħinhom jitgħallmu dawn il-ħiliet. L-istudenti jaqsmu r-riflessjonijiet tagħhom f'pari u mbagħad fil-grupp il-kbir.

5. L-istudenti jaħsbu fuq l-ewwel pass li jistgħu jaħdmu għalih biex jitgħallmu dawn il-ħiliet. Ħeġġiġhom biex jipprattikaw.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti juru lill-ġenituri tagħhom dak li għamlu l-iskola u jistaqsuhom għall-għajnuna tagħhom.

# ĦBIBERIJA

*Lill-ġenituri: Ħarsu lejn dak li kitbu t-tfal fuq kif jistgħu jkunu ħbieb aħjar u għinuhom b'suġġerimenti oħrajn li jista' jkollkom.*



L-affarijiet li nixtieq nitgħallem biex inkun ħabib/a tajjeb/tajba

……………………………… jista'/tista' jgħinni/tgħinni

L-ewwel pass tiegħi għandu jkun………………………………………………………………………

# Attività 2: Min jien

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw ħiliet li għandhom f'kuntesti differenti (id-dar, l-iskola, fil-ħin liberu, u mal-ħbieb).

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nidentifika ħiliet li għandi f'postijiet differenti (id-dar, l-iskola, fil-ħin liberu, u mal-ħbieb).

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Min jien', *biros* jew kuluri.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Qassam il-folja t'attività lill-istudenti u stidinhom ipenġu l-kuntesti differenti f'ħajjithom (id-dar, l-iskola, il-ħin liberu, il-ħbieb). F'kull kuntest, staqsihom jiktbu tliet ħiliet soċjali li għandhom (eż: id-dar – inħobb ngħin, nieħu ħsieb lil ħija ż-żgħir, nisma' mill-ġenituri tiegħi; l-iskola – noqgħod attent/a, ngħin, inħobb nitgħallem). L-istess ħiliet jistgħu jkunu ta' għajnuna f'iktar minn kuntest wieħed.

3. L-istudenti jaqsmu dak li kitbu f'pari jew fi gruppi żgħar u mbagħad fil-grupp il-kbir.



## Attività għad-Dar

L-istudenti juru lill-ġenituri tagħhom il-folja t'attività bil-ħiliet tagħhom. Il-ġenituri jissuġġerixxu ħiliet oħrajn f'kuntesti differenti.

## MIN JIEN

*Lill-ġenituri: Araw il-folja t'attività fejn it-tfal pinġew il-kuntesti differenti li jgħixu fihom u kitbu l-ħiliet soċjali f'kull kuntest. Żidu iktar ħiliet li t-tfal jistgħu jkollhom f'dawn il-kuntesti.*

# Attività 3: Infittex ħabib/a

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw il-ħiliet fihom infushom li jistgħu jogħġbu lil ħaddieħor.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħraf ħiliet li għandi li li jistgħu jogħġbu lil ħaddieħor.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Karti, folja t'attività 'Ir-riklam tal-familja tagħna'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Uri lill-istudenti riklam li għamilt inti biex issib ħabib/a jew uża din li ġejja:

**Jien raġel żagħżugħ. Inħobb inkanta u niżfen, u nħobb l-annimali. Nixtieq ħabib bl-istess interessi, u li jiġi miegħi f'xi mixja twila. Jien qalbi tajba, nidħaq ħafna, inħobb niċċajta, u leali ħafna lejn sħabi. Jien semmiegħ tajjeb, paċenzjuż u kurjuż. Jekk tixtieq tkun ħabib tiegħi, ibgħatli ittra.**

Iddiskuti x'tista' tikteb f'riklam bħal dan. Il-persuna trid tikteb fuq il-kwalitajiet u l-interessi tagħha.

3. L-istudenti jiktbu r-riklam tagħhom fuq karta.

4. Agħti numru lil kull riklam. (Inti biss se tkun taf liema numru jirrappreżenta kull persuna).

5. Waħħal ir-riklami mal-ħajt (waħħal xi oħrajn li ktibt inti), u l-istudenti iduru bil-kwiet u jiktbu dawk ir-riklami li jixtiequ jwieġbu. Jistgħu jwieġbu għal kemm jixtiequ.

6. Għid lill-istudenti: "Dawk li xtaqu jwieġbu r-riklam numru 1, ikkontattjaw lil Keira", eċċ. Tipprovax issir taf liema studenti riedu jwieġbu r-riklami differenti. Dan biex tiġi evitata l-kompetizzjoni u biex ħadd ma jħossu skomdu.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti juru r-riklami tagħhom lill-ġenituri. Flimkien mal-familja tagħhom, jagħmlu riklam li jiddeskrivi l-ħiliet u l-affarijiet pożittivi tal-familja.

## IR-RIKLAM TAL-FAMILJA TAGĦNA

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jiktbu riklam fuq il-familja li jiddeskrivi l-ħiliet u l-affarijiet pożittivi fuq il-familja. Dan hu riklam li s-soltu jinkiteb minn persuna biex tfittex il-kumpanija. It-tfal se jieħdu r-riklam magħhom l-iskola u juruh lil sħabhom sabiex jaraw x'ħiliet għandhom komuni ma' familji oħrajn.*

---

## RIKLAM

# Topik 3 Nagħmlu għanijiet għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jagħmlu għan għalihom bħala ħbieb.

Jidentifikaw ħiliet li għandhom li jgħinuhomjagħmlu u jilħqu l-għanijiet tagħhom.

Jidentifikaw il-passi meħtieġa biex jilħqu għan.

## Attività 1: L-għan tiegħi bħala ħabib/a

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jagħmlu għan għalihom bħala ħbieb.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nagħmel għan għalija bħala ħabib/a.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Nagħmlu għanijiet'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Għid lill-istudenti biex jaħsbu fuq wieħed jew waħda mill-ħbieb tagħhom fil-komunità tagħhom u jiktbu mill-inqas żewġ kwalitajiet sbieħ fuqu. Staqsihom biex jagħmlu l-istess fuq ħabib mill-iskola. Iddiskuti magħhom kif ħbieb differenti f'kuntesti differenti għandhom kwalitajiet differenti (eż: ħbieb f'tim tal-isport u ħbieb tal-klassi).

3. Fi gruppi żgħar, staqsihom biex jiddeċiedu fuq il-kwalitajiet li għandhom il-ħbieb f'kuntesti varji. Imbagħad jippreżentaw dak li ddiskutew Fil-grupp il-kbir f'forma ta' *poster*. Enfasizza li

huwa diffiċli li persuna waħda jkollha dawn il-kwalitajiet kollha, imma għandna nkunu konxji ta' dawk li għandna aħna u niżviluppaw ħiliet ġodda wkoll.

4. Fi gruppi żgħar, l-istudenti jgħinu lil xulxin biex jiddeċiedu liema kwalitajiet jixtiequ li jkollhom bħala ħbieb, u mbagħad jgħinu lil xulxin biex ifasslu pjan kif se jilħqu wieħed mill-għanijiet tagħhom. Jistgħu jaqsmu l-ideat tagħhom fil-grupp il-kbir.



### *Attività għad-Dar*

L-istudentijitolbu lill-ġenituri biex jgħinuhom bil-pjanijiet tagħhom u biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom bħala ħbieb.

## NAGĦMLU GĦANIJIET

*Lill-ġenituri: Iddiskutu kif it-tfal jistgħu jilħqu l-għan tagħhom biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom bħala ħbieb.*

---

Nixtieq

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………bħala ħabib/a

Jien nista' niżviluppa dawnil-ħiliet

# Attività 2: Ħiliet li għandi

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw ħiliet li għandhom li jgħinu biex jagħmlu u jilħqu l-għanijiet tagħhom.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nidentifika ħiliet li għandi li jgħinuni nagħmel u nilħaq l-għanijiet tiegħi.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

*Biros*, folja t'attività 'Ħiliet li għandi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Iddiskuti mal-istudenti l-kwalitajiet li għandhom bżonn biex jilħqu għan. F'pari l-istudenti jridu jaħsbu f'mill-inqas tliet kwalitajiet li mbagħad jaqsmu mal-grupp kollu. Ikteb il-kwalitajiet li jissemmew fuq il-*board*.

3. Aqsam il-klassi fi gruppi ta' erbgħa. Tliet studenti jgħidu lir-raba' student fil-grupp x'ħiliet għandu biex jilħaq l-għanijiet tiegħu, u jiktbu l-ħiliet fuq il-folja t'attività tiegħu b'ismu fuq nett. L-erba' studenti għandu jkollhom il-ħiliet tagħhom miktubin. Ħalli lill-istudenti jżejnu l-karta kif jixtiequ u jaqsmuha mal-grupp kollu.



## Attività għad-Dar

L-istudenti juru l-lista ta' ħiliet lill-ġenituri tagħhom. Il-ġenituri jżidu xi ħiliet huma stess, speċjalment dawk li ġejjin minn xi esperjenzi li għaddew minnhom it-tfal fil-passat.

## ĦILIET LI GĦANDI

*Lill-ġenituri: L-istudenti għandhom lista ta' ħiliet. Tistgħu żżidu xi ħiliet intom stess, speċjalment dawk li ġejjin minn xi esperjenzi li għaddew minnhom it-tfal fil-passat.*

**Isem:**

# Attività 3: L-għan tiegħi

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw il-passi meħtieġa biex jilħqu għan.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nidentifika l-passi li għandi bżonn nieħu biex nilħaq għan.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'L-għan tiegħi'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Staqsi lill-istudenti jekk jixtiqux jitgħallmu lingwa ġdida (eż: il-lingwa ta' student ieħor li ġej minn pajjiż differenti). Iddeċiedu l-lingwa (eż: L-Ispanjol) u flimkien fasslu pjan ta' azzjoni biex tilħqu dan l-għan:

L-għan tagħna huwa li nitgħallmu nitkellmu l-Ispanjol

Taħt 'għada', 'il-ġimgħa d-dieħla', 'fi żmien xahar', u 'fi żmien sitt xhur' iktbu l-azzjoni li trid titwettaq biex jintlaħaq l-għan:

**Għada**, se nsiru nafu fuq korsijiet bl-Ispanjol.

**Il-ġimgħa d-dieħla**, se nkunu nktibna f'kors.

**Fi żmien xahar**, se nkunu bdejna l-kors.

**Fi żmien sitt xhur**, se nkunu kapaċi nżommu konverżazzjoni sempliċi bl-Ispanjol, bħal ngħidu isimna, kemm għandna żmien u fejn noqogħdu.

**Ir-riżorsi fina u madwarna.** Riżorsi fina: determinati, inħobbu nitgħallmu affarijiet ġodda u ma naqtgħux qalbna. Riżorsi madwarna: l-istudent li jitkellem l-Ispanjol fil-klassi tagħna; il-familji tagħna, il-ħbieb, l-għalliema, kompjuter, librerija.

3. L-istudenti jagħmlu għan (preferibbilment akkademiku) li jixtiequ jilħqu u mbagħad jużaw il-passi ta' hawn fuq sabiex jiddeskrivu kif se jipprovaw jilħquh. Staqsihom biex jiddiskutu f'pari u mbagħad jaqsmu l-ideat tagħhom fil-grupp il-kbir.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistgħu juru l-għan u l-pjan ta' azzjoni tagħhom lill-ġenituri tagħhom, u jitolbuhom l-għajnuna tagħhom.

## L-GĦAN TIEGĦI

*Lill-ġenituri: Araw l-għan li għamlu t-tfal u ssuġġerixxu modi oħrajn kif it-tfal jistgħu jilħquh.*

---

L-għan tiegħi:

Għada

Il-ġimgħa d-dieħla

Ix-xahar id-dieħel

Riżorsi fija u madwari li se jgħinuni nilħaq l-għan tiegħi

**Checklist għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a: ______________________<br>Data: ______________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3:Ikkonsolidata |
| **Istruzzjonijiet: Imla ċ-*Checklist* għal kull student fi tmiem *Tema 5 Nibnu fuq il-Ħiliet*** | |

| **5. NIBNU FUQ IL-ĦILIET** | |
|---|---|
| **1.1. *SELF-CONCEPT* U *SELF-ESTEEM* POŻITTIVI** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **5.1.1. Inkunu nafu fuqna nfusna sabiex ikollna *self-concept* pożittiv** | |
| 5.1.1.B[1]. L-istudent kapaċi jiskopri affarijiet pożittivi fuqu nnifsu | |
| 5.1.1.I. L-istudent kapaċi jiskopri t-tifsira ta' ismu u informazzjoni oħra importanti fuqu | |
| 5.1.1.A. L-istudent kapaċi jaħseb f'isem immaġinattiv u ieħor sigriet għalih innifsu | |
| **5.1.2. Niskopru affarijiet pożittivi fuqna nfusna sabiex insaħħu l-istima tagħna nfusna** | |
| 5.1.2.B. L-istudent kapaċi jidentifika affarijiet pożittivi fuqu nnifsu | |
| 5.1.2.I. L-istudent kapaċi jidentifika kwalitajiet uniċi fih innifsu | |
| 5.1.2.A. L-istudent kapaċi jiskopri xi kwalitajiet fih li jogħġbu lil sħabu | |
| **5.1.3. Nirrealizzaw li l-ħiliet tagħna jagħmlu parti minn dak li konna, li aħna u li nistgħu nkunu** | |
| 5.1.3.B. L-istudent kapaċi jifhem li dak li ġralu jista' jkun parti minn dak li se jkun | |
| 5.1.3.I. L-istudent kapaċi jagħraf kif ġrajjiet f'ħajtu jikkontribwixxu għall-futur tiegħu | |
| 5.1.3.A. L-istudent kapaċi jagħraf kif persuni importanti f'ħajtu jikkontribwixxi għall-futur tiegħu | |
| **5.2. NUŻAW IL-ĦILIET GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI AKKADEMIKA U SOĊJALI** | |
| **5.2.1. Nużaw il-ħiliet biex insaħħu l-parteċipazzjoni soċjali** | |
| 5.2.1.B. L-istudent kapaċi juża moviment tal-ġisem li jgħin lil ħaddieħor iħossu komdu | |
| 5.2.1.I. L-istudent kapaċi josserva kif it- ton tal-vuċi jaffettwa lin-nies | |
| 5.2.1.A. L-istudent kapaċi jisma' tajjeb permezz tal-moviment tal-ġisem u t-ton tal-vuċi, u tal-mistoqsijiet | |
| **5.2.2. Insaħħu l-parteċipazzjoni soċjali** | |
| 5.2.2.B. L-istudent kapaċi jidentifika kif jista' jkun ħabib aħjar | |
| 5.2.2.I. L-istudent kapaċi jidentifika ħiliet differenti li għandu f'kuntesti differenti (id-dar, l-iskola, fil-ħin liberu tiegħu, u bħala ħabib). | |

[1] B = Livell bażiku, I = Livell intermedju, A = Livell avvanzat

| | |
|---|---|
| 5.2.2.A. L-istudent kapaċi jidentifika l-ħiliet fih innifsu li jistgħu jogħġbu lil ħaddieħor | |
| **5.2.3. Nagħmlu għanijiet għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali** | |
| 5.2.3.B. L-istudent kapaċi jagħmel għan għalih bħala ħabib | |
| 5.2.3.I. L-istudent kapaċi jidentifika ħiliet li jgħinuh biex jagħmel u jilħaq l-għanijiet tiegħu | |
| 5.2.3.A. L-istudent kapaċi jidentifika l-passi meħtieġa biex jilħaq għan | |

**Il-kapaċitajiet tal-istudent/a:**

**Il-ħtiġijiet tal-istudent/a:**

**Għanijiet għal titjib:**

### ***Checklist*** **għall-Assessjar tal-Persuna Fuqha Nnifisha**

| Isem tal-istudent/a: ______________________________<br><br>Data: ______________________________________ | ☹ Le<br>😐 Xi kultant<br>☺ Iva | |
|---|---|---|
| **NIBNU FUQ IL-ĦILIET SELF-CONCEPT U SELF-ESTEEM POŻITTIVI** | | |
| **Inkunu nafu fuqna nfusna sabiex ikollna *self-concept* pożittiv** | | |
| **Jekk jogħġbok immarka l-wiċċ li jiddeskrivik bl-aħjar mod.** | **Nista' nagħmilha** | **Inħobb nagħmilha** |
| Jien kapaċi niskopri affarijiet pożittivi fuqi nnifsi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niskopri xi jfisser ismi u informazzjoni oħra importanti fuqu | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi naħseb f'isem immaġinattiv u ieħor sigriet għalija nnifsi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Niskopru affarijiet pożittivi fuqna nfusna sabiex insaħħu s-*self-esteem*** | | |
| Jien kapaċi nidentifika affarijiet pożittivi fuqi nnifsi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika l-kwalitajiet uniċi tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi niskopri l-kwalitajiet li sħabi jogħġbuhom fija | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nirrealizzaw li l-ħiliet tagħna jagħmlu parti minn dak li konna, li aħna u li nistgħu nkunu** | | |
| Jien kapaċi nifhem kif dak li ġrali jista' jkun parti minn dak li se nkun | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf kif ġrajjiet li ġraw f'ħajti jistgħu jikkontribwixxu għall-futur tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nagħraf kif persuni importanti f'ħajti jistgħu jinfluwenzaw dak li se nkun | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIBNU FUQ IL-ĦILIET – NUŻAW IL-ĦILIET GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI AKKADEMIKA U SOĊJALI** | | |
| **Nużaw il-ħiliet biex insaħħu l-parteċipazzjoni soċjali** | | |
| Jien kapaċi nuża moviment tal-ġisem li jgħin lil ħaddieħor iħossu komdu | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nosserva kif tonijiet differenti tal-vuċi jaffettwaw lil ħaddieħor | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

| | | |
|---|---|---|
| Jien kapaċi nisma' lil ħaddieħor billi nuża l-moviment tal-ġisem u t-ton tal-vuċi, u nistaqsi mistoqsijiet | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Insaħħu l-parteċipazzjoni soċjali** | | |
| Jien kapaċi niskopri x'nista' nagħmel biex inkun ħabib/a aħjar | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nuża ħiliet differenti li għandi f'postijiet differenti (id-dar, l-iskola, il-ħin liberu, mal-ħbieb) | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika u niddeskrivi l-ħiliet tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nagħmlu għanijiet għall-parteċipazzjoni akkademika u soċjali** | | |
| Jien kapaċi nagħmel għan għalija bħala ħabib/a | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika ħiliet li għandi li jgħinuni nagħmel u nilħaq l-għanijiet tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nidentifika l-passi li għandi bżonn nieħu biex nilħaq għan | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |

**Ħadt gost nitgħallem dwar…..**

**Nixtieq nitjieb……**

# TEMA 6 Nibdlu l-Isfidi f'Opportunitajiet

**Din it-tema hija differenti mit-temi ta' qabel għax tikkonsisti fi tliet sotto-temi prinċipali, bi tliet topiks f'kull waħda. Dawn it-topiks huma bbażati fuq kif għandna nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi, meta niġu mwarrba, u meta jkollna kunflitt fil-familja. Barra minn hekk, din it-tema għandha tliet sottotemi iżgħar oħra li huma bbażati fuq kif nirrispondu meta nġarrbu telfa, meta ngħaddu minn bullying u meta ngħaddu minn bidla.**

## Sottotema 1 Nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi

TOPIK 1

**Nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi**

TOPIK 2

**Nirrispondu għad-diżabilità u l-mard**

TOPIK 3

**Nirrispondu għall-inġustizzja u d-diskriminazzjoni**

## Sottotema 2 Nirrispondu meta niġu mwarrba

TOPIK 1

**Nirrispondu meta niġu mwarrba minn sħabna**

TOPIK 2

**Nirrispondu meta niġu mwarrba mill-għalliema**

TOPIK 3

**Nirrispondu meta niġu mwarrba mill-membri tal-familja**

## Sottotema 3 Nirrispondu għall-kunflitt fil-familja

TOPIK 1

**Nirrispondu meta jkollna kunflitt ma' sħabna**

TOPIK 2

**Nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-ġenituri**

TOPIK 3

**Nirrispondu meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri**

# Sottotema 4 Nirrispondu meta nġarrbu telfa

# Sottotema 5 Nirrispondu għall-*bullying*

# Sottotema 6 Nirrispondu meta ngħaddu minn bidla

# SOTTOTEMA 1
# Nirrispondu għad-diffikultajiet u l isfidi

**Din is-sottotema hija bbażata fuq l-ideat li l-kuraġġ u l-persistenza huma karatteristiċi ta' ħsieb reżiljenti u li huma ta' għajnuna kbrira beix negħlbu l-ostakli u nistennew riżultati pożittivi (Scheier & Carver, 1992; Seligman, 2011). Il-kuraġġ u l-peristenza quddiem id-diffikultajiet u l-isfidi, kemm jekk huma temporarji (eż: diffikultajiet fit-tagħlim, falliment fl-iskola, diskriminazzjoni) u kemm jekk huma permanenti (eż: diżabilità, mard), huma kwalitjiet siewja biex igħinu lit-tfal, speċjalment dawk vulnerbabbli, jgħelbu d-diffikultajiet u jiksbu suċċess kemm fit-tagħlim kif ukoll fil-ħajja soċjali tagħhom. Jekk it-tfal jitgħallmu jħarsu lejn il-benefiċċji li jistgħu joħorġu mill-isfidi u jiżviluppaw karatteristiċi pożittivi bħall-kuraġġ u l-persistenza, iktar milli jiffokaw biss fuq l-effetti negattivi, dan jista' jkollu impatt qawwi fuq l-kapaċità tagħhom li jkunu reżiljenti, jaddottaw mentalita` pożittiva meta jiltaqgħu mal-isfidi u lejn il-ħajja b'mod ġenerali. Fl-ewwel topik, l-istudenti jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom meta jiltaqgħu mad- diffikultajiet, bħal diffikultajiet fit-tagħlim, falliment l-iskola, jew sfidi oħrajn fil-ħajja. Imbagħad jitgħallmu jħarsu lejn id-diffikultajiet minn lenti differenti b'mod iktar pożittiv u fl-aħħar iħejju pjanijiet ta' azzjoni biex jirrispondu għall-isfidi. Fit-tieni u fit-tielet topiks, l-istudenti jsegwu l-istess tliet passi biex jirrispondu għal diżabilità jew mard, u għal diskriminazzjoni u inġustizzja.**

---

## TOPIK 1 NIRRISPONDU GĦAD-DIFFIKULTAJIET U L ISFIDI

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDDESKRIVU U JAQSMU L-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET F'SITWAZZJONIJIET TA' DIFFIKULTÀ.
- IĦARSU LEJN ID-DIFFIKULTAJIET MINN LENTI DIFFERENTI BILLI JUŻAW ĦSIEB POŻITTIV.
- IFASSLU PJAN TA' AZZJONI BIEX JEGĦLBU DIFFIKULTAJIET JEW SFIDI FIL-ĦAJJA.

---

## TOPIK 2 NIRRISPONDU GĦAD-DIŻABILITÀ U L-MARD

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDDESKRIVU U JAQSMU L-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET F'SITWAZZJONIJIET TA' DIŻABILITÀ U MARD .
- IĦARSU LEJN SFIDI MARBUTA MAD-DIŻABILITÀ U L- MARD MINN LENTI POŻITTIV
- IFASSLU PJAN TA' AZZJONI GĦAL SFIDI MARBUTA MA' DIŻABILITÀ JEW MARD

## TOPIK 3 NIRRISPONDU GĦALL-INĠUSTIZZJA U D-DISKRIMINAZZJONI

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JIDDESKRIVU U JAQSMU L-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET F'SITWAZZJONIJIET TA' INĠUSTIZZJA U DISKRIMINAZZJONI.
- IĦARSU LEJN ESPERJENZI TA' INĠUSTIZZJA U DISKRIMINAZZJONI MINN LENTI DIFFERENTI.
- IFASSLU PJAN TA' AZZJONI KONTRA L-INĠUSTIZZJA U D-DISKRIMINAZZJONI.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Meta l-istudenti jiġu mwarrba minn sħabhom tal-klassi, fakkarhom li din l-esperjenza mhux ser tibqa' għal dejjem u biex ifasslu pjan ta' azzjoni biex jiżviluppaw relazzjonijiet ma' studenti oħrajn.

2. Meta jkun hemm xi studenti li qed jiġu mwarrba minn sħabhom tal-klassi, għin lill-klassi kollha tara s-sitwazzjoni mill-pożizzjoni tal-istudent mwarrab. Għinhom jifhmu kif jista' jħossu hu u kif jistgħu jgħinuh biex iħossu aħjar. Tista' tfassal pjan ta' azzjoni magħhom jew tuża role play.

3. Enfasizza li meta l-istudenti jwarrbu lill-oħrajn, ma jfissirx li huma tfal ħżiena imma li l-imġiba tagħhom hija ħażina.

4. Fil-ħajja ta' kuljum tal-iskola, għin lill-istudenti biex iħarsu lejn esperjenzi fejn jiġu mwarrba minn lenti differenti, joħolqu distanza bejniethom u l-problema, jaħsbu b'mod pożittiv, u jistaqsu għall-għajnuna biex isolvu l-problema ħeġġiġhom jaħsbu kif jistgħu jużaw il-POK (il-Persistenza, l-Ottimiżmu, u l-Kuraġġ).

## Topik 1 Nirrispondu għad-diffikultajiet u l-isfidi

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jiddeskrivu u jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' diffikultà.

Iħarsu lejn id-diffikultajiet minn lenti differenti billi jużaw ħsieb pożittiv.

Ifasslu pjan ta' azzjoni biex jegħlbu diffikultajiet jew sfidi fil ħajja.

# Attività 1: Liam qatt ma jġib marka tajba!

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiddeskrivu u jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' diffikulta.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi meta niltaqa' mad-diffikultajiet.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività 'Id-diffikultà ta' Liam', 'L-esperjenzi tal-ġenituri'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn..

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Liam qatt ma jġib marka tajba!**

**Liam kien student fir-raba' sena. Kien jieħu pjaċir imur l-iskola imma kellu ħafna diffikultajiet fit-tagħlim. Kellu diffikultà jiftakar dak li jkun għamel fil-klassi u jesprimi ruħu bil-kitba. Ġieli kien iħossu mdejjaq minħabba din id-diffikultà għax għalkemm ikun studja ħafna, mhux dejjem kien ikun jista' juri lill-għalliema u lil sħabu kemm kien studja. Kulħadd kien jaħseb li qatt ma kien jistudja. Liam qasam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħu mal-ġenituri tiegħu u huma fakkruh fuq ħafna affarijiet oħrajn li kien tajjeb fihom,**

**bħall-*basketball*. Kien ukoll iħobb jgħin lill-ġenituri tiegħu. Darba waħda Liam ħolom li għamel test u ġab marka tajba ħafna.**



**Il-ġenituri tiegħu qatt ma waqfu jħeġġuh u jemmnu fih. Kienu kburin ħafna ta' kemm kien qed jaħdem u jistinka fl-iskola. Darba minnhom l-għalliema qassmet ir-riżultati tat-testijiet. Qaltilhom, "Illum hija ġurnata speċjali. Hawn student f'din il-klassi li wera li bil-persistenza u bil-kuraġġ nistgħu negħlbu kull tip ta' diffikultà." Imbagħad ħarset lejn Liam u qaltlu, "Liam illum urejt lil kulħadd li l-isfidi nistgħu nibdluhom f'opportunitajiet biex nikbru. Mort tajjeb ħafna fit-test. Prosit!" Liam kien tassew kuntent li l-ħolma tiegħu kienet saret realtà!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu dwar l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienu d-diffikultajiet ta' Liam?
- Kif kien iħossu b'dawn id-diffikultajiet?
- Kif irrisponda għad-diffikultajiet tiegħu?
- X'kienu ftit mill-kwalitajiet ta' Liam li għenuh jegħleb id-diffikultajiet?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli għaddejt minn xi diffikultà?
- Xi ħsibt u x'ħassejt?
- Għamilt xi ħaġa dwar is-sitwazzjoni?
- Tkellimt ma' xi ħadd fuq id-diffikultà?

- X'jista' jgħinek tiġġieled kontra u tegħleb id-diffikultajiet li tista' tgħaddi minnhom?

5. Aqsam il-klassi fi tliet gruppi u kull grupp jaħdem fuq folja t'attività differenti. Grupp wieħed jaħseb fuq xi kliem ta' kuraġġ li setgħu qalu l-ġenituri ta' Liam. It-tieni grupp jaħseb fuq xi kliem ta' kuraġġ li Liam seta' qal lilu nnifsu. It-tielet grupp jaħseb fuq xi kliem ta' kuraġġ li l-għalliema ta' Liam setgħet qaltlu.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jaqsmu xi ħsibijiet u emozzjonijiet li jkollhom meta jkunu għaddejjin minn diffikultà. Il-ġenituri jistgħu jaqsmu ma' wliedhom xi stejjer u esperjenzi personalli marbuta ma' diffikultajiet u x'għenhom biex jegħlbuhom.

# ID-DIFFIKULTÀ TA' LIAM

**Grupp A: Aħsbu fuq xi kliem ta' kuraġġ li setgħu qalu l-ġenituri ta' Liam.**



# ID-DIFFIKULTÀ TA' LIAM

**Grupp B: Aħsbu fuq xi kliem ta' kuraġġ li Liam seta' qal lilu nnifsu.**



# ID-DIFFIKULTÀ TA' LIAM

**Grupp Ċ: Aħsbu fuq xi kliem ta' kuraġġ li l-għalliema setgħet qalet lil Liam.**



## L-ESPERJENZA TAL-ĠENITURI

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal dwar kif jistgħu jegħlbu d-diffikultajiet l-iskola u d-dar, u żidu s-suġġerimenti tagħkom.*
*Aqsmu magħhom esperjenzi fejn intom għelibtu d-diffikultajiet li ltqajtu magħhom, il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet dwar dawn id-diffikultajiet u kif irnexxielkom tegħlbuhom.*

# Attività 2: Liam irnexxielu jġib marka tajba

## L-Għan tat-Tagħlim

Iħarsu lejn id-diffikultajiet minn lenti differenti billi jużaw ħsieb pożittiv

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nuża ħsieb pożittiv meta niltaqa' ma' xi diffikultà.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

*Index cards*; folja t'attività 'POK'



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienu d-diffikultajiet ta' Liam?
- Kif kien iħossu b'dawn id-diffikultajiet?
- Kif għenuh il-ġenituri tiegħu?
- X'kienu ftit mill-kwalitajiet ta' Liam li għenuh jegħleb d-diffikultajiet?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli għaddejt minn diffikultà?
- Xi ħsibt u x'ħassejt?
- Għamilt xi ħaġa biex dwar is-sitwazzjoni?
- Tkellimt ma' xi ħadd fuq id-diffikultà?
- X'jista' jgħinek tiġġieled kontra u tegħleb id-diffikultajiet li tista' tgħaddi minnhom?

5. L-istudenti jagħmlu *card* żgħira personali. Fuq naħa waħda jiktbu xi tliet jew erba' affarijiet li għandhom diffikultà bihom (eż: jiftakru l-ismijiet, jagħmlu ħbieb ġodda, eċċ.). Fuq in-naħa l-oħra, jiktbu xi ħsibijiet u *mottos* li jagħmlulhom il-kuraġġ meta jħossuhom imdejqin

bid-diffikultajiet tagħhom. Dawn huma xi eżempji: *"Jiena niġġieled kontra d-diffikultajiet", "Qatt m'jien se naqta' qalbi", "Se nsib mod kif se negħleb id-diffikultajiet tiegħi", "Se tkun diffiċli, imma se nibqa' nipprova"*. L-istudenti jistgħu jaqsmu x-xogħol tagħhom mal-oħrajn.

6. Fakkar lill-istudenti l-metodu tal-**POK** (P għal Persistenza, O għal Ottimiżmu u K għal Kuraġġ) meta niltaqgħu mad-diffikultajiet. Qassam il-folja t'attività 'POK' lill-istudenti u ħdejn kull ittra jridu jiktbu l-kelma li tirrappreżentaha u jżejnu l-kliem kif jixtiequ huma. Staqsihom biex iweħħlu din il-karta x'imkien fil-kamra tagħhom ħalli jiftakru l-kliem kull meta jkunu għaddejjin minn diffikultà.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti juru l-folja t'attività lill-ġenituri u jispjegawlhom xi tfisser POK. Il-ġenituri jistgħu jirrakkontaw xi esperjenzi fejn dawn il-kliem (Persistenza, Ottimiżmu u Kuraġġ) kienu ta' għajnuna għalihom.

## POK



*Lill-ġenituri: It-tfal għamlu din l-attività l-iskola. Tkellmu magħhom fuq il-Persistenza, l-Ottimiżmu u l-Kuraġġ u kif jistgħu jużawhom biex jegħlbu d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom. Aqsmu magħhom l-esperjenzi tagħkom fejn dawn il-kliem setgħu għenukom tegħlbu xi diffikultà.*

---

# P

# O

# K

# Attività 3: Sfida ta' kuljum

## L-Għan tat-Tagħlim

Ifasslu pjan ta' azzjoni biex jiffaċċjaw diffikultajiet jew sfidi fil-ħajja.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Infassal pjan ta' azzjoni biex negħleb diffikultajiet jew sfidi li niltaqa' magħhom.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folji t'attività 'Persistenza', 'Ottimiżmu' u 'Kuraġġ', 'POK', ritratti minn dan is-sit: http://blogs.reuters.com/photographers-blog/2013/11/25/risking-life-for-school-again/



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Uri lill-istudenti ritratti mis-sit miktub hawn fuq li juru tfal minn pajjiżi differenti jagħmlu vjaġġ perikoluż kuljum biex imorru l-iskola. L-istudenti jaqsmu dak li jaħsbu fuq ir-ritratti.

3. Qassam il-klassi fi tliet gruppi. Agħti l-ewwel grupp il-folja t'attività 'Persistenza', it-tieni grupp il-folja t'attività 'Ottimiżmu' u t-tielet grupp il-folja t'attività 'Kuraġġ'. Minflok il folja t'attività, jistgħu jużaw ukoll kartonċin. Kull grupp jikteb is-sitwazzjonijiet li għaddew minnhom marbuta mal-persistenza/ottimiżmu/kuraġġ u l-pjanijiet ta' azzjoni li setgħu għamlu biex jegħlbu xi diffikultajiet.

4. Kull grupp jippreżenta l-*poster* tiegħu quddiem il-klassi.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jmorru fuq is-sit flimkien mal-ġenituri tagħhom u jiddiskutu r-ritratti tat-tfal. Il-ġenituri jistgħu jaqsmu ma' wliedhom diffikultajiet u sfidi mit-tfulija tagħhom stess u kif irnexxielhom jegħlbuhom.

# PERSISTENZA

# OTTIMIŻMU

# KURAĠĠ

RIZORSI

**POK**

*Lill-ġenituri:Żuru dan is-sit elettroniku flimkien mat-tfal tagħkom: [http://blogs.reuters.com/photographers-blog/2013/11/25/risking-life-for-school-again/](http://blogs.reuters.com/photographers-blog/2013/11/25/risking-life-for-school-again/). Iddiskutu magħhom l-isfidi li t-tfal fir-ritratti qed jgħaddu minnhom u kif qed jegħlbuhom. X'nistgħu nitgħallmu mill-imġiba tagħhom? Iddiskutu kif qed jużaw il-POK (Persistenza, Ottimiżmu, Kuraġġ). Aqsmu wkoll xi diffikultajiet u sfidi li stajtu għaddejtu minnhom meta kontu tfal intom stess. Użaw din il-folja t'attività biex tiktbu xi eżempji ta' esperjenzi personali marbuta mal-POK.*

______________________________________________________________

# Topik 2: Nirrispondu għad-diżabilità u l-mard

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jiddeskrivu u jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' diżabilità u mard.

Iħarsu lejn sfidi marbuta mad-diżabilità u l- mard minn lenti pożittiv

Ifasslu pjan ta' azzjon għal sfidi marbuta ma' diżabilità u mard.

## Attività 1: Bocelli: Tenur reżiljenti

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jiddeskrivu u jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet fejn hemm diżabilità u mard .

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nesprimi l ħsibijiet u l emozzjonijiet tiegħi f'sitwazzjonijiet ta' diżabilità u mard

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Il-kanzunetta ta' Andrea Bocelli 'Time to Say Goodbye', karti vojta, folja t'attività 'Andrea Bocelli'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Doqq il-kanzunetta 'Time to Say Goodbye' ta' Andrea Bocelli.

3. L-istudenti jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħhom wara li semgħu din id-diska. Wara, spjega li din il-kanzunetta kienet spiċċat fil-quċċata tal-klassifiċi tal-mużika madwar l-Ewropa għal erbatax-il ġimgħa konsekuttiva u kisret ir-rekords. Inbiegħu iktar minn tliet miljun kopja fl-Italja u iktar minn tnax-il miljun kopja madwar id-dinja.

4. Aqra l-bijografija ta' Andrea Bocelli:

**Andrea Bocelli huwa tenur Taljan. Huwa jkanta u jikteb il-mużika wkoll. Bocelli twieled bi problemi tal-viżta u ta' tnax-il sena għama wara aċċident tal-futbol. Hu u l-familja tiegħu kienu jgħixu f'razzett fejn kienu jbiegħu makkinarju tal-irziezet u jagħmlu l-inbid ġewwa Toskana, fl-Italja. Meta kien tifel żgħir, Bocelli kien juri mħabba kbira lejn il-mużika. Meta kellu sitt snin, beda jattendi l-lezzjonijiet tal-pjanu, u iktar 'il quddiem tgħallem idoqq il-flawt, is-saksofon, it-trumbetta, it-trumbun, il-kitarra u d-drums. Wara ftit induna li kien id-destin tiegħu li jistudja biex isir tenur. Bocelli ta l-ewwel kunċert tiegħu f'villaġġ żgħir mhux 'il bogħod minn fejn kien jgħix, u meta kellu erbatax-il sena rebaħ l-ewwel konkors tal-kanzunetti. Wara li spiċċa l-iskola sekondarja fl-1980, studja l-Liġi fl-Università ta' Pisa. Biex ifaddal il-flus, filgħaxijiet Bocelli kien ikanta ġewwa *piano bars*. Hu lesta l-kors tal-Liġi u qatta' sena bħala avukat meta ltaqa' mal-mara tiegħu, Enrica. Bocelli rrekordja erbatax-il *studio album*, kemm b'mużika pop u anke mużika klassika, tliet albums tal-aqwa kanzunetti tiegħu, disa' operi kompluti, u biegħ madwar 80 miljun rekord madwar id-dinja. Malli ħareġ l-album klassiku, *Sacred Arias*, Bocelli tniżżel fil-*Guinness Book of World Records*, għax kiseb l-ewwel tliet postijiet fil-quċċata tal-klassifici tal-Albums Klassiċi ġewwa l-Amerka.**

L-istudenti jaqsmu xi kummenti u l-impressjonijiet fuq il-ħajja ta' Bocelli.

4. Aqsam il-klassi fi tliet gruppi. L-ewwel grupp jiddiskuti l-emozzjonijiet negattivi li seta' esperjenza Bocelli minħabba d-diżabilità. It-tieni grupp jiddiskuti l-emozzjonijiet pożittivi li seta' esperjenza Bocelli meta beda jara d-diżabilità bħala sfida iktar milli bħala ostaklu. It-tielet grupp jiddiskuti l-emozzjonijiet pożittivi li seta' esperjenza Bocelli meta rnexxielu jilħaq l-għanijiet tiegħu minkejja d-diżabilità. Kull grupp jippreżenta l-ideat tiegħu quddiem il-klassi.

5. L-istudenti jaqsmu xi stejjer personali ta' persuni b'diżabilità jew persuni li kienu morda iżda li kienu reżiljenti u ta' suċċess. Tista' anke taqsam magħhom l-istorja ta' Helen Keller.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jfittxu iktar kanzunetti ta' Andrea Bocelli u jġibuhom l-iskola biex tisimgħuhom flimkien. L-istudenti jfittxu wkoll informazzjoni fuq il-ħajja ta' Helen Keller.

## ANDREA BOCELLI

*Lill-ġenituri: L-iskola t-tfal semgħu l-kanzunetta ta' Andrea Bocelli 'Time to Say Goodbye' u tkellmu fuq ħajtu. Għinuhom ifittxu iktar kanzunetti tiegħu (per eżempju, minn YouTube) kif ukoll xi informazzjoni fuq il-ħajja ta' Helen Keller.*

# Attività 2: Konstantinos Fikas

## L-Għan tat-Tagħlim

Iħarsu lejn sfidi marbuta mad-diżabilità u l- mard minn lenti pożittiv

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nuża ħsieb pożittiv fi sfidi marbuta ma' diżabilità u mard.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Karti, folji t'attività 'Konstantinos Fikas', 'Atleti b'diżabilità'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Uri lill-istudenti dan ir-ritratt ta' Konstantinos Fikas u introduċi l-attività billi tgħid li dan ir-raġel wera ħafna kuraġġ f'ħajtu.



3. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Konstantinos Fikas twieled il-Greċja fl-1981 mingħajr dirgħajh tal-lemin. Minn età żgħira, Costas beda jgħum sabiex isaħħaħ il-muskoli u biex iktar 'il quddiem ikun jista' juża driegħ artifiċjali. Costas kien determinat minn meta kien għadu żgħir u kien anke jikseb suċċess f'kompetizzjonijiet ma' atleti li ma kellhomx diżabilità. Fl-età ta' tnax-il sena, rebaħ iċ-*Championship* Nazzjonali Griega fl-għawm u fl-1994, f'kompetizzjoni internazzjonali ġewwa Malta, Costas ġie fit-tmien post. Fl-1996, ikkompeta għall-ewwel darba fil-logħob paralimpiku f'Atlanta, l-Amerka meta kellu ħmistax-il sena u rebaħ il-midalja tal-fidda fil-kompetizzjoni tal-*free stroke* tal-50 metru. B'dan it-titlu sar l-iżgħar atleta paralimpiku Grieg. Fil-Logħob Olimpiku tal-2000 ġewwa Sydney, l-Awstralja, rebaħ żewġ midalji tad-deheb fil-*free stroke* tal-50 u tal-100 metru. B'hekk sar l-iktar atleta paralimpiku Grieg li kiseb suċċess. Reġa' rebaħ fiċ-*Championships* Ewropej fl-2001 u fiċ-*Championships* Internazzjonali tal-Għawm fl-2002, fejn rebaħ midalji tal-fidda. Fl-2004, fiċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Logħob Olimpiku ġewwa Ateni, is-suċċess tiegħu ġie rikonoxxut meta żamm il-bandiera ta' pajjiżu u kien l-ewwel atleta Grieg li daħal ġewwa l-Istadju Olimpiku.**

4. L-istudenti biex jaqsmu dak li jaħsbu wara li semgħu l-istorja ta' Fikas. Jaħsbu f'xi emozzjonijiet li seta' ħass Konstantinos minn meta kien żgħir sa meta aċċetta d-diżabilità u biddilha f'xi ħaġa pożittiva għalih. Jiddiskutu f'pari jew fi gruppi żgħar u mbagħad jaqsmu dak li ddiskutew fil-grupp il-kbir.

5. Aqsam il-klassi f'ħames gruppi u agħti lil kull grupp waħda mis-sentenzi li qal Fikas minn fuq il folja t'attività 'Konstantinos Fikas'. Staqsihom biex jirriflettu fuq l-istqarrija u mbagħad jaqsmu l-ideat tagħhom quddiem il-klassi.

6. L-istudenti jaħsbu fuq din il-mistoqsija: "X'għandu bżonn iġorr Konstantinos fil-basket tiegħu biex jieħu t-triq li biha jkun jista' jaċċetta d-diżabilità?" L-istudenti jiddiskutu fi gruppi żgħar u mbagħad jaqsmu l-ideat tagħhom fil-grupp il-kbir.



## *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri, l-istudenti jfittxu informazzjoni fuq atleti b'diżabilità u rebbieħa paralimpiċi oħrajn u mbagħad iġibu l-informazzjoni l-iskola u jippreżentawha quddiem l-oħrajn.

# KONSTANTINOS FIKAS

*"Irnexxieli nwettaq dak li rrid, minkejja li għandi driegħ wieħed. L-unika ħaġa li ma nistax nilgħab huwa l-*billiards*, imma xorta m[a] jogħġobnix."*

*"L-iskola u l-familja tiegħi kienu l-ikbar dirgħajn tiegħi."*

*"L-iskola u l-familja tiegħi tawni l-appoġġ u r-riżorsi biex nim[...] fid-direzzjoni t-tajba. Huwa b'hekk li rnexxieli nibqa' rasi 'il f[...] u negħleb l-isfida tiegħi."*

*"X'diżabilità hi li qed titkellem fuqha? Jien twelidt bi driegħ wieħed u żewġ riġlejn u dan hu l-mod kif il-ġenituri, il-qraba, l-għalliema u l-ħbieb jarawni."*

*"Fl-aħħar, inħossni kuntent li għandi driegħ wieħed. Forsi kieku ma twelidtx b'din id-diżabilità, ma kontx nagħmel ħafna affarij[i]e[t] f'ħajti."*

# ATLETI B'DIŻABILITÀ

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ifittxu informazzjoni fuq atleti b'diżabilità u rebbieħa paralimpiċi oħrajn. Iddiskutu magħhom il-ħajjiet ta' dawn l-atleti u l-kwalitajiet reżiljenti li kellhom. Din l-informazzjoni se jeħduha l-iskola u jippreżentawha quddiem l-oħrajn.*

---

# Attività 3: Ħares 'il fuq lejn l-istilel

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Ifasslu pjan ta' azzjon għal sfidi marbuta ma' diżabilità u mard.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Infassal pjan ta' azzjoni għal sfidi marbuta ma' diżabilità jew mard.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività 'Stephen Hawking', 'The Theory of Everything'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Ħares 'il fuq lejn l-istilel**

**Stephen Hawking huwa xjentist Ingliż li jistudja l-Fiżika u l-Kosmoloġija (jistudja fuq l-Univers). Huwa kkonsidrat bħala wieħed mill-aqwa xjentisti tal-lum. Wara li rebaħ borża ta' studju biex jistudja x-Xjenza Naturali, hu ggradwa fil-Fiżika mill-Università ta' Oxford, l-Ingilterra. Wara, studja wkoll l-astronomija u l-kosmoloġija fl-Università ta' Cambridge. Hawking huwa magħruf li kompla jiżviluppa t-teorija ta' Einstein. Rebaħ bosta premji, midalji u unuri. Bla dubju huwa l-iktar xjentist famuż li għadu ħaj illum, minħabba l-kontribuzzjonijiet tiegħu fil-qasam tal-Fiżika. Hawking ibati bil-*Amyotrophic lateral sclerosis (ALS),* marda fin-nervituri li jikkontrollaw l-movimenti tal-ġisem. Minħabba l-kundizzjoni tiegħu, tieħu lil Hawking madwar 40 siegħa biex jippjana lekċer ta' 45 minuti. Hawking juża sistema ta' komunikazzjoni magħrufa bħala *Equalizer*, li biha jkun jista' jagħżel xi jrid jgħid u l-magna titkellem. Permezz tal-*Equalizer*, Hawking kiteb ktieb, u bosta artikli u lekċers, allavolja jista' jitkellem biss b'rata ta' ħmistax-il kelma f'minuta. Il- ktieb *A Brief History of Time* li' Hawking ippubblika fl-1988 nbigħ mad-dinja kollha u kien tradott fi tletin**

**lingwa. Inbiegħu iktar minn għaxar miljun kopja madwar id-dinja. Ktieb ieħor *The Universe in a Nutshell* li ħareġ fl-2001 huwa meqjus bħala kapolavur fl-istorja tal-fiżika moderna. Hawking kien ukoll iżżewweġ u għandu tlett itfal u neputi.**

Staqsi lill-istudenti fuq dak li jaħsbu wara li semgħu l-istorja ta' Stephen Hawking.

3. Aqsam il-klassi f'ħames gruppi u agħti lil kull grupp waħda mis-sentenzi li qal Hawking. Dawn jinstabu fuq il-folja t'attività 'Stephen Hawking'. Stidinhom jirriflettu fuq dak li qal Hawking, jagħmlu *poster* u mbagħad jippreżentawh quddiem il-klassi. Id-diskussjoni għandha tkun fuq il-kuraġġ, il-persistenza u l-ottimiżmu li wera Hawking u fuq il-mod li bih għeleb l-isfidi tal-ħajja. Enfasizza kif Hawking għażel it-triq fejn aċċetta d-diżabilità u agħmel pjan ta' azzjoni li biddlitlu ħajtu.



## *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri tagħhom, l-istudenti jistgħu jaraw il-film 'The Theory of Everything' li huwa bbażat fuq il-ħajja ta' Stephen Hawking u mbagħad jiddiskutuh flimkien.

**STEPHEN HAWKING**

***Ħares 'l fuq lejn l-istelel u mhux 'l isfel lejn saqajk.***

***Għalkemm il-ħajja tista' tidher diffiċli ħafna, dejjem hemm xi ħaġa li tista' tagħmel u tirnexxi fiha.***

***Il-parir tiegħi għal nies oħra li għandhom diżabilita`, huwa li jħarsu lejn dawk l-affarijiet li jistgħu jagħmlu minkejja d-diżabilita` u mhux fuq dawk li ma jistgħux***

***Tkunx persuna b' diżabilita fl-ispirtu kif ukoll fiżikali.***

***In-nies ma jkollhomx ħin għalik jekk inti dejjem irrabjat u tgerger.***

## *THE THEORY OF EVERYTHING*

*Lill-ġenituri: Flimkien mat-tfal, araw il-film 'The Theory of Everything' u mbagħad iddiskutu x'messaġġi ta' kuraġġ, persistenza u tama, li nistgħu nieħdu mill-ħajja ta' Stephen Hawking.*

___

# Topik 3: Nirrispondu għall inġustizzja u d diskriminazzjoni

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jiddeskrivu u jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni.

Iħarsu lejn esperjenzi ta' inġustizzja u diskriminazzjoni minn lenti differenti.

Ifasslu pjan ta' azzjoni kontra l-inġustizzja u d-diskriminazzjoni.

## Attività 1: Sonya: Tifla reżiljenti b'ħolma

### L-Għan tat-Tagħlim

Jiddeskrivu u jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni.

### Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi f'sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni.

### Livell

Bażiku

### Riżorsi Meħtieġa

Karti, kuluri, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*, folja t'attività 'Sitwazzjonijiet ta' inġustizzja jew diskriminazzjoni'.



### Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Sonya: Tifla reżiljenti b'ħolma!**

**Sonya kienet tifla ta' disa' snin. Kienet tħobbha ħafna l-iskola iżda li tattendi l-iskola ma kienx faċli għaliha. L-iskola kien hemm xi tfal li kienu kattivi magħha u kienu jħobbu jaqbdu magħha għax il-familja tagħha ma kellhiex ħafna flus. Sonya kienet ukoll issib xi problemi biex titgħallem u kienet tbati xi ftit biex taqra. Wara l-iskola, Sonya kien ikollha tgħin lill-ġenituri tagħha bin-negozju tal-familja. Fl-aħħar tal-ġurnata kienet tkun għajjiena imma kien ikun fadlilha l-*homework* x'tagħmel u l-ġenituri tagħha ma kinux jgħinuha biex tagħmlu u ma tantx kienu jemmnu bl-iskola. Minkejja dawn l-isfidi, Sonya baqgħet għaddejja għax xtaqet issir għalliema u twassal il-messaġġ li l-edukazzjoni hi importanti ħafna allavoja l-familja tagħha ma kinitx taħsibha b'dan il-mod. L-għalliema tagħha kienet tħobbha ħafna lil Sonya u għenitha titgħallem taqra aħjar, tant li Sonya bdiet taqra stejjer lit-tfal tar-raħal! Kienu jieħdu pjaċir jisimgħu lil Sonya u din għamlitha verament kuntenta. Kienet kuntenta wkoll li l-ħolma tagħha saret realtà!**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienu d-diffikultajiet u l-isfidi li Sonya kellha tiffaċċja f'ħajjitha?
- Kif kienet tħossha Sonya?
- X'kienet il-ħolma tagħha?
- X'għen lil Sonya tibqa' tipprova?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Kif ħassitha din il-persuna f'din is-sitwazzjoni?
- Tkellmet ma' xi ħadd fuq is-sitwazzjoni?
- Kien hemm xi ħadd li għenha
- Għamlet xi ħaġa biex tħossha aħjar jew biex tbiddel is-sitwazzjoni?
- X'jista' jgħinha tiffaċċja sitwazzjoni simili fil-futur?
- X'tista' tagħmel inti biex tgħinha?

5. Stieden lill-istudenti biex fuq karta jagħmlu tpenġija ta' sitwazzjoni li esperjenzaw l-iskola li kienet inġusta. Jekk l-istudenti ma għaddewx minn sitwazzjoni bħal din, staqsihom biex ipenġu xena ta' inġustizzja jew diskriminazzjoni li xi ħadd ieħor seta' esperjenza. Ix-xogħol tal-istudenti jista' jintwera fir-Rokna ta' Reżiljenza.

6. Fl-aħħar tal-attività, enfasizza li affarijiet inġusti jiġru lil kulħadd imma dejjem hemm xi ħaġa x'jistgħu jagħmlu biex iħossuhom aħjar u jipprovaw ibiddlu s-sitwazzjoni. Uża l-eżempji tal-istudenti mid-diskussjoni ta' qabel.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri sitwazzjonijiet fejn esperjenzaw inġustizzja jew diskriminazzjoni l-iskola u kif irnexxielhom jegħlbu l-emozzjonijiet negattivi relatati ma' dawn is-sitwazzjonijiet.

## SITWAZZJONIJIET TA' INĠUSTIZZJA JEW DISKRIMINAZZJONI

*Lill-ġenituri: Tkellmu mat-tfal dwar xi esperjenzi ta' inġustizzja jew diskriminazzjoni li setgħu għaddew minnhom l-iskola. Għinuhom jesprimu l-emozzjonijiet tagħhom f' dawn is-sitwazzjonijiet.*

________________________________________________________________

# Attività 2: Nelson Mandela

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Iħarsu lejn esperjenzi ta' inġustizzja u diskriminazzjoni minn lenti differenti.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nuża ħsieb pożittiv meta niltaqa' mal-inġustizzja u d-diskriminazzjoni.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività 'Nelson Mandela', 'Invictus', 'L-istorja/il-poeżija tiegħi', karti, *biros* jew lapsijiet.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**MANDELA**

**Mandela kien avukat Afrikan li ġie arrestat għax kien qed jiġġieled kontra d-disrkiminazzjoni kontra persuni ta' ġilda skura u jaqbeż għad-drittijiet tagħhom. Inżamm arrestat ġewwa Robin Island fl-Afrika t'Isfel għal 27 sena. F'dan iż-żmien kollu, Mandela kien juri kuraġġ kbir. Beda jieħu ħsieb ġnien żgħir għax meta kien jara l-fjuri jikbru kien jimtela bit-tama għall-futur. Il-fjuri kienu jagħmluh kuntent u kien jieħu pjaċir li hu kien responsabbli biex jieħu ħsiebhom. Mandela kien persuna li tħobb ħafna. Ma kienx jobgħod lill-gwardjani tal-ħabs iżda kien qalbu tajba magħhom. Infatti, minflok jobgħod lin-nies li tefawh fil-ħabs, hu xtaq jistudja l-istorja tagħhom u jitgħallem il-lingwa tagħhom. L-għan tiegħu kien li jiġġieled kontra d-diskriminazzjoni fl-Afrika ta' Isfel b'ġentilezza u kuraġġ u l importantanza li nifhmu lil xulxin. Waħda mill-istejjer fuq Mandela tgħid kif wieħed mill-gwardjani tal-ħabs kien sar ħabib kbir tiegħu. Mandela kien sikwit jgħid li peress li kien ġol-ħabs, kien iħoss in-nuqqas tat-tfal madwaru. Darba waħda l-Ħadd, dan il-gwardjan għamel sorpriża lil Mandela billi ġablu n-neputi biex jarah, minkejja li dan kien kontra r-regoli tal-ħabs.**

**Mandela kien jgħix f'ċella żgħira għal ħafna snin imma qatt ma tilef it-tama. Din il-poeżija intitolata 'Invictus' kienet tagħtih ħafna tama:**

***Out of the night that covers me,***
***Black as the pit from pole to pole,***
***I thank whatever gods may be***
***For my unconquerable soul.***

***In the fell clutch of circumstance***
***I have not winced nor cried aloud.***
***Under the bludgeonings of chance***
***My head is bloody, but unbowed.***

***Beyond this place of wrath and tears***
***Looms but the Horror of the shade,***
***And yet the menace of the years***
***Finds, and shall find, me unafraid.***

***It matters not how strait the gate,***
***How charged with punishments the scroll.***
***I am the master of my fate,***
***I am the captain of my soul.***

**William Ernest Henley**

***[NB. L-għalliema tista' taqleb il-poeżija għall-Malti.]***

**Mandela fl-aħħar kiseb ir-rebħa li xtaq. Ġie meħlus mill-ħabs u ġie elett bħala l-ewwel president ta' ġilda skura fl-Afrika ta' Isfel. Hu rebaħ il-Premju Nobel għall-Paċi fl-1993. L-istorja ta' Mandela hija storja unika ta' persistenza u kuraġġ u eżempju qawwi tal-importanza li dejjem nibqgħu nittamaw u ma naqtgħux qalbna.**

3. Għin lill-istudenti jirrflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienu l-isfidi li Mandela kellu f'ħajtu?
- X'kienu l-inġustizzji li ltaqa' magħhom?
- Kif iffaċċja l-ħajja ta' kuljum ġewwa l-ħabs?
- X'informazzjoni għandna fuq il-ħajja ta' Mandela li turina li kien bniedem ta' ħafna kuraġġ?
- Għaliex il-gwardjan kiser ir-regola tal-ħabs għal Mandela?
- X'kien l-għan ta' Mandela, u dan l-għan kif għenu jegħleb l-isfidi tal-ħajja?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Taf b'xi ħadd li għadda minn sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni bħal Mandela?
- Kif ħassitha din il-persuna f'din is-sitwazzjoni?
- Kien hemm xi ħadd li għenha
- Għamlet xi ħaġa biex tħossha aħjar jew biex tbiddel is-sitwazzjoni?
- X'jista' jgħinha negħlbu sitwazzjoni simili fil-futur?
- X'tista' tagħmel inti biex tgħinha?

5. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar u agħti lil kull grupp il folja t'attività 'Nelson Mandela' u l-poeżija 'Invictus' (tista' taqleb għall-Malti). Staqsi lill-gruppi biex jiddiskutu dak li qal Mandela u jiktbu l-kummenti tagħhom fuq dak li qal u fuq il-poeżija. Fakkar lill-istudenti biex jużaw ħsieb pożittiv u jħarsu lejn l-isfida minn lenti differenti u jbiddluha f'xi ħaġa pożittiva. Kull grupp jippreżenta l-ħsibijiet tiegħu quddiem il-klassi.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jaħsbu fi sfida u jifformaw poeżija jew istorja bħall-poeżija 'Invictus' li tista' tagħtihom kuraġġ fi żminijiet diffiċli. Jistgħu jippreżentaw il-poeżija jew l-istorja tagħhom fil-klassi. L-istudenti jistgħu jaraw xi film fuq il-ħajja ta' Mandela u jiddiskutuh mal-ġenituri tagħhom.

## NELSON MANDELA

RIŻORSI

***"Jien tgħallimt li l-kuraġġ mhuwiex in-nuqqas ta' biża, iżda r-rebħa fuq il-biża. Il-bniedem kuraġġjuż mhux dak li ma jibżax, iżda dak li jirnexxielu jegħleb il- biża".***

***"L-ikbar glorja fil-ħajja mhux li ma taqa' qatt, iżda li tqum kull darba li taqa' ".***

# INVICTUS*

*Out of the night that covers me,*
*Black as the pit from pole to pole,*
*I thank whatever gods may be*
*For my unconquerable soul.*

*In the fell clutch of circumstance*
*I have not winced nor cried aloud.*
*Under the bludgeonings of chance*
*My head is bloody, but unbowed.*

*Beyond this place of wrath and tears*
*Looms but the Horror of the shade,*
*And yet the menace of the years*
*Finds, and shall find, me unafraid.*

*It matters not how strait the gate,*
*How charged with punishments the scroll.*
*I am the master of my fate:*
*I am the captain of my soul.*

***NB. Tista' taqleb għall-Malti.***

## L-ISTORJA/IL-POEŻIJA TIEGĦI

RIŻORSI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jaħsbu fi sfida u jiktbu l-poeżija jew l-istorja tagħhom li tista' tagħtihom kuraġġ fi żminijiet diffiċli. Tistgħu taraw ukoll l-film 'Invictus' fuq il-ħajja ta' Mandela u tiddiskutu flimkien l-importanza tal-persistenza, l-ottimiżmu u l-kuraġġ li kellu Mandela.*

______________________________________________________________________

# Attività 3: Malala Yousafzai

## L-Għan tat-Tagħlim

Ifasslu pjan ta' azzjoni kontra sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Infassal pjan ta' azzjoni kontra l-inġustizzja u d-diskriminazzjoni.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folja t'attività 'Malala Yousafzai', ritratt ta' Malala Yousafzai, kartonċin, u kuluri, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*, kaxxa.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Malala Yousafzai**

**Malala twieldet fit 12 ta' Lulju, 1997, ġewwa Mingore, fil Pakistan. Malala attendiet skola li l papà tagħha, Ziauddin Yousafzai, kien fetaħ. Meta kellha ħdax il sena u wara li l-grupp tat Taliban beda jattakka l iskejjel tal bniet, Malala għamlet diskors bit titlu "It Taliban kif għandu l ħila jeħodli d dritt bażiku tiegħi għall edukazzjoni?" Sena wara, bdiet tikteb blog anonimu biex tesprimi l opinjonijiet tagħha dwar l edukazzjoni u l ħajja taħt it theddid tat Taliban. Bħala konsegwenza, it Taliban kiseb kontroll fuq il post fejn kienet tgħix hi neħħa l-permess għat televixin, il mużika u x xiri għan nisa. Naqsu ukoll l-opportunitajiet għall edukazzjoni għan nisa. Wara ftit Malala u missierha bdew jirċievu theddid fuq ħajjithom minħabba dak li kienu jiktbu fil blog.**

**Meta kellha erbatax il sena, saru jafu li l mexxejja tat Taliban iddeċidew li joqtluha. Ftit żmien wara, raġel daħal l iskola fejn kien hemm Malala, staqsa għaliha, u sparalha. Malala baqgħet ħajja imma kienet fil periklu tal mewt, u għalhekk ġiet trasferita għal sptar speċjalizzat ġewwa l Ingilterra. Wara li qalbet għall aħjar, iddeċidiet li tiddefendi dak li**

**kienet temmen fih (id dritt tal edukazzjoni) u bdiet tiddefendi d drittijiet ta' miljuni ta' bniet oħra li ma kinux qed jirċievu l edukazzjoni kif suppost.**

**Wara l-attentat fuq ħajjitha kien hemm ħafna nies li pprotestaw kemm ġewwa l-Pakistan u madwar id dinja. Iktar minn żewġ miljun persuna iffirmaw il Kampanja għad Dritt għall Edukazzjoni. Malala u missierha bdew il Malala Fund biex iwasslu iktar għarfien dwar l importanza tal edukazzjoni għall bniet u biex jagħmlu iktar kuraġġ lill bniet biex isemmgħu leħinhom, jiskopru l potenzjal tagħhom, u jitolbu l bidla. Fl 2014, Malala ġiet innominata għall Premju Nobel għall Paċi, u saret l iżgħar persuna li rċiviet dan il premju. Kif tgħid hi, "tifel/tifla wieħed/waħda, għalliem/a wieħed/waħda, ktieb wieħed, pinna waħda, tista' tbiddel id dinja".**

3.L-ewwel, għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienu l-isfidi li Malala kellha f'ħajjitha?
- X'inġustizzji ltaqgħet magħhom f'ħajjitha?
- X'kien il-pjan ta' azzjoni tagħha kontra l-inġustizzja u d-diskriminazzjoni li bniet oħra kienu qed jgħaddu minnu fil-Pakistan?
- X'informazzjoni għandna fuq l-istorja ta' Malala li turina li kienet tifla ta' kuraġġ?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Taf b'xi ħadd li għadda minn sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni?
- Kif ħassitha din il-persuna f'din is-sitwazzjoni?
- Kien hemm xi ħadd li għenha
- Għamlet xi ħaġa biex tħossha aħjar jew biex tbiddel is-sitwazzjoni?
- X'jista' jgħinha f' sitwazzjoni simili fil-futur?
- X'tista' tagħmel inti biex tgħinha?

5. L-istudenti jiktbu l-istejjer tagħhom jew ta' persuni li jafu dwar inġustizzja jew diskriminazzjoni mingħajr ma jiktbu ismijiet veri li jistgħu jikxfu l-identita` tal-persuni. Poġġi l-karti kollha f'kaxxa u għid lil student jagħżel waħda u jaqraha quddiem il-klassi. Iddiskutu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet li persuna jista' jkollha f'din is-sitwazzjoni u xi pjanijiet ta' azzjoni li jistgħu jgħinu lill-persuna għaddejja minn din is-sitwazzjoni. Iddiskutu x'jistgħu jagħmlu l-għalliema, l-istudenti tal-klassi, u nies oħra li huma parti mill-iskola biex jgħinu lill-persuna. Irrepeti għas-sitwazzjonijiet l-oħra.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jfittxu iktar informazzjoni dwar Malala Yousafzai (per eżempju, id-diskors tagħha meta rebħet il-Premju Nobel) u jiktbu l-ħsibijiet tagħhom fuq il-folja t'attività.

# MALALA YOUSAFZAI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal biex ifittxu iktar informazzjoni dwar Malala Yousafzai (per eżempju, id-diskors tagħha meta rebħet il-Premju Nobel) u jiktbu l-ħsibijiet tagħhom hawn taħt.*

# SOTTOTEMA 2
# Nirrispondu meta niġu mwarrba

**Meta t-tfal jiġu mwarrba, mħolliha barra jew imċaħħda mill-affezzjoni minn persuni importanti f'ħajjithom bħall-ġenituri u l-għalliema, isofru ħafna psikoloġikament u jkunu f'qagħda vulnerabbli fl- iżvilupp tagħhom. It-tfal igħaddu wkoll minn esperenza negattiva meta jiġu mwarrba mill-ħbieb minħabba diżabilità, sfond kulturali jew raġunijiet oħrajn. Għaldaqstant huwa importanti ħafna li tfal f'dawn is-sitwazzjonjiet ikunu jaf x'għandhom jagħmlu quddiem dawn l-isfida, kif ukoll li jibnu u jsaħħu r-rabtiet soċjali u r-relazzjonijiet mal-għalliema, ħbieb u membri tal-familja. Dan huwa pedament importanti għall-iżvilupp b'saħħtu u l-maturità psikoloġika tagħhom. Fl-ewwel topik, it-tfal f'din is-sottotema, l-istudenti jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet li għaddew minnhom meta ġew imwarrba mill-ħbieb, iħarsu lejn din l-esperjenza minn lenti differenti, joħolqu distanza bejnhom u l-problema, u finalment jidentifikaw pjanijiet ta' azzjoni biex jirrispondu għal sitwazzjoniet bħal dawn. Fit-tieni u t-tielet topiks, it-tfal se jsegwu l-istess passi biex jirrispondu għal meta jiġu mwarrba mill-għalliema u mill-membri tal-familja rispettivament.**

---

**TOPIK 1** — **NIRRISPONDU META NIĠU MWARRBA MINN SĦABNA**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAQSMU L-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET META JĦOSSUHOM IMWARRBA MINN SĦABHOM.
- IĦARSU LEJN L-ESPERJENZA TA' META JIĠU MWARRBA MINN SĦABHOM MINN LENTI DIFFERENTI.
- IFASSLU PJAN TA' AZZJONI GĦAL META JIĠU MWARRBA MINN SĦABHOM

---

**TOPIK 2** — **NIRRISPONDU META NIĠU MWARRBA MILL-GĦALLIEMA**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAQSMU L-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET META JĦOSSUHOM IMWARRBA MILL-GĦALLIEMA.
- IĦARSU LEJN L-ESPERJENZA TA' META JIĠU MWARRBA MILL-GĦALLIEMA MINN LENTI DIFFERENTI
- IFASSLU PJAN TA' AZZJONI GĦAL META JIĠU MWARRBA MILL-GĦALLIEMA.

---

**TOPIK 3** — **NIRRISPONDU META NIĠU MWARRBA MILL-MEMBRI TAL-FAMILJA**

**Għanijiet tat-Tagħlim**

- JAQSMU L-ĦSIBIJIET U L-EMOZZJONIJIET META JĦOSSUHOM MWARRBA MINN MEMBRI TAL-FAMILJA.

- IĦARSU LEJN L-ESPERJENZA TA' META JIĠU MWARRBA MILL-MEMBRI MINN LENTI DIFFERENTI
- IFASSLU PJAN TA' AZZJONI GĦAL META JIĠU MWARRBA MILL-MEMBRI TAL-FAMILJA.

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Meta l-istudenti jiġu mwarrba minn minn adulti importanti fil-ħajja tagħhom, mill-ħbieb, jew minn sħabhom tal-klassi, fakkarhom li din l-esperjenza mhux ser tibqa' għal dejjem, u li huma jistgħu jaħsbu b'mod pożittiv u jfasslu pjan ta' azzjoni biex jiżviluppaw relazzjonijiet tajbin ma' studenti oħrajn.

2. Meta jkun hemm xi studenti li qed jiġu mwarrba minn sħabhom tal-klassi, għin lill-klassi kollha tara s-sitwazzjoni mill-pożizzjoni tal-istudent imwarrab. Għinhom jifhmu kif jista' jħossu hu u kif jistgħu jgħinuh biex iħossu aħjar. Tista' tfassal pjan ta' azzjoni magħhom jew tuża role play.

3. Enfasizza li meta l-istudenti jwarrbu lill-oħrajn, ma jfissirx li huma tfal ħżiena imma li l-imġiba tagħhom hija ħażina. Ipprova identifika imġiba pożittiva biex trawwem self-esteem tajjeb fit-tfal biex ikunu kapaċi jilqgħu għal sfidi bħal dawn.

4. Fil-ħajja ta' kuljum tal-iskola, għin lill-istudenti biex iħarsu lejn esperjenzi fejn jiġu mwarrba mill-kbar jew tfal oħra minn lenti differenti, joħolqu distanza bejniethom u l-problema, jaħsbu b'mod pożittiv, u jistaqsu għall-għajnuna biex jiffaċċjaw il-problema.

# Topik 1: Nirrispondu meta niġu mwarrba minn sħabna

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jħossuhom mwarrba minn sħabhom.

Iħarsu lejn l-esperjenza li jiġu mwarrba minn sħabhom minn lenti differenti.

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal meta jiġu mwarrba minn sħabhom

## Attività 1: Meta ġejna mwarrbin

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jħossuhom imwarrba minn sħabhom.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Naqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi meta nħossni mwarrab minn sħabi.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività 'Il-ħsibijiet ta' Mihai', 'Meta ġejna mwarrbin', lapsijiet ikkuluriti jew *markers*, kaxxa.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Mihai jixtieq jagħmel il-ħbieb**

**Mihai huwa tifel ta' disa' snin. Mihai kemm-il darba jispiċċa waħdu fil-brejk. Ma tantx hu tajjeb fl-isports u sħabu ma jħalluhx jilgħab magħhom. Xi kultant Mihai jipprova jimpressjona lil sħabu billi jipprova jdaħħaq imma ma tantx jintogħġob. Sħabu jibdew jidħqu bih u jerġa' jispiċċa waħdu. Kull nhar ta' Ġimgħa t-tfal tal-klassi jiftiehmu biex jiltaqgħu ħalli jilagħbu flimkien. Iżda qatt ma stiednu lil Mihai biex jilgħab magħhom. Mihai ġieli stieden lil xi ħbieb biex jiġu jilagħbu għandu imma dejjem isibu xi skuża biex ma jiġux. Darba waħda l-għalliema qasmet il-klassi f'erba' gruppi biex jaħdmu flimkien fuq proġett tax-Xjenza. It-tfal fil-grupp ta' Mihai bdew jitolbu lill-għalliema biex tpoġġi lil Mihai fi grupp ieħor imma l-għalliema qaltilhom li kulħadd għandu jitgħallem jaħdem flimkien għax kulħadd għandu xi ħaġa x'jikkontribwixxi.**



3. L-ewwel, għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Kif ġabu ruħhom ma' Mihai t tfal tal klassi?
- Għalfejn taħseb li ġabu ruħhom b'dan il-mod?
- Kif ħassu Mihai?
- X'taħsbu li beda jaħseb Mihai meta beda jiġi mwarrab minn sħabu?

4. L-istudenti jiktbu l-istejjer tagħhom ta' meta setgħu ġew imwarrba mingħajr ma jiktbu ismijiet veri li jistgħu jikxfu l-identita` tal-persuni. Poġġi l-karti kollha f'kaxxa u agħżel student biex jagħżel waħda u jaqraha quddiem il-klassi. Iddiskutu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet li persuna jista' jkollha f'din is-sitwazzjoni.

5. Aqsam il-klassi fi gruppi u agħti kull grupp storja biex jagħmel reċta fuqha. Fir-reċti, l-istudenti jiffokaw fuq il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tat-tfal li ġew imwarrbin.

6. Qassam il-folja t'attività 'Il-ħsibijiet ta' Mihai' u staqsihom ibiddlu l-ħsibijiet negattivi f'oħrajn iżjed pożittivi. Jiddiskutu dak li kitbu fi gruppi żgħar u mbagħad fil-grupp il-kbir.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri tagħhom dwar xi drabi meta huma stess ġew imwarrbin u x'għamlu dwar il-problema.

# IL-ĦSIBIJIET TA' MIHAI

RIŻORSI

- ***Jien m'iniex tajjeb fl-isports.***
- ***Meta nipprova ndaħħaqhom, it-tfal tal-klassi jaħsbu li jien iblah.***
- ***Ħadd ma jrid ikun fil-grupp tiegħi.***
- ***Sħabi tal-klassi qatt ma jistidnuni biex nilgħab magħhom kull nhar ta' Ġimgħa.***
- ***Meta nistieden lil xi tfal biex jiġu jilagħbu għandi, dejjem isibu skuża biex ma jiġux.***



# META ĠEJNA MWARRBIN

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal esperjenzi fejn huma setgħu ġew imwarrbin minn tfal oħra u kif ħassewhom f'dawn is-sitwazzjonijiet. Aqsmu magħhom esperjenzi personali jew stejjer minn ħajjitkom stess fejn intom ukoll ġejtu mwarrbin u x'għenkom biex tegħlbu din id-diffikultà.*

______________________________________________________________

# Attività 2: Ħares lejha minn lenti differenti!

## L-Għan tat-Tagħlim

Iħarsu lejn l-esperjenza ta' meta jiġu mwarrba minn sħabhom minn lenti differenti.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Naħseb b'mod pożittiv lejn esperjenzi ta' meta ħassejtni mwarrab minn sħabi

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Folji t'attività 'Stampi','Meta ġejt aċċettat/a'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Uri lill-istudenti l-istampi ta' fuq il-folja t'attività u oħloq diskussjoni billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'qed jiġri fl-istampa?
- X'inhuma l-emozzjonijiet tat-tfal li qed jiġu mwarrbin?
- X'inhuma ftit mir-raġunijiet għaliex it-tfal l-oħra warrbu lil dawn it-tfal?
- X'tista' tgħid lit-tfal li qed jiġu mwarrbin biex iħossuhom aħjar?
- X'jistgħu jagħmlu It-tfal li qed jiġu mwarrbin f'sitwazzjonijiet bħal dawn?

3. Aqsam il-klassi fi gruppi u agħti stampa lil kull grupp. Kull grupp jippreżenta reċta dwar l-istampa. L-istudenti jistgħu jaħsbu fuq sitwazzjonijiet ta' meta ġew imwarrbin huma jew persuni oħrajn. Kull grupp jippreżenta r-reċta quddiem il-klassi.

5. Fl-aħħar tal-attività ddiskuti mal-istudenti l-importanza li naċċettaw lill-oħrajn u dak li nħossu meta niġu aċċettati mill-oħrajn. Meta niġu mwarrba nistgħu naħsbu f'mumenti fejn ħassejna li konna aċċettati.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jiktbu dwar l-esperjenzi ta' meta ġew aċċettati mill-oħrajn fuq il-fjura ta' fuq il-folja t'attività. Jistgħu jistaqsu wkoll lill-ġenituri tagħhom dwar meta huma stess ġew aċċettati u kif ħassewhom.

# STAMPI





# STAMPI





## META ĠEJT AĊĊETTAT/A

*Lill-ġenituri: Staqsu lit-tfal dwar sitwazzjonijiet fejn ġew aċċettati mill-oħrajn. It-tfal jiktbu sitwazzjonijiet bħal dawn fuq kull petala. Tkellmu magħhom ukoll dwar meta intom stess kontu aċċettati mill-oħrajn u kif ħassejtukom.*



# Attività 3: Nies famużi li biddlu sfida f'suċċess

## L-Għan tat-Tagħlim

Ifasslu pjan ta' azzjoni li jgħinhom għal meta jiġu mwarrba minn sħabhom

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Infassal pjan ta' azzjoni għal meta niġi mwarrab minn sħabi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folji t'attività 'Nies famużi' u'Nies famużi li biddlu sfida f'suċċess', materjal relatat mal-erba' nies famużi ta' din l-attività (bħall-komiks ta' Walt Disney, il-kanzunetti ta' The Beatles, ktieb ta' Harry Potter, xi vidjo ta' Michael Jordan, u ritratt ta' Einstein).



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar u agħti lil kull grupp folja t'attività differenti fuq xi ħadd famuż li ġie rrifjutat imma li xorta kiseb suċċess. Il-gruppi jiddiskutu l-istorja u jippreżentaw *poster* fuq il-punti li hemm miktubin fuq il-folja t'attività.

3. Agħlaq l-attività b'diskussjoni.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jfittxu informazzjoni u kwotazzjonijiet ta' nies famużi li ġew irrifjutati u mwarrbin qabel ma sabu s-suċċess.

# NIES FAMUŻI

**Grupp 1:** **Walt Disney**

**Ir-raġel li tana *Disney World* u Mickey Mouse. L-ewwel kumpanija ta' animazzjoni tiegħu falliet. Ġie mkeċċi minn editur għax qalulu li ma kellux immaġinazzjoni. Jgħidu li ġie rrifjutat 302 darbiet qabel ma għamel *Disney World*.**



Il-*poster* irid jinkludi:

- Il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet ta' Walt Disney meta ġie rrifjutat.
- Il-ħsibijiet pożittivi li kellu allavolja ġie rrifjutat. X'seta' qal lilu nnifsu biex ma jaqtax qalbu?
- Karatteristiċi tiegħu li kienu importanti biex ibiddel din l-isfida f'suċċess. X'għen lil Walt Disney biex jippersisti u fl-aħħar jikseb suċċess?
- Persuni li setgħu għenuh.
- Xi pjan ta' azzjoni li seta' għamel.
- Il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet wara li kiseb suċċess.

# NIES FAMUŻI

**<u>Grupp 2:</u> Il-Beatles**

**Ġew irrifjutati minn ħafna kumpaniji li jipproduċu l-mużika. Kumpanija minnhom qalet *"gruppi bħal dawn m'għadhomx moda"* u *"Il-Beatles m'għandhomx futur f'dan il-qasam".* Wara dan, il-grupp iffirmaw kuntratt ma' EMI, waħda mill-akbar kumpaniji li tirrekorja d-diski. Il-Beatles kienu l-aktar grupp popolari tal-mużika.**




<u>Il-*poster* irid jinkludi:</u>

- Il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tal-membri tal-grupp meta ġew irrifjutati.
- Il-ħsibijiet pożittivi li kellhom allavolja ġew irrifjutati. X'setgħu qalu lilhom infushom biex ma jaqtgħux qalbhom?
- Karatteristiċi tagħhom li kienu importanti biex ibiddlu din l-isfida f'suċċess. X'għenhom biex jippersistu u fl-aħħar jiksbu suċċess?
- Persuni li setgħu għenuhom.
- Xi pjan ta' azzjoni li setgħu għamlu.
- Il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet wara li kisbu suċċess.

# NIES FAMUŻI

**Grupp 3:** **J. K. Rowling, l-awtriċi tal-kotba ta' Harry Potter**

**Rowling kitbet l-ewwel ktieb ta' Harry Potter permezz ta' typewriter antika. Dan wara li sfat bla flus u ddivorzjata, u waqt li kellha trabbi lit-tifla tagħha waħedha. Tnax-il pubblikatur irrifjutaw li jippubblika l-ktieb ta' Harry Potter! Sena wara Barry Cunningham minn Bloomsbury, Londra, qabel li jippubblika l-ktieb imma insista li tfittex ukoll xogħol ieħor għax ma kinitx se tagħmel il-flus minn fuq il-kotba tat-tfal. Iżda għall-kuntrarju, din l-awtriċi għamlet ħafna suċċess u saret sinjura.**




Il-*poster* irid jinkludi:

- Il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet ta' J.K. Rowling meta ġiet irrifjutata.
- Il-ħsibijiet pożittivi li kellha allavolja ġiet irrifjutata. X'setgħet qalet lilha nfisha biex ma taqtax qalbha?
- Karatteristiċi tagħha li kienu importanti biex tbiddel din l-isfida f'suċċess. X'għenha biex tippersisti u fl-aħħar tikseb suċċess?
- Persuni li setgħu għenuha.
- Xi pjan ta' azzjoni li setgħet għamlet.
- Il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet wara li kisbet suċċess.

# NIES FAMUŻI

**Grupp 4: Michael Jordan**

**Ġie mkeċċi mit-tim tal-*basketball* tal-iskola. Huwa sar l-aqwa *basketball player* imma qatt ma ħalla xi falliment ibeżżgħu. Hu qal "Immissjajt iktar minn 9,000 *shot* fil-karriera tiegħi. Tlift iktar minn 300 logħba. F'26 okkażjoni, kont fdat biex nagħti l-aħħar kolp biex nirbħu, u mmissjajt. Jien fallejt kemm-il darba f'ħajti. U din hija r-raġuni għalfejn nikseb suċċess".**



Il-*poster* irid jinkludi:

- Il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet ta' Michael Jordan meta ġie rrifjutat.
- Il-ħsibijiet pożittivi li kellu allavolja ġie rrifjutat. X'seta' qal lilu nnifsu biex ma jaqtax qalbu?
- Karatteristiċi tiegħu li kienu importanti biex ibiddel din l-isfida f'suċċess. X'għen lil Michael Jordan biex jippersisti u fl-aħħar jikseb suċċess?
- Persuni li setgħu għenuh.
- Xi pjan ta' azzjoni li seta' għamel.
- Il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet wara li kiseb suċċess.

# NIES FAMUŻI

**Grupp 5: Steve Jobs**

**Steve Jobs huwa ġenju ta' ispirazzjoni fil-qasam tal-kompjuters. Ġie mkeċċi mix-xogħol mill-bord eżekuttiv tal-kumpanija 'Apple' li kien beda hu stess żmien qabel. Reġa' ġie lura u reġa' kiseb kontroll tal-kumpanija u ħoloq prodotti li għamlu suċċess kbir, bħall-*iPhone* u l-*iPad*. Huwa kkunsidrat bħala ġenju fl-industrija tal-kompjuters.**



Il-*poster* irid jinkludi:

- Il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet ta' Steve Jobs meta ġie rrifjutat.
- Il-ħsibijiet pożittivi li kellu allavolja ġie rrifjutat. X'seta' qal lilu nnifsu biex ma jaqtax qalbu?
- Karatteristiċi tiegħu li kienu importanti biex ibiddel din l-isfida f'suċċess. X'għen lil Steve Jobs biex jippersisti u fl-aħħar jikseb suċċess?
- Persuni li setgħu għenuh.
- Xi pjan ta' azzjoni li seta' għamel.
- Il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet wara li kiseb suċċess.

## NIES FAMUŻI LI BIDDLU SFIDA F'SUĊĊESS

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ifittxu xi kwotazzjonijiet mill-internet jew minn xi kotba ta' nies famużi li ġew irrifjutati jew li esperjenzaw xi falliment imma xorta rnexxielhom jiksbu suċċess fil-ħajja. Iddiskutu x'għandna bżonn biex negħlbu l-isfidi tal-ħajja*

____________________________________________________________.

**Iktbu xi kwotazzjonijiet ta' nies famużi li ġew irrifjutati jew li esperjenzaw xi falliment imma xorta rnexxielhom jiksbu suċċess fil-ħajja.**

# Topik 2: Nirrispondu meta niġu mwarrba mill-għalliema

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jiġu mwarrba mill-għalliema.

Iħarsu lejn l-esperjenza ta' meta jiġu mwarrba mill-għalliema minn lenti differenti

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal meta jiġu mwarrba mill-għalliema.

## Attività 1: Nies famużi mwarrba mill-għalliema

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jiġu mwarrba mill-għalliema.

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Naqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi meta nħosni mwarrab mill-għalliema.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Nies famużi li ġew imwarrba mill-għalliema'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**L-istorja ta' Beethoven**

**Beethoven kien kompożitur u pjanist Ġermaniż li jibqa' wieħed mill-ikbar kompożituri fl-istorja tal-mużika. Meta kien żgħir, Beethoven kien ibati biex idoqq il-vjolin kif suppost u kien jippreferi jdoqq il-kompożizzjonijiet tiegħu stess. L-għalliem tiegħu kien qal li hu "kompożitur inkompetenti". Hu kiteb ħames mill-aħjar kompożizzjonijiet tiegħu meta kien**

**kompletament trux. Beethoven ikkompona 32 kompożizzjoni bil-pjanu u kiteb ukoll mużika strumentali.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienu l-kliem li qal l-għalliem lil Beethoven?
- Kif ħassu Beethoven bl-imġiba tal-għalliem?
- Għalfejn l-għalliem ġab ruħu b'dan il-mod ma' Beethoven?
- X'għen lil Beethoven biex ikompli għaddej u ma jaqtax qalbu?

4. Fi gruppi żgħar, l-istudenti jaqsmu xi stejjer ta' mġiba ta' xi għalliema li jaħsbu li setgħu weġġgħu lil studenti oħrajn, u jaqsmu x'jaħsbu li kienu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet ta' dawn l-istudenti. Wieħed irid joqgħod attent f'din l-attività speċjalment f'diskussjonijiet dwar għalliem/a pereżenti għax l-istudenti jistgħu jħossuhom skomdi u l-għalliema jistgħu jħossuhom li l-istudenti qed jitfgħu t-tort fuqhom inġustament. Huwa aħjar jekk tibda d-diskussjoni dwar meta l-istudenti b'mod ġenerali u tiddiskutu topiks li huma iktar sensittivi meta tħoss li l-grupp huwa lest għal dan.

5. Kull grupp jippreżenta l-istejjer tiegħu quddiem il-klassi. Staqsihom fuq kif l-istudenti li ġew imwarrbin ħassewhom u x'setgħu jagħmlu f'din is-sitwazzjoni.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jsibu stejjer ta' nies famużi oħrajn. Jistgħu wkoll jistaqsu lill-ġenituri tagħhom fuq drabi meta huma ġew imwarrbin mill-għalliema tagħhom u fuq sitwazzjonijiet oħrajn li setgħu semgħu bihom.

# NIES FAMUŻI MWARRBA MILL-GĦALLIEMA

*Lill-ġenituri: Flimkien mat-tfal fittxu stejjer fuq nies famużi li kienu mwarrba mill-għalliema tagħhom. Tkellmu mat-tfal dwar xi esperjenzi fejn intom stess ħassejtukom imwarrbin mill-għalliema jew stejjer li stajtu smajtu.*

# Attività 2: Meta kont aċċettat/a

## L-Għan tat-Tagħlim

Iħarsu lejn l-esperjenza ta' meta jiġu mwarrba mill-għalliema minn lenti differenti

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Inħares lejn l-esperjenza ta' meta ħassejtni mwarrab mill-għalliema minn lenti differenti

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Kartunċin; kuluri, lapsijiet ikkuluriti jew *markers*; ritratti jew vidjos mill-internet relatati ma' Thomas Edison, folja t'attività 'Meta kont aċċettat/a'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti (tista' tuża wkoll ritratti jew vidjos mill-internet):

**Thomas Edison: Inventur u negozjant famuż**

**Thomas Edison (1847–1931) kien inventur u negozjant Amerikan. Hu żviluppa ħafna strumenti li influwenzaw lid-dinja kollha, inkluż il-fonografu (gramafown), il-kamera tar-ritratti, u l-bozza tal-elettriku. Edison kiseb 1,093 brevett f'ismu fl-Amerka, kif ukoll bosta brevetti l-Ingilterra, Franza u l-Ġermanja (brevett huwa dritt li l-inventur huwa l-unika persuna li għandu dritt jagħmel jew ibigħ prodott fis-suq). L-invenzjonijiet tiegħu kellhom influwenza qawwija u minnhom żviluppa d-dawl elettriku, servizzi tal-enerġija, l-irrekordjar ta' ħsejjes u films, fost oħrajn. L-invenzjonijiet ta' Edison ikkontribwixxew għall-komunikazzjoni tal-massa, u b'mod partikolari, it-telekomunikazzjoni, bħal *stock ticker*, ir-reġistrazzjoni ta' vot mekkaniku, batterija għal karozza tal-elettriku, u mużika u films irrekordjati. L-iskola, Edison kien ta' spiss jintilef fil-ħsibijiet tiegħu u kien isib diffikultà biex joqgħod attent. L-għalliem tiegħu qal li hu kien "wisq stupidu biex jitgħallem". Minħabba f'hekk, ommu neħħietu mill-iskola. Edison kien uffiċjalment attenda biss tliet xhur ta' skola. Wara qal, "Ommi kienet l-ikbar influwenza f'ħajti. Kienet ġenwina u kienet ċerta minni. Kont inħoss li għandi skop għalxiex ngħix." Ommu kienet tgħallmu d-dar.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienu l-kliem li qall-għalliem lil Thomas?
- Kif ħassu Thomas bl-imġiba tal-għalliem?
- X'għen lil Thomas biex ikompli għaddej u ma jaqtax qalbu?
- Kif seta' jħares lejn din l-esperjenza b'mod pożittiv?

4. L-istudenti jagħmlu *poster* fi gruppi żgħar fuq dak li jistgħu jgħidu lilhom innifshom meta jħossuhom imwarrbin mill-għalliema jew minn xi ħadd fl-iskola. per eżempju, "Nemmen fija nnifsi", "Għandi l-kuraġġ biex negħleb din is-sitwazzjoni", "Se nkun persistenti u nipprova ntejjeb is-sitwazzjoni", "Se nsib soluzzjoni". Il-gruppi jippreżentaw il-*posters* tagħhom quddiem il-klassi u jpoġġuha fir-Rokna ta' Reżiljenza.

5. Fl-aħħar tal-attività, enfasizza l-idea li l-imġiba ta' għalliema li biha jħossu li qed jiġu mwarrbin hija parti żgħira mill-ħajja tal-iskola tagħhom. Meta niffokaw fuq esperjenzi sbieħ fl-iskola u fuq il-persuni li jaċċettawna nistgħu negħlbu din l-isfida.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri fuq xi esperjenzi li setgħu kellhom fejn ħassewhom imwarrbin mill-għalliema tagħhom. Il-ġenituri jistgħu jitkellmu fuq kif ħassewhom u fuq dak li għamlu dwar is-sitwazzjoni. Il-ġenituri jistgħu wkoll jaqsmu ma' wliedhom esperjenzi fejn kienu aċċettati mill-oħrajn u kif dawn l-esperjenzi jistgħu jgħinuhom iħossuhom aħjar meta jiġu mwarrba.

# META KONT AĊĊETTAT/A

*Lill-ġenituri: Aqsmu mat-tfal esperjenzi fejn stajtu ħassejtukom mwarrba mill-għalliema. Tkellmu magħhom fuq dak li ħassejtu f'din l-esperjenza u x'għamiltu. Iddiskutu wkoll esperjenzi fejn ħassejtukom aċċettati mill-għalliema jew minn xi persuni oħrajn fl-iskola u kif dawn l-esperjenzi setgħu għenukom biex tegħleb din l-isfida.*

# Attività 3: Pjan ta' azzjoni għal meta niġu mwarrbin

## L-Għan tat-Tagħlim

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal meta jiġu mwarrba mill-għalliema.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Infassal pjan ta' azzjoni ta' x'għandi nagħmel meta nħossni mwarrab mill-għalliema.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Karti, kaxxa



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**L-istorja ta' Einstein**

**Einstein kien wieħed mill-iktar persuni intelliġenti fid-dinja. Rebaħ il-Premju Nobel fl-1905 għax-xogħol tiegħu fil-Fiżika. Għamel ħafna invenzjonijiet importanti fix-Xjenza u kiseb ħafna suċċess. Waħda mis-suċċessi tiegħu kienet li rnexxielu jispjega għalfejn is-sema hija blu, mistoqsija li l-ebda xjentist ma kien wieġeb qabel. Hu spjega wkoll kif ġie fformat u kif jaħdem l-univers. Però għalkemm kien bniedem intelliġenti u kurjuż, Einstein ma kisibx suċċess fl-iskola meta kien student żgħir ġewwa l Ġermanja Kien jiddejjaq joqgħod jistudja l-affarijiet bl-amment. Ma kienx iġib marki għoljin u ta' spiss kien ikollu xi problemi mal-għalliema. Ħafna drabi kien imwarrab mill-għalliema minħabba l-imġiba tiegħu. Wieħed mill-għalliema tiegħu qal li Einstein "ma kien se jikseb xejn f'ħajtu."**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'taħseb fuq l-istorja ta' Einstein?
- Kif ħassu Einstein meta l-għalliem qallu hekk?
- Kif taħseb li ħassu fuq nnifsu Einstein l-iskola?

- X'seta' għen lil Einstein biex jemmen fih innifsu u ma jiġix affettwat bil-kliem tal-għalliem?
- Min seta' għenu biex jemmen fih innifsu?
- Xi pjan ta' azzjoni seta' kellu Einstein biex jegħleb din l-isfida?

4. L-istudenti jiktbu b'mod anonimu l-istorja personali tagħhom (jew storja ta' xi ħadd li jafu) ta' meta ħassewjhom imwarrbin mill-għalliema.

5. Poġġi l-karti kollha f'kaxxa u għid lil student jagħżel storja u jaqraha. F'pari, l-istudenti jiktbu pjan ta' azzjoni għall-persuna li kitbet l-istorja biex tegħleb din id-diffikultà. Jekk l-istudenti jsibuha diffiċli, staqsihom jiktbu tliet affarijiet li l-persuna tista' tagħmel

6. Iddiskuti mat-tfal il-pjan ta' azzjoni għal kull storja.



### *Attività għad-Dar*

Bl-għajnuna tal-ġenituri, l-istudenti jfittxu kwotazzjonijiet ta' nies famużi li ġew imwarrba mill-għalliema imma kisbu suċċess f'ħajjithom.

# NIES FAMUŻI LI ĠEW IMWARRBA

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal ifittxu kwotazzjonijiet ta' nies famużi li kienu mwarrba mill-għalliema imma kisbu suċċess f'ħajjithom.*

---

**Ikteb xi kwotazzjonijiet ta' nies famużi li kienu mwarrba mill-għalliema imma kisbu suċċess fil-ħajja.**

# Topik 3: Nirrispondu meta niġu mwarrba mill-membri tal-familja

**Fi tmiem dan it-topik, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi:**

Jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jiġu mwarrba minn membri tal-familja.

Iħarsu lejn l-esperjenza ta' meta jiġu mwarrba mill-membri tal-familja minn lenti differenti

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal meta jiġu mwarrba mill-membri tal-familja.

## Attività 1: Daphne tgħix f'żewġt idjar

### *L-Għan tat-Tagħlim*

Jaqsmu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta jiġu mwarrba minn membri tal-familja

### *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Naqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi meta nħossni mwarrab minn membri tal-familja.

### *Livell*

Bażiku

### *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Meta ħassejtni mwarrab/mwarrba'.



### *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Daphne u ż-żewġ familji tagħha**

**Daphne kienet tifla ta' għaxar snin u kienet tgħix mal-ġenituri tagħha. Il-ġenituri tagħha kienu spiss jiġġieldu u kienu jidhru li ma kinux kuntenti flimkien. Wara ħafna diskussjonijiet iddeċidew li jisseparaw. Il-papà ta' Daphne telaq mid-dar u beda ħajja ġdida. Kien iċempel**

**ta' spiss lil Daphne u fi tmiem il-ġimgħa kienet tmur għandu. Wara xi snin, iltaqa' ma mara oħra u qal li se jerġa' jiżżewweġ. Qal ukoll li se jkollu tarbija. Minn dak in-nhar, ħajjet Daphne inbidlet. Il-papà ma baqax iċemplilha bħal qabel. Ġurnata minnhom meta Daphne kien imissha torqod għandu, ċemplilha u qalilha li kellu jsiefer u hi ma setgħetx tiġi. Daphne ħassitha mweġġa' ħafna. Ħassitha li m'għadhiex importanti għall-papà tagħha. Malli twieldet it-tarbija u Daphne ma kinitx tiflaħ, il-papà kien jgħidilha biex ma tiġix id-dar tiegħu biex ma tmarradhiex.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Kif ħassitha Daphne meta l-ġenituri tagħha sseparaw?
- Kif inbiddlet ħajjet Daphne wara li missierha reġa' żżewweġ?
- Kif inbidlet ħajjet Daphne wara li missierha kellu tarbija?
- Kif kienet tħossha Daphne meta ħafna drabi l- ħin kollu tal-papa` kien fuq it-tarbija?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Taf lil xi ħadd li qiegħed f'sitwazzjoni simili?
- Mingħajr ma tgħid min hi din il-persuna, xi ġralha u kif taħseb li ħassitha?

5. Fi gruppi żgħar, l-istudenti jiddiskutu kif Daphne tista' tiffaċċja din il-problema. Il-gruppi jippreżentaw l-ideat tagħhom quddiem il-klassi.

6. Fl-aħħar tal-attività għid kif xi drabi l-imġiba tal-ġenituri tista' toħloq fina emozzjonijiet fejn inħossuna mwarrbin. Dejjem hemm x'nistgħu nagħmlu f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Mod wieħed hu li nesprimu l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħna ma' xi ħadd li nafdaw u flimkien inħarsu lejn l-esperjenza minn lenti differenti u niddeċiedu x'nistgħu nagħmlu.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu dak li għamlu l-iskola. Il-ġenituri jgħidu lit-tfal jitkellmu fuq xi drabi fejn ma ħassewhomx maħbubin minnhom u jagħtu appoġġ lit-tfal tagħhom.

# META ĦASSEJTNI MWARRAB/MWARRBA

RIŻORSI

*Lill-ġenituri: F'ambjent ta' djalogu, iddiskutu mat-tfal xi drabi fejn setgħu ħassewhom imwarrbin minnkom jew minn xi membri oħra tal-familja. Ipprovaw ifhmu kif qed iħossuhom it-tfal u agħtuhom appoġġ jekk hemm bżonn.*

______________________________________________________________________

# Attività 2: Il-ġenituri tiegħi ma jħobbunix

## L-Għan tat-Tagħlim

Iħarsu lejn l-esperjenza ta' meta jiġu mwarrba mill-membri tal-familja minn lenti differenti.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Inħares lejn l-imġiba tal-ġenituri tiegħi minn lenti differenti billi niffoka fuq esperjenzi pożittivi.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Folji t'attività, 'Id-diffikultajiet ta' Jason', 'Meta nħossni mwarrab/mwarrba mill-familja tiegħi', karta.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Ħija aħjar minni**

**Jason kien student fil-ħames sena u kellu ħafna diffikulajiet f'ħafna mis-suġġetti tal-iskola. Kien jipprova imma s-suġġetti kienu tqal għalih. Ġieli l-mamà tiegħu kienet tgħidlu, "Aħjar tkun iktar bħal ħuk u tistudja iktar!" Ħu Jason, Alex, kien tajjeb f'kollox. Il-ġenituri kienu kburin ħafna b'Alex. Jason kien iħossu tassew imdejjaq b'din is-sitwazzjoni. Darba ddeċieda li jiftaħ qalbu maz-zija Doris: "Naħseb il-mamà u l-papà tiegħi ma jħobbunix. Iħobbu lil ħija għax hu tajjeb f'kollox. Qatt mhu se nkun bravu daqsu", qalilha. Iz-zija Doris qaltlu: "Kulħadd tajjeb f'xi ħaġa Jason. Inti tajjeb ħafna fl-isports, per eżempju. Niftakar kemm kienu kburin il-ġenituri tiegħek meta ġew jarawk tilgħab il-futbol. U kienu għamlulek *party* bħala sorpriża għax kont irbaħt midalja fil-futbol. Tiftakar?" Jason beda jħares lejn l-imġiba tal-ġenituri minn lenti differenti. Beda jaħseb f'mumenti sbieħ bħal dawn. Iddeċieda wkoll li jitkellem mal-ġenituri tiegħu fuq kif kien qed iħossu.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'kienet tgħidlu l-mamà lil Jason li biha kien iħossu mdejjaq?
- X'kien jaħseb imbgħad Jason fuqu nnifsu u fuq il-ġenituri tiegħu?
- X'qalet iz-zija Doris lil Jason?
- Kif għenet lil Jason id-diskussjoni maz-zija Doris? Kif beda jaħseb Jason wara li tkellem maz-zija?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Mingħajr ma ssemmi isem il-persuna, taf b'xi ħadd li kien iħossu injorat, mhux maħbub, jew imwarrab minn xi ħadd mill-familja tiegħu?
- Kif ħassitha din il-persuna?
- Għamlet xi ħaġa biex tipprova tbiddel is-sitwazzjoni?

5. Aqsam il-klassi fi tliet gruppi u agħti lil kull grupp waħda mill- folja t'attività 'Id-diffikultajiet ta' Jason' u staqsihom biex jgħinu lil Jason biex jaħseb fuq dak li qed jiġri b'mod iktar pożittiv.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu sitwazzjonijiet fejn ħassewhom imwarrbin mill-ġenituri tagħhom.

# ID-DIFFIKULTAJIET TA' JASON

**Ġieli l-mamà tiegħu kienet tgħid lil Jason, "Aħjar tkun iktar bħal ħuk u tistudja iktar!"**



# ID-DIFFIKULTAJIET TA' JASON

**Jason kien jipprova jagħmel il-*homework* waħdu imma kien isibu diffiċli. Ġieli kienet tgħinu l-mamà tiegħu imma xi kultant kienet titlef il-paċenzja u kienet tirrabja miegħu. Xi kultant kien jismagħha tgħid, "Ma nafx għalfejn itini daqshekk problemi. Ħuh qatt ma jtini dawn il-keded kollha!"**



# ID-DIFFIKULTAJIET TA' JASON

**Fl-eżamijiet, Jason ma kienx imur tajjeb u l-ġenituri tiegħu kienu jqabblu l-marki tiegħu ma' dawk ta' ħuh. Kienu jgħidulu: "Segwi l-eżempju tajjeb ta' ħuk. Għalfejn ma tistudjax bħalu?".**



## META NĦOSSNI MWARRAB/MWARRBA MILL-ĠENITURI TIEGĦI

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal l-imġiba tagħkom bħala ġenituri li tista' tħallihom iħossuhom mwarrbin jew mhux maħbubin. Ipprovaw ifhmu dak li t-tfal għandhom bżonn mingħandkom f'dik is-sitwazzjoni.*

# Attività 3: Sofia ma tħosshiex maħbuba mill-papà

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Ifasslu pjan ta' azzjoni għal meta jiġu mwarrba mill-membri tal-familja.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Infassal pjan ta' azzjoni ta' x'nista' nagħmel meta nħossni mwarrab mill-ġenituri.

## *Livell*

Avvanzat

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività 'Il-ħsibijiet ta' Sofia', 'Meta ġejna mwarrbin'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Sofia ma tħosshiex maħbuba mill-mamà**

**Il-ġenituri ta' Sofia sseparaw is-sena li għaddiet. Sofia ħassitha imdejqa u mħawda. Issa tgħix mal-papà tagħha u tara lill-mamà fi tmiem il-ġimgħa. Il-mamà twiegħed lil Sofia li se ċċemplilha kuljum imma mbagħad iċċempel biss darba fil-ġimgħa. Darba minnhom Sofia kellha kunċert l-iskola fejn kienet se ddoqq il-vjolin. Kienet talbet lill-mamà biex tiġi taraha u hi qaltilha li kienet se tagħmel minn kollox biex tiġi. Pero` ommha ma marritx taraha għax kienet xogħol dakinhar. Ommha qaltilha wkoll li se jsiefru fis-sajf imma baqgħu ma marru mkien. Xi kultant il-mama` jkollha ħafna xogħol x'tagħmel u ma tqattax ħafna ħin ma' Sofia. Sofia tixtieq tagħmel ħafna affarijiet mal-mamà tagħha, bħal tmur iċ-ċinema jew tmur tieħu pizza imma rari jagħmlu dawn l-affarijiet flimkien. Sofia tħoss li l-mamà ma tħobbhiex għax insiet iċċemplilha fil-*birthday*.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Kif tħossha Sofia minħabba din is-sitwazzjoni?
- Kif tista' tħossha aħjar?

- Lil min tista' tistaqsi għall-għajnuna?
- X'tista' tagħmel iktar biex f'din is-sitwazzjoni?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Mingħajr ma ssemmi isem il-persuna, taf lil xi ħadd li kien f'sitwazzjoni simili? Ġieli kont f'sitwazzjoni simili inti stess?
- Jekk iva, x'għamilt/x'għamlu f'din is-sitwazzjoni? X'jista' jgħin biex negħlbu din l-isfida?

5. Aqsam il-klassi fi gruppi u agħti lil kull grupp il- folja t'attività 'Il-ħsibijiet ta' Sofia'. Il-gruppi jridu jbiddlu l-ħsibijiet f'oħrajn iktar pożittivi. Iridu jaħsbu wkoll fi pjanijet ta' azzjoni li tista' tfassal Sofia, per eżempju li tkellem lill-ġenituri tagħha.

6. Il-gruppi jippreżentaw ix-xogħol tagħhom quddiem il-klassi. Għidilhom li t-tfal għandhom bżonn l-imħabba tal-ġenituri u huwa tajjeb meta l-ġenituri juruna li jħobbuna u jagħtu kasna. Biss, xi kultant il-ġenituri stess ikunu għaddejjin minn xi ċirkostanzi oħrajn u mhux dejjem ikunu jistgħu jaħsbu b'mod ċar. Ħaġa tajba li nistgħu nagħmlu hija li nifthu qalbna mal-ġenituri meta nħossuna mwarrbin. Per eżempju, "Mà, ma nħossnix tajjeb meta twegħedni li se ċċempel u mbagħad ma ċċempilx. Tista' jekk jogħġbok tibda ċċempilli meta twegħedni li se tagħmel hekk?" jew "Mà, inħoss li dejjem tkun xogħol u qatt m'għandek ċans għalija. Nistgħu nqattgħu iktar ħin flimkien?"



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jistaqsu lill-ġenituri tagħhom jekk xi darba ħassewhomx imwarrbin mill-ġenituri tagħhom huma stess. Il-ġenituri jaqsmu esperjenzi personali tagħhom u jitkellmu fuq kif għelbu din id-diffikultà.

# IL-ĦSIBIJIET TA' SOFIA

- "Il-mamà ma ċċempillix għax ma jimpurtahiex minni"
- "Il-mamà ma ġietx tarani fil-kunċert għax ma tħobbnix"
- "Il-mamà ma jimpurtahiex minni, lanqas ċemplitli fil-*birthday*"
- "Il-mamà ma żżommx il-wegħdiet tagħha li se nsiefru flimkien"
- "Il-mamà dejjem xogħol u qatt ma tagħti kasi"
- "M'iniex importanti għall-mamà, u ma tħobbnix".



## META ĠEJNA MWARRBIN

RIZORSI

*Lill-ġenituri: L-istorja li ddiskutew it-tfal kienet fuq tifla li ma bdietx tħossha maħbuba minn ommha. Xi kultant it-tfal jaraw xi imġiba tal-ġenituri bħala nuqqas ta' mħabba għalkemm forsi ma tkunx intenzjonata. Fl-istess ħin, irridu nkunu sensittivi għal kif it-tfal qed jifhmu l-imġiba tagħna. Irriflettu mat-tfal fuq xi drabi meta intom stess ħassejtukom imwarrbin mill-ġenituri u x'għamiltu biex tegħlbu din id-diffikultà.*

______________________________________________________________________

# SOTTOTEMA 3
# Nirrispondu meta jkollna kunflitt fil-familja

**Kunflitt serju bejn il-ġenituri jew bejn membri oħra tal-familja kif ukoll separazzjoni jew divorzju jistgħu jħallu impatt negattiv fuq is-saħħa tat-tfal, speċjalment fl-iżvilupp soċjali u emozzjonali tagħhom. Din is-sottotema tiffoka kif nistgħu ngħinu lit-tfal jilqgħu għal sfidi bħal dawn, bħal emozzjonijiet negattivi (bħal rabja, konfużjoni, dwejjaq, sens ta' ħtija, nuqqas ta' sabar) marbuta mal-kunflitt bejn il-ġenituri u bejn membri oħra tal-familja. L-attivitajiet jippreparaw lit-tfal għal sitwazzjonijiet li ftit li xejn għandhom kontroll fuqhom, billi jitgħallmu kif jipproteġu lilhom infushom mill-ħsara li jistgħu jħallu dawn l-esperjenzi, kif jistgħu jħarsu lejn dawn l-esperjenzi minn lenti differenti, kif joħolqu distanza bejnhom u l-problema, u x'jistgħu jagħmlu f'dawn is-sitwazzjonijiet. Fl-ewwel topik, it-tfal jiddeskrivu u jaqsmu l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom meta iġarrbu kunflitt mal-aħwa, iħarsu lejn din l-esperjenza minn lenti differenti, joħolqu distanza bejnhom u l-problema, u jidentifikaw il-passi li jistgħu jieħdu biex jegħlbu din l-isfida. It-tieni u t-tielet topiks jgħinu lit-tfal jirrispondu għal kunflitt bejniethom u l-ġenituri, u bejn il-ġenituri stess, rispettivament.**

| Għanijiet tat-Tagħlim | |
|---|---|
| | • IFASSLU PJANIJIET TA' AZZJONI BIEX JEVITAW U JIRRISPONDU GĦAL KUNFLITT MAL-AĦWA.<br>• IFASSLU PJANIJIET TA' AZZJONI BIEX JEVITAW U JIRRISPONDU GĦAL KUNFLITT MAL-ĠENITURI.<br>• JIDENTIFIKAW AZZJONIJIET LI JISTGĦU JIEĦDU META JKUN HEMM KUNFLITT BEJN IL-ĠENITURI. |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Ħeġġeġ lill-istudenti biex jesprimu l-emozzjonijet tagħhom dwar kunflitt fil-ħajja ta' kuljum. Dan ifisser li jesprimu ruħhom b'mod kalm mal-ġenituri jew ma' ħuthom jekk hemm nuqqas ta' qbil. Għinhom jifmhu li meta jargumentaw iżżejjed, dan jista' jħalli impatt negattiv kemm fuqhom u kemm fuq ħaddieħor.

2. Fakkar lill-istudenti li biex nirrisolvu kunflitt, għandna bżonn nitgħallmu nisimgħu opinjonijiet differenti u nsibu soluzzjoni mingħajr ma jnużaw vjolenza verbali jew fiżika.

3. Meta jkun hemm kunflitt l-iskola, isma' l-fehma tal-istudenti ħalli inti wkoll timmudella l-empatija u l-ħila li tisma' u tifhem, u mingħajr ma titfa' tort, u għin lill-istudenti jifmhu r-responsabbiltà tagħhom fil-kunflitt.

4. Għin lit-tfal jifmhu li ħafna drabi huwa importanti li nevitaw il-kunflitt fejn nistgħu. Għinhom jaħsbu fi strateġiji li jgħinuhom jevitaw il-kunflitt.

# Attività 1: Il-kunflitt mal-aħwa

## L-Għan tat-Tagħlim

Ifasslu pjanijiet ta' azzjoni biex jevitaw u jirrispondu għal kunflitt mal-aħwa.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħmel pjan ta' azzjoni ta' x'għandi nagħmel meta jkolli kunflitt ma' ħuti.

## Livell

Livell Bażiku

## Riżorsi Meħtieġa

Karti, kaxxa, folja t'attività 'Il-kunflitt bejn l-aħwa'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. L-istudenti jiktbu dwar kunflitt bejn l-aħwa li huma jew xi ħadd li jafu kellhom. Staqsihom biex jiktbu x'ġara qabel, waqt u wara, u l-emozzjonijiet u ħsibijiet marbuta ma' dan il-kunflitt. Poġġi l-karti kollha f'kaxxa.

3. Aqsam il-klassi fi gruppi. Kull grupp jagħżel karta mill-kaxxa. Staqsihom jaħsbu dwar kif jistgħu jħarsu lejn l-imġiba ta' ħu/oħt il-persuna minn lenti differenti, u x'jistgħu jagħmlu differenti biex jevitaw il-kunflitt.

4. Kull grupp jippreżenta l-istorja tiegħu. Enfasizza li kull persuna involuta f'kunflit għandha responsabbiltà fil-kunflitt. Għin lit-tfal jirriflettu fuq il-parti tagħhom fil-kunflitt u jaħsbu dwar x'jistgħu jagħmlu differenti biex jevitaw il-kunflitt.



## Attività għad-Dar

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri u ma' ħuthom kif jistgħu jevitaw il-kunflitt.

## IL-KUNFLITT BEJN L-AĦWA

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jifhmu l-kawżi ewlenin tal-ġlied bejn l-aħwa. Isimgħu lit-tfal fuq l-esperjenzi tagħhom tal-kunflitt mal-aħwa mingħajr ma tiġġudikaw. Għinuhom jifhmu lill-aħwa. Imbagħad flimkien aħsbu kif jista' jiġi evitat kunflitt bejn l-aħwa.*

# Attività 2: Kunflitt mal-ġenituri

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Ifasslu pjanijiet ta' azzjoni biex jevitaw u jirrispondu għal kunflitt mal-ġenitur.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Infassal pjan ta' azzjoni ta' x'għandi nagħmel meta jkolli kunflitt mal-ġenituri.

## *Livell*

Livell Bażiku

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività 'Sitwazzjonijiet', 'Nevitaw kunflitt mal-ġenituri'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqsam il-klassi fi gruppi u agħti lil kull grupp waħda mill-folja t'attività 'Sitwazzjonijiet'.

3. Staqsi lill-istudenti jiddiskutu dawn il-mistoqsijiet:

- Kif iħossuhom it-tfal wara kunflitt? Kif iħossuhom il ġenituri?
- X'inhuma x'uħud mis-sinjali li t-tfal jistgħu josservaw biex jindunaw meta jkun ġej kunflitt.
- X'jistgħu jagħmlu t-tfal tas-sitwazzjoni biex jevitaw kunflitt mal-ġenituri?
- It-tfal kif jistgħu jużaw iktar komunikazzjoni effettiva biex jevitaw kunflitt?

4. Kull grupp jippreżenta l-ideat tiegħu.

5. Introduċi xi affarijiet li l-istudenti jistgħu jagħmlu biex jevitaw kunflitt:

- Jikkomunikaw il-bżonnijiet tagħhom lill-ġenituri b'mod effettiv u b'vuċi kalma.
- Jistaqsu lill-ġenituri biex jispjegaw l-ideat tagħhom.
- Jistaqsu lill-ġenituri kif jistgħu jevitaw kunflitt, per eżempju l-ġenituri jistgħu jissuġġerixxu li jsir qbil jew ftehim meta kulħadd ikun kalm.
- Jidentifikaw is-sinjali li juru li jkun ġej kunflitt (vuċijiet għoljin, espressjonijiet ta' wiċċ irrabjat, eċċ.).



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri kif jistgħu jevitaw kunflitt magħhom.

# SITWAZZJONIJIET

**Lena tħobb tara t-televixin. Kuljum wara li tlesti l-*homework*, tara l-programm favorit tagħha. Wara li għamlet sagħtejn tara t-televixin, ommha tistaqsiha biex titfi t-T.V. Imma Lena trid tkompli tara t-televixin u ma tridx titifieh. Ommha tirrabja u Lena u ommha jibdew jiġġieldu.**

- Kif iħossuhom it-tfal wara kunflitt? Kif iħossuhom il ġenituri?
- X'inhuma ftit mis-sinjali li t-tfal jistgħu josservaw meta jkun ġej kunflitt.
- X'jistgħu jagħmlu t-tfal tas-sitwazzjoni biex jevitaw kunflitt mal-ġenituri?
- It-tfal kif jistgħu jużaw iktar komunikazzjoni effettiva biex jevitaw kunflitt?

## NOTI:

## SITWAZZJONIJIET

**Mark iħobb jilgħab bit-*tablet*. Hu u l-ġenituri tiegħu kienu ftehmu li jista' jagħmel siegħa jilgħab wara li jlesti l-*homework*. F'xi ġranet, Mark ikollu *training* tal-futbol u jlesti l-*homework* eżatt qabel ma jorqod. Mark jibda jgerger li m'għandux biżżejjed ħin biex jilgħab bit-*tablet* u jinsisti li jrid jilgħab fis-sodda. Mark iħossu ddiżappuntat u jerġa' jinsisti. Il-ġenituri tiegħu jirrabjaw miegħu u tibda ġlieda.**

- Kif iħossuhom it-tfal wara kunflitt? Kif iħossuhom il ġenituri?
- X'inhuma ftit mis-sinjali li t-tfal jistgħu josservaw meta jkun ġej kunflitt.
- X'jistgħu jagħmlu t-tfal tas-sitwazzjoni biex jevitaw kunflitt mal-ġenituri?
- It-tfal kif jistgħu jużaw iktar komunikazzjoni effettiva biex jevitaw kunflitt?

## NOTI:

## SITWAZZJONIJIET

**Yana għandha żewġt iħbieb kbar u jħobbu jqattgħu l-ħin flimkien. Kultant il-Ġimgħa jiftiehmu biex jorqdu għand xulxin, imma omm Yana mhux dejjem tkun tista' twassalha s'għand il-ħabiba tagħha. Yana tirrabja u tweħħel f'ommha. Ommha tispjega b'mod kalm li kienet għajjiena għax kellha ġurnata diffiċli u ma kienx possibbli li twassalha. Yana tkompli tgerger u wara ftit jibdew jiġġieldu.**

- Kif iħossuhom it-tfal wara kunflitt? Kif iħossuhom il ġenituri?
- X'inhuma ftit mis-sinjali li t-tfal jistgħu josservaw meta jkun ġej kunflitt.
- X'jistgħu jagħmlu t-tfal tas-sitwazzjoni biex jevitaw kunflitt mal-ġenituri?
- It-tfal kif jistgħu jużaw iktar komunikazzjoni effettiva biex jevitaw kunflitt?

## NOTI:

## SITWAZZJONIJIET

**Selim jiġġieled mal-ġenituri tiegħu kważi kuljum għax iqatta' ħafna ħin fuq il-*laptop*. Il-ġenituri jgħidulu biex jistudja iktar għax mhux qed iġib marki tajbin. Selim iwegħedhom li se jistudja imma kull darba li missieru jidħol fil-kamra, Selim ikun fuq il-*Facebook*. Missieru jistaqsih biex jitfi l-*laptop* u jibda jistudja imma Selim jitlob biex jibqa' naqra iktar fuq il-*laptop*. Wara ftit ikun għadu fuq il-*Facebook* u missieru jirrabja miegħu.**

- Kif iħossuhom it-tfal wara kunflitt? Kif iħossuhom il ġenituri?
- X'inhuma ftit mis-sinjali li t-tfal jistgħu josservaw meta jkun ġej kunflitt.
- X'jistgħu jagħmlu t-tfal tas-sitwazzjoni biex jevitaw kunflitt mal-ġenituri?
- It-tfal kif jistgħu jużaw iktar komunikazzjoni effettiva biex jevitaw kunflitt?

## NOTI:

## NEVITAW KUNFLITT MAL-ĠENITURI

*Lill-ġenituri: L-iskola, it-tfal iddiskutew il-kunflitt bejn it-tfal u l-ġenituri u kif dan jista' jiġi evitat. Dawn huma xi ftit metodi li t-tfal jistgħu jużaw biex jevitaw kunflitt mal-ġenituri. Iddiskutuhom mat-tfal u ppruvaw xi wħud minnhom fil-prattika.*

- Jikkomunikaw il-bżonnijiet tagħhom lill-ġenituri b'mod effettiv u b'vuċi kalma.
- Jistaqsu lill-ġenituri biex jispjegaw l-ideat tagħhom.
- Jistaqsu lill-ġenituri kif jistgħu jevitaw kunflitt, per eżempju l-ġenituri jistgħu jissuġġerixxu li jsir qbil jew ftehim meta kulħadd ikun kalm.
- Jagħrfu s-sinjali li juru li jkun ġej kunflitt (vuċijiet għoljin, espressjonijiet ta' wiċċ irrabjat, eċċ.).

______________________________________________________________

# Attività 3: Il-ġenituri ta' Samuel dejjem jiġġieldu

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw azzjonijiet li jistgħu jieħdu meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Infassal pjan ta' azzjoni ta' x'għandi nagħmel meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri.

## *Livell*

Livell wieħed

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folja t'attività 'Il-kunflitt bejn il-ġenituri'.

## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Il-ġenituri ta' Samuel dejjem jiġġieldu**

**Samuel kien jgħix mal-ġenituri tiegħu. Kien iħobbhom ħafna u kien iħossu kuntent meta jarahom jiftiehmu u jagħtu appoġġ lil xulxin. Iżda dan l-aħħar kienu ta' spiss jargumentaw u jiġġieldu. Samuel kien iħossu skomdu u mdejjaq meta kienu jiġġieldu quddiemu u ma kienx jaf x'jista' jaqbad jagħmel jew jgħid. Kien hemm drabi fejn il-kunflitt kien jibda fuq argument dwar Samuel. Darba l-ġenituri tiegħu staqsewh biex jibda l-*homework* imma Samuel baqa' jilgħab fuq it-*tablet*. Imbagħad omm Samuel bdiet tweħħel f'missieru għax ma missux xtralu t-*tablet* u bdiet ġlieda oħra. Anke jekk Samuel jiddispjaċih għall-imġiba tiegħu u jagħmel il-*homework*, il-ġlieda xorta tibqa' għaddejja. Samuel kien spiss jaħseb dwar x'jista' jagħmel. Wara li dam jaħseb, ħareġ b'din il-konklużjoni: "Ħafna drabi ma nistax nikkontrolla l-imġiba tal-ġenituri tiegħi, iżda nista' nikkontrolla l-imġiba tiegħi u r-reazzjoni tiegħi lejn l-imġiba tal-ġenituri". Din tatu l-kuraġġ biex jikkumbatti l-emozzjonijiet negattivi li kellu minħabba l-ġlied u jaħseb f'xi azzjonijiet li jista' jieħu f'din is-sitwazzjoni.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Kif kien iħossu Samuel meta l-ġenituri tiegħu kienu jiġġieldu?
- X'taħseb dwar il-konklużjoni ta' Samuel?

4. L-istudenti jaqsmu xi esperjenzi personali jew stejjer li semgħu dwar kunflitt bejn il-ġenituri. Enfasizza l-importanza li dak li jiġi diskuss jibqa' kunfidenzjali u anonimu. Għin lill-istudenti jħarsu lejn il-kunflitt bejn il-ġenituri minn lenti realistika u jifhmu li l-kunflitt huwa xi ħaġa li sseħħ f'ħafna familji (f'ċerti każijiet iktar minn oħrajn). L-istudenti jiddiskutu dawn il-mistoqsijiet f'pari jew fi gruppi żgħar u mbagħad jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom mal-grupp kollu.

- Kif iħossuhom it-tfal waqt kunflitt bejn il-ġenituri?
- X'jistgħu jagħmlu t-tfal waqt il-ġlieda?
- X'jistgħu jagħmlu t-tfal wara l-ġlieda?

5. Iddiskuti xi strateġiji li l-istudenti jistgħu jużaw biex inaqqsu ftit mill-emozzjonijiet negattivi li jġarrbu waqt kunflitt bejn il-ġenituri. Jaqsmu l-istrateġiji li jużaw is-soltu biex inaqqsu t-tensjoni u l-istress (per eżempju, jisimgħu l-mużika, jagħmlu xi eżerċizzji ta' moħħnihawn, jaqraw xi ktieb favorit tagħhom, jilagħbu xi logħba, eċċ.). Enfasizza li għalkemm ma jistgħux iwaqqfu lill-ġenituri milli jiġġieldu, jistgħu jagħmlu xi ħaġa biex huma iħossuhom aħjar f'sitwazzjoni bħal din. Jekk huma jħossu li l-ġlied qed jiġri minħabba fihom, huwa importanti li jżommu f'moħħhom li ħafna drabi din ma tkunx ir-raġuni vera għalfejn jiġġieldu l-ġenituri.

6. L-istudenti jiddiskutu xi reazzjonijiet li jista' jkollna għall-ġlied bejn il-ġenituri, per eżempju, li mmorru f'kamra oħra biex ma nisimgħux il-ġlied, jesprimu kif qed inħossuhom, jitolbu lill-ġenituri biex jieqfu, eċċ. Iddiskutu r-riżultati li jista' jkollha kull azzjoni/reazzjoni u liema azzjonijiet huma l-iktar ta' għajnuna f'sitwazzjonijiet speċifiċi.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri kif il-ġlied bejn il-ġenituri jaffettwahom u x'jistgħu jagħmlu t-tfal f'dawn iċ-ċirkostanzi.

# IL-KUNFLITT BEJN IL-ĠENITURI

*Lill-ġenituri:L-iskola, it-tfal iddiskutew il-kunflitt bejn il-ġenituri, kif iħossuhom meta l-ġenituri jargumentaw u jiġġieldu quddiemhom u xi strateġiji jistgħu jużaw biex jevitaw li jkunu imdejqin jew stressati f'dawn iċ-ċirkostanzi. Iddiskutu mat-tfal u żidu strateġiji oħra li taħsbu li jkunu ta' għajnuna għat-tfal.*

______________________________________________________________________

# SOTTOTEMA 4
# Nirrispondu meta nġarrbu telfa

**Ir-reazzjoni tat-tfal meta jġarrbu xi telfa tiddependi fuq il-livell tal-iżvilupp tagħhom, l-isfond kulturali tagħhom, ir-reazzjoni tal-adulti ta' madwarhom, u t-tip ta' telfa li jkunu ġarrbu. Apparti minn dawn il-fatturi, it-tfal jirreaġixxu għal telfa f'modijiet differenti. Tfal żgħar ħafna jistgħu jorbtu t-telf ta' xi ħadd ma' tip ta' ħsieb li jissejjaħ 'magical thinking'. Pereżempju, it-tfal jistgħu jaħsbu li huma setgħu kkawżaw il-mewt ta' xi ħadd billi ħasbu fuq hekk jew inkella li xi ħadd li miet jista' jerġa' jqum. Tfal fis-snin tal-primarja jibdew jifhmu l-idea li l-mewt hi permanenti. F'din l-età, it-tfal jistgħu jaħsbu li l-mewt tiġri lil ħaddieħor iżda ma tistax tiġri lilhom jew lill-familja tagħhom. Fi żmien ta' telfa, it-tfal għandhom jitħallew jgħaddu min-niket u l-weġgħa ta' qalb li l-mewt tista' tħalli u l-adulti għandhom juruhom li huwa normali li ġġarrab emozzjonijiet differenti meta tgħaddi minn telfa. L-adulti għandhom ikunu kemm jista' jkun diretti u onesti fuq dak li ġara, u jirrispondu l-mistoqsijiet tat-tfal biex jgħinuhom jifmhu x'ġara. It-tfal għandhom ikunu mħeġġa jesprimu kif qed iħossuhom b'modi kreattivi u għandhom iżommu r-rutina tagħhom tas-soltu. Fl-aħħarnett, meta t-tfal qed iġarrbu xi tip ta' telfa, l-adulti li jieħdu ħsiebhom għandhom jassigurawhom li se jkunu hemm għalihom u li hemm nies li jistgħu jkunu ta' appoġġ għalihom (NASP, 2003). Dawn l-attivitajiet ġew iddisinjati bil-ħsieb tal-istadji differenti li t-tfal jgħaddu minnhom meta jġarrbu telfa u l-aħjar modi kif l-adulti u l-ħbieb jistgħu jgħinuhom. F'din is-sottotema, it-tfal se jitgħallmu jidentifikaw dawk in-nies li jistgħu jmorru għandhom għall-għajnuna, jiddeskrivu min jista' jgħinhom jekk jitilfu annimal jew ġugarell favorit, u jidentifikaw in-nies importanti fis-support system tagħhom.**

| | |
|---|---|
| **Għanijiet tat-tagħlim** | • JAQSMU L-ESPERJENZA TAGĦHOM TA' META GĦADDEW MINN XI TELFA<br>• JIDENTIFIKAW MODI TA' KIF IT-TFAL JIRRISPONDU META JĠARRBU TELFA.<br>• JIDENTIFIKAW STRATEĠIJI BIEX JGĦINUHOM JIRRISPONDU GĦAL TELFA |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Agħti lill-istudenti l-opportunità li jirrakkuntaw l-istorja tagħhom u ismagħhom sew. Meta ssir taf bi student fil-klassi li tilef lil xi ħadd li jħobb, iltaqa' mal-klassi u infurmahom b'dak li qed jiġri (dejjem jekk il-familja u l-istudent innifsu jkunu jixtiequ) u flimkien iddiskutu xi affarijiet li tistgħu tagħmlu biex tgħinuh. Oqgħodu attenti li tħallu lill-istudenti jirrispondu għat-telfa bil-mod li jixtiequ huma.

2. Tista' tistaqsi lill-istudenti biex jagħmlu collage biex tiċċelebraw il-memorja tal-persuna, jew ta' dik il-ħaġa speċjali li tilfu.

3. Biex tagħti l-ispazju lill-istudenti jiftakru f'memorji speċjali, staqsihom iġibu l-iskola xi ħaġa li tfakkarhom fi żmien speċjali. Dan jista' jkun ritratt, oġġett, stampa, eċċ. L-istudenti jistgħu jaqsmu l-memorji tagħhom waqt circle time..

# Attività 1: Meta għaddejt minn telfa

## L-Għan tat-Tagħlim

Jaqsmu l-esperjenza tagħhom ta' meta għaddew minn telfa u kif iffaċċjaw din id-diffikultà.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Naqsam l-esperjenza tiegħi ta' meta għaddejt minn telfa u kif iffaċċjajt din id-diffikultà.

## Livell

Bażiku

## Riżorsi Meħtieġa

*Hand* jew *finger puppets*, folja t'attività 'Bidliet', ritratti jew *collages* tal-istudenti.



## Passi tal-Attività

1. Xi ftit jiem qabel l-attività, staqsi lill-istudenti biex jaħsbu fuq xi ħaġa jew xi ħadd li tilfu u li jħossu n-nuqqas tiegħu/tagħha. Jekk l-istudenti u anke l-ġenituri tagħhom iħossuhom komdi bl-idea, staqsihom iġibu xi ritratti jew jagħmlu xi *collage* ta' persuna, annimal jew oġġett speċjali li tilfu. Din l-attività għandha ssir b'sensittività kbira – jista' jkun li għall-bidu jkun aħjar li tiffokaw fuq annimali jew ħbieb u mbagħad tesploraw telfiet oħrajn meta t-tfal ikunu lesti.

2. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

3. Aqra din l-istorja lill-istudenti bl-użu ta' *hand* jew *finger puppets*:

**Thor**

**Darba waħda f'belt mhux il-bogħod kien jgħix kelb kbir u sufi. Il-ħajja ta' dan il-kelb kienet waħda sabiħa. Kien jgħix ma' familja li kienet tħobb il-klieb; dejjem kellu ħafna ikel x'jiekol u għadam kbir f'okkażjonijiet speċjali. Il-familja semmiet il-kelb Thor għax riedet li jbeżża' l-ħallelin u jkun feroċi. Imma Thor kien kelb ġentili u jaf iħobb u kien iqatta' ħafna mill-ħin tiegħu jiġri fil-bitħa, fejn kien kuntent jiġri wara l-fniek u jorqod fid-dell. Il-ġirien ukoll kellhom kelb li kienu semmew Critter. Critter kien il-ħabib ta' Thor għal żmien twil ħafna. Kull filgħodu Thor kien jistenna li jmur ħdejn il-grada u joqgħod jiġri 'il fuq u 'l isfel bi Critter fuq in-naħa l-oħra. Huma kienu jinbħu lejn xulxin bil-ferħ u ġieli kienu anke jilagħbu fil-bitħa**

**ta' xulxin. Critter kien parti kbira mill-ħajja ta' Thor tant li kienet naturali li hu dejjem se jkun fuq in-naħa l-oħra tal-grada jistennieh biex jilagħbu flimkien.**

**Għodwa waħda meta Thor ġera lejn il-grada bħalma kien jagħmel is-soltu, kien hemm xi ħaġa differenti: Critter ma kienx qed jistennieh. Thor għamel ġurnata jistennieh ħdejn il-grada b'wiċċ imdejjaq fuqu. Imma Critter baqa' ma ġiex. Issa l-familja ta' Thor fehmu li Critter kien miet, imma ma kinux jafu kif se jgħinu lil Thor jifhem x'ġara. Finalment, ħadu lil Thor sal-bitħa ta' ħdejhom biex jara lil Critter qabel ma jindifen. Thor beda jxomm u mbagħad beda jingħi; kien jaf li Critter kien miet u ma kienx reġa' ġej lura.**

**Imma billi sar jaf ma waqafx l-uġigħ. Thor ġietu weġgħa f'qalbu li bdiet tikber u tikber. Hu waqaf jiekol u waqaf jiġri wara l-fniek tal-bitħa. Kull darba li kien iħares lejn il-grada, kien jiftakar li Critter ma kienx hawn, u għajnejh kienu jimtlew bid-dmugħ. Il-familja tiegħu bdiet tipprova tferrħu b'ġugarelli ġodda, b'mixjiet fil-kampanja u bl-għadam imma Thor ma bediex iħossu aħjar.**

**Darba waħda, hekk kif Thor ħares lejn il-grada, u reġa' ħassu mdejjaq, ġeru żgħir beda jiġri mal-bitħa. Thor tkexkex. Dawn in-nies kif jistgħu jaħsbu li dan il-kelb jista' jieħu post Critter?? Thor kien determinat li ma jagħtix kas lill-kelb il-ġdid u ntefa' taħt siġra biex jipprova jistrieħ ftit għalkemm kien inkwetat.**

**Kif Thor kien rieqed, Critter deher f'ħolma biex ikellem lil Thor.**

**"Inti qed tweġġa' għax qed tħoss in-nuqqas tiegħi, u qed tħoss in-nuqqas tiegħi għax qed tipprova tfittixni fil-post il-ħażin. Tfittixnix fuq barra; Jien qiegħed hawn f'qalbek."**

**Meta sema' l-kliem ta' sieħbu, Thor beda jħoss qalbu timtela b'imħabba li qatt ma ħass qabel, imħabba f'qalbu li kienet sabiħa imma kienet tweġġa' fl-istess ħin. U kienet f'din il-ħolma li għamel qalbu kbira biex joqogħdu t-tnejn li huma fiha. Wara, Critter u Thor tkellmu flimkien għal ħin twil, bħalma kienu jagħmlu qabel.**

**Meta qam, Thor beda jittewweb, u f'daqqa waħda nduna bil-ġeru li beda jħares lejh bix-xewqa minn wara l-grada. Kif ħares lejn il-kelb, Thor innota li kellu emozzjoni ġdida tikber ġewwa fih. Hu qagħad bilqiegħda hemmhekk u qagħad jaħseb fuq il-ħolma, u ħalla l-messaġġ sabiħ tagħha jkun iktar ċar f'qalbu. Imbagħad, bil-mod, Thor mexa sal-grada. U bit-tislima li l-klieb biss jifhmu, Thor resaq lejn il-grada u beda jilgħaq il-ġeru biex jgħidlu 'hello'.**

**"Darba kont naf kelb jismu Critter", qal Thor. U kif qal dawn il-kliem, ħass li Critter qed jitbissem.**

***(Addattata minn Davis, 1988)***

4. L-ewwel, għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Xi ġralu Thor wara li miet Critter?
- X'qal Critter lil Thor fil-ħolma?

5. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli għaddejtu minn sitwazzjoni simili bħal ta' Thor?
- Kif jistgħu jħossuhom it-tfal meta jitilfu xi ħaġa jew lil xi ħadd li jħobbu ħafna?
- X'nistgħu nagħmlu dwar l-emozzjonijiet differenti li jista' jkollna f'dawn is-sitwazzjonijiet?

6. L-istudenti jistgħu jippreżentaw ir-ritratti jew il-*collages* tagħhom. Iddiskuti mal-istudenti bl-użu ta' dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli tlift xi ħaġa jew lil xi ħadd speċjali? (annimal, ħbiberija speċjali, xi ħadd li kont taf)?
- Kif ħassejtek? Kif inħossuna meta nitilfu xi ħaġa jew lil xi ħadd speċjali?
- X'għamilt quddiem din it-telfa?
- Kif nistgħu nirrispondu għall-emozzjonijiet li ngħaddu minnhom meta nġarrbu xi telfa?
- Jekk taf b'xi ħadd li għaddej minn telfa, kif tista' tgħinu/tgħinnha?



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jagħmlu *collage* bil-bidliet kollha li seħħew wara li seħħet it-telfa. Fuq Il-folja t'attività, iniżżlu xi ftit memorji ġodda li qed jagħmlu. Għalkemm dawn il-memorji mhux se jieħdu post dak li tilfu, huma sinjal tar-reżiljenza tat-tfal quddiem din l-isfida.

## BIDLIET

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jagħmlu tpenġija jew collage bil-bidliet kollha li seħħew minn mindu ġarrbu xi telfa (per eżempju, t-telfa ta' xi pet, ħbieb li emigraw, aħwa li marru joqogħdu barra minn Malta, eċċ.). Għinu lit-tfa jiktbu lista ta' memorji ġodda li qed jagħmlu wara li seħħet it-telfa.*

# Attività 2: It-tfal kif jirrispondu meta jgħaddu minn telfa?

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw modi ta' kif it-tfal jirrispondu meta jgħaddu minn telfa.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Niddeskrivi modi ta' kif it-tfal jirrispondu meta jgħaddu minn telfa.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Karti, folja t'attività 'Il-memorji li qsamna flimkien'.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Xi ġralu Thor wara li miet Critter?
- X'qal Critter lil Thor fil ħolma?
- X'għamel Thor wara l-ħolma?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli għaddejtu minn sitwazzjoni simili bħal ta' Thor?
- Kif jistgħu jħossuhom it-tfal meta jitilfu xi ħaġa jew lil xi ħadd li jħobbu ħafna?
- Kif nistgħu nirrispondu għall emozzjonijiet li ngħaddu minnhom meta nġarrbu xi telfa?

5. Ippreżenta din is-sitwazzjoni lill-istudenti:

*Michael, student fl-iskola tiegħek, għadu kif tilef iz-ziju tiegħu. Iz-ziju Claude miet f'daqqa b'inċident tat-traffiku. Michael iħossu xxukkjat u mbikkem għax kien iħobbu ħafna liz-ziju.*

6. Fi gruppi l-istudenti jagħmlu lista tal-emozzjonijiet kollha li jista' jkun li qed iħoss Michael u l-modi kollha ta' kif jista' jkun qed jirreaġixxi għal din it-telfa. Staqsihom jaqsmu l-ideat tagħhom fil-grupp il-kbir. Wara jistgħu jerġgħu jingħaqdu fil-gruppi ta' qabel u jagħmlu lista ta' affarijiet li jista' jagħmel Michael f' din it-telfa, u kif ukoll x'jistgħu jagħmlu n-nies ta' madwaru biex jagħtuh l-appoġġ. Jerġgħu jiddiskutu. Fakkar lill-istudenti li kollha kemm aħna għandna reazzjonijiet differenti lejn l-esperjenza ta' meta nitilfu lil xi ħadd li nħobbu, u għalhekk il-mod kif nirrispondu għal din l-esperjenza jista' jkun differenti wkoll.



### *Attività għad-Dar*

Fuq il-folja t'attività, l-istudenti jiktbu dwar xi memorji speċjali li qasmu ma' xi ħadd li tilfu. It-tfal jistgħu jistaqsu lill-ġenituri tagħhom fuq telfa li għaddew minnha u jiktbu xi memorji speċjali li għandhom huma wkoll.

# IL-MEMORJI LI QSAMNA FLIMKIEN

*Lill-ġenituri: Fil-kaxex ta' hawn isfel, it-tfal jiktbu fuq xi memorji speċjali li qasmu flimkien ma' xi ħadd li issa tilfu. Ħallu lit-tfal jintervistawkom jew lil xi membri oħra tal-familja fuq it-telfa. It-tfal jistgħu jiktbu ukoll dwar xi memorji speċjali li rrakkuntaw l-adulti fil-familja tagħhom.*

# Attività 3: X'jista' jgħinna nirrispondu għal telfa?

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw strateġiji biex jgħinuhom jirrispondu għal telfa.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nidentifika strateġiji li jgħinuni nirrispondi għal telfa.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Karti, folja t'attività 'Storja fuq telfa'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra l-istorja f'Attività 1 lill-istudenti.

3. L-ewwel, għin lill-istudenti jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Xi ġralu Thor wara li miet Critter?
- X'qal Critter lil Thor fil ħolma?
- X'għamel Thor wara l-ħolma?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet:

- Ġieli għaddejtu minn sitwazzjoni simili bħal ta' Thor?
- Kif jistgħu jħossuhom it-tfal meta jitilfu xi ħaġa jew lil xi ħadd li jħobbu ħafna?
- Kif nistgħu nirrispondu għall emozzjonijiet li ngħaddu minnhom meta nġarrbu xi telfa?
- Min jista' jgħinna f'dan iż-żmien diffiċli? Kif?

5. L-istudenti jiktbu storja fuq xi ħadd li ġarrab xi tip ta' telfa. Fl-istorja, l-istudenti jiddeksrivu għalfiex l-esperjenza kienet diffiċli, u xi ppruvaw jagħmlu jew x'ġara li għenhom f'din it-telfa. Jistgħu jaħdmu waħedhom, f'pari jew fi gruppi żgħar.

6. L-istudenti jaqraw l-istejjer tagħhom quddiem il-klassi jekk jixtiequ. Iddiskutu xi strateġiji li nistgħu nużaw għal żmien diffiċli bħal dan.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiktbu storja dwar it-telfa li huma jew xi ħadd qrib tagħhom.ġarrbu. "Jirrakkuntaw" din l-istorja bil-kitba, jew inkella bl-użu ta' stampi jew tpenġijiet.

## STORJA FUQ TELFA

RIZORSI

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jiktbu storja dwar it-telfa li ġarrbu huma jew xi ħadd qrib tagħhom. "Jirrakkuntaw" din l-istorja bil-kitba, jew inkella bl-użu ta' stampi jew tpenġijiet.*

# SOTTOTEMA 5
# Nirrispondu għall-*bullying*

**Kulħadd għandu xewqat u bżonnijiet differenti u għalhekk huwa normali għat-tfal li jkollhom kunflitt ma' ħaddieħor. It-tfal jistgħu jipprovaw jirrisolvu kunflitt f'modi differenti iżda li mhux dejjem ikunu tajbin, bħal per eżempju jidħlu f'argumenti, jużaw il-forza, jew jwarrbu u jinjoraw lil persuna l-oħra. Fost il-ħiliet li t-tfal għandhom bżonn biex jirrisolvu kunflitt b'mod effettiv huma l-kapaċità li jikkontrollaw l-emozzjonijiet tagħhom, bħal per eżempju li jibqgħu kalmi, u l-kapaċità li jifhmu lill-oħrajn. Għalkemm huwa normali li meta jkun hemm nuqqas ta' qbil żewġ individwi jew iktar jiġu f'kunflitt, il-*bullying* huwa dejjem ħażin. Il-*bullying* iseħħ meta persuna jew grupp ta' persuni kontinwament u intenzjonalment jaqbdu ma', jattakkaw jew iweġġgħu lil persuna oħra li ma tistax tiddefendi lilha nnifisha. *Bullying* jista' jkun fiżiku jew verbali fejn dak li jkun jista' jhedded, iwarrrab, jinjora, jaqbad, jgħajjar, jaqla' l-qlajjiet, jieħu l-affarijiet, iwaddab jew jagħmel ħsara fl-affarijiet, isawwat u jattakka b'mod vjolenti, lil persuna jew persuni oħra. F'din is-sottotema, l-istudenti jitgħallmu jagħrfu d-differenza bejn kunflitt u *bullying*, u x'jistgħu jagħmlu biex jipprevjenu u jirrispondu għall-*bullying* b'mod effettiv.**

| | |
|---|---|
| **Għanijiet tat-tagħlim** | • JIDDISTINGWU BEJN KUNFLITT U *BULLYING*.<br>• JIDENTIFIKAW MODI BIEX JEVITAW U JIRRISPONDU GĦALL--*BULLYING*.<br>• JIDDESKRIVU R-RWOL U R-RESPONSABBILTÀ TAL-OSSERVATUR F'SITWAZZJONI TA' *BULLYING*. |

## Għajnuniet għall-Għalliema

1. Agħti l-istudenti l-opportunità biex jesprimu kif iħossuhom dwar il-bullying u organizza laqgħat fejn il-klassi titkellem fuq il-bullying u r-relazzjonijiet bejn l-istudenti.

2. Ittratta kemm min qed jibbulja u kemm min qed jiġi bbuljat b'rispett u ġentilezza. Urihom li inti hemm biex tismagħhom u tgħinhom isolvu l-problemi u jirrisolvu l-kunflitti tagħhom. Tinsiex li ħafna drabi l-bullies ikunu għaddejjin minn problemi huma stess u jkunu vittmi huma stess f'kuntesti oħrajn.

3. Għid lill-istudenti li jekk qed jiġu bbuljati, jistgħu jiġu jkellmuk fil-privat u qatt m'inti se tikxef min ġie jkellmek. Jistgħu jiktbulek nota jew jistaqsuk jekk jistgħux jitkellmu miegħek fil-ħin tal-brejk fuq kwalunkwe ħaġa li jixtiequ huma, imma inti se tirrispetta l-kunfidenzjalita`.

4. Oqgħod attent/a għal xi sinjali fil-klassi li huma relatati mal-bullying, u għal dawk l-istudenti li jistgħu jkunu iktar vulnerabbli għall-bullyingbullying (studenti li jkunu waħedhom, studenti b'diffikultajiet fit-tagħlim jew b'diżabilita`, jew studenti minn xi minoritajiet).

# Attività 1: X'inhu Kunflitt u x'inhu *Bullying*?

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddistingwu bejn kunflitt u *bullying*.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħraf id-differenza bejn kunflitt u sitwazzjoni ta' *bullying*.

## Livell

Bażiku

## Riżorsi Meħtieġa

Folji t'attività 'Kunflitt vs *Bullying*', 'L-esperjenzi tiegħi ta' kunflitt u/jew *bullying*', mqass

## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Qabel ma tibda l-attività, aqta' l-karti bil-problemi mill-folja t'attività, u imla l-vojta bi problemi oħrajn li huma relevanti għall-istudenti.

3. Staqsi lill-istudenti biex ipoġġu f'forma ta' ċirku, u urihom il-figura li hemm fuq il-folja t'attività 'Kunflitt vs *Bullying*', u tkellem mal-istudenti fuq id-differenzi bejn sitwazzjoni ta' kunflitt u sitwazzjoni ta' *bullying*. Il-figuri jistgħu jiġu pprintjati fuq karta A3 jew inkella jistgħu jpinġuhom l-istudenti stess. Ħalli l-istudenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom billi jagħtuk xi eżempji speċifiċi. Imbagħad introduċi d-differenza bejn kunflitt u *bullying*. Spjega li xi kultant jista' jinħoloq kunflitt l-iskola fejn tfal ma jmorrux tajjeb ma' tfal oħra, li jista' jwassal biex iħossuhom irrabjati jew imdejqin u jġibu ruħhom ħażin. Dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu jwasslu għal kunflitt. Imbagħad spjega x'inhu kunflitt, anke bl-użu tad-*diagram*.

**Kunflitt** huwa nuqqas ta' qbil bejn żewġ persuni jew iktar li jifhmu li għandhom għanijiet jew xewqat differenti. Hija parti normali mill-ħajja għax mhux dejjem se naqblu ma' ħaddieħor fuq l-affarijiet kif naħsbu u fuq l-affarijiet li nixtiequ jew li rridu nagħmlu. Ħafna kunflitti jibdew fil-mument bejn persuni, li bejn wieħed u ieħor ikollhom l-istess poter, għax jaraw is-sitwazzjoni minn lenti differenti. Fil-mument, l-emozzjonijiet tal-persuni involuti jistgħu jeskalaw f'kunflitt. Il-persuni fil-kunflitt jixtiequ li l-kunflitt jiġi solvut u għalhekk jargumentaw u jipprovaw iressqu l-punt tagħhom. Meta kunflitt jiġi solvut u l-bżonnijiet

taż-żewġ naħat ikunu ġew sodisfatti, il-kunflitt bejn l-istess nies ħafna drabi ma jerġax jirrepeti ruħu.

***Bullying*** hija mġiba li hija ntenzjonata biex toħloq xi tip ta' ħsara fuq persuna oħra mingħajr provokazzjoni. Il-persuna li qed tibbulja tgħid jew tagħmel xi ħaġa apposta biex tweġġa' lill-persuna l-oħra. Ikun hemm żbilanċ fil-poter (fiżiku jew soċjali) jew saħħa bejn il-*bully* u dak li qed jiġi *bullied*: il-*bully* jista' jkun fiżikament ikbar, iktar b'saħħtu, ikbar fl-età, iktar popolari jew ikollu iktar poter soċjali mill-vittma. Dak li qed jiġi *bullied* jiġi mweġġa' minn dak li qed jingħad jew isir u hu biss ikun qed jiddejjaq jew iweġġa'. Il-persuna li qed tibbulja tieħu xi tip ta' sodisfazzjon mill-imġiba tagħha u ma jiddispjaċihiex bil-ħsara li qed iġġib l-imġiba tagħha. Għalkemm il-*bullying* jista' jsir f'darba, ħafna drabi jseħħ f'sensiela ta' episodji li jkunu repetuti matul iż-żmien u jista' jieħu bosta forom: *bullying* fiżiku, *bullying* verbali (eż: umiljazzjoni fil-pubbliku jew abbuż verbali), *bullying* dwar relazzjonijiet (eż: għajdut jew xniegħat, tiġi mwarrab minn grupp), u *cyber bullying* (użu tal-internet biex tumilja, ixxerred xniegħat, jew tikkrea profili foloz bl-intenzjoni li tweġġa' lil ħaddieħor).

4. Biex tgħin lill-istudenti jifhmu iktar id-differenza bejn kunflitt u *bullying*, urihom il-karti tal-problemi li hemm fil-folja t'attività 'Kunflitt vs *Bullying*'. Student jaqra s-sitwazzjoni u l-istudenti l-oħra jridu jiddeċiedu jekk hux kunflitt jew *bullying*. Meta jkunu ddeċidew, student ieħor jista' jweħħel il-karta fuq il-*poster*/figura it-tajjeb/tajba. Iddiskuti l-għażliet mal-istudenti.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jieħdu xi sitwazzjonijiet li jixtiequ jiddiskutu mal-ġenituri. Jistgħu wkoll jaħsbu f'sitwazzjonijiet oħrajn li għaddew minnhom. Jiktbuhom u jġibuhom l-għada biex tiddiskutu fil-klassi.

# KUNFLITT VS *BULLYING*

Qabel ma tibdew tiddiskutu l-*bullying*, huwa importanti li kulħadd jifhem x'inhi sitwazzjoni ta' *bullying*. Meta niddiskutu jew ma naqblux ma' xi ħadd ma jfissirx li qed tagħmel xi ħaġa ħażina. F'din il-folja t'attivita għandek ukoll figura li se tgħinek tifhem id-differenza bejn kunflitt u *bullying*. Hemm xi *cards* b'eżempji biex tkunu tistgħu titkellmu fuqhom ukoll.

| | |
|---|---|
| Tnejn minn sħabek qed jagħmlu tpenġija flimkien imma mhux qed jaqblu fuq liem kuluri se jużaw. | Tifla mill-klassi tgħajjar lil tifel. Għamlitha lbieraħ u matul il-ġimgħa li għaddiet biex iddejjqu. |
| Żewġt iħbieb iridu jilbsu l-istess libsa għal festin. | Tifel ġie ħdejn tifla u beda jgħajjarha. Beda jgħidilha li ma jridhiex tmiss il-mowbajl tiegħu għax kienet minn pajjiż ieħor. Waqt il-lezzjoni, beda jibgħatilha noti b'theddid. |
| Xi tfal ikollhom argument fuq min imissu jagħżel il-logħob li se jilagħbu fil-brejk. | Tifel il-ħin kollu jgħaddi minn ħdejn is-*sandpit* u jirrovina kull ma tifla qed tipprova tibni. |
| Studenti jargumentaw fuq min se juża l-grawnd l-ewwel. | Student ikbar jabbuża verbalment student iżgħar minnu fuq il-vann tal-iskola u ma jħallihx ipoġġi fejn jixtieq hu. |
| Studenti jargumentaw fuq min minnhom se jagħmel kull parti tal-group work tal-Maths. | Studenta popolari ħafna tintimida lill-oħrajn biex jagħmlu dak li trid hi. |
| Grupp ta' tfal jargumentaw fuq min se joħroġ l-ewwel għall-brejk. | Tifel qed jisraq il-*lunch* ta' tifel nieqes mid-dawl. |
| Tifla qalet lill-ħabiba tagħha li ma tixtieqx tilgħab magħha dakinhar. | Tifla qalet lil tifla oħra li kienet wisq kalma biex tħalliha tilgħab magħha fil-brejk. |
| *Card* bi problema | *Card* bi problema |
| *Card* bi problema | *Card* bi problema |


Conflict
It is a normal part of groing up
Same situation different points of view
Between people with the same relative amount of power
People want the issue to be solved
Struggle between two or more people who have incompatible goals/desires
If one of the parts get hurt the other feels regret


Bullying
Aggressive behaviour unwanted and negative
Intended to cause some kind of harm
There is always an imbalance of power
Directed to a particular person (or group)
A pattern of behavior repeated over time
It can be psysical, verbal and social - ciber or relationship related

# KUNFLITT U/JEW *BULLYING*

*Lill-ġenituri: L-iskola, it-tfal iddiskutew id-differenza bejn kunflitt u bullying. Iddiskuti magħhom is-sitwazzjonijiet li ġabu d-dar. Tkellmu mat-tfal fuq sitwazzjonijiet ta' kunflitt u/jew bullying li setgħu kellhom huma stess u staqsihom jiktbu fuqhom hawn taħt.*

# Attività 2: Nevitaw u nirrispondu għall-*bullying*

## *L-Għan tat-Tagħlim*

Jidentifikaw modi kif jevitaw u jirrispondu għall-*bullying*.

## *Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:*

Nidentifika modi kif nevita u nirrispondi għall-*bullying*.

## *Livell*

Intermedju

## *Riżorsi Meħtieġa*

Folji t'attività'Ejja nkantaw', 'Sitwazzjonijiet ta'*bullying*' u 'Nipprevjenu u nirrispondu għall -*bullying*', imqass, aċċess għall-internet, kompjuter, *speakers*.



## *Passi tal-Attività*

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**It-tifel li biddel il-*bullying* f'mużika**

**Leondre Devries twieled fis-sena 2000, f'Port Talbot ġewwa Wales. Huwa *rapper* flimkien ma' Charlie Leneham li twieled fl-1998 fi Frampton Cotterell, l-Ingilterra. Flimkien iffurmaw il-grupp-*rap* 'Bars and Melody' (B.A.M., fil-qasir). Meta Leondre kien iżgħar, kien jiġi *bullied* minn grupp ta' subien fl-iskola tiegħu li kienu jistennewh biex jagħtuh gambetta u jtuh xebgħa. Dam jiġi *bullied* b'dan il-mod għal sentejn sħaħ. Lill-ġenituri tiegħu kien jgħidilhom li kien jitbenġel meta jilgħab il-futbol, imma fl-aħħar kellu jgħidilhom il-verità. Wara li qal lill-ġenituri tiegħu, biddel l-iskola u għamel ħbieb ġodda li kienu jagħtuh appoġġ. Kien żmien ikrah għalih, u f'dan iż-żmien kien jikteb dwar id-dwejjaq tiegħu. Imbagħad, iltaqa' ma' Charlie fuq *Facebook* u bl-għajnuna tal-ġenituri tiegħu, mar jiltaqa' miegħu u bdew jipprattikaw flimkien. Ħames xhur wara għamlu prova ġewwa Manchester għall-programm *Britain's Got Talent*. Huma kantaw id-diska bbażata fuq 'Hope' ta' Twista u Faith Evans, fejn**

**Leondre Devries biddel il-lirika oriġinali b'versi kontra l-*bullying*. L-*audition* tagħhom intweriet fuq *YouTube* iktar minn 77 miljun darba. Fil-finali, ġew fit-tielet post u wara l-finali, Bars and Melody iffirmaw kuntratt ma' Syco Music. L-ewwel kanzunetta tagħhom, 'Hopeful', ħarġet f'Lulju 2014. Qalu li jixtiequ jgħinu lill-oħrajn bil-kanzunetti tagħhom billi juru l-parti kemm negattiva kif ukoll dik pożittiva tal-ħajja.**

3. Ara l-vidjo tal-kanzunetta 'Hopeful'.

https://www.youtube.com/watch?v=wT3RhIJZu4k

4. Aqra u/jew kanta mal-istudenti l-lirika ta' fuq il-folja t-attivita. Imbagħad għin lit-tfal jirriflettu fuq l-istorja billi tistaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'għoġbok minn din l-istorja vera?
- X'kienet il-problema ta' Leondre?
- Għaliex Leondre beda jikteb il-kanzunetti?
- Kif solva l-problema?
- X'inhu l-għan prinċipali ta' Bars and Melody?

5. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet::

- X'taħseb li jista' jsir biex nevitaw l-*bullying*?
- Tista' tagħti eżempji ta' tipi differenti ta' *bullying*?
- Taf lil xi ħadd li għaddej mill-*bullying*?
- X'tista' tagħmelf' dik is-sitwazzjoni ta' *bullying*?
- X'nistgħu nagħmlu bħala grupp biex insolvu sitwazzjonijiet ta' *bullying*?

6. Aqsam il-klassi fi gruppi żgħar. Agħti lil kull grupp waħda mis-sitwazzjonijiet ta' *bullying* fil-folja t'attività 'Sitwazzjonijiet ta' *bullying*' u staqsihom biex jaħsbu f'mod kif nistgħu nevitaw jew nirrispondu għal din is-sitwazzjoni. Il-grupp juri s-soluzzjoni tiegħu permezz ta' reċta.

7. Imbagħad iddiskutu modi oħrajn ta' kif nistgħu nevitaw jew nirrispondu għal dawn is-sitwazzjonijiet, u enfasizza l-bżonn li nirrispettaw u niċċelebraw id-differenza, u li nkunu kollaborattivi u nagħtu appoġġ lil xulxin. Ikkonkludi b'dawn l-erba' suġġerimenti ta' x'jistgħu jagħmlu f'sitwazzjonijiet ta' *bullying*:

1. Tkellem ma' xi ħadd. Tibżax titkellem ma' sħabek, mal-ġenituri, mal-għalliema, mal-*counsellor* tal-iskola għax dawn jistgħu jgħinu biex titranġa s-sitwazzjoni. Huwa dejjem tajjeb li titkellem ma' adulti li se jgħinuk issolvi l-problema u li jafu sew il-*policies* tal-iskola sabiex jiġi indirizzat il-*bullying*.
2. Aħseb fuq x'qed iwassal għall-*bullying*. Per eżempju, oqgħod attent x'iġġib l-iskola (oġġetti jiswew il-flus, bħal xi ħaġa elettronika).
3. Ara li dejjem tkun ma' ħabib/a. Oqgħod mal-ħbieb l-iskola fil-brejks jew fuq il-vann.
4. Ibqa' kalm u ibqa' għaddej. Injora l-*bully*, għidlu biex jieqaf u ibqa' għaddej.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri sitwazzjonijiet oħrajn ta' kunflitt u/jew *bullying* u jżiduhom fuq il-folja t'attività 'Sitwazzjonijiet ta' *bullying*'. Flimkien mal-ġenituri jaħsbu f'iktar modi ta' kif jistgħu jsolvu s-sitwazzjonijiet. L-għada staqsi lill-istudenti fuq dak li tkellmu fuqu mal-ġenituri.

# SITWAZZJONIJIET TA' *BULLYING*

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal sitwazzjonijiet ta' kunflitt u/jew bullying u żiduhom fuq il-folja t'attività 'Sitwazzjonijiet ta' bullying'. Flimkien aħsbu f'iktar modi ta' kif jistgħu jiġu solvuti s-sitwazzjonijiet.*

______________________________________________________________

# EJJA NKANTAW

Din hi l-lirika li nkitbet minn Leondre Devries u tkantat minn Bars and Melody (tista' tinqaleb bil-Malti)

*Please help me God, I feel so alone*
*I'm just a kid, how can I take it on my own*
*I've lost too many tears just writing this song*
*Trying to fit in, where do I belong?*
*I wake up every day, don't want to leave my home*
*My momma's askin' me why I'm always alone*
*Too scared to say, too scared to holler*
*I'm walking to school with sweat around my collar*
*I'm just a kid, I don't want no threats*
*My gloves are bad, my life's a mess*
*The names you call me, they hurt real bad*
*I want to tell my Mom*
*She's havin' trouble with my Dad*
*I feel so tight there's nowhere to turn*
*Just goin' to school*
*Don't wanna fight I wanna learn*
*So please mister bully*
*Tell me what I've done*
*You know I have no Dad*
*I'm livin' with my Mom*

*Hopeful, yes I am*
*Hope for today*
*Take this music where you sit*
*Let it take you away*
*And be hopeful, hopeful*
*And He'll make a way*
*I know it ain't easy but that's okay*
*Just be hopeful*

*Why do you trip every single thing?*
*I didn't ask to be born but now I have to pay*
*I ain't got no money, take all I have*
*When I give it to you, you search all my bags*
*I feel so scared when you shout me down*
*You kick me, punch me, throw me to the ground*
*When I ask you what have I done*
*You hit me again, make fun of my Mom!*

*Hopeful, yes I am*
*Hope for today*
*Take this music where you sit*
*Let it take you away*
*And be hopeful, hopeful*
*And He'll make a way*
*I know it ain't easy but that's okay*
*Just be hopeful*

*What I wear is all I have*
*I look so hobo, livin' from a bag*
*Yo mister bully, help me please*
*I'm flesh and blood, accept me please*
*Hey mister bully, I don't know what to do*
*My mind it can't explain what it did to you*
*Mister bully, take a moment please*
*Every single day you bring me to my knees*

*Hopeful, yes I am*
*Hope for today*
*Take this music where you sit*
*Let it take you away*
*And be hopeful, hopeful*
*And He'll make a way*
*I know it ain't easy but that's okay*
*Just be hopeful*

## SITWAZZJONIJIET TA' *BULLYING*

Hawn taħt hawn xi sitwazzjonijiet ta' *bullying* li setgħu jiġu evitati jew solvuti. Aħseb mal-klassi tiegħek fuq xi soluzzjonijiet.

| | |
|---|---|
| Xi bniet għamlu *Facebook page* falza għal tifla oħra fil-klassi u qegħdin jgħidu affarijiet negattivi fuqha. | Tifel attakka tifel ieħor u weġġgħu serjament. Il-*bully* qal li l-vittma 'nerd' u ma jistħoqqlux li jkollu ħbieb. |
| Tifla qed jinsterqilha l-flus li ġġib biex tixtri l-*lunch*. Kien hem xi ħadd li ra x'ġara imma ma għamel xejn. | Xi bniet qegħdin jaqbdu ma' tifla oħra għax għandha piż kbir. |
| Tifel ikbar qed jinki lil tifel ieħor għax għandu missieru l-ħabs. | Xi tfal fil klassi qed igħaddu biż-żmien tifla kwieta u mistħija b'mod repetittiv. Minħabba f'hekk qed tibża' tiġi l-iskola. |
| Xi bniet qed jidħku b'tifel ieħor ġej minn pajjiż differenti għax jitkellem lingwa oħra. | Tliet studenti qed jgħaddu kummenti razzisti fuq student ieħor. |
| Sitwazzjoni | Sitwazzjoni |
| Sitwazzjoni | Sitwazzjoni |

# NEVITAW U NIRRISPONDU GĦALL-*BULLYING*[1]

| | |
|---|---|
| **Tibbuljax lura.** Issawwatx, tagħtix u timbottax lura lill-*bully* li qed iweġġa' lilek jew lil sħabek. Meta tiġġieled lura tkun qiegħed tagħmel bħall-*bully* u tista' tidħol f'iżjed periklu wkoll għax xi ħadd jista' jispiċċa ferut. Se tidħol f'iktar problemi wkoll. L-aħjar huwa li toqgħod mal-oħrajn, toqgħod 'il bogħod mill-periklu u titlob għall-għajnuna mingħand adult. | **Ibqa' ħares 'il fuq u sib il-kuraġġ biex twaqqaf l-*bully*.** Meta tkun qed tibża' minn persuna oħra, probabbilment ma tkunx qed tħossok kuraġġuż. Imma xi kultant anke jekk biss nidhru li aħna kuraġġużi jkun biżżejjed biex inwaqqfu lill-*bully*. Persuna kuraġġuża kif tidher u kif iġġib ruħha? Ħares 'il fuq u tkun qed tgħaddi l-messaġġ: "Taqbadx miegħi". Huwa iktar faċli li tħossok kuraġġuż meta tkun qed tħossok tajjeb fuqek innifsek. |
| **Aqbeż għalik innifsek.** Agħmilha tabirruħek li inti kuraġġuż u kunfidenti. Għid lill-*bully* "Le! Ieqaf!" b'vuċi soda. Imbagħad itlaq 'l hemm jew iġri jekk ikun hemm bżonn. Tfal jistgħu wkoll jaqbżu għal xulxin billi jgħidu lill-*bully* biex jieqaf jaqbad mal-persuna, u mbagħad imxu 'l hemm flimkien. Jekk *bully* iridek tagħmel xi ħaġa li int ma tridx tagħmel, għid "le!" u itlaq 'l hemm. Jekk tagħmel dak li jrid il-*bully*, probabbilment se jibqa' jibbuljak. Il-*bullies* għandhom tendenza jibbuljaw tfal li ma jaqbżux għalihom infushom. | **Oqgħod ma' ħabib (u kun ħabib).** Tnejn huma aħjar minn wieħed jekk qed tipprova tevita li tiġi *bullied*. Imxi ma' ħabib jew tnejn sal-bitħa jew kull meta taħseb li se tiltaqa' mal-*bully*. Offri biex tagħmel l-istess jekk ħabib għaddej minn *bullying* ukoll. Tinjorax *bullying* li jkun għaddej fl-iskola tiegħek – għid lil xi adult, aqbeż għal min qed jiġi *bullied*, u għid lill-*bully* biex jieqaf. |
| **Għid lil xi adult.** Jekk qed tiġi *bullied*, huwa importanti ħafna li titkellem ma' adult. Sib lil xi ħadd li tafda u għidilhom b'dak li qed jiġri. Għalliema, kapijiet tal-iskejjel, ġenituri u volontiera fl-iskola kollha jistgħu jgħinu biex jieqaf il-*bullying*. Xi kultant il-*bullies* jieqfu hekk kif l-għalliema jsiru jafu għax ikunu qed jibżgħu li se jieħdu xi kastig mingħand il-ġenituri. Meta tagħmel hekk ma tkunx qed tugża lill-*bully* – il-*bullying* huwa ħażin u jkun ta' għajnuna meta kull min qed jiġi *bullied* jew kull min jara xi *bullying* għaddej jitkellem. | **Tagħtihx ċans lill-*bully*. Evita lill-*bully* kemm jista' jkun. Ovvjament ma tistax tistaħba jew ma tmurx l-iskola. Imma jekk tista', ħu rotta differenti biex tevitah.**<br><br>**Ħossok tajjeb dwarek innifsek.** Ħadd mhu perfett, imma x'tista' tagħmel biex tidher u tħossok tajjeb? Forsi tixtieq tkun iżjed f'saħħtek. Jekk iva, forsi tiddeċiedi li se tagħmel iktar eżerċizzju, tara inqas televixin, tiekol ikel tajjeb għas-saħħa, tieħu ħsieb id-dehra tiegħek, eċċ. |
| **Injora l-*bully*.** Jekk tista', ipprova mill-aħjar biex tevita t-theddid tal-*bully*. Agħmel tabirruħek li ma smajthomx u imxi lejn post fejn tkun *safe*. Il-*bullies* ikunu jridu reazzjoni kbira meta jkunu kattivi mal-vittma. Meta tagħmilha tabirruħek li mhux qed tagħti kas u ma jimpurtakx, ma tkunx qed tagħti reazzjoni, u din tista' twaqqaf l-imġiba tal-*bully*. | **Turix l-emozzjonijiet tiegħek.** Ippjana bil-quddiem. Kif tista' twaqqaf lilek innifsek milli tirrabja jew turi li qed tħossok imdejjaq? Ipprova aħseb f'xi ħaġa oħra (tgħodd b'lura minn 100, tispelli l-kelma 'fekruna' b'lura, eċċ) biex iżżomm moħħok okkupat sakemm is-sitwazzjoni tintemm u sakemm tasal f'post *safe* fejn tista' turi dak li qed tħoss. |

[1] Dawn is-suġġerimenti ġew żviluppati minn KidsHealth.org u tista' ssib lilhom u suġġerimenti oħrajn fuq *bullying* f'dan is-sit: http://kidshealth.org/PageManager.jsp?dn=KidsHealth&lic=1&ps=307&cat_id=20070&article_set=22400

# Attività 3: Ir-rwol tal-osservatur

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddeskrivu r-rwol u r-responsabbiltà tal-osservatur f'sitwazzjoni ta' *bullying*.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi r-rwol u r-responsabbiltà tal-osservatur f'sitwazzjoni ta' *bullying*.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Puppazzi tal-id jew tas-swaba, folja t'attività 'Nirrispondu għall-*bullying*', folji t'attività mil-lezzjoni ta' qabel 'Sitwazzjonijiet ta' *bullying*' u 'Nipprevjenu u nirrispondu għall-*bullying*', folja t'attività 'William josserva l-*bullying* għaddej', karti A3 jew ikbar suwed, kuluri, *markers* jew żebgħa.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja u ħalli lill-istudenti jużaw pupazzi tal-id jew tas-swaba*:*

**Fil-bitħa**

**Darba waħda, Ċika l-qanfuda u l-ħbieb tagħha Żigu l-iskwiril u Mini l-għasfura marru jilagħbu l-bandli tal-ġnien. Hemmhekk iltaqgħu ma' ħafna annimali: Milo l-fenek, Lulu l-ġurdiena, Fifi l-farfett, Mimi n-naħla u Dino l-ġeru. Ċika ma tantx kienet tieħu gost tilgħab ma' Milo għax ta' spiss kien ikun goff u ġieli kien jaqbad magħha. Imma kienet ferħana ħafna x'ħin rat lill-ħbieb kollha tagħha u telqet tiġri biex tilgħab magħhom! Lagħbet biz-zkuk u bil-fjuri ma' Lulu u ma' Fifi. Imma meta ġie Milo, imbottaha u qal: "Itlaq 'l hemm – ma tistax tilgħab hawnhekk. Jien se nilgħab biz-zkuk u bil-fjuri issa!" Ċika ħassitha mweġġa' u ħarset lejn il-ħabiba tagħha Lulu. Lulu kienet tibża' minn Milo u ma qalet xejn. Fifi taret 'l hemm u Ċika telqet minn fejn kienet. Hi ħarset madwarha u rat li kulħadd kien qiegħed jilgħab**

**kuntent. Kienet xi ftit muġugħa. Hi bdiet timxi u rat lil Mini l-għasfura ħdejn iż-żurżieqa. Ċika ħarset lejha u tbissmet. Ċika bdiet tielgħa u hekk kif kienet kważi telgħet sa fuq nett, Milo l-fenek tela' qabilha.**

**"Le, le. Ma tistax tinżel iż-żurżieqa. Erġa' inżel – Jien se niżżerżaq issa!" Hu ħares lejn Ċika bir-rabja. Ċika ħarset lejn Mimi imma anke hi kienet qed tibża' minn Milo, u ħarset in-naħa l-oħra. Ċika niżlet bil-mod il-mod u Milo beda jidħaq. Ċika kompliet timxi u bdiet tisma' d-daħq u l-istorbju. Il-ħbieb tagħha Dino u Żigu bdew jaqbżu fuq munzell weraq. "Ejja aqbeż magħna!" qal Dino. Ċika kienet se tmur taqbeż fuq il-weraq meta ġie Milo u qalilha: "Ma tistax taqbeż fuq dawn il-weraq – Jien imissni issa". Milo reġa' mbuttaha u Ċika waqgħet mal-art u ħabtet rasha.**

**"Ieqaf!" qallu Żigu, u mar jiġri biex jgħin lil Ċika. Milo qal: "Eħe? Għalfejn? X'se tagħmel biex twaqqafni?" Żigu ħares lejn sħabu u beda jittama li jagħmlu xi ħaġa wkoll. "Ieqaf!", qal Dino. "Aħna konna qed nilagħbu sew. Stenna meta jmissek". "Anke inti se tindaħal?"– qal Milo."Iva, ieqaf!" qalet Lulu l-ġurdiena u għenet lil Ċika biex tqum. "Għalfejn imbottajtha lil Ċika? Aħna nixtiequ nilagħbu miegħek imma inti trid tirrispettana". Żigu żied: "Jekk inti rrabjat b'xi ħaġa tista' tgħidilna. Jekk għandek xi problema b'Ċika jew b'xi ħaġa oħra tista' tgħidilna. Aħna nistgħu nipprovaw ngħinuk. Imma mhux hekk."**

**Dakinhar, huma u ħerġin mill-iskola, Milo għajjat lil Żigu u staqsieh: "Nista' nimxi miegħek u nkellmek ftit?" Żigu aċċetta u mxew flimkien sad-dar. Milo beda jgħid lil Żigu li s-sitwazzjoni d-dar tiegħu ma kinitx kalma. Il-ġenituri tiegħu kienu qed jiġġieldu kuljum u kien iħossu mħawwad...ma kienx jaf x'se jaqbad jagħmel...u jirrabja meta jara li l-ħajja ta' Ċika sejra tant tajjeb. "Milo, il-ħajja ta' ħadd mhi perfetta. Imma nistgħu ngħinu lil xulxin jekk nibqgħu magħqudin flimkien. Ma nafx x'tista' tagħmel id-dar imma naħseb jekk nilagħbu flimkien iktar ta' spiss, tħossok aħjar."**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Liem annimali ġabu ruħhom ħażin fl-istorja?
- Kif weġġgħu lil Ċika? Għalfejn ġabu ruħhom b'dak il-mod?
- Kif ħassitha Ċika dwar dan?
- Kif beda jħossu Milo fl-istorja?
- Min għen lil Ċika?
- Għalfejn għenuha?
- X'qalulu lil Milo?
- X'kient il-problema ta' Milo?
- Kieku int kont minflok Ċika kif kont tħossok?
- U kieku kont minflok Żigu?
- X'għen biex iwaqqaf il-*bullying*?

4. Imbagħad orbot l-istorja mal-esperjenzi tal-istudenti billi ssaqsihom dawn il-mistoqsijiet u tgħidilhom biex jiddiskutuhom f'pari jew fi gruppi żgħar:

- Fejn jista' jsir il-*bullying* ?
- Kieku tkun f'sitwazzjoni ta' *bullying* x'tagħmel?
- Min jista' jgħinek f'sitwazzjoni ta' *bullying*? Taf ma' min tista' titkellem?
- X'tagħmel jekk tara lil xi ħadd qed jiġi *bullied*?
- X'inhi r-responsabbiltà tagħna jekk naraw *bullying* għaddej?

Il-gruppi jaqsmu l-ideat tagħhom mal-klassi kollha.

5. Aqsam il-klassi fi gruppi ta' żgħar u agħti lil kull student wieħed minn dawn ir-rwoli: maġistrat, żewġ avukati, persuna li qed tiġi *bullied*, vittma u żewġ osservaturi. Imbagħad agħti lil kull grupp waħda mis-sitwazzjonijiet ta' *bullying* li ġew diskussi fil-lezzjoni ta' qabel. Il-maġistrat u l-avukati jistgħu jużaw xi suġġerimenti mill-folja t'attività 'Nirrispondu għall-*bullying*' meta jkunu qegħdin jispjegaw kif jistgħu jindirrizzaw is-sitwazzjoni tal-*bullying*.

6. L-istudenti jagħmlu *poster* kontra l-*bullying* billi jużaw materjali differenti. Il-*poster* jista' jkollu l-emozzjonijiet u xi messaġġi mill-folja t'attività 'Nirrispondu għall-*bullying*'. Fil-*poster* jaqsmu mal-komunità tal-iskola għalfejn il-*bullying* huwa ħażin u kif nistgħu nwaqqfuh. Il-*posters* jistgħu jiġu mdendlin fil-kuritur tal-iskola.



### *Attività għad-Dar*

L-istudenti jitkellmu mal-ġenituri tagħhom fuq ir-rwol tagħhom bħala osservaturi fejn jidħol il-*bullying*. Jistgħu jitkellmu fuq sitwazzjonijiet fejn osservaw xi mġiba ta' *bullying* isseħħ u jiddiskutu x'setgħu għamlu f'dik is-sitwazzjoni.

## NIRRISONDU GĦALL-*BULLYING*

Jekk inti ssib ruħek f'sitwazzjoni ta' *bullying*, ftakar li mhux tort tiegħek. M'intix waħdek. *Bullying* jiġri lil ħafna nies f'postijiet differenti. Jekk inti tkun il-vittma jew l-osservatur, staqsi għall-għajnuna u ġib ruħek b'mod responsabbli. Dan jista' jkun diffiċli. Imma huwa importanti li tipprova ssolvi l-problema u twaqqaf il-*bullying* qabel ma tiggrava s-sitwazzjoni. Hemm ħafna passi li tista' tieħu jekk issib ruħek f'sitwazzjoni ta' *bullying*:[2]

- Ipprova ibqa' kalm.
- Tista' tgħid lill-*bully* biex jieqaf.
- Tista' żżomm ħarstek 'il fuq u titlaq 'l hemm.
- Tista' tagħmilha tabirruħek li ma jimpurtakx.
- Evita l-*bully*.
- Toqgħodx waħdek. Oqgħod ma' gruppi ta' ħbieb.
- Tipprovax tiffaċċja l-*bully* waħdek.
- Tiġġilidx lura.
- Tweġibx il-*bully* b'għajjat jew twerżiq.
- Tipprovax issolvi l-problema billi tibbulja lura.
- Jekk qed tiġi *bullied* jew qed tara xi *bullying* għaddej, staqsi għall-għajnuna.
- Tkellem ma' xi ħadd li tafda. Tkellem ma' ħabib/a, ġenitur, jew għalliem/a.
- Aħdem flimkien ma' ħaddieħor biex issib l-aħjar soluzzjoni għall-problema.

**Kun mudell ta' kif persuna għandha titratta lil ħaddieħor!!**

**Għid lil ħaddieħor li matitollerax *bullies*.**

**Ieqaf għall-*bullying*, anke jekk tkun osservatur.**

[2] Dawn is-suġġerimenti ġew żviluppati minn Cristie Reed, u jinsabu fuq http://bowlerschool.net/ebooks/SS_GL-K-5/Dealing_With_Bullies.pdf

# WILLIAM JOSSERVA L-*BULLYING* GĦADDEJ

*Lill-ġenituri: Aqraw din is-sitwazzjoni mat-tfal u mbagħad iddiskutu x'jista' jagħmel William f'din is-sitwazzjoni. Għinu lit-tfal jagħmlu lista bl-affarijiet li seta' għamel jew jista' jagħmel William f'din is-sitwazzjoni.*

---

William u Irma huma ħbieb kbar u qed jilagħbu l-*volleyball* fil-bitħa. Marco, tifel ieħor, iwaddab il-ballun lejn Irma apposta biex iweġġagħha. Jgħajjarha u jgħidilha li tilgħab *volleyball* qisha raġel. Hemm xi tfal oħra li jidħqu b'dak li jgħid Marco.

X'jista' jagħmel William bħala osservatur u bħala ħabib ta' Irma?

- ......................................................................................................................
- ......................................................................................................................
- ......................................................................................................................
- ......................................................................................................................
- ......................................................................................................................
- ......................................................................................................................
- ......................................................................................................................

# SOTTOTEMA 6
# Nirrispondu meta ngħaddu minn bidla

**It-tfal jgħaddu bosta bidliet u tranżizzjonijiet importanti f'ħajjithom, inkluż fil-familja, l-iskola, mal-ħbieb u gruppi soċjali, u rwoli differenti. Dawn jistgħu jkunu ta' biża' għal xi tfal u jistgħu jaffettwaw l-identità u s-self-esteem tagħhom (Bredekamp & Copple, 2009). Iżda jekk jirrispondu tajjeb għal dawn il-bidliet, dawn iservu bħala opportunità għat-tagħlim u żvilupp. F'dan is-sens, it-tfal jistgħu jgħaddu minn dawn il-bidliet b'suċċess billi ngħinuhom jadattaw għalihom u jagħmlu għanijiet ġodda. Din is-sottotema tiffoka fuq bidliet fl-ambjent soċjali tat-tfal (bħat-tranżizzjoni mill-kindergarten għall-iskola primarja) u bidliet oħrajn fil-familja (bħal meta tfal waħedhom iridu jadattaw għal wild ieħor fil-familja). L-istudenti jiġu megħjuna biex jiżviluppaw l-kapaċità li jadattaw b'suċċess għal bidliet u tranżizzjonijiet billi jifhmu l-bżonnijiet u jużaw il-ħiliet tagħhom biex ikomplu jikbru b'mod pożittiv..**

| | |
|---|---|
| **Għanijiet tat-tagħlim** | • JAGĦRFU L-EFFETT TAL-BIDLA MINĦABBA L-MIGRAZZJONI U L-IMPORTANZA LI JGĦINU LIL DAWN IT-TFAL.<br>• JIDENTIFIKAW U JAQSMU MAL-OĦRAJN BIDLIET F'ĦAJJITHOM LI SEĦĦEW MILL-PASSAT SAL-PREŻENT.<br>• JIDDESKRIVU L-ASPIRAZZJONIJIET U L-ĦOLM TAGĦHOM GĦALL-FUTUR U L-BIDLIET LI QED JISTENNEW. |

## Għanijiet għall-Għalliema

1. Il-ġenituri għandhom bżonn ikunu ppreparati għal xi bidla wkoll. Xi ġenituri jistgħu jħossuhom inkwetati fuq il-bidla speċjalment jekk ma jkunux infurmati fuq x'se jiġri. Huwa importanti li tagħti appoġġ lill-ġenituri u tipprovdi informazzjoni fuq x'jistgħu jagħmlu qabel ma sseħħ bidla kbira, per eżempju meta tasal bidu ta' sena skolastika oħra.

2. Ippjana xi laqgħat l-iskola fejn l-istudenti jkunu jistgħu jiltaqgħu mal-għalliema tal-futur tagħhom u jaraw kif inhi l-iskola l-ġdida. L-għalliema jistgħu jippjanaw xi attivitajiet interessanti għall-istudenti. Huwa importanti wkoll li xi ħadd juri kif inhu mqassam il-post (per eżempju, fejn huma l-kmamar tal-banju, il-*canteen*, u l-bitħa).

3. Aqra stejjer dwar meta t-tfal jibdlu l-iskola u stieden lill-istudenti biex jagħmlu reċti fuq l-istejjer sabiex tħeġġiġhom jesploraw l-emozzjonijiet li qed jesperjenzaw li huma relatati mal-bidla.

# Attività 1: Pass 'il quddiem!

## L-Għan tat-Tagħlim

Jagħrfu l-effet tal-bidla minħabba l-migrazzjoni u l-importanza li jgħinu lil dawn it-tfal.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Nagħraf id-diffikultajiet li tfal immigranti jew refuġjati jgħaddu minnhom u kif nista' ngħinhom.

## Livell

Bażiku

## Riżorsi Meħtieġa

Karti, *poster*, *markers*, *biros*, folj t'attività 'Immigranti famużi'.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Aqra din l-istorja lill-istudenti:

**Il-vjaġġ ta' Ismael**

**Ismael kien ġuvni Palestinjan li kien għadu kemm iggradwa fl-Istorja mill-Università ta' Bethlehem. Il-ġenituri tiegħu kienu jgħixu f'villaġġ żgħir fil-Medda ta' Gaza, territorju li jmiss mal-Israel u l-Eġittu. Minħabba l-kunflitt u l-ġlied li kien qed iseħħ f'dak il-post, Ismael u l-familja tiegħu kellhom jieħdu deċiżjoni diffiċli. Kellhom jitilqu l-gwerra u jemigraw lejn post iktar *safe*. Matul is-snin li kien l-università Ismael kellu ħafna ħbieb. Wieħed mill-akbar ħbieb tiegħu kien Patrick, li, wara li spiċċa l-università, mar lura l-Ingilterra. Hekk kif Patrick sar jaf li l-familja ta' Ismael kienet qed tfittex post fejn temigra, Patrick mal-ewwel offra lill-familja ta' Ismael biex imorru joqogħdu għandu. Għalhekk Ismael u l-familja tiegħu marru fuq vjaġġ twil u qasmu bosta pajjiżi biex imorru l-Ingilterra.**

**Ismael ma kienx jaf jitkellem l-Ingliż sew. B'hekk sab ħafna diffikultajiet biex jikkomunika mal-oħrajn, u beda jħoss in-nuqqas tal-ħbieb li kellu f'pajjiżu. Kien ikun ta' spiss imdejjaq għax wara ħafna snin jistudja kien qed jistenna li se jkun Professur tal-Istorja fil-Palestina.**

**Minflok ħass li tilef kollox għax ma seta' jagħmel xejn fil-pajjiż il-ġdid. Beda jħossu differenti u iżolat. Iżda Patrick u l-familja tiegħu laqgħu lil Ismael u l-familja tiegħu ġewwa darhom u għenuhom biex jitgħallmu l-Ingliż. Fl-aħħar, Ismael intagħżel biex jgħallem l-Istorja fi skola primarja. Il-ħolma tiegħu kienet saret realtà. Kien għalliem tajjeb ħafna u seta' wkoll jgħallem l-istorja ta' pajjiżu stess. Hu kien jgħallem lill-istudenti fuq id-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom xi ħadd li jemigra minn pajjiż għal ieħor u kemm hu importanti li nilqgħu lil ħaddieħor u ngħinuhom f'dawn is-sitwazzjonijiet.**

3. L-ewwel, għin lill-istudenti biex jirriflettu fuq l-istorja billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- X'ried isir Ismael?
- Għalfejn Ismael u l-familja tiegħu ddeċidew li jemigraw lejn l-Ingilterra?
- Min għen lill-Ismael u l-familja tiegħu? Kif?
- Kif ħassewhom Ismael u l-familja tiegħu meta waslu l-Ingilterra?
- Kif ħassewhom Patrick u l-familja tiegħu meta laqgħu lill-Ismael u l-familja tiegħu ġewwa darhom?
- Xi ġralu Ismael fl-aħħar tal-istorja?

4. Aqsam il-klassi fi gruppi, u staqsihom jaħsbu fuq modi oħrajn kif jistgħu jgħinu lil Ismael u l-familja tiegħu. Jiktbu l-ideat tagħhom fuq karta. Jistgħu wkoll jiktbu parti ġdida mill-istorja ta' Ismael jew jagħmlu tpenġija biex jesprimu l-ideat tagħhom. Fl-aħħar l-istudenti jaqsmu l-ideat tagħhom fil-grupp il-kbir.

5. Ikteb l-ideat tal-istudenti fuq *poster* biex tiġbor fil-qosor l-istrateġiji kollha li jistgħu jintużaw biex ngħinu lil xi ħadd jiffaċċja bidla kbira, bħal meta xi ħadd jemigra minn pajjiż għal ieħor.



## *Attività għad-Dar*

Flimkien mal-ġenituri tagħhom, l-istudenti jilagħbu l-logħba 'Immigranti famużi'. Iridu jaqraw l-istejjer ta' nies famużi li emigraw minn pajjiżhom biex ifittxu suċċess f'pajjiż ieħor. L-istudenti jridu jqabblu kull storja mal-isem u r-ritratt tal-pesuna. Din il-logħba tgħin lill-istudenti jifhmu li l-immigranti jiffaċċjaw sfidi kbar, imma huma xorta jistgħu jilħqu l-għanijiet tagħhom u jiksbu suċċess fil-ħajja l-ġdida tagħhom. Xi karattri se jkunu iktar magħrufin mal-istudenti milli oħrajn. Din il-kaxxa turi s-soluzzjonijiet tal-logħba:

**Soluzzjonijiet għal-logħba 'Immigranti famużi':**

| Isem | Ritratt | Storja |
|---|---|---|
| Albert Einstain | D | N. 3 |
| Bob Marley | B | N.1 |
| Arnold Schwarzenegger | A | N. 4 |
| Jim Carrey | Ċ | N. 2 |

# IMMIGRANTI FAMUŻI

Lill-ġenituri: *Ilagħbu l-logħba 'Immigranti famużi' mat-tfal. Aqraw l-istejjer ta' nies famużi li emigraw minn pajjiżhom biex ifittxu suċċess f'pajjiż ieħor. Għinu lit-tfal iqabblu kull storja mal-isem u r-ritratt tal-pesuna. Din il-logħba tgħin lit-tfal jifhmu li l-immigranti jiltaqgħu ma' sfidi kbar, imma xorta jistgħu jilħqu l-għanijiet tagħhom u jiksbu suċċess fil-ħajja l-ġdida tagħhom. L-għalliema għandhom is-soluzzjonijiet u se jiċċekkjawhom mat-tfal l-iskola.*

## STORJA N. 1

**Twieled ġewwa villaġġ żgħir fil-Ġamajka fl-1945. Missieru kien Ingliż u ommu kienet mill-Ġamajka. Emigra mal-familja tiegħu lejn il-kapitali tal-Ġamajka biex ifittex ħajja aħjar. Meta kellu ħmistax-il sena, kellu jitlaq mill-iskola u beda jaħdem bħala *welder*. Beda jħobb il-mużika u l-kant, u fforma grupp li beda jdoqq il-mużika madwar id-dinja. Il-mużika u l-lirika li kien jikteb kienet dwar it-tema tal-oppressjoni u d-diskriminazzjoni, u x-xewqa li tinkiseb l-ugwaljanza u l-libertà. Fl-1978, rebaħ il-Midalja tal-Paċi min-Ġnus Magħquda. Illum huwa s-simbolu tal-mużika Reggae u xagħru, 'Rasta', huwa simbolu tat-talent tiegħu biex jikteb il-kanzunetti u jdoqq il-kitarra.**

## STORJA N. 2

**Twieled fl-1962 f'belt viċin Toronto, fil-Kanada, u beda l-karriera tar-reċtar meta kellu għaxar snin. Anke l-għalliema tiegħu kienu jagħrfu li għandu talent, u kuljum wara l-iskola, kienu jħalluh itella' reċta tad-daħq. Il-familja tiegħu għaddiet minn problemi finanzjari u kellhom anke jgħixu f'vann għal xi żmien. Meta kellu sittax-il sena, iddeċieda li jsegwi karriera bħala kummidjant. Emigra lejn l-Istati Uniti fejn beda jkollu xi partijiet żgħar f'xi films. Sar ċittadin Amerikan. Il-karattri tad-daħq u strambi tiegħu saru famużi madwar id-dinja kollha, speċjalment ir-rwol ta' *Ace Ventura*, f'*Pet Detective*, investigatur li kien imħarreġ biex ifittex l-annimali. Ħa sehem fil-film '*The Mask*'. Illum magħruf mhux biss bħala attur imma wkoll bħala attur tal-vuċi u produttur ta' rwoli sejri u tad-daħq.**




## STORJA N. 3

**Twieled fil-Ġermanja fl-1879 f'familja Lhudija. Minn età żgħira, kien kurjuż fuq id-dinja allavolja ma kinitix togħġbu ħafna l-iskola. Minħabba xi problemi finanzjarji, il-familja tiegħu kellha tiċċaqlaq ta' spiss minn post għal ieħor: l-ewwel Monaco, imbagħad l-Italja, u mbagħad l-Isvizzera. Fl-1933 kellu jemigra l-Amerka minħabba r-razziżmu kontra l-Lhud fil-Ġermanja. Hemmhekk laħaq Professur fl-Università ta' Princeton, imma matul dan iż-żmien iltaqa' ma' ħafna diffikultajiet u anke ġie ddiskriminat minħabba li kien Lhudi. Biex jipproteġi lilu nnifsu kellu ma jibqax ċittadin Ġermaniż u Svediż u jsir ċittadin Amerikan. Illum huwa magħruf għar-riċerka u l-kotba tiegħu fuq il-Fiżika, u fl-1921 rebaħ Premju Nobel fil-Fiżika. Huwa famuż madwar id-dinja għat-teorija tar-relattività u huwa simolu għall-intelliġenza u t-talent.**

## STORJA N. 4

**Twieled fl-1947 f'belt żgħira fl-Awstrija f'familja fqira ħafna. Kien iħobb l-isport minn mindu kien żgħir. Rebaħ ħafna kompetizzjonijiet fil-*weightlifting*. Wara li emigra lejn Monaco u Munich bl-għan li jikseb suċċess, fetaħ il-*gymn* tiegħu stess imma kellu jagħlqu minħabba problemi finanzjarji. Wara li rebaħ premju importanti bħala *bodybuilder*, fl-aħħar seta' jemigra lejn Londra u mbagħad lejn l-Amerka. Bena l-karriera tiegħu fuq is-saħħa fiżika u l-ġisem immuskolat li kellu. Mill-films li ħadem fihom, huwa l-iktar famuż għall-interpretazzjoni tiegħu f''Conan' u 'Terminator'. Fl-2003 ġie elett bħala Gvernatur tal-istat ta' Kalifornja. Il-ħidma politika tiegħu tiġġieled kontra r-razziżmu, it-tniġġis, u t-tibdil fil-klima. Huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-mitt persuna l-iżjed influwenti li jgħinu lid-dinja.**

<table>
<tr><td colspan="2">ALBERT EINSTEIN</td></tr>
<tr><td colspan="2">BOB MARLEY</td></tr>
<tr><td colspan="2">ARNOLD SCHWARZENEGGER</td></tr>
<tr><td colspan="2">JIM CARREY</td></tr>
<tr><td>A<br></td><td>B<br></td></tr>
<tr><td>Ċ<br></td><td>D<br></td></tr>
</table>

# Attività 2: Kif kont qabel u kif jien issa

## L-Għan tat-Tagħlim

Jidentifikaw u jaqsmu mal-oħrajn bidliet f'ħajjithom li seħħew mill-passat sal-preżent.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Naqsam mal-oħrajn bidliet f'ħajti li seħħew mill-passat sal-preżent.

## Livell

Intermedju

## Riżorsi Meħtieġa

Folji t'attività 'Kif kont qabel u kif jien issa', 'Il-Passat u l-Preżent', kuluri, *markers*.



## Passi tal-Attività

1. Ibda l-lezzjoni b'attività ta' moħħnihawn.

2. Ibda l-attività billi tqassam il-folja t'attività 'Kif kont qabel u kif jien issa' u saqsi lill-istudenti biex jirriflettu fuqhom infushom meta kienu fl-ewwel sena tal-iskola primarja. Fuq il-parti ta' fuq tal-folja t'attività, l-istudenti jistgħu jiddeskrivu lilhom infushom jew jagħmlu tpenġija fuq dak li jiftakru fuqhom infushom meta kienu *Year 1*. Imbagħad staqsi lill-istudenti biex jimlew it-tieni parti tal-folja t'attività billi jagħmlu tpenġija jew jiktbu fuq kif jaħsbu fuqhom infushom fil-preżent. Fl-aħħar jistgħu jaqsmu x-xogħol tagħhom fi gruppi żgħar u mbagħad fil-grupp il-kbir.

3. Imbagħad ibda diskussjoni bl-użu ta' dawn il-mistoqsijiet:

- Kif inbdilt matul dawn is-snin?
- Kif inbdilt b'mod fiżiku?
- Kif inbidel il-karattru tiegħek?
- B'liema mod inti aħjar issa milli kont qabel? Kif taħseb li kbirt?
- X'għenek f'dan il-proċess tal-iżvilupp?
- Din kif se tgħinek fil-bidliet li tista' tgħaddi minnhom iktar 'il quddiem?



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jiddiskutu mal-ġenituri l-bidliet li għaddew minnhom minn mindu kienu trabi. Il-ġenituri jitkellmu fuq l-iżviluppi importanti fil-ħajja tat-tfal (per eżempju, meta bdew jimxu, meta qalu l-ewwel kliem, l-ewwel ġurnata tal-iskola, l-ewwel ktieb li qraw, eċċ). Jistgħu juru anke xi ritratti u jenfasizzaw is-suċċessi kollha li t-tfal kisbu s'issa.

# KIF KONT QABEL U KIF JIEN ISSA

IKTEB FUQ KIF KONT XI FTIT SNIN ILU META KONT FL-EWWEL SENA TAL-ISKOLA PRIMARJA, U KIF INT ISSA. AĦSEB FUQ DAWK L-AFFARIJIET FUQEK INNIFSEK LI NBIDLU MATUL IS-SNIN.



QABEL KONT...

U ISSA JIEN...






## IL-PASSAT  U L-PREŻENT

*Lill-ġenituri: Iddiskutu mat-tfal il-bidliet li għaddew minnhom minn mindu kienu trabi. Tkellmu fuq l-iżviluppi importanti fil-ħajja tat-tfal (per eżempju, meta bdew jimxu, meta qalu l-ewwel kliem, l-ewwel ġurnata tal-iskola, l-ewwel ktieb li qraw, eċċ). Tistgħu turu anke xi ritratti. Enfasizzaw is-suċċessi kollha li t-tfal kisbu s'issa. It-tfal se juru dan ix-xogħol l-iskola.*



# Attività 3: Il-futur tiegħi

## L-Għan tat-Tagħlim

Jiddeskrivu l-aspirazzjonijiet u l-ħolm tagħhom għall-futur u l-bidliet li qed jistennew.

## Ir-Riżultat tat-Tagħlim. Fi tmiem l-attività, jien inkun kapaċi:

Niddeskrivi l-bidliet li nista' ngħaddi minnhom filwaqt li nippjana l-futur tiegħi.

## Livell

Avvanzat

## Riżorsi Meħtieġa

Folji t'attività 'Il-futur tiegħi', 'Preżent futur', *poster*, kuluri.



## Passi tal-Attività

1. Ibda b'attività ta' moħħnihawn.

2. Ibda l-attività billi ssaqsi lill-istudenti biex ipoġġu bilqiegħda f'forma ta' ċirku u turi lill-istudenti l-folja t'attività 'Il-futur tiegħi'.

3. Staqsihom biex jaħsbu fuqhom infushom fil-futur u jagħżlu tliet figuri li jirrappreżentaw il-futur tagħhom. Jekk ikun hemm xi studenti li jsibu xi diffikultà biex jagħżlu xi stampa, jistgħu anke jpenġu xi ħaġa huma. Stieden lill-istudenti biex jaqsmu dak li għażlu fi gruppi żgħar. Għinhom jirriflettu fuq ir-raġunijiet għalfejn għażlu dawk il-figuri billi ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Waqt li tħares lejn il-figuri li għażilt, kif taħseb li se jkun il-futur tiegħek?
- Xi sfidi taħseb li ser ikollok biex tilħaq l-għanijiet li għadek kemm iddeskrivejt?
- X'inhuma l-ħiliet u t-talenti tiegħek li se jgħinuk tilħaq l-għanijiet li semmejt?
- X'iktar jista' jgħinek tilħaq l-għanijiet tiegħek?

4. Il-gruppi jaqsmu l-ideat tagħhom fil-grupp il-kbir.



## *Attività għad-Dar*

L-istudenti jimlew il-folji t'attività 'Preżent-futur' u flimkien mal-ġenituri jirriflettu fuq ix-xewqat u l-aspirazzjonijiet tagħhom għall-futur u x'jistgħu jagħmlu biex jilħqu l-għanjiet tagħhom.

# IL-FUTUR TIEGĦI



# IL-FUTUR TIEGĦI



**PREŻENT**  **FUTUR**

*Lill-ġenituri: Għinu lit-tfal jimlew din il-folja t'attività u flimkien iddiskutu l-bidliet li jistennew fil-futur, ix-xewqat u l-aspirazzjonijiet tagħhom għall-futur, u x'jistgħu jagħmlu biex jilħqu l-għanijiet tagħhom.*

**Checklist għall-Assessjar tal-Għalliema**

| | |
|---|---|
| Isem tal-istudent/a: ______________________<br><br>Data: ______________________ | 0: Mhux osservata/ mhux applikabbli<br>1: Qed tiżviluppa<br>2: Żviluppata<br>3:Ikkonsolidata |
| **Istruzzjonijiet: Imla ċ-*Checklist* għal kull student fi tmiem *Tema 6 Nibdlu l-Isfidi f'Opportunitajiet*** | |

| | |
|---|---|
| **6. NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET** | |
| **6.1. NIRRISPONDU GĦAD-DIFFIKULTAJIET U L-ISFIDI** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **6.1.1. Nirrispondu għad-diffikultajiet u l isfidi** | |
| 6.1.1.B[3]. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' diffikultà jew sfidi. | |
| 6.1.1.I. L-istudent kapaċi jħares lejn diffikultajiet minn lenti differenti billi juża ħsieb pożittiv. | |
| 6.1.1.A. L-istudent kapaċi jidentifika pjanijiet ta' azzjoni biex jegħleb diffikultajiet jew sfidi fil ħajja. | |
| **6.1.2. Nirrispondu għad-diżabilità u l-mard** | |
| 6.1.2.B. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' diżabilità u mard | |
| 6.1.2.I. L-istudent kapaċi jħarsu lejn sfidi marbuta mad-diżabilità u l- mard minn lenti pożittiva | |
| 6.1.2.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni għal sfidi marbuta ma' diżabilità u mard | |
| **6.1.3. Nirrispondu għall inġustizzja u d diskriminazzjoni** | |
| 6.1.3.B. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni | |
| 6.1.3.I. L-istudent kapaċi jħares lejn esperjenzi ta' inġustizzja u diskriminazzjoni minn lenti differenti | |
| 6.1.3.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni kontra l-inġustizzja u d-diskriminazzjoni | |
| **6.2.NIRRISPONDU META NIĠU MWARRBA** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **6.2.1. Nirrispondu meta niġu mwarrba minn sħabna** | |
| 6.2.1.B. L-istudent kapaċi jaqsam u jiddeskrivi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet fejn iħossu mwarrab minn sħabu | |

[3] B = Livell bażiku, I = Livell intermedju, A = Livell avvanzat

| | |
|---|---|
| 6.2.1.I. L-istudent kapaċi jħares lejn l-esperjenza ta' meta jiġi mwarrab minn sħabu minn lenti differenti | |
| 6.2.1.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni għal meta jiġi mwarrab minn sħabu | |
| **6.2.2. Nirrispondu meta niġu mwarrba mill-għalliema** | |
| 6.2.2.B. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam ħsibijiet u emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet fejn jiġi mwarrab mill-għalliema | |
| 6.2.2.I. L-istudent kapaċi jħares lejn l-esperjenza ta' meta jiġi mwarrab mill-għalliema minn lenti differenti | |
| 6.2.2.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni għal meta jiġi mwarrab mill-għalliema | |
| **6.2.3. Nirrispondu meta niġu mwarrba mill-membri tal-familja** | |
| 6.2.3.B. L-istudent kapaċi jiddeskrivi u jaqsam ħsibijiet u emozzjonijiet f'sitwazzjonijiet fejn jiġi mwarrab mill-ġenituri | |
| 6.2.3.I. L-istudent kapaċi jħares lejn l-esperjenza ta' meta jiġi mwarrab minn-membri tal-familja minn lenti differenti | |
| 6.2.3.A. L-istudent kapaċi jfassal pjan ta' azzjoni għal meta jiġi mwarrab minn membri tal-familja | |
| **6.3. NIRRISPONDU META JKOLLNA KUNFLITT FIL-FAMILJA** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| **6.3.1. Nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-aħwa** | |
| L-istudent kapaċi jfassal pjanijiet ta' azzjoni biex jevita u jirrisondi għal kunflitt mal-aħwa | |
| **6.3.2. Nirrispondu meta jkolla kunflit mal-ġenituri** | |
| L-istudent kapaċi jfassal pjanijiet ta' azzjoni biex jevita u jirrisondi għal kunflitt mal-ġenituri | |
| **6.3.3. Nirrispondu meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri** | |
| L-istudent kapaċi jidentifika azzjonijiet li jista' jieħu meta hemm kunflitt bejn il-ġenituri | |
| **6.4. NIRRISPONDU META NĠARRBU TELFA** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| 6.4.B. L-istudent kapaċi jaqsam l-esperjenza ta' meta għadda minn xi telfa | |
| 6.4.I. L-istudent kapaċi jidentifika modi ta' kif it-tfal jistgħu jirrispondu meta jġarrbu telfa | |
| 6.4.A. L-istudent kapaċi jidentifika strateġiji li jgħinuh jirrispondi għal telfa | |
| **6.5 NIRRISPONDU GĦALL-*BULLYING*** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| 6.5.1.B . L-istudent kapaċi jiddistingwi bejn kunflitt u *bullying* | |

| | |
|---|---|
| 6.5.1.I. L-istudent kapaċi jidentifika modi kif jevita u jirrispondi għall-*bullying* | |
| 6.5.1.A. L-istudent kapaċi jiddeskrivi r-rwol u r-responsabbiltà tal-osservatur f'sitwazzjoni ta' *bullying* | |
| **6.6 NIRRISPONDU META NGĦADDU MINN BIDLA** | Livell 0,1,2 jew 3 |
| 6.6.1.B . L-istudent kapaċi jagħraf l-effett tal-bidla minħabba l-migrazzjoni u l-importanza li jgħinu lil dawn it-tfal | |
| 6.6.1.I. L-istudent kapaċi jidentifika u jaqsam mal-oħrajn bidliet f'ħajtu li seħħew mill-passat sal-preżent | |
| 6.6.1.A. L-istudent kapaċi jiddeskrivi l-aspirazzjonijiet u l-ħolm tiegħu għall-futur u l-bidliet li qed jistenna | |

**Il kapaċitajiet tal istudent/a:**

**Il ħtiġijiet tal istudent/a:**

**Għanijiet għal titjib:**

***Checklist* għall-assessjar tal-persuna fuqha nnifisha**

| | | |
|---|---|---|
| Isem tal-istudent/a: ______________________________<br>Data: _________________________________ | ☹ Le<br>😐 Xi kultant<br>☺ Iva | |
| **NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET – NIRRISPONDU GĦAD-DIFFIKULTAJIET U L-ISFIDI** | | |
| **Nirrispondu għad-diffikultajiet u l isfidi** | | |
| **Jekk jogħġbok immarka l-wiċċ li jiddeskrivik bl-aħjar mod.** | **Nista' nagħmilha** | **Inħobb nagħmilha** |
| Jien kapaċi nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi meta niltaqa' mad-diffikultajiet. | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nuża ħsieb pożittiv meta niltaqa' ma' xi diffikultà. | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni biex negħleb diffikultajiet jew sfidi li niltaqa' magħhom | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nirrispondu għad-diżabilità u l-mard** | | |
| Jien kapaċi nesprimi l ħsibijiet u l emozzjonijiet tiegħi f'sitwazzjonijiet ta' diżabilità u mard | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nuża ħsieb pożittiv għal sfidi marbuta ma' diżabilità u mard | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni għal sfidi marbuta ma' diżabilità jew mard. | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nirrispondu għall-inġustizzja u d-diskriminazzjoni** | | |
| Jien kapaċi nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi f'sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nuża ħsieb pożittiv meta niltaqa' ma' sitwazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni kontra l-inġustizzja u d- diskriminazzjoni | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET – NIRRISPONDU META NIĠU MWARRBA** | | |
| **Nirrispondu meta niġu mwarrba minn sħabna** | | |

| | | |
|---|---|---|
| Jien kapaċi naqsam il ħsibijiet u l emozzjonijiet tiegħi meta nħossni mwarrab minn sħabi. | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi naħseb b'mod pożittiv meta nħossni mwarrab minn sħabi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni għal meta niġi mwarrab minn sħabi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nirrispondu meta niġu mwarrba mill-għalliema** | | |
| Jien kapaċi nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet meta nħossni mwarrab mill-għalliema | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nħares lejn l esperjenza ta' meta nħossni mwarrab mill għalliema minn lenti differenti | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni ta' x'għandi nagħmel meta nħossni mwarrab mill-għalliema | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nirrispondu meta niġu mwarrba mill-membri tal-familja** | | |
| Jien kapaċi nesprimi l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi f'sitwazzjonijiet fejn inħossni mwarrab mill-ġenituri | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nħares lejn l-imġiba tal ġenituri tiegħi minn lenti differenti billi niffoka fuq esperjenzi pożittivi. | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni ta' x'nista' nagħmel meta nħossni mwarrab mill-ġenituri | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET – NIRRISPONDU META JKOLLNA KUNFLITT FIL-FAMILJA** | | |
| **Nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-aħwa** | | |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni ta' x'għandi nagħmel meta jkolli kunflitt ma' ħuti | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nirrispondu meta jkollna kunflitt mal-ġenituri** | | |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni ta' x'għandi nagħmel meta jkolli kunflitt mal ġenituri. | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **Nirrispondu meta jkun hemm kunflitt bejn il-ġenituri** | | |
| Jien kapaċi nfassal pjan ta' azzjoni ta' x'għandi nagħmel meta jkun hemm kunflitt bejn il ġenituri. | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ |
| **NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET- NIRRISPONDU META NGĦADDU MIN TELFA** | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Jien kapaċi naqsam l esperjenza tiegħi ta' meta għaddejt minn telfa u kif irrispondejt għal din id diffikultà. | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ | |
| Jien kapaċi niddeskrivi modi ta' kif it-tfal jistgħu jirrispondu meta jgħaddu minn telfa | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ | |
| Jien kapaċi nidentifika strateġiji li jgħinuni nirrispondi għal telfa. | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ | |
| **NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET- NIRRISPONDU GĦALL-*BULLYING*** | | | |
| Jien kapaċi niddistingwi bejn kunflitt u sitwazzjoni ta' *bullying* | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ | |
| Jien kapaċi nidentifika modi kif nevita u nirrispondi għall-*bullying* | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ | |
| Jien kapaċi niddeskrivi r-rwol u r-responsabbiltà tal-osservatur f'sitwazzjoni ta'*bullying* | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ | |
| **NIBDLU L-ISFIDI F'OPPORTUNITAJIET- NIRRISPONDU META NGĦADDU MINN TELFA** | | | |
| Jien kapaċi nagħraf id-diffikultajiet li tfal immigranti jew refuġjati jgħaddu minnhom u kif nista' ngħinhom | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ | |
| Jien kapaċi naqsam mal-oħrajn bidliet f'ħajti li seħħew mill-passat sal-preżent | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ | |
| Jien kapaċi niddeskrivi l-bidliet li nista' ngħaddi minnhom waqt li nippjana l-futur tiegħi | ☹ 😐 ☺ | ☹ 😐 ☺ | |

**Ħadt gost nitgħallem dwar…..**

**Nixtieq nitjieb……**

Ġimgħa wara oħra t-tfal daħlu jistennew biex ikomplu minn fejn ħallew Żigu u Ċika!

Il-lezzjonijiet ridlu tajjeb ħafna. Ta' pjaċir u eċitanti. Interessanti tara kif 'kibru' l-istudenti.

M'hemmx riċetta maġika ta' kif nibnu r-reżiljenza fit-tfal, imma ninsab ċert li dan il-kurrikulu huwa mod tajjeb ħafna kif tagħmel dan.

*Għalliema*

Tgħallimt kif l-ostakli jistgħu jsiru opportunità.

Tgħallimt kif inġib ruħi b'mod kalm mingħajr ma nkun irrabjat mal-oħrajn.

Dan il-programm għoġobni għax tgħallimna kif naħsbu b'mod pożittiv.

*Studenti tal-Primarja*

RESCUR huwa mibni fuq miniera ta' informazzjoni miġbura minn professjonisti u riċerkaturi. Il-materjali huma ddisinjati bil-ħsieb li jappellaw għad-dinja interna tat-tfal, permezz ta' stejjer, mużika, poeżija, nectar u arti, u bl-użu ta' metodi varji u immaġinattivi bħall-moħħinihawn, dari ta' stejjer, tpenġija, cartoons, sellta vasta ta' attivitajiet, drammi, attivitajiet għad-dar, u b'mod speċjali, il-karattri ħelwin ta' Żigu u Ċika. Hemm ħafna opportunitajiet għat-tfal biex jesploraw soluzzjonijiet għad-diffikultajiet ta' kuljum u jiddiskutu u jirriflettu fuq kwistjonijiet soċjali, morali u etiċi kumplessi li se jiltaqgħu magħhom f'ħajjithom. Huma wkoll ippreżentati b'mudelli straordinarji li juru kemm hi importanti r-reżiljenza quddiem l-avversità.

*Prof Helen Cowie, Universita' ta' Surrey, Ingilterra*

RESCUR joffri risposta tajba u ċertament inevitabbli quddiem l-isfidi soċjali, kulturali, u ekonomiċi li qed jiffaċċjaw ħafna tfal fl-Ewropa f'dawn iż-żminijiet. Permezz ta' dan il-kurrikulu, l-istudenti se jirċievu interventi preventivi u minn kmieni li jippromwovu imġiba pożittiva, jipprovdi tisħiħ akkademiku, u jenfasizzaw l-importanza li l-istudenti jibqgħu jattendu l-iskola u jirċievu edukazzjoni ta' kwalità. Għal dawk li qegħdin fl-ikbar riskju li jfallu soċjalment u akkademikament, RESCUR jipprovdi xibka biex dawn l-istudenti ma jintilfux fis-sistema.

*Prof Maria Poulou, Universita' ta' Patros, Greċja*

Approċċ komprensiv li jsaħħaħ ir-reżiljenza fit-tfal fl-iskejjel primarji li huwa sensittiv għal kulturi differenti u bżonnijiet f'numru kbir ta' settun differenti. Wara provi estensivi, il-moduli ta' RESCUR iwiegħdu li jgħinu lit-tfal kollha jiżviluppaw il-ħiliet li għandhom bżonn biex jiffaċċjaw il-problemi. Tant aħjar, RESCUR se jkun bżonnjuż speċjalment għal tfal li ġejjin minn sfond żvantaġġat billi jagħtuhom ħiliet soċjali u ħiliet li jgħinuhom isolvu l-problemi li għandhom bżonn biex jiżviluppaw u jżommu network ta' mħabba u ta' appoġġ.

*Prof Michael Ungar, Universita' ta' Dalhousie, Kanada*

RESCUR
Resilience Curriculum

www.rescur.eu, www.um.edu.mt/cres